# IT-TAMA TA'
# IŻRAEL
# U
# L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# IT-TAMA TA' IŻRAEL (106)

Il-bażi għal dan l-istudju li jġib it-titlu "It-Tama ta' Iżrael" huma ż-żewġ testi tar-rakkont ta' Luqa taż-żewġ xeni ta' l-għeluq tal-karriera appostolika ta' l-appostlu Pawlu. Fl-ewwel test Pawlu jieqaf quddiem is-sultan Agrippa jisħaq fuq it-talbiet ta' Kristu. Fit-tieni test l-appostlu Pawlu jinsab fil-preżenza tal-kapijiet tal-Lhud f'Ruma.

Inpoġġu ż-żewġ siltiet fl-ordni, l-ewwel test huwa dak li jinsab f'Atti 26:6-7:

> "*U issa wkoll jien qiegħed hawn biex isir ħaqq minni minħabba t-tama li għandi fil-wegħda li Alla għamel lil missirijietna, u li t-tnax-il tribù tagħna qegħdin jistennewha sseħħ waqt li bla heda jagħtu qima lil Alla lejl u nhar. Hu fuq din it-tama, sultan, li l-Lhud qegħdin jakkużawni.*"

It-tieni test huwa Atti 28:16-20:

> "*U meta daħal Ruma, Pawlu tawh il-permess joqgħod għalih b'suldat għassa miegħu. Tlitt ijiem wara, huwa laqqa' flimkien miegħu l-kapijiet tal-Lhud, u kif kienu miġbura miegħu qalilhom: "L-aħwa, għalkemm jien ma għamilt xejn kontra l-poplu jew kontra d-drawwiet ta' missirijietna, f'Ġerusalem tawni priġunier f'idejn ir-Rumani. Dawn stħarrġu l-każ tiegħi u riedu jitilquni, għax ma sabuli xejn li għalih kienet tisthoqqli l-mewt. Imma billi l-Lhud żammew iebes jiena kelli nappella għal quddiem Ċesari, mhux għax kelli xi ngħid mal-poplu tiegħi. Għalhekk tlabtkom tiġu biex narakom u nkellimkom; għax jien minħabba t-tama ta' Iżrael ninsab marbut b'din il-katina.*"

Pawlu qal lis-sultan Agrippa li l-Lhud kienu akkużawh fil-qrati minħabba dak li huwa ppriedka fuq it-*tama ta' Iżrael*. Il-konklużjoni neċessarja hija li Pawlu ma kienx qiegħed jippriedka dak li l-Lhud emmnu u riduh li jippriedka fuq it-*tama ta' Iżrael*.

Dak li Pawlu kien qiegħed jippriedka fuq it-*tama ta' Iżrael* mar kontra l-Lhud, antagonizza lil-Lhud. Biċ-ċar Pawlu ma kienx qiegħed jippriedka dak li l-Lhud riduh li jippriedka fuq is-suġġett: Kieku Pawlu ppriedka t-*tama ta' Iżrael* kif riduha l-Lhud li tkun ippriedkata, kienu huma se jippersegwitawh u jitfugħ fil-ħabs? It-*tama ta' Iżrael* kif ippriedkaha Pawlu ma kinetx dak li Iżrael skond il-ġisem u nazzjonali kienu qegħdin jittamaw għaliha. Huma kienu qegħdin jittamaw għall-Messija tad-dinja. Huma kienu qegħdin jittamaw għal saltna tad-dinja. Huma emmnu li l-Messija tagħhom kellu jiġi biex jirrestawra s-saltna tagħhom u li jmexxi u jaħkem fuq l-art. Dan kien, fl-imħuħ tagħhom, it-*tama ta' Iżrael*. Imma Pawlu ippriedka illi t-*tama ta' Iżrael* ma kinetx it-tama tad-dinja, ta' saltna temporali, lanqas tal-ħakma temporali ta' sultan tad-dinja. Madankollu, dak li Pawlu ppriedka dwar it-*tama ta' Iżrael* kien "it-tama li għandi fil-wegħda li Alla għamel lil missiri-jietna"—it-tama tagħhom fi Kristu (Atti 26:6). Dan antagonizza lil-Lhud, ikkawżahom li jippersegwitaw bl-aħrax lil Pawlu u rab-tuh bil-ktajjen fil-ħabs Ruman. Dak li Pawlu ippriekda, mela, dwar *it-tama ta' Iżrael* kien kuntrarju għal dak li Iżrael ittamaw għalih, u kuntrarju għal dak li l-Lhud kienu qegħdin jistennew.

Dak li dawn il-profeti moderni taż-żmien tagħna llum qegħdin jippriedkaw fuq it-*tama ta' Iżrael* mhuwiex kuntrarju għal dak li l-Lhud qegħdin jistennew. Huma qegħdin jippriedkaw dak li l-Lhud iridu—ir-restawrazzjoni tan-nazzjon tagħhom tad-dinja. Dak li qe-għdin jippriedkaw il-profeti moderni llum dwar *it-tama ta' Iżrael*, (u sfortunatament ħafna qegħdin jinqabdu fix-xibka tagħhom u jaċċettawh bħala li huwa Skritturali), qatt mhu se jikkawża lil-Lhud biex jitfuhom fil-ħabs!

Il-qawwa ta' dawn iż-żewġ siltliet (Atti 26:6-7 u 28:16-20) hija konklussiva fuq żewġ punti importanti: l-ewwel, fuq il-wegħda magħmula minn Alla lil missirijiet, li l-veru Iżrael stenniha li

sseħħ; it-tieni, fuq id-differenza bejn il-veru *tama ta' Iżrael* u dak li Iżrael ittamaw għalih b'mod falz. It-tama tal-wegħda kienet *spirit-wali* u kienet miskuba fi Kristu permezz ta' l-Evanġelju. Dak li l-Lhud ittamaw għalih kien tal-ġisem (fiżiku) u nazzjonali u ma kien ebda parti mill-wegħda ta' Alla lil missirijiet. It-*tama ta' Iżrael*, ibbażata fuq il-wegħda li Alla għamel lil missirijiet, kienet barra-nija u kuntrarju għal dak li l-Lhud kienu qegħdin jistennew. Kellu jkun spjegat lilhom fid-dawl tal-wegħda mwettqa skond l-Evan-ġelju.

Sabiex nifhmu "l-wegħda magħmula minn Alla lil missirijiet-na" u nispjegawha skond l-Evanġelju, huwa neċessarju li nikkkun-sidraw il-wegħda oriġinali, il-post ta' Iżrael fit-Testment il-Qadim fit-twettiq, kif impoġġi fit-tabelli (paġni 8, u 20).

## I. IL-WEGĦDA LIL ABRAHAM

Ir-riferenza għall-wegħdiet Abrahamiċi, id-diskussjoni kollha ddur fuq suġġett li jista' jintqal fil-forma ta' mistoqsija: "Ikunu l-Lhud, Iżrael nazzjonali, irrestawrati (qiegħed nuża l-kelma 'irres-tawrati' fis-sens li huma jkunu 'meħuda lura' eċċ.) fil-Palestina, jirċievu s-saltna tal-profezija tat-Testment il-Qadim, bi Kristu fuq l-art bħala s-sultan tagħhom, ħalli jaħkem fuq id-dinja kollha għal elf sena?" Il-premillenjalisti jgħidu—iva; aħna ngħidu—**le**.

It-tweġiba għall-mistoqsija tinvolvi l-wegħdiet Abrahamiċi. Alla wiegħed lil Abraham u lin-nisel tiegħu warajh l-art ta' Kan-għan. Il-millenjalisti jgħidulna li l-wegħda mhijiex imwettqa; għal-hekk, jekk Alla hu fidil għall-Kelma Tiegħu f'xi żmien fil-futur jagħti l-art ta' Kangħan lil Abraham u lin-nisel tiegħu. Enfasi kon-siderevoli hija mpoġġija fuq l-espressjoni "lil Abraham u n-nisel tiegħu warajh." Jintqal lilna li Abraham qatt ma kellu l-art fil-persuna, għalhekk, huwa kellu jkun imqajjem mill-mewt, biex hu, innifsu, jkun jista' jkollu man-nisel tiegħu, l-art li Alla wiegħed li jagħtih.

Qabel ma nkomplu l-istudju ta' dawn il-wegħdiet ħalli jiena niċċara xi kliem fl-imħuħ tagħna.

1. X'inhu mfisser bit-termini "Lhudi" u "Iżrael", kif użati fil-Bibbja? Dawn sempliċiment ifissru d-dixxendenti fiżiċi ta' Abraham permezz ta' Iżakk u Ġakobb.

2. X'inhi t-tifsira tat-termini "nazzjon," ir-restawrazzjoni "nazzjonali" ta' Iżrael? Il-kelma "nazzjonali" ma tfissirx "individwali" imma dak li huwa komuni għal razza sħiħa, jew poplu, jew gvern. Hemm razza ta' Lhud fid-dinja llum, iżda ma hemmx nazzjon ta' Lhud. Webster jgħid li "nazzjon" huwa ġisem ta' nies magħquda taħt forma waħda ta' gvern, għalhekk, il-kelma *razza* ma tfissirx *nazzjon*. Id-distinzjoni bejn razza u nazzjon hija d-differenza bejn poplu jew nies ta' razza u razza ta' nies, jew bosta razezz ta' nies, isiru marbuta flimkien f'nazzjon taħt forma waħda ta' gvern.

Meta l-millenjalisti jitkellmu dwar in-nazzjon ta' Iżrael huma ma jafux is-sens tal-kliem, tal-frażjoloġija tagħhom stess. Eżodu ta' Lhud minn xi pajjiż għall-Palestina ma jilħaqx it-talbiet tat-teorija. Ritorn bħal dan ta' massa ta' nies Lhud għall-Palestina huwa xejn xejn mistoqsija akkademika, iżda raġuni waħda potenti tagħmel ħaġa bħal din wisq improbabbli—għal Lhud biex jikkolonjalizzaw il-Palestina jikkrea n-neċessità għal li jagħmlu l-flus tagħhom mhux bħal l-oħrajn kull fejn ikunu, u huma jippreferu li jibqgħu fejn ikunu ħalli jagħmlu flushom mill-pajjiż fejn ikunu qegħdin! Lhud jistgħu jew ma jistgħux jirritornaw għall-Palestina f'numri kbar jew żgħar, imma jekk huma jirritornaw *en masse* dan ma jwettaq l-ebda profezija Skritturali issa lanqas ma jirrestawra n-nazzjon ta' Iżrael. Biex in-nazzjon ta' Iżrael jeżisti (u mhux kif jeżisti llum), it-tron ta' David għandu jeżisti, biex it-tron ta' David jeżisti, wieħed li jokkupa t-tron għandu jikkwalifika; u sabiex wieħed li jista' jokkupa t-tron jikkwalifika dan għandu jkun mill-familja ta' David u mit-tribù ta' Ġuda. Dan ikun jeħtieġ li tittraċċja l-linja ta' okkupant matul il-ġenealoġiji. Imma l-ġenealoġiji tal-Lhud kienu meqruda għal kollox providenzjalment daqs kemm kienu mwaqqfa, u ma hemm l-ebda Lhudi fuq l-art li jista' jikkwalifika għat-tron ta' Iżrael. Iżda mingħajr it-tron ta' Iżrael ma jista' jkun hemm ebda nazzjon ta' Iżrael, dan kollu huwa prova li Alla ma kellux l-intenzjoni

għan-nazzjon ta' Iżrael li jerġa' jkun imwaqqaf u Hu waqqaf barrieri kbar kontra dan. Għal-kemm il-Lhud illum qegħdin jokkupaw l-art ta' Iżrael dan qatt ma jista' jwettaq xejn fl-Iskrittura. Dan żommu f'moħħok! L-isforz biex jitwaqqaf u jinżamm gvern ta' Iżraeliti fil-pajjiż tal-Palestina ma għandu ebda relazzjoni jew rabta fuq il-kustjoni Biblika ta' Iżrael—mhuwiex ħlief aktar minn razza mħallta, jew stat politiku ta' razza mħallta u mhu ebda twettiq ta' xi ħaġa.

3. X'inhu s-sinjifikat kompartattiv tal-kliem "ritorn" u "irres-tawrat"? Il-millenjalisti jitkellmu dwar ir-restawrazzjoni għall-art ta' Kangħan, iżda restawrazzjoni tfisser bil-wisq aktar minn ritorn. Jekk il-Lhud irritornaw (marru lura) lejn il-Palestina, dan ma jkunx restawrazzjoni. Ritorn mhuwiex restawrazzjoni. Ritorn ma jfissirx restawr. Jekk Iżrael nazzjonali għandu jkun irrestawrat, dan ifisser illi n-nazzjon tagħhom għandu jkun rikostitwit u l-gvern tagħhom organizzat mill-ġdid. Dan ifisser illi s-sistema kollha tat-Testment il-Qadim għandha tkun imwaqqfa mill-ġdid. Ma jista' jkun hemm ebda restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali mingħajr il-bini mill-ġdid tat-tempju tagħhom, flimkien mat-twaqqif mill-ġdid ta' l-ordinanzi tagħhom, u l-qawmien taċ-ċerimonji kollha tar-reli-ġjon Lhudija. Ikun li ġġib lura fl-eżistenza dawk il-ħwejjeġ li Ġesù Kristu sammarhom mas-salib u difinhom fil-qbar Tiegħu. (Kolo-ssin 2:14). Il-millenjalisti jkollhom jerġgħu jiftħu u jisirqu l-qabar ta' Kristu ħalli joħorġu minnu l-ordinanzi mejta tar-reliġjon Lhud-ija. Ix-xogħol ta' stmerrija li tirrestawra n-nazzjon mejjet ta' Iżrael, midfun fis-sepulkru tal-Messija msallab tagħhom.

4. Il-Palestina—irrestawrata għall-Palestina—x'inhi l-konness-joni neċessarja mal-palestina? Dan ikun ifisser li terġa' tpopġġi lil-Lhud fl-art ta' Kangħan, l-art imwiegħda lil Abraham u lin-nisel fiżiku tiegħu permezz ta' Iżakk. Ikun ifisser tqassim mill-ġdid tad-diversi oqsma u wirtiet mogħtija lil Iżrael fir-rebħa u t-tagħmir ta' dik li darba kienet "l-art tal-Mulej," imsemmija f'Ġenesi 12:7, meta l-Mulej deher lil Abraham u qallu, *"lil nislek għad nagħti din l-art"*; u aktar wara f'Ġenesi 13:15 meta qal, *"l-art kollha li qiegħ-ed tara, lilek nagħtiha"*; u għal darb'oħra f'Ġenesi

15:18 fejn Alla qal lil Abraham li l-kinsa kollha ta l-art tkun "*mix-xmara ta' l-Eġittu sax-xmara l-kbira, ix-xmara ta' l-Ewfrat*"; dik il-medda kbira ta' art li fiha f'Ġenesi 17:8 Alla qal lil Abraham li hu kien frustier, l-art kollha ta' Kangħan; li hu jagħtiha "lin-nisel tiegħek warajk"; li Mosè qal f'Eżodu 6:4-8 *kienet "l-art ta' Kagħnan, l-art fejn kienu jiġġerrew fiha bħala barranin*"; u li l-art li Ġożwè qal f'Ġożwè 21:43-45 li Alla tahom meta huma daħlu f'Kangħan*, "l-art kollha li kien ħalef li jagħti lil missirjiethom,*" li hu qal li huma kellhom tagħhom, li fiha għammru "*skond dak kollu li kien ħalef lil missirijiethom*," li minn dan "ma baqa' xejn" li ma seħħx; "kollox sar."

Dik għandha tkun il-parti tal-"Palestina" tal-kustjoni, u ma tistax tkun wirt tal-futur għas-sempliċi raġuni li meta Iżrael daħal f'Kangħan, Ġożwè qal li Alla "ta" lilhom "l-art kollha" f'dak iż-żmien, u li hija kienet "fil-pussess" tagħhom, u "għammru" fiha, u li "xejn ma falla" għax "kollox seħħ."

Tirrestawra lil Iżrael nazzjonali? Dan ikun ifisser aktar minn ritorn, ikun ifisser li tirrestawrahom għall-istess post, pożizzjoni u possessjoni, targa' tqiegħed mill-ġdid l-istess nazzjon, bl-istess gvern, fl-istess art.

Ħalli nirrepeti: in-nazzjon ta' Iżrael ma jistax jeżisti mingħajr it-tron ta' Iżrael; it-tron ta' Iżrael ma jistax jeżisti mingħajr it-tron ta' David; it-tron ta' David ma jistax jeżisti mingħajr dixxendent ta' David biex jokkupah; dak li jokkuppah ma jistax jeżisti mingħajr il-familja ta' David u t-tribù ta' Ġuda; il-familja u t-tribù ma jistgħux jeżistu mingħajr il-ġenealoġiji, u l-ġenealoġiji **ma jeżistux**. Ebda Lhudi ma jista' jittraċċja l-linja tiegħu għall-familja u t-tribù ta' David, għalhekk, ebda okkupant ma jista' jikkwalifika għat-tron ta' David. Jidher ċar mela li: ebda okkupant ikkwalifikat, ebda tron ta' David; ebda tron ta' David, ebda tron ta' Iżrael; ebda tron ta' Iżrael, ebda nazzjon ta' Iżrael. Huwa daqshekk sempliċi u ċar. Mhijiex ir-rieda ta' Alla lit-tron ta' David ikun imwaqqaf mill-ġdid, jew lin-nazzjon ta' Iżrael ikun irrestawrat, u Alla għamel dan impossibbli. Il-konsegwenza hi, għalhekk, illi kull organizzazzjoni nazzjonali tal-Lhud iffurmata fi

gvern fl-artijiet tal-Bibbja ma tistax tkun f'ebda sens in-nazzjon Bibliku, imma pjuttost stat mhux safi, imħallat.

Dawn il-konsiderazzjonijiet huma appoġġjati mill-fatti storiċi li huma rreġistrati fil-kotba ta' Esdra u Neħemija, li sabiex ir-restaw-razzjoni tal-Lhud tkun imwettqa fir-ritorn mill-jasar huma kienu jeħtieġu li jistabbilixxu d-dixxendenza tagħhom, il-familja, it-tribù u l-oqsma tagħhom, li mingħajrhom Esdra qal li huma ma kinux jistgħu jkunu rrestawrati. Billi dik kienet il-liġi li taħkem ir-restaw-razzjoni f'dak iż-żmien l-istess kondizzjonijiet ta' restawrazzjoni neċessarjament jeżistu issa sakemm ma hemmx profeta fost il-Lhud li jista' jistabbilixxi l-awtorità tiegħu biex ibiddel il-liġijiet li ħakmu n-nies ta' Iżrael. Li dak ir-ritorn mhuwiex restawrazzjoni huwa evidenti mill-fatt li wara r-ritorn tal-Lhud mill-jasar il-liġi li kienet taħkem ir-restawrazzjoni tagħhom kienet infurzata. Kien neċessarju għal Ġesù ta' Nażaret li jinżel permezz tal-familja ta' David biex ikun 'il Kristu u biex jokkupa t-tron spiritwali ta' David. Dwar din il-linja (nisel) Hu ġie "skond il-ġisem"—Atti 2:29-30. Id-dixxendenza Tiegħu permezz tal-linja tan-nisel ta' David u t-tlugħ Tiegħu għat-tron spiritwali ta' David wettqu l-profeziji *kollha* li għandhom x'jaqsmu mat-tron u n-nazzjon ta' Iżrael. Il-ġenealoġiji tagħhom imbagħad kienu miġjuba fit-tmiem u r-restawrazzjoni fiżika magħmula impossibbli.

5. Saltna—xi kwalità ta' saltna r-restawrazzjoni tkun teħtieġ? Li terġa' twaqqaf is-saltna ta' Iżrael kif din kienet fit-Testment il-Qadim ikun li tirrestawra saltna ikkonċeputa f'diżubbidjenza lejn Alla, imwielda f'ribelljoni kontra r-rieda Tiegħu, u pperpetwata f'apostasija mill-gvern jew ħakma Tiegħu. Meta Iżrael talbu sultan dan nikket lil Samwel li jkun imwarrab bħala mħallef fuq Iżrael, imma Alla qal li Iżrael ma kienx warrab lil Samwel, huma kienu warrbu lil Alla.

> "*Il-Mulej wieġeb lil Samwel: "Isma' minn leħen il-poplu f'kull ma jgħidulek.* ***Għax mhux lilek warrbu, iżda lili warrbu****, biex ma nsaltanx fuqhom*" (1 Samwel 8:7).

Wara, Ħosegħa l-profeta, jitkellem għal Alla, qal:

*"Jiena tajtek sultan f'għadbi, u neħħejtu fis-saħna tiegħi"* (Hosegħa 13:11).

Iżda huwa sostnut li l-istess xorta ta' saltna ma tkunx irrestawrata, *imma din ma tkunx restawrazzjoni, imma xi ħaġa oħra*. Ma jista' jkun hemm ebda skappar minn din il-konklużjoni.

Matul iż-żminijiet ta' l-istorja tat-Testment il-Qadim Alla ittollera imma qatt ma approva il-ħafna apostasiji tagħhom sakemm fl-aħħar huma kienu ġew imwarrba Minnu. Li tirrestawra n-nazzjon ta' Iżrael ikun ifisser li ġġib lura fl-eżistenza dik is-saltna li Alla qal li Hu ppermetta fil-għadab Tiegħu imma qeridha fis-saħna Tiegħu. Imbagħad tkun tama ta' min jitħassarha! Ħafna huma li jinsabu f'din is-sitwazzjoni tal-biki għaliex huma mqarrqa b'tagħ-lim falz bħal dan.

Il-kustjoni kollha, kif semmejt qabel, tiddependi fuq it-tifsira tal-wegħda li Alla għamel lil Abraham. Issa, għandna din it-tabella fuq l-art l-imwiegħda.

L-**ART L-IMWIEGĦDA** - Ġożwè 21-24

1. **L-ART IMWIEGĦDA lil ABRAHAM–Ġen. 12: 7—Ġen. 13: 14-15**
2. **L-ART AKBAR TA' KAGĦNAN–Ġen. 15:18—Esodu 23:30-31—Neħ. 9:7-8**
3. **L-ART FIL-PUSSESS TA' IŻRAEL–Dewt. 1:7-8—Ġoż. 24: 28**
4. **NAZZJONIJIET GĦEDEWWA Mhux IMKEĊ-ĊIJA—Mħallfin 2:20-23**
5. **DAVID JERĠA' JIRBAĦ L-ART—2 Sam. 8:3 —2 Slat. 14:25**
6. **SALAMUN SALTAN FUQ L-ART KOLLHA–1 Slat. 4:21 (5:1)—2 Kron. 9:30**

**XEJN MA FALLA—KOLLOX TWETTAQ**

**(1) Il-Wegħda Oriġinali—Ġenesi 12:1-7**

Din il-wegħda oriġinali hija irreġistrata f'Ġenesi 12:1-7:

*"Issa, il-Mulej qal lil Abram: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar*

*missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, nbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. U jitbierku bik il-familji kollha ta' l-art…lil nislek nagħti din l-art…u fl-art ta' Kangħan huma ġew.*"

Hawn għandna wegħda fi tnejn li Alla għamel lil Abraham: L-ewwel kif din għandha x'taqsam ma' Kristu—in-nisel spiritwali ta' Abraham, li permezz tiegħu l-ġnus kollha jkunu mbierka; it-tieni, kif din kellha x'taqsam ma' l-art, dik "l-art mogħtija," imwiegħda fis-seba' vers għal posterità ta' Abraham. Dan jaqra:

"*U l-Mulej deher lil Abram u qallu: "Lil nislek nagħti din l-art: u hemm bena artal lill-Mulej, li kien deherlu.*"

Il-wegħda ta' l-art ta' Ġenesi 12 hija irripetuta f'bosta postijiet. L-ewwel, f'Ġenesi 13, vers 15:

"*L-art kollha li qiegħed tara, lilek nagħtiha u lil nislek għal dejjem.*"

Ukoll, f'Ġenesi 15:18,

"*Dakinhar il-Mulej għamel patt ma' Abram u qallu: "Lil nislek nagħti din l-art, mix-xmara ta' l-Eġittu sax-xmara l-kbira, ix-xmara ta' l-Ewfrat.*"

Ukoll f'Ġenesi 17:8,

"*U jien nagħti lil nislek l-art fejn int frustier, l-art kolha ta' Kangħan, biex tkun tiegħek għal dejjem, u jiena nkun Alla tagħhom.*"

Imbagħad f'Eżodu 6:4-8,

"*Jien għamilt ukoll il-patt tiegħi magħhom, li nagħtihom l-art ta' Kangħan, l-art fejn kienu jiġġerrew fiha barranin.*"

Dan il-grupp ta' siltiet juri l-iskop kollu tal-wegħdiet ta' l-art lil Abraham. Issa, dawn il-wegħdiet kellhom tifsira definittiva.

Dawn kienu l-wegħdiet ta' Alla lir-ras ta' razza magħżula. It-twettiq ta' dawn il-wegħdiet jinvolvi l-integrità ta' Alla, u l-ħsieb tal-wegħdiet, imqiegħed fil-kliem ta' Alla, ma jistax ikun mibdul lanqas il-wegħdiet Tiegħu ma jkunu mibdula biex ikunu jaqblu mat-teoriji moderni tal-bnedmin. Aħna għandna nħarsu lejhom fid-dawl ta' x'fissru meta Alla qal dan il-kliem lil Abraham.

**(2) It-Twettiq tal-Wegħdiet—Ġożwè 21:43-45.**

Ħalli niftakru li dawn il-wegħdiet kienu magħula lil Abraham u lin-nisel tiegħu *warajh*. Kienu dawn imwettqa, jew fallew, naqsu milli jitwettqu? Ħalli għal darb'oħra nduru għall-kapitli 21 u 23 ta' Ġożwè u nieħdu t-tweġiba.

Wara li fakkar lil Iżrael dwar il-wegħda li Alla kien għamel lil Abraham, wara li hu kien mexxihom matul ix-xmara Ġordan għal l-art ta' Kangħan, Ġożwè qal:

> "*U hekk il-Mulej ta lill-Iżrael l-art kollha li kien ħalef lil missirijiethom li jagħtihom: ħaduha u għammru fiha. U l-Mulej tahom is-serħan minn kullimkien, kollox bħal ma ħalef lil missirijiethom, u ħadd mill-għedewwa tagħhom kollha ma waqaf quddiemhom; il-Mulej erħilhom f'idhom l-għedewwa tagħhom kollha.* ***Ma baqa' xejn mill-wegħdi ta' ġid li l-Mulej għamel lil dar Iżrael li ma seħħx; kollox sar***" (Ġożwè 21:43-45. Enfasi tiegħi).

Il-"kollox" f'din id-dikjarazzjoni tirriferi għal u tinkludi s-siltiet kollha ta' Ġenesi li kienu msemmija—kull wegħda fihom dwar l-għotja ta' l-art lil Abraham u l-posterità *fiżika* tiegħu.

Huwa l-waqt hawn li wieħed jindaga u jeżamina aktar fil-fatti li jikkonċernaw l-art akbar ta' Kangħan. Meta Iżrael qasmu l-Ġordan ma' Ġożwè u ħadu Kangħan, okkupaw huma l-art kollha ta' Kan-għan—l-"art akbar," li kienet testendi mix-xmara Ewfrat għax-xmara ta' l-Eġittu (Eżodu 23:30-31), jew kellhom huma fil-pussess tagħhom biss parti żgħira minnha? Fortunatament, Ġożwè

jwieġeb din il-mistoqsija. Ġożwè qal li huma kellhom fil-pussess tagħhom "l-art kollha" li Alla "ħalef lil missirijiethom" li jagħtihom (Ġożwè 21:43). Dak kollu li Alla qatt wiegħed lilhom, Ġożwè qal li kien tahom. Huma mhux kellhom fil-pussess tagħhom l-art kollha, imma *wkoll "għammru fiha; u xejn ma falla. Kollox seħħ.*" Ġożwè jgħidilna, b'ispirazzjoni minn Alla li:

> "*Ma baqa'* ***xejn*** *mill-wegħdiet ta' ġid li l-Mulej għamel lil dar Iżrael* ***li ma seħħx; kollox sar***" (Ġożwè 21:45. Enfasi tiegħi).

L-art l-imwiegħda ta' Kangħan imfissra f'dawn il-versi kienet l-art akbar ta' Kangħan, u kienet l-art fil-pussess ta' Iżrael. Ħalli mmorru għal Neħemija 9:7-8. Hawn Neħemija jsemmi l-fruntieri ta' l-art kollha ta' Kangħan irreġistrati f'Ġenesi 15 u 17, it-tribujiet li għammru hemm, irriferuti għall-fatt li Alla wiegħed din l-art kollha lil Abraham u n-nisel tiegħu, u mbagħad qal:

> "*…li tagħtih art…lil nislu; int żammejt kelmtek: għax int ġust*" (Neħemija 9:8).

Alla għamel il-ħaġa li wiegħed, iżda l-ġnus pagani ma kinux imkeċċija 'l barra fiż-żmien li Iżrael kellu l-art fil-pussess tiegħu. L-artali idolatri tagħhom baqgħu weqfin. Għal dik ir-raġuni Iżrael tilef il-kontroll ta' l-akbar possessjoni. David aktar wara kiseb mill-ġdid l-art, kif hemm miktub fit-Tieni Samwel 8:3; u fl-Ewwel Slaten 4:25. Iżrael kien fil-pussess tagħha, imma wara tilifha għat-tribujiet idolatri. David kiseb mill-ġdid l-art fil-fruntieri msemmija fl-istħarriġ, u Salamun, bin David, ħakem fuq l-art. David ma setax "*jerġa'* jiksibha" li kieku xi darba ma kinetx diġa fil-pussess tiegħu. U Salamun, ibnu, ma kienx ikun jista' jsaltan fuqha li kieku ma reġgħux kisbuha mill-ġdid. Għalhekk, taqa' t-teorija falza li dwarha nisimgħu llum, jiġifieri, li kien biss parti imma mhux f'kollox li dawn il-wegħdiet kienu mwettqa. Dawn il-wegħ-diet kienu mwettqa *għal kollox u f'kollox*.

Jekk il-wegħdiet magħmula lil Abraham dwar l-art ta' Kangħan għadhom fil-futur, dik il-ġrajja ma wettqet xejn! Jekk il-wegħdiet dwar ir-ritorn ta' Iżrael għal arthom għadhom futuri,

meta huma ħallew Babel u marru lura f'arthom, dik il-ġrajja ma wettqet xejn!

Il-prinċipju li tifhem it-Testment il-Qadim fid-dawl tat-Testment il-Ġdid japplika bil-qawwa għal riferenza għat-twettiq tal-wegħda lil Abraham dwar l-art ta' Iżrael.

**(3) Iż-Żmien tal-Wegħda—Atti 7:5, 17**

Kapitlu seba' ta' Atti huwa r-rakkont tad-diskors ispirat ta' Stiefnu lil-Lhud fil-belt ta' Ġerusalem—id-diskors li swielu ħajtu. F'versi 3 u 4 Stiefnu irrifera għall-wegħda oriġinali lil Abraham li hemm f'Ġenesi 12. Huwa rrakkonta kif Abraham obda s-sejħa ta' Alla, ħalla "*l-art il-Kaldin, u għammar f'Ħaram,*" u minn hemm "*f'din l-art, li fiha intom issa tgħammru.*" Stiefnu fakkar lil-Lhud li qabel iż-żmien tat-twettiq ta' din il-wegħda, in-nisel ta' Abraham "*jgħammar f'art barranija; u jeħduhom fil-jasar, u jaħqruhom għal erba' mitt sena*" (v. 6). Jirrakkonta l-esperjenzi ta' Iżrael fl-Eġittu, f'vers 17 Stiefnu qal:

> "*Iżda meta qorob iż-żmien tal-wegħda, li Alla kien ħalef 'l Abraham, il-poplu kiber u kotor fl-Eġittu.*"

Hawn għandna interpretazzjoni ispirata taż-żmien tat-twettiq. Stiefnu qal meta l-poplu ta' Iżrael "kiber fl-Eġittu" "liż-żmien" tal-wegħda kien "qrib" jew qorob. Jekk dik il-wegħda għadha futura issa, illum, kif kien jista' jkun li kienet "fil-qrib" meta ulied Iżrael kienu fl-Eġittu? Din l-istqarrija ta' l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Stiefnu turi biċ-ċar li l-wegħda lil Abraham kellha tkun imwettqa fl-eżodu ta' Iżrael mill-Eġittu u l-wirt tagħhom ta' Kangħan.

Jintqal lilna li Alla wiegħed li jagħti dik l-art lil Abraham—lil Abraham fil-persuna—u wkoll kieku n-nisel tiegħu ma kisibiex, Abraham innifsu qatt ma kellu wirt fiha—"*le, lanqas daqs kemm imidd siequ fuqha,*" kif jintqal f'Atti 7:5. Il-kontenzjoni hija li Abraham għandu jkun imqajjem mill-mewt biex jidħol f'dik is-saltna millenjali, f'liema żmien hu jkollu l-wirt tiegħu fl-art; biex imbagħad hu jippossediha u jgħammar fiha, kif Alla wiegħed. Iżda t-test jgħid li Alla wiegħed li jagħtiha lil Abraham u lin-nisel tiegħu "warajh." Għal kemm Abraham ikollu jippossiedi l-art u

jgħammar fiha qabel man-nisel tiegħu jkun jista' jirċeviha warajh? Jekk Alla se jqajjem lil Abraham u jpoġġih fil-millenju biex b'hekk huwa jkun jista' jippossiedi l-art fil-persuna, allura mbagħad in-nisel tiegħu wkoll ikollhom jippossiedu l-art "warajh." (Ġenesi 17:8; Eżodu 1:8; Atti 7:5). Għal kemm żmien Abraham jippossiedi l-art fil-millenju qabel ma jħalliha lin-nisel tiegħu **warajh**? Il-frażi "warajh" tfisser "posterità," u kien intqal li tkun mogħtija "lil Abraham" għax din kienet mogħtija lid-dixxendenti tiegħu. F'Atti 7:17 Stiefnu qal liż-żmien tal-wegħda "li Alla kien ħalef lil Abraham" kien qorob meta l-poplu "*kiber u kotor*" fl-Eġittu. Xi żmien? Iż-żmien tal-wegħda. X'wegħda? Il-wegħda li Alla kien "*ħalef 'l Abraham.*" Xi ngħidu dwar il-wegħda? Iż-żmien tagħha "kien qorob." L-iżviluppi fl-Eġittu meta Alla kien lest biex jeħles lil Iżrael mill-Eġittu u jeħodhom lura lejn Kangħan huwa dak li l-Ispirtu s-Santu sejjaħ fi Stiefnu "*iż-żmien tal-wegħda*" (Atti 7:17). Madankollu, il-millenjalisti jgħidu li Alla ma wettaqx il-wegħda—u ma jwettaqix qabel il-millenju! Temmnu dan int? Tagħlim bħal dan qiegħed ikun il-kaġun ta' telfien ta' ħafna erwieħ illum. Għaliex? Għaliex dawn il-profeti foloz moderni qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn billi qegħdin jgħidu liż-żmien tal-wegħda ma kienx qrib u Stiefnu kien żbaljat u dan ikun ifisser li l-Ispirtu s-Santu nganna lil Stiefnu! Pjuttost, mhumiex il-millenjalisti li huma żbaljati u dawk li jaċċettaw it-tagħlim tagħhom li huma ngannati?

Il-lingwa ta' Atti 7:5 f'riferenza għal Abraham u l-pussess ta' l-art hija prova biżżejjed li l-wegħda ma kinetx lil Abraham fil-persuna imma lill-posterità tiegħu. Stiefnu qal li Alla lil Abraham "*ma tah ebda wirt fiha, le, lanqas daqs kemm imidd siequ fuqha,*" għalkemm Alla kien "*wiegħed li jagħtihielu bħala tiegħu, u lil nislu warajh.*" F'dan il-punt Stiefnu qal li Alla għamel din il-wegħda lil Abraham "*għalkemm kien għad ma kellu ebda iben.*" Il-wegħda, mela, kienet tirriferi għan-nisel ta' Abraham u mhux għalih innifsu. Li ma jkollu "ebda iben" jannulla l-wegħda, imma Abraham emmen il-wegħda u kien jaf li kellha titwettaq fin-nisel tiegħu "warajh" permezz tad-dixxendenti tiegħu. L-Ispirtu s-Santu qal f'Atti 7 li dan hu dak li l-wegħda fissret u ż-żmien kien

*qrib* meta l-poplu ta' Iżrael kien fl-Eġittu. L-eżodu jew il-ħruġ mill-Eġittu u d-dħul f'Kangħan kienu, għalhekk, *it-twettiq tal-wegħda* (Atti 7:17).

Eżempju li tirċievi wegħda permezz tal-posterità jinsab fl-Ewwel Samwel 15:28,

> "*U Samwel qallu: Il-Mulej ċarrat saltnet Iżrael minn fuqek illum, u taha lil għajrek, li hu aħjar minnek.*"

Għajr Sawl kien David, u Alla kien qiegħed ikellem lil Sawl meta qal dan, imma s-saltna qatt ma kienet meħuda minn Sawl sakemm wara l-mewt tiegħu. Sawl baqa' sultan ta' Iżrael sa ma miet; ma-dankollu, Alla qal is-saltna kienet imċarrta minnu u mogħtija lil David, għajru. Sawl baqa' sultan sakemm dam ħaj u David ma sarx sultan qabel ma miet Sawl. Is-saltna kienet meħuda minn Sawl; meta din kienet meħuda mill-posterità jew minn nisel tiegħu.

Bl-istess mod, il-wegħda kienet imwettqa lil Abraham meta din kienet imwettqa lill-posterità tiegħu. Jidher li kull premillenjalist għandu jkun jista' jara u jifhem il-punt. Nistgħu ngħidu wkoll, mela, li Sawl għandu jkun imqajjem mill-mewt, biex jiġi fil-puss-ess tas-saltna ta' Iżrael ħalli b'hekk it-theddida tkun tista' titwettaq biex tittieħed minnu, u tingħata lil David, billi Alla qal lis-saltna tkun meħuda minn Sawl u mogħtija lil David. Iżda Sawl baqa' sul-tan sa ma miet; is-saltna ma kinetx meħuda minn Sawl fil-persuna. Mela, skond il-loġika tal-premillenjalisti fuq Abraham u n-nisel tiegħu, Alla għandu jqajjem lil Sawl l-antik bħala sultan, jagħtih is-saltna ta' Iżrael mill-ġdid, u jeħodha minnu u jerġa' jagħtiha lil David sabiex iwettaq dik il-wegħda! Dak huwa l-metodu ta' argu-mentar tal-premillenjalisti fil-każ parallel ta' Abraham.

Meta wlied Iżrael daħlu fl-art ta' Kangħan, Ġożwè qal li huma kellhom fil-pussess tagħhom l-art kollha li Alla kien wiegħed li jagħti lilhom (Ġożwè 21:43-45) *u dak huwa t-twettiq tal-wegħda kollha f'dik il-konnessjoni*.

**(4) Il-Kondizzjonalità ta' "Jekk Tagħmlu" u "Jekk ma Ta-għmlux"—Ġeremija 18:1-10**

Fit-twissija profetika ta' Mosè lil Iżrael kien hemm il-kondizzjoni ta' "jekk tagħmlu" u "jekk ma tagħmlux" għall-barkiet imwiegħda u s-saħtiet imhedda. Il-kaptili 29 u 30 kollha ta' Dewteronomju huma mimlija b'din l-imġieba ta' l-ittrattar ta' Alla ma' Iżrael. Dewteronomju 29:1 jgħid:

> "*Dawn huma l-kelmiet tal-għaqda, li l-Mulej ordna lil Mosè biex jagħmel ma' ulied Iżrael fl-art ta' Mowab, barra mill-għaqda li għamel magħhom f'Ħoreb.*"

Imbagħad f'vers 9 Mosè qal:

> "*Ħarsu mela l-kelmiet ta' din il-għaqda, u għamluhom, biex ikollkom ir-riżq f'kulma tagħmlu.*"

Imma jekk Iżrael naqas li jżomm u jħares il-kliem tal-għaqda jew patt, il-fatt li huma naqsu li jagħmlu dan isir magħruf ukoll lill-ġnus madwarhom, u huma jitkellmu dwaru, kif naqraw fil-versi 24 sa 28:

> "*U jgħidu l-ġnus kollha: Għaliex il-Mulej għamlilha hekk lil din l-art? Xi tfisser is-saħna ta' dan il-għadab hekk kbir? U n-nies iwiġbuhom: Għax telqu l-għaqda tal-Mulej, Alla ta' missirijiethom, li rabat magħhom meta ħariġhom mill-art ta' l-Eġittu…. U l-għadab tal-Mulej xegħel għal din l-art, biex iġib fuqha s-saħtiet kollha li huma miktubin f'dan il-ktieb: U l-Mulej qalagħhom minn arthom b'għadab, b'qilla, u b'saħna kbira, u tefagħhom f'art oħra, bħalma wieħed jista' jara llum.*"

Hawn għandna l-imġieba ta' "jekk tagħmlu" u "jekk ma tagħmlux" ta' trattar ma' Iżrael murija ċara ħafna. Iżrael **ma għamlux**, u kien imwettaq kif qal Alla. F'kapitlu 30:1, Mosè qal

li Iżrael ifakkar dawn il-ħwejjeġ "*fost il-ġnus kollha, fejn il-Mulej, Alla tiegħek, ikun tarrfek*", iżda jekk huma jobdu leħnu Hu "*jġibhom lura mill-jasar*" u "*jiġbrok minn fost il-ġnus kollha, li fosthom il-Mulej, Alla tiegħek, ikun xerrdek*" (v. 3). Ukoll għalkemm huma kienu "*itturufnati sat-truf tas-sema, minn hemm il-Mulej, Alla tiegħek jiġbrok, u minn hemm iġibek: U l-Mulej, Alla tiegħek, iġibek fl-art li missirijietek kellhom…*" (v. 5). Fl-ewwel kapitlu ta' Neħemija, l-imjassar f'Babel ikkwota dan il-kliem ta' Mosè fit-talba tiegħu lil Alla għall-ħelsien ta' Iżrael minn Babel u applika t-twettiq tagħhom għal dik il-ġrajja. Hekk, il-kondizzjonalità ta' "jekk tagħmlu" u "jekk ma tagħmlux" kienet sfurzata u mwettqa. Aktar tard fl-istorja ta' Iżrael, Ġeremija l-profeta ikkummenta fuq sewwasew din l-imġieba li Alla kien waqqaf waqt li ttratta ma' Iżrael u uża l-parabbola tal-fuħħari u t-tafal. F'Ġeremija 18:1-10 il-profeta qal li l-ġarra jew reċipjent (Iżrael) kien tħassar f'idejn il-fuħħari. Naqraw minn vers sitta:

> "*O dar Iżrael, jaqaw ma nistax nagħmlil-kom bħal dan il-fuħħari? Jgħid il-Mulej: Ara, bħal ma qiegħed it-tafal f'id il-fuħħari, hekk qegħdin intom f'idi, o dar Iżrael.*"

Dan ma jgħallimx li Iżrael kien bla saħħa, li jkun maħdum u ffurmat skond ir-rieda ta' ħaddieħor, imma pjuttost li Iżrael kien responsabbli għax-xorta ta' tafal fornut lill-fuħħari, kemm jekk ikun ix-xorta li kellha tkun iffurmata jew imħassra. Iżrael seta' kien ix-xorta ta' tafal għall-forma, kieku ried, imma jekk ma riedux, imbagħad it-tafal mhux tajjeb iħassar l-id tal-fuħħari. Iżrael ħassar l-id tal-fuħħari, u tilef il-wirt għal ħaddieħor.

Dan il-fatt huwa muri ċar fil-kapitlu ta' wara tal-profezija ta' Ġeremija. Wieqaf quddiem ix-xjuħ fil-belt ta' Ġerusalem, Ġeremi-ja ħa ġarra tal-fuħħar u kissirha f'tant biċċiet li din ma kienx jista' li terġa' tissewwa. Jitfa' dik il-ġarra mkissra f'riġlejn ix-xjuħ ta' Iżrael, huwa qalilhom:

> "…*Hekk inkisser lil dal-poplu (nazzjon) ta' dil-belt (Ġerusalem), bħal ma titkisser il-ġarra*

> *tal-fuħħari, li ma tkunx tista' tissewwa mill-ġdid.*" (Ġeremija 19:11).

Ġeremija kien qiegħed ikellem lin-nazzjon ta' Iżrael; hu kien qiegħed ikellem lil l-uffiċjali ta' dak in-nazzjon; hu kien qiegħed ikellimhom fil-belt tagħhom, Ġerusalem, it-tron tan-nazzjon tagħhom. Hu qalilhom fi kliem ikreh lin-nazzjon tagħhom ikun imkisser—imkisser—u **qatt** ma jkun jista' jerġa' jkun sħiħ, jiġifieri, "*bħal ma titkisser il-ġarra tal-fuħħari, li ma tkunx tista' tissewwa mill-ġdid.*" Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan? (Ġeremija 19:1-12).

Ikkonsidra l-ġabra kollha ta' dawn il-fatti dwar id-destin tan-nazzjon ta' Iżrael ibbażati fuq dawn is-siltiet relatati. Hawn huma:

1. Mosè qalilhom ċar li huma kienu se jintemmu:

> "*U jiġri, jekk qatt tinsa l-Mulej Alla tiegħek, u timxi wara allat oħra, u taqdihom, u tagħtihom qima, illi niddikjara llum solennement illi żgur tintemmu. Bħall-ġnus li l-Mulej jeqred quddiemkom, hekk tinqerdu; għax ma ridtux tisimgħu minn leħen il-Mulej, Alla tagħkom*" (Dewteronomju 9:19-20).

Ukoll f'Dewteronomju 4:26 Mosè qalilhom li huma jinqerdu għal kollox:

> "*Insejjaħ lis-sema u l-art biex jixhdu kontra tagħkom illum, biex intom tinqerdu għal-kollox malajr mill-art li għaliha sa taqsmu l-Ġurdan biex teħduha; ma ttawlux għomorkom fuqha, iżda tinqerdu għalkollox.*"

F'Dewteronomju 30:18 Mosè jkompli jgħid:

> "*Jien ngħarrafkom illum li żgur tintilfu, u li ma ttawlux jiemkom fl-art, li inti sa taqsam il-Ġurdan biex teħodha.*"

2. Ġożwè qalilhom ċar li huma kienu se jitilfu l-wirt tagħhom:

> "*Kunu afu fiż-żgur li l-Mulej Alla, ma jibqax aktar ikeċċi dawn il-ġnus minn quddiem-*

> *kom; imma jkunulkom xibka, u tfixkil, u ngiegeż f'ġenbejkom, u xewk f'għajnejkom, sakemm tinqerdu minn fuq din l-art it-tajba li l-Mulej, Alla tagħkom, takom*" (Ġożwè 23: 13).

L-istqarrija ta' Ġożwè "kunu afu fiż-żgur" tagħmilha pjuttost ċerta, u tneħħiha mill-qasam ta' l-ispekulazzjoni.

3. Ġeremija qalilhom ċar li huma jkunu ġarra *mkissra—qatt aktar* ma jerġgħu jkunu magħmula sħaħ:

> "*U għidilhom: Hekk jgħid il-Mulej ta' l-eż-erċti: Hekk inkisser lil dal-poplu ta' dil-belt, bħal ma titkisser il-ġarra tal-fuħħari, li ma tkunx tista' tissewwa mill-ġdid…*" (Ġeremija 19:11).

It-tafal jitħassar f'id il-fuħħari. Il-ġarra mkissra ma tistax tissewwa. Dan ħabbar il-kundanna ta' Iżrael—it-tmiem tan-nazzjon tagħ-hom.

Hekk qal Mosè. Hekk qal Ġożwè. Hekk qal Ġeremija. U fuq kollox, hekk qal l-Ispirtu s-Santu. Interpreti moderni, b'inkejja dan kollu, jgħallmu l-kuntrarju!

Il-metodu millenjali huwa li jiġbor u jqabbel dawn is-siltiet li kienu mwettqa fil-ġrajjiet tat-Testment il-Qadim, u jipprova li jagħmilhom li jirriferu għall-futur. Dan il-metodu huwa tgħawwiġ tal-Kelma ta' Alla u li jinganna lil dawk kollha li, minħabba nuq-qas ta' tagħlim, jinqabdu fix-xibka tiegħu.

Il-premillenjalisti kull ma jagħmlu huwa li jċappsu l-Iskrittura bit-tagħlim falz tagħhom. Huma jmorru għat-Testment il-Qadim, jiġbru s-siltiet fuq il-wegħdiet ta' Alla, mingħajr ma jqisu l-ġrajjiet ta' l-istorja u l-iskrittura li wettqithom, u f'tiċpis ġenerali tal-pro-feziji u l-wegħdiet jiddikjaraw it-teoriji tagħhom.

Dawn il-profeziji jew kienu mwettqa f'konnessjoni mal-ġrajjiet murija jew inkella kienu ikklassifikati bħala li ġew nulli, u għal-hekk, fallimenti profetiċi. Dik hija l-kustjoni kollha. Il-profeziji kellhom ifissru dak li kien intenzjonat meta kienu mlissna. Jekk huma rriferew għat-tluq mill-Eġittu u d-dħul

f'Kangħan f'dak iż-żmien, dawn ma jistgħux ikunu magħmula li jfissru l-futur issa. Jekk profeziji aktar wara rriferew għall-eżilju tagħhom fl-art ta' Babel u r-ritorn tagħhom għall-art tal-Lhudija, l-istess profeziji ma jistgħux ikunu mibdula issa biex ifissru twettiq fil-futur. Dawn il-profeziji jew kienu mwettqa fil-ġrajjiet tat-Testment il-Qadim, jew inkella l-ġrajjiet tat-Testment il-Qadim ma wettqu xejn.

Din l-istess ħaġa hija tassew dwar il-profeziji li jirriferu għall-miġja ta' Kristu, jekk il-profeziji fissru l-ewwel miġja—fiż-żmien imlissna, dawn ma jistgħux ikunu mibdula, jew iposponuti biex ifissru t-tieni miġja issa. Imma jekk il-profeti tat-Testment il-Qadim fissru t-tieni miġja ta' Kristu, dan ikun ifisser illi l-ewwel miġja ta' Kristu ma kellha ebda konnessjoni ma' dawn il-profeziji tat-Testment il-Qadim u ma wettqu xejn!

Teorija bħal din tagħmel l-ewwel miġja ta' Kristu insinifikanti u bla tifsira ta' xejn, ma għandha ebda post fl-iskema tal-ħwejjeġ. Aħna ma nistgħux naċċettaw konklużjonijiet u konsegwenzi bħal dawn. Il-wegħdiet u l-profeziji ta' Alla kienu mwettqa. Neħemija qal:

> "*Int hu l-Mulej, Alla, li ħtart lil Abram, u ħriġtu minn Ur tal-Kaldin, u semmejtu Abraham. U int sibt qalbu fidila quddiemek, u rbatt miegħu għaqda li tagħtih art il-Kangħanin, il-Ħittin, l-Amurrin, il-Periżin, il-Ġebusin, u l-Girgasin lil nislu; int żammejt kelmtek; għax int ġust*" (Neħemija 9:7-8).

Dan għandu jpoġġi l-kustjoni f'postha. Il-bniedem li jgħid li l-wegħda li Alla għamel lil Abraham dwar l-art ta' Kangħan ma kinetx imwettqa, jiċħad dak li qal Ġożwè, li xejn ma falla; u jiċħad dak li qal Neħemija li Alla żamm kelmtu; u jiċħad dak li qal Stiefnu f'Atti kapitlu seba' dwar iż-żmien tal-wegħda. Barra minn dan, Neħemija qal li Alla *żamm kelmtu* fiż-żmien speċifikat *għax Alla ġust*—it-teorija li l-wegħda għad mhix imwettqa tagħmel lil Alla mhux ġust.

## II. ISRAEL FIT-TESTMENT IL-QADIM

Wara li Ġożwè qal lill-poplu li Alla kien wettaq il-wegħda ta' l-art lil Abraham, huwa fakkar lil Iżrael li Alla kien qal ukoll li huma kienu se jinqerdu jekk ma "*jridux jisimgħu minn leħen il-Mulej, Alla tagħkom*" (Dewteronomju 8:20). F'kapitli 23 u 24 ta' Ġożwè, bħal Mosè, f'Dewteronomju 28:30, Ġożwè jagħti l-istampa tat-Testment il-Qadim ta' Iżrael. Ħalli nistudjaw bl-għajnuna ta' din it-tabella

**ISRAEL FIT-TESTMENT IL-QADIM**

1. **L-ART IMWIEGĦDA LIL ABRAHAM – Ġen. 13:15,18; 17: 7-8**
2. **L-ART ABITATA IŻRAEL – Eżodu 6:4-8; Ġożwè 21:43-45**
3. **IL-WIRT KIEN KONDIZZJONALI – Ġożwè 23:15; Dewt. 6:10; 8:19-20**
4. **LI "JEKK TAGĦMLU–JEKK MA TAGĦM-LUX" IMSAĦ-ĦIN–Ġeremija 18:1-10**
    1. **MOSÈ QAL LI HUMA JINTILFU – Dewt. 30:17-18**
    2. **ĠOŻWÈ QAL LI HUMA JITILFU L-WIRT TAGĦ-HOM – Ġożwè 23:12-16**
    3. **ĠEREMIJA QAL LI HUMA MA JIST-GĦUX IKUNU IRRESTAWRATI–Ġere-mija 19:1-11**

**PROFETI ANTIKI KONTRA BASSARA MODERNI**

Is-siltiet numerużi li għandna hawn jgħidu biċ-ċar li l-wirt ta' Iżrael ta' l-art ta' Kangħan kien kondizzjonali b'mod strett ħafna.

### (1) Il-Kondizzjoni ta' Ġożwè—Ġożwè 23:13-16.

Il-pussess kontinwu ta' Kangħan kien iddikjarat ċar minn Ġożwè li kien kondizzjonali:

> "*…Jekk tiksru r-rabta tal-Mulej, Alla tagħ-kom, li ikkmandakom, u tmorru taqdu allat oħra, u tqimuhom, għadab il-Mulej jixgħel*

*għalikom, u tinqerdu malajr minn fuq l-art it-tajba li takom*" (Ġożwè 23:15-16).

**(2) Il-Profezija Możajka—Dewteronomju 29-30.** Mosè pożittivament iddikjara lin-nazzjon ta' Iżrael jinqered:

"*Bħal ġnus li l-Mulej jeqred quddiemkom, hekk tinqerdu*" (Dewteronomju 8:20).

Mosè kompla qalilhom f'Dewteronomju 28:29-30, lit-tixrid tagħhom ikun permanenti—tixrid finali; li jispiċċaw għal dejjem; li jkunu meqruda minn fuq wiċċ l-art bħala nazzjon; imxerrda, iżda mhux mitmuma." "*Jien ma ntemmx għalkollox lilek*" (Ġeremija 30:11; 46:28)—jiġifieri, in-nazzjon tagħhom jinqerd imma r-razza tagħhom tibqa'. Jekk in-nazzjon tagħhom ikun irrestawrat fit-tmiem, allura Alla ma jkun għamel ebda tmiem ta' xejn tagħhom. Alla qal li Hu ma kienx se "jġib tmiem għal kollox" tagħhom. Meta n-nazzjon tagħhom spiċċa permanentament—iżda dan ma kienx "tmiem għal kollox" għaliex, għalkemm in-nazzjon tagħhom kien spiċċa, ir-razza tagħhom baqgħet.

**(3) It-Teorija Meqruda—Dewteronomju 8:19-20**

It-teorija tar-restawrazzjoni futura tagħmilha impossibbli għal Alla biex iwettaq dan it-theddid, u b'hekk biex iwettaq dawn il-profeziji, li jeqred għal kollox in-nazzjon ta' Iżrael minn fuq l-art sakemm ħaġa bħal din tkun tista' li ssir lil-Lhud matul il-millenju f'liema każ it-teorija taqa'. Hemm tnejn jew tliet mistoqsijiet li huma fl-ordni issa:

1. Kienu dawn il-profeziji li jikkonċernaw lil Iżrael imwettqa? Jekk iva, in-nazzjon tagħhom kien meqrud, mifrux, imxerred, li ma jerġax ikun miġbur aktar. Jekk le—jekk il-profeziji ma kinux imwettqa—allura:

2. Meta jkunu dawn imwettqa? Jekk dawn għandhom ikunu mwettqa qabel il-Millenju, dan jeqred it-teorija. Jekk huma jkunu mwettqa matul il-millenju, dan jeqred it-teorija. Jekk huma diġa' kienu mwettqa, dan jeqred it-teorija.

Agħmel l-għażla tiegħek mit-tliet dilemmi; kollha kemm huma huma fatali għall-millenjaliżmu. Dawn il-profeziji Możajki li jikkonċernaw lil Iżrael, għandhom ikunu mwettqa, il-Kelma ta' Alla hija l-verità u hekk tgħid. Meta huma jkunu mwettqa? Ikun dan qabel il-Millenju? Jekk iva, dan iwaqqa' l-millenju wara li jkun beda. U jekk dawn il-profeziji kienu mwettqa, xorta t-teorija hija meqruda. B'dan tassew:

3. Kif jistgħu t-tnejn, it-teoriji millenjali u l-profeziji Możajki jkunu tassew? Dan jaqta' t-teorija sal-qiegħ. Ma hemmx ħlief alternattiva waħda—jew in-nazzjon ta' Iżrael spiċċa għal dejjem u t-teorija millenjali meqruda, jew il-profeziji Możajki ma kinux u ma jistgħux ikunu mwettqa.

Ħalli nerġa' nispjega fil-qosor. L-ewwel, jekk dawn il-profeziji ta' kundanna kienu mwettqa, in-nazzjon ta' Iżrael spiċċa, mxerred u mifrux li "ma jerġax" ikun miġbur, u t-teorija millenjali hija meqruda; it-tieni, jekk dawn il-profeziji għad għandhom ikunu mwettqa, Iżrael għandu jispiċċa, jew jinqered qabel ma l-millenju jibda, u t-teorija millenjali hija meqruda; it-tielet, jekk il-profeziji ma kinux imwettqa u ma jkunux imwettqa qabel il-millenju, allura dawn għandhom ikunu mwettqa matul il-millenju, u t-teorija mil-lenjali hija meqruda.

Il-profeziji Możajka fuq il-qerda għal kollox tan-nazzjon ta' Iżrael għandhom ikunu mwettqa, il-Kelma ta' Alla hija l-verità. Jekk it-twettiq huwa passat, il-millenju huwa mwaqqa' minn issa. Jekk it-twettiq mhuwiex fil-passat, imma għandu jiġri qabel ma jasal iż-żmien tal-millenju, allura dan għandu jkun imwettaq matul il-millenju, u l-millenju jkun imwaqqa' wara li jibda. F'kull waħda minn dawn il-ġrajjiet, it-teorija tal-millenju hija meqruda għal kollox. Il-profezija Możajka u t-teoriji millenjali ma jistgħux ikunu t-tnejn tassew.

Dawn huma l-fatti; fatti li xi wħud mill-predikaturi millenjali qatt ma ħolmu li kienu fl-eżistenza. Huma ma jafux il-Bibbja; huma jafu biss it-teorija. Huma ma jafux ir-relazzjoni bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid; huma ma jafux l-istruttura tal-Kelma ta' Alla, ir-relazzjoni tal-patti ta' l-antik u tal-ġdid; huma ma jafux it-tifsira tal-profeziji tat-Testment il-Qadim kif

applikati għat-twettiq temporali u spiritwali tagħhom. Għalhekk, huma jċappsu l-profeziji bit-tagħlim falz tagħhom.

**(4) It-Twettiq ta' L-Istqarrija Ġenerika—2 Kronaki 36: 20-23.**

Il-wegħdiet tar-restawrazzjoni mela, kif rajna aktar qabel, kell-hom it-twettiq storiku tagħhom. Il-wegħda lil Abraham kienet im-wettqa meta l-art ta' Kangħan kienet fil-pussess ta' Iżrael u huma għammru fiha. Imma Ġożwè qal li jekk huma ma jobdux lil Alla, Hu jaqlagħhom mill-għeruq u jarmihom (2 Kronaki 7:20). Huma ma obdewx lil Alla u l-ħaqq kien magħmul. Huma kienu meħuda fl-art ta' Babel. Huma baqgħu fl-eżilju għall-perjodu ta' sebgħin sena, f'liema perjodu l-profeti ħeġġuhom biex jerġgħu lura fil-fidi u l-fedeltà għal Alla li Lilu huma kienu warrbu. Il-profeta Isaija tahom twissijiet f'waqthom mitt sena qabel il-jasar ta' Babel. Il-profeta Ġeremija wissihom matul l-assedju ta' Ġerusalem biex jaċċettaw il-kastig tagħhom bħala ħaqq ta' Alla, u waqt l-eżilju tagħhom biex idawru l-qlub tagħhom lejn Alla.

Il-profeta Eżekjel ippriedkalhom fl-eżilju, u wiegħed ħelsien u restawrazzjoni wara sebgħin sena ta' jasar u eżilju.

It-twettiq ta' dawn il-profeziji, stqarrija ġenerika, huwa irreġist-rat fit-tieni ktieb tal-Kronaki fil-proklama ta' Ċiru l-Kbir.

Nebukadnessar, sultan ta' Babel, ħa lil ulied Iżrael f'Babel. Meta Belsazzar, in-neputi ta' Nebukadnessar, ġie fit-tron, f'lejl tal-biża' għamel "ikla kbira" f'Babel (Danjel 5:1). Fis-sakra u fil-ħela u tberbiq ta' dak il-lejl f'Babel, il-bibien tal-belt kienu mħollija miftuħa. L-armati Persjani kienu weqfin barra l-belt jistennew ħalli jaqbu l-Babel. In-nies ta' Babel ħassewhom fiż-żgur wara l-ħitan kbar tagħhom, kienu jemmnu li qatt ma setgħu jkunu attakkati—il-ħitan kienu tant kbar, tant ħoxnin, tant għoljin, tant wisgħin, li huma kienu jsuqu fuqhom il-karrettuni bi tlitt iżwiemel. Ebda ope-razzjoni militari ta' dak iż-żmien ma kienet tista' tippenetrahom. Mitejn-u ħamsin torri ġganti kienu jżommu dawk il-ħitan; ħamsa-u għoxrin bieb tal-bronż li kienu kbar ħafna kienu jassiguraw il-belt. Billi ma kinux jistgħu jkissru l-ħitan ta' Babel, il-Persjani bdew jippruvaw bravura fl-inġinerija, biex

ibiddlu r-rotta tax-xmara Ewfrat u jimminaw il-ħitan. Iżda, fit-traskuraġni kbira tas-sakra u x-xalar ta' Belsazzar, il-bibien tal-belt tħallew miftuħa dak il-lejl u l-armata Persjana daħlet, Belsazzar kien maqtul, u Babel waqgħet.

Ċiru ħa t-tron tas-saltna Medo-Persjana. F'Isaija kapitli 44 u 45 huwa ipprofetizzat li Ċiru jeħles lil l-eżiljati u jordna l-bini ta' Ġer-usalem u l-pedamenti tat-tempju. Meta Isaija lissen dik il-profezija Ċiru kien għadu lanqas twieled, imma hu (Isaija) sejjaħ lis-sultan tal-Persja b'ismu u qal lid-dinja x'kien se jagħmel. Għalhekk, il-proklamazzjoni ta' Ċiru kienet is-suġġett tal-profezija seklu u nofs qabel id-digriet, li hija x-xhieda indisputabbli mhux biss ta' l-ispirazzjoni tal-profeti imma wkoll ta' l-id li tiggwida ta' Alla fl-istorja tan-nazzjon ta' Iżrael.

Il-gvern Persjan kien imwaqqaf, Ċiru kien fuq it-tron. Hu ħares fuq il-Lhud imbikkma, poplu bekkej, bl-arpi tagħhom imdendla maż-żafżafa, jingħu u jibku għall-art ta' missirijiethom. Jintqal li kien hawn li xi skriba ipproduċa kopja tal-profezija ta' Isaija u ġabha għand Ċiru. Kif Ċiru qara fejn il-profeta kien semma ismu qabel ma kien twieled u bassar x'kien se jagħmel, Ċiru ta l-proklama li wettqet dan. Ir-rakkont ta' dan qiegħed fit-tieni Kronaki 36 u f'Esdra, kapitlu wieħed. Naqraw f'Esdra 1:1-3,

> "*Issa fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex isseħħ kelmet il-Mulej b'fomm Ġeremija, il-Mulej qajjem l-ispirtu ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex ixandar proklama f'saltnatu kollha, u bil-miktub ukoll, li tgħid: Hekk jgħid Ċiru, sultan tal-Persja: Il-Mulej, Alla tas-sema, tani s-saltniet kollha ta' l-art, u ordnali biex nibnilu dar f'Ġerusalem, li hi f'Ġuda. Min fostkom hu mill-poplu tiegħu kollu, ħa jkun Alla tiegħu miegħu! Ħa jitla' Ġerusalem, li hi f'Ġuda, u jibni dar il-Mulej, Alla ta' Iżrael. Hu Alla li qiegħed Ġerusa-lem.*"

B'hekk, id-digriet ta' Ċiru l-Kbir wettaq "kelmet il-Mulej b'fomm Ġeremija" dwar ir-ritorn ta' Iżrael lejn arthom. Din l-

istqarrija ġenerika fil-Kronaki u f'Esdra tarmonizza għal kollox ma' l-istqarrija ta' Ġeremija nnifsu dwar l-istess ħaġa, li tinsab f'Ġeremija 25:11-13:

> "*U din l-art kollha ssir ħerba, u waħx; u dawn il-ġnus jaqdu lis-sultan ta' Babel għal sebgħin sena. U jiġri, meta jgħaddu sebgħin sena, illi jiena nikkastiga lis-sultan ta' Babel, u dak il-ġens, jgħid il-Mulej, għall-ħażen tagħhom, u art il-Kaldin, u nagħmillu ħerba għal dejjem. U nġib fuq dak il-pajjiż il-kliem kollu li jien għidt kontrih, kulma miktub f'dak il-ktieb li Ġeremija ħabbar kontra l-ġnus kollha.*"

F'dawn il-versi għandna l-kliem ta' Ġeremija nnifsu għalih—"dak kollu" li Ġeremija tkellem dwaru dwar ir-restawrazzjoni ta' Iżrael għall-arthom kien "twettaq" u "tlesta" fil-proklama ta' Ċiru. Iżda jintqal li mhux ilkoll marru lura. Huma *kollha* kellhom l-opportu-nità li jmorru lura. Jekk ma marrux lura, kienet kustjoni ta' għażla. F'vers 3 naqraw il-proklama fejn qalet:

> "*Min fosthom hu mill-poplu tiegħu, ħa jkun Alla tiegħu miegħu. Ħa jitla' Ġerusalem.*"

**(5) Is-Sultan tad-Dinja Ebda Parti mill-Wegħda—Ħosegħa 13:9-11.**

Spiss jintqal li billi Iżrael ma kellux sultan tad-dinja wara r-ritorn minn Babel li l-profeziji tar-restawrazzjoni ma setgħux ikunu mwettqa f'dak ir-ritorn. Iżda Alla qatt ma wiegħed lil Iżrael sultan tad-dinja. Sultan tad-dinja ma kienx parti mill-wegħda lil Abraham jew lil xi ħadd ieħor. Dan ma kienx parti mill-wegħda oriġinali jew xi wegħda oħra aktar wara dwar ir-restawrazzjoni. Meta Iżrael talab għal sultan, Ħosegħa qal li huma kienu f'ribell-joni kontra Alla. Hu tahom sultan fil-għadab u neħħa lis-sultan bil-qilla. Dan ma jfissirx li huwa tahom sultan partikulari fil-għadab Tiegħu u neħħa ċertu sultan fil-qilla Tiegħu. Ħosegħa kien qiegħed jitkellem f'kundanna tas-saltna, li din kienet imwaqqfa fl-

aposta-sija; huma nkurlaw lil Alla meta waqqfuha; u Alla neħħa s-sultan u s-saltna minnhom bil-qilla. F'Ħosegħa 13:9-12 naqraw hekk dwar dan:

> "*Hi l-qerda tiegħek, o Iżrael, li int kontrija, kontra l-għajnuna tiegħek. Fejn hu issa s-sultan tiegħek, biex isalvak fil-bliet tiegħek kollha, u l-imħallfin tiegħek li għalihom int għidt: Agħtini sultan u kapijiet? Tajtek sultan f'għadbi, u f'qillti neħodulek. Il-ħażen ta' Efrajm misrur; dnubu merfugħ.*"

Iżrael talab sultan u ħa wieħed. Iżda Iżrael dineb u Alla nkorla. Dik is-saltna kienet meqruda, kienet meħuda minnhom u spiċċat, iżda l-millenjalisti dan ma jogħġobhomx u jridu jerġgħu jagħtu lil Iżrael is-saltna ta' l-art! Dan imur direttament kontra l-Kelma u r-rieda ta' Alla.

Meta Iżrael mar lura minn Babel għall-art ta' Ġuda, Alla kien is-sultan tagħhom; u Hu kien ħakem fuqhom mis-smewwiet. Is-sultan u s-saltna tad-dinja kienu apostasiji. Il-mistoqsija hija din: *Għandha apostasija tkun irrestawrata*? L-iżball maġġur tas-sistema kollha tal-millenju huwa li jkabbru l-element temporali u jċekknu l-element spiritwali f'dawn il-profeziji.

**(6) It-Twettiq fi Tlieta—Ġenesi 12:1-3.**

Hemm tliet sezzjonijiet ta' dawn il-wegħdiet tat-Testment il-Qadim dwar Iżrael. Il-wegħdiet u l-profeziji tat-Testment il-Qadim jikklassifikaw taħt wieħed mit-tliet titli—il-wegħda ta' l-art lil Abraham u n-nisel tiegħu warajh; il-wegħda tar-restawrazzjoni; u l-wegħda spiritwali.

L-ewwel: il-wegħda ta' l-art kienet imwettqa f'Ġożwè. Ġenesi 15:18 juri d-daqs tal-pussessjoni; Dewteronomju 1:7-8 jgħid li huma kellhom l-art fil-pussess tagħhom; Ġożwè 21:43 jgħid li huma kellhom il-pussess ta' l-art kollha; it-Tieni Samwel 8:3 jgħid li aktar wara huma reġgħu kisbuha;; 1 Slaten 14:21 jgħid li Salamun saltan fuqha; Neħemija 9:7-8 jgħid li Alla wettaq il-wegħda kollha Tiegħu. *Dan jistabilixxi Numru Wieħed.*

It-tieni: il-wegħda tar-restawrazzjoni kienet imwettqa fil-proklama ta' Ċiru, sultan tal-persja. Jiena tajt ir-riferenzi f'Ġenesi 25: 11-13; 2 Kronaki 36:20-23 u Esdra 1:1-4 għal bosta drabi, nuri t-twettiq ġeneriku tal-wegħdiet kollha tar-restawrazzjoni meta Ċiru ħeles lil l-eżiljati mill-jasar tagħhom ta' Babel, skond dak kollu li Ġeremija kien qal dwar dan. Imma Eżekjel ma qal xejn fuq is-suġġett li Ġeremija ma qalx. U Isaija ma qal xejn fuq is-suġġett li Ġeremija ma qalx. U Isaija ma qal xejn fuq is-suġġett lit-tnejn, Ġeremija u Eżekjel ma qalux. Billi, mela, Isaija, Ġeremija, u Eżekjel ilkoll qalu l-istess ħaġa fuq l-istess suġġett allura jiġri li l-profezija kollha fuq ir-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali kienet imwettqa fil-proklama ta' Ċiru. **Dan Jistabilixxi Numru Tnejn**.

It-tielet: il-wegħda spiritwali kienet imwettqa f'Ġesù Kristu. Alla qal lil Abraham:

> "*Jien nagħmel minnek ġens kbir…u jitbierku bik il-familji kollha ta' l-art*" (Ġenesi 12: 2-3).

Issa ħalli mmorru għall-Galatin 3:8 fejn l-appostlu Pawlu jgħid:

> "*U l-iskrittura, billi għarfet minn qabel li Alla jiġġustifika l-Ġentili bil-fidi, xandret minn qabel l-evanġelju 'l Abraham: Fik jitbierku l-ġnus kollha.*"

Meta Alla qal lil Abraham li fin-nisel tiegħu Hu jbierek il-ġnus kollha, l-appostlu Pawlu qal in-nisel f'dik is-silta jfisser Kristu u l-wegħda tfisser l-Evanġelju. **Dan Jistabilixxi Numru Tlieta**.

Ma hemm ebda bniedem fuq l-art li jista' juri għal numru erba'. It-twettiq fi tlieta jiksi l-art kollha—ebda tħollija għal darb'oħra. L-idea ta' twettiq fil-futur hija fantasija ta' l-immaġinazzjoni, app-likazzjoni ħażina tal-profeziji, falliment totali.

**(7) It-Tifsira Spiritwali—Galatin 3:26-29.**

It-tielet kapitlu ta' Galatin huwa l-argument ta' l-appostlu Pawlu li ma tistax twieġbu fuq it-twettiq spiritwali tal-wegħda lil

Abraham fl-applikazzjoni tagħha għal dawk kollha li huma fi Kristu. Ħalli l-ewwel naqraw din is-silta:

> "*Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu. Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles; mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù. U jekk intom ta' Kristu, intom mela nisel Abraham, u werrieta skond il-wegħda*" (Galatin 3:26-29).

L-appostlu Pawlu kien qiegħed iwieġeb lil-Lhud li kienu jemmnu li tkun iben kien jappartjeni għal-Lhudi skond il-ġisem. Fil-patt l-antik hekk kien, iżda fil-patt il-ġdid dawk kollha li huma ta' Kristu huma wlied u nisel.

> "*U jekk intom ta' Kristu, intom mela nisel Abraham*"

Pawlu qal li kienet il-wegħda magħmula lil missirijietna (Atti 26: 6-7). Dan kollu hu miġbur u muri f'Galatin 3:26-29, f'silta waħda: ulied, nisel, werrieta u wegħda. In-nisel m'għadux il-jedd fil-Lhudi skond il-ġisem. L-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Pawlu li:

> "*Dawk kollha li huma wlied il-ġisem, dawn* ***mhumiex*** *ulied Alla: imma wlied il-wegħda huma magħdudin bħala nisel*" (Rumani 9:7-9, enfasi tiegħi).

Hekk hu t-tagħlim ta' Pawlu lir-Rumani u lill-Galatin. Dan ifisser li dawk kollha li kienu mgħammda fi Kristu, kemm jekk Lhud jew Ġentili, huma issa werrieta skond il-wegħda. Temmnu dan int? Hekk jgħid l-Ispirtu s-Santu!

### III. IŻRAEL FIT-TESTMENT IL-ĠDID

Issa li tajt l-istampa kollha ta' Iżrael fit-Testment il-Qadim, urejt kif il-profeziji u l-wegħdiet dwar Iżrael skond il-ġisem kienu mwettqa fil-ġrajjiet ta' l-istorja sagra u sekulari—xi ngħidu dwar

Iżrael fit-Testment il-Ġdid? L-appostli ta' Kristu, bħala li huma rġiel ispirati, għandhom ikunu aċċettati bħala interpreti tal-profezija. Il-fatt li f'ebda waqt ma huma għamlu l-applikazzjoni tal-profeziji dwar Iżrael u l-Lhud magħmula mill-Ġudaiżmu modern huwa prova pożittiva li l-applikazzjoni Ġudaista hija ħażina. Jitkellem dwar din il-grazzja ta' ispirazzjoni kif din applikat għall-prinċipju ta' l-interpretazzjoni ispirata tal-profeziji, f'Efesin 3:3-6, Pawlu għandu dan xi jgħid:

> "*Kif li b'rivelazzjoni għarrafni l-misterju… li fi żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu irrivelat issa bl-Ispirtu s-Santu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti; biex il-Ġentili jkunu sħab fil-wirt, u mill-istess ġisem, u jaqsmu fil-wegħda tiegħu fi Kristu permezz ta' l-evanġelju.*"

Il-mistoqsija hija: Kienu l-appostli ta' Kristu jafu l-profeziji? Jekk iva, u ċertament li kienu jafu, it-tifsira tal-profeziji tista' tkun stabbilita b'dak li jgħid it-Testment il-Ġdid. Ħalli nħarsu lejn l-istampa ta' Iżrael tat-Testment il-Ġdid. Is-silta bażika fuq it-tabella li jmiss, kif tista' tinnota, hija Galatin 6:15-16, li fiha naqraw:

> "*Għax fi Kristu Ġesù la ċ-ċirkonċiżjoni, u lanqas in-nuqqas ta' ċirkonċiżjoni, ma jiswa xejn, iżda kreatura ġdida. U dawk kollha li jimxu skond dir-regola, sliem u ħniena fuqhom, u fuq Iżrael ta' Alla.*"

Hawn Pawlu jgħid li l-Iżrael ta' Alla fit-Testment il-Ġdid mhumiex iċ-ċirkonċiżjoni—imma l-kreatura ġdida fi Kristu—u jordna lil kulħadd biex "*jimxu skond dir-regola.*" **Illum dawk li qe-għdin jinsistu li l-Iżrael fiżiku għadu l-Iżrael ta' Alla ċertament li mhumiex qegħdin jimxu skond ir-regola ispirata ta' Pawlu, dwar "il-veru Iżrael ta' Alla.**"

## IŻRAEL FIT-TESTMENT IL-ĠDID
**Galatin 6:15-16**

1. **L-aħħar stat tal-Lhud hu agħar minn ta' qabel–Mattew 12:45**
2. **Is-Saltna meħuda mil-Lhud—Mogħtija lil ħadd-ieħor–Mattew 21:43; 1 Pietru 2:7-10**
3. **Delitt nazzjonali jitlob penalità nazzjonali–mewt –Mattew 21: 33-45**
4. **In-nisel ta' Abraham mhux aktar mal-Lhud–Gala-tin 3:28-29**
5. **Il-Lhud ta' Alla mhux aktar il-ġisem ta' Abraham imma mill-Fidi ta' Abraham— Rumani 4:16**
6. **Ġentili Kristjani huma l-Lhud ta' Alla—Rumani 2:28-29**
7. **Ċirkonċiżjoni tal-ġisem tagħti lok għal ċirkonċiż-joni tal-qalb—Kolossin 2:11-12 (ikompli f'paġna 36)**.

**(1) L-Istampa ta' Iżrael tal-Mulej Innifsu — Mattew 21: 33-43.**

L-applikazzjoni millenjali magħmula dwar il-profeziji tat-Testment il-Qadim dwar ir-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali hija f'konflitt dirett ma' l-istampa tal-Mulej tal-futur ta' Iżrael.

F'Mattew 12:43-45, Ġesù jgħid,

> "*Meta l-ispirtu mniġġes joħroġ minn bniedem, jimxi f'naħiet niexfa, ifittex il-mistrieħ, u ma jsib xejn. Imbagħad jgħid: Narġa' lejn dari mnejn ħriġt; u meta jiġi, isibha battala, miknusa, u mżejna. Imbagħad imur, u jieħu miegħu seba' spirti oħra eħżen minnu nnifsu, u jidħlu u jgħammru hemm; u l-aħħar qagħda ta' dak il-bniedem tkun agħar mill-ewwel waħda. Hekk ikun ukoll lil dan in-nisel ħażin.*"

Hawn Ġesù Kristu jiddikjara li l-aħħar stat tal-Lhud ikun agħar mill-ewwel wieħed. *Iżda t-teorija millenjali tagħmel l-aħħar stat tal-Lhud* ***aktar*** *glorjuż minn kollox* u b'hekk iġġib kliem il-Mulej fix-xejn!

B'mod l-aktar ċar Ġesù juri l-futur ta' Iżrael nazzjonali fil-parabbola tas-sid id-dar u l-bdiewa f'Mattew 21:33-34. Ċertu sid ħalla l-għalqa tad-dwieli lil xi bdiewa. Meta qorob l-istaġun tal-frott, hu bagħat il-qaddejja tiegħu biex jiġbru l-frott ta' l-għalqa tad-dwieli. Il-bdiewa irrifjutaw li jagħtu l-frott u keċċew 'il barra lill-qaddejja. Qaddejja oħra kienu mibgħuta, iżda l-bdiewa għamlu l-istess, sawtuhom, qatluhom u ħaġġruhom. Il-Mulej imbagħad bagħat lil Ibnu, jaħseb li lil Ibnu kienu se jirrispettawh, imma huma qalu:

> "*Dan hu l-werriet; ejjew ħa noqtluh, u nieħdu wirtu,*" *u huma qatlu l-iben tal-Mulej fl-għalqa tad-dwieli. Ġesù qal lil-Lhud: "Mela meta jiġi sid il-għalqa tad-dwieli, x'jagħmli-lhom lil dawk il-bdiewa?" Il-Lhud weġbuh: "Hu jeqred bla ħniena lil dawk l-irġiel ħżiena u jqabbel il-għalqa tad-dwieli tiegħu lill-bdiewa oħra, li jagħtuh il-frott fi żmienu." Imbagħad Ġesù wieġeb: "Qatt ma qrajtu fl-iskrittura: Il-ġebla li ma ridux il-bennejja, saret il-ġebla tax-xewka:…Għalhekk ngħidil-kom: Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għand-kom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minn-ha. U kull min jaqa' fuq dil-ġebla jitkisser: iżda fuq kull min taqa', titħnu trab.*"

Meta l-Lhud semgħu dawn il-ħwejjeġ *huma "għarfu li tkellem fuqhom*" u ppruvaw biex joqtluh kif jintqal fi Ġwanni 5:18 u 8:37.

It-tifsira tal-parabbola hija faċli: Fit-Testment il-Qadim Alla ħalla l-għalqa Tiegħu tad-dwieli lin-nazzjon ta' Iżrael. Huma ma tawx il-frott ta' l-ubbidjenza. Hu bagħat lill-qaddejja Tiegħu, il-profeti, biex iwissuhom, izda dawn kienu ittrattati ħażin u mwarr-ba. Stiefnu qal f'Atti 7:52,

> "*Liema hu mill-profeti li ma ippersegwi-tawhx missirijietkom?*"

Lanqas wieħed ma setgħu jsemmu. Imbagħad Alla bagħat lil Ibnu —Ġesù Kristu—"*Hu ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx*" (Ġwanni 1:11), Hu kien miċħud, il-werriet tas-smewwiet, Bin il-Mulej ta' l-għalqa tagħhom tad-dwieli. Huma qatluh. U s-saltna kienet meħuda minn nazzjon ta' Iżrael u mogħtija lil nazzjon ieħor. Pietru jgħidilna kif u meta dan it-trasferiment kien magħmul minn Iżrael skond il-ġisem għal Iżrael spiritwali—"*il-veru Iżrael ta' Alla,*" il-knisja—fl-1 Pietru 2:9-10:

> "*Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu miksub biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb: li fl-imgħoddi intom ma kontux poplu, imma issa l-poplu ta' Alla: li ma kontux qlajtu ħniena, imma issa qlajtu ħniena.*"

B'hekk, l-appostlu Pietru jiddikjara li Iżrael mhwiex aktar in-nazzjon fiżiku, skond il-ġisem, imma l-*ispiritwali*. Huwa sinifikanti li kull titlu applikat lin-nazzjon ta' Iżrael fit-Testment il-Qadim huwa hawn applikat għall-knisja, Iżrael spiritwali, fit-Testment il-Ġdid. Iċċekkja dan għalik innifsek. Fit-Testment il-Qadim in-nazz-jon ta' Iżrael kien imsejjaħ poplu maħtur, nazzjon qaddis, saċer-dozju rjali, ġenerazzjoni magħżula, jew razza maħtura (ara Eżodu 19:5-6; eċċ.). Iżda fit-Testment il-Ġdid, Pietru jgħid li *l-knisja* hija r-razza magħżula, is-saċerdozzju rjali, in-nazzjon qaddis u l-poplu miksub (1 Pietru 2:5-10).

Hemm biss verdett wieħed li għandu jkun imħabbar mill-parabbola tal-bdiewa ħżiena: Meta l-Lhud sallbu lil Kristu, huma ikkommettew id-delitt nazzjonali li qatlu lill-Messija, u huma ħallsu l-penalità nazzjonali—il-mewt tan-nazzjon. Din hija l-istam-pa tal-Mulej Innifsu dwar il-futur ta' Iżrael. Dan ma jarmonizzax mat-teorija millenjali tar-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali. Id-delitt nazzjonali ġab penalità nazzjonali. In-nazzjon ta' Iżrael kien mitmum, imneħħi. Tista' inti ġġib persuna lura li kienet ikkundan-nata u mneħħija wara li din kienet ħallset il-kastig kapitali? Hekk ukoll huwa l-istess li n-nazzjon ta' Iżrael ma

jistax jiġi lura fl-eżis-tenza għaliex dan ħallas il-kastig kapitali tiegħu—il-mewt—għad-delitt kapitali tagħhom.

Din is-silta minn l-ewwel ittra ta' Pietru jekk wieħed jikkunsid-raha sewwa turi ċar ħafna l-kundanna u d-destin ta' Iżrael nazzjo-nali. Is-saltna kienet meħuda minn Iżrael nazzjonali, in-nazzjon skond il-ġisem u mogħtija lil nazzjon ġdid, in-nazzjon **spiritwali**, il-knisja. Ħafna jaħsbu b'mod żbaljat għal kollox illi għaliex illum naqraw dwar in-nazzjon ta' Iżrael fil-Lvant allura dan reġa' qam u ġie lura fl-eżistenza. Kif tennejt aktar qabel, *dan mhwiex l-Iżrael li dwaru qegħdin nitkellmu, dak li dwaru tkellem il-Mulej tagħna*. Dan huwa l-Iżrael imħallat imma mhux l-Iżrael il-pur. L-Iżrael il-pur QATT ma jista' jkun irrestawrat! Dak spiċċa darba għal dej-jem. Postu ħadu l-Iżrael spiritwali, il-knisja.

Iżda l-millenjalisti jgħidu wkoll illi dak li kien meħud minn nazzjon fiżiku kien "is-sovranità universali" biss. Mela, jekk is-"saltna" tfisser hawn sovranità universali, is-silta għandha tfisser lis-sovranità universali kienet meħuda minn Iżrael u mogħtija lin-nazzjon ieħor. Lil-liema nazzjon ieħor kienet mogħtija s-sovranità universali?

Imqabbla mal-profeziji ta' Mosè (Dewteronomju 8:19-20) u Ġeremija 19:1-10) u l-parabbola tal-Bdiewa (Mattew 21), versi 43 sa 45 jistgħu jfissru biss illi n-nazzjon ta' Iżrael ikkommetta delitt nazzjonali li qatel lill-Messija, u ħallas il-penalità nazzjonali—il-mewt tan-nazzjon pur ta' Iżrael. Illum, in-nazzjon ta' Iżrael huwa magħmul minn nies *imħallta* u għalhekk huwa Iżrael jew nazzjon *differenti* għal kollox minn dak li naqraw dwaru fil-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura Mqaddsa, fil-profeziji. Is-saltna kienet meħuda minn Iżrael skond il-ġisem u mogħtija lil Iżrael **spiritwali**, il-knisja (1 Pietru 2:9-10). Il-millenjalisti jridu jeħduha mill-knisja u jagħtuha lura lin-nazzjon fiżiku li minnu l-Mulej ħadha, li Hu qal li kienet imkissra fi bċejjeċ u magħmula trab, li Mosè qal tinqered għal kollox, u li Ġeremija qal li kienet "imkissra" u ma "tistax terġa' tkun magħmula sħiħa."

## (2) L-Istampa ta' Pawlu tat-Tama ta' Iżrael—Atti 26:6-7.

L-applikazzjoni millenjali magħmula dwar il-profeziji tat-Testment il-Qadim dwar ir-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali hija f'konflitt dirett mal-predikar ta' l-appostlu Pawlu fuq *it-tama ta' Iżrael*. Waqt li Pawlu kien qiegħed quddiem is-Sultan Agrippa, hu qal,

> "*U issa qiegħed biex isir ħaqq minni minħabba t-tama tal-wegħda magħmula minn Alla lil missirijietna: tama li t-tnax-il tribù tagħna, li qegħdin bla heda lejl u nhar jaqdu 'l Alla, jittamaw li jilħqu…*" (Atti 26:6-7).

Hawn għandna iddikjarat b'mod l-aktar ċar li l-predikar ta' Pawlu fuq *it-tama ta' Iżrael* kien ibbażat fuq "il-wegħda" magħmula "lill-missirijiet." Iżda l-applikazzjoni ta' Pawlu ta' dik il-**wegħda ma qablitx** mat-tamiet nazzjonali mħaddna mil-Lhud. Għalhekk kien "*minħabba t-tama ta' Iżrael li jien marbut b'dil-katina*" (Atti 28:20). Taħseb int li l-Lhud kienu se jippersegwitaw lil Pawlu, jorbtuh bil-ktajjen, li kieku hu ppriedka lit-*tama ta' Iżrael* kienet ir-restawrazzjoni nazzjonali tagħhom? Il-ħaġa li Pawlu ppriedka, u li għaliha kien fil-ktajjen, kienet dak iż-żmien u hija llum *it-tama ta' Iżrael*.

Billi dak li ppriedka Pawlu kien ibbażat fuq il-wegħda lill-miss-irijiet, dak li l-wegħda fissret għandu jkun stabbilit b'dak li ppried-ka Pawlu. **Mela, xi ppriedka Pawlu**?

1. **Li dawk kollha li huma mgħammda fi Kristu, kemm jekk huma Lhud jew Ġentili huma n-nisel u l-werrieta ta' Abraham**.

Pawlu dan jurih ċar ħafna meta jgħid:

> "*Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu. Mhemmx la Lhudi u lanqas Grieg; mhemmx la lsir u lanqas ħieles; mhemmx la raġel u lanqas mara: għax intom ilkoll wieħed fi Kristu Ġesù. U jekk intom ta' Kristu, intom mela nisel Abraham, u werrieta skond il-wegħda*" (Galatin 3:26-29).

2. **Li aħna m'aħniex aktar ulied skond il-*ġisem* ta' Abra-ham, imma aħna wlied tal-*fidi* ta' Abraham**.
Pawlu dan jurih ukoll b'mod ċar ħafna meta jgħid:

> "*Għax il-wegħda, li hu jkun il-werriet tad-dinja, ma kenitx lil Abraham, jew lin-nisel tiegħu, permezz tal-liġi, iżda permezz tal-ħaqq tal-fidi. Għax jekk dawk li huma tal-liġi huma werrieta, il-fidi titbattal, u l-wegħda ma tiswiex: Għax il-liġi tnissel il-għadab: u fejn m'hemmx liġi, m'hemmx ksur ta' liġi. Għal-hekk hu bil-fidi, biex ikun bi grazzja; biex il-wegħda tkun żgura għan-nisel kollu; mhux għal dak biss li hu tal-liġi, iżda għal dak ukoll li hu tal-fidi t'Abraham; li hu missierna lkoll*" (Rumani 4:13-16).

Ukoll f'Rumani 9:7-8, Pawlu jgħid:

> "*Lanqas għax huma nisel Abraham, huma kollha wlied Abraham; iżda: Minn Iżakk jis-semma nislek. Jiġifieri: Dawk li huma wlied il-ġisem, dawn mhumiex ulied Alla; imma wlied il-wegħda huma magħdudin bħala nisel.*"

Innota l-esspressjoni, "jiġifieri" f'vers 8. Jiġifieri—x'inhu?

> "*Dawk li huma wlied il-ġisem, **dawn mhu-miex ulied Alla**.*"

L-appostlu Pawlu kien għadu kif ikkwota "minn Iżakk jissemma nislek," u hu żied, "jiġifieri"—ifisser dan—l-ulied il-ġisem mhu-miex l-ulied ta' Alla. Issa aħna wlied tal-fidi ta' Abraham, mhux tal-ġisem ta' Abraham.

3. **Dak l-Iżrael skond il-ġisem kien it-tip ta' l-Iżrael spir-itwali**.
Pawlu jgħid:

> "*Għax lanqas dawk stess li huma ċirkonċiżi ma jħarsu l-liġi; iżda jixtiequ li tkunu ċirkonċiżi, biex jiftaħru b'ġisimkom. Imma Alla ma jridx li jien niftaħar, ħlief bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu,…Għax fi Kristu Ġesù la ċ-ċirkonċiżjoni, u lanqas in-nuqqas ta' ċirkonċiżjoni ma jiswa xejn, iżda kreatura ġdida. U dawk kollha li jimxu skond dir-regola, sliem u ħniena fuqhom, u fuq Iżrael ta' Alla*" (Galatin 6:13-16).

L-Iżrael il-ġdid, jgħid Pawlu, huwa l-knisja. Iżrael l-antik m'għadux fl-eżistenza. Ir-riferenza għaċ-ċirkonċizjoni u n-nuqqas ta' ċirkonċiżjoni tagħti prova li "*l-Iżrael ta' Alla*" mhumiex iċ-ċirkonżjoni fil-ġisem imma ċ-ċirkonċiżjoni fl-ispirtu—għalhekk il-knisja.

**4. Li l-Kristjani Ġentili huma l-Lhud ta' Alla.**

Pawlu ukoll jitkellem dwar dan bi kliem ċar fejn jgħid:

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: Iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra, u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta' Alla*" (Rumani 2:28-29).

Iċ-ċirkonċiżjoni tal-ġisem tat lok għaċ-ċirkonċiżjoni tal-qalb. Pawlu jgħid:

> "*Li fih ukoll intom ċirkonċiżi b'ċirkonċiżjoni mhix magħmula bl-id, bit-tneħħija minn ġisimkom tad-dnubiet tal-ġisem, biċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu. Midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet*" (Kolossin 2:11-12).

**Bil-magħmudija fi Kristu l-Lhud jitilfu d-distinzjoni kollha skond il-ġisem**,

*"Fejn la hemm Grieg, la Lhudi, la Cirkonċiż, la bla ċirkonċiżjoni, la Barbaru, la Skita, la lsir, u la ħieles: iżda Kristu hu kollox, u f'kollox"* (Kolossin 3:11).

**IŻRAEL FIT-TESTMENT IL-ĠDID (ikompli ma' p. 29)**

8. **Konverżjoni ta' Lhudi teqred in-nazzjonalità– Efesin 2:16; Galatin 6:15**
9. **Iżrael l-antik m'għandux aktar post fl-istampa– Galatin 3:26-29**
10. **Il-knisja hija issa l-Iżrael ta' Alla–Galatin 6:15-16**
11. **Pawlu irrinunzja n-nazzjonalità Lhudija għal Kristu–Filippin 3: 2-8**
12. **It-tama ta' Iżrael mhijiex restawrazzjoni nazzjon-ali–Atti 26:6-7; 28:20**

**EBDA MOD BIEX TARMONIZZA PROPOŻIZZJONI AFFERMATTIVA MA' DAK LI PPRIEDKA PAWLU**

**5. Li l-konverżjoni ta' Lhudi teqred in-nazzjonalità tiegħu.**

Pawlu dan jurih ċar meta jgħid:

*"U lbistu l-bniedem il-ġdid, li hu mġedded fil-għerf skond ix-xbieha ta' min ħalqu. Fejn la hemm Grieg, la Lhudi, la ċirkonċiżjoni, la bla ċirkonċiżjoni, la Barbaru, la Skita, la lsir, u la ħieles: iżda Kristu hu kollox, u f'kollox"* (Kolossin 3:10-11).

Fi Kristu l-Lhud jitilfu d-distinzjoni kollha.

**6. Iż-żewġ nazzjonijiet isiru nazzjon wieħed ġdid.**

Dan ukoll Pawlu juri ċar meta jgħid:

*"Għax hu s-sliem tagħna, u t-tnejn għamilna wieħed, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna; Billi ħassar b'ġismu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi preċetti;*

*biex mit-tnejn jagħmel fih innifsu bniedem wieħed ġdid, u hekk iġħib is-sliem; U biex iħabbibkom it-tnejn f'ġisem wieħed ma' Alla bis-salib, wara li jkun qered bih il-mibegħda*" (Efesin 2:14-16).

7. **Il-Lhudi li kkonverta ma għandu ebda xewqa għal Ġerusalem bħala l-post biex iqim lil Alla**.
l-appostlu Ġwanni jikkwota l-kliem ta' Ġesù fejn qal:

"*Missirijietna qiemu fuq dil-muntanja; u intom tgħidu, li f'Ġerusalem hu l-lok fejn wieħed għandu jagħti qima. Qalilha Ġesù: Emmini, mara, is-siegħa tasal, meta intom la fuq dil-muntanja, u lanqas f'Ġerusalem, ma tagħtu qima lill-Missier…Imma tiġi s-siegħa, u issa hi, meta dawk li jqimu fil-verità jqimu l-Missier fl-ispirtu u fil-verità: għax bħal dawn ifittex il-Missier biex iqimuh. Alla hu spirtu: u dawk li jqimuh jeħtieġu li jqimuh fl-ispirtu u fil-verità*" (Ġwanni 4:20-24).

8. **Kristu kellu jikser ir-relazzjoni skond il-ġisem biex jagħmel knisja *waħda*, jgħaqqad lil kulħadd f'ġisem *wieħed* u f'*tama waħda*.**
L-appostlu Pawlu dan jurih ċar meta jgħid:

"*Hemm ġisem wieħed, u Spirtu wieħed, bħal ma kontu msejħin f'tama waħda tas-sejħa tagħkom. Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda. Alla wieħed u Missier kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll*" (Efesin 4:4-6).

Innota hawn, il-fidi waħda, magħmudija waħda, ġisem wieħed—u **tama waħda**. Imma jekk il-Lhudi għandu tama li l-pagan jew Ġentili m'għandux, li hija msejħa *t-tama ta' Iżrael*, allura mbagħad ikun hemm aktar minn tama *waħda*—L-Ispirtu s-Santu jgħid, per-mezz ta' Pawlu li hemm biss tama *waħda*, kemm il-tama int tgħid li hemm?

**9. Konsistenti ma' dawn l-affermazzjonijiert ispirati kollha, Pawlu jafferma li aħna minn issa 'l quddiem ma nagħrfux aktar lil Kristu skond il-ġisem**.
Naqraw fit-Tieni Korintin 5:16,

> "*Minħabba f'hekk aħna minn issa 'l quddiem ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem: iva, għalkemm għarafna l-Kristu skond il-ġisem,* ***minn issa 'l quddiem ma nagħrfuhx aktar hekk***" (enfasi tiegħi).

Din is-silta tiċħad bil-qawwa kollha li Kristu **qatt** jista' xi darba jerġa' jkun fuq l-art **fil-ġisem** biex jgħammar mill-ġdid fuq l-art—"*minn issa 'l quddiem*" u "*ma nagħrfuhx aktar hekk*" ifissru minn dak iż-żmien 'il quddiem, **qatt aktar**, ma Kristu jkun magħruf fil-ġisem. Kull teorija, kull tagħlim tal-bniedem li jagħmlu lil Ġesù Kristu sultan tal-ġisem fuq tron nazzjonali Lhudi, huma żbaljati għal kollox. B'dawn it-teoriji u b'dak it-tagħlim tagħhom huma jkunu qegħdin igiddbu lil l-appostlu Pawlu meta, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu afferma ċar ħafna *li "minn issa 'l quddiem ma nagħrfuhx aktar hekk*" Temmnu dan int? Jiena nemmnu dan.

**10. Li Iżrael l-antik m'għandux aktar post fl-istampa.**
L-Ispirtu s-Santu jgħid permezz ta' Pawlu:

> "*Għax iċ-ċirkonċiżjoni hi aħna, li nqimu 'l Alla fl-ispirtu, u nifirħu fi Kristu Ġesù, u li m'għandniex fiduċja tagħna fil-ġisem*" (Filippin 3:3).

L-"aħna" ta' Pawlu timplika li "huma kienu." Hawn hija d-deskrizzjoni ta' Pawlu ta' Iżrael li **kien** u Iżrael li **hu**. Il-kustjoni ddur għall-mistoqsija sempliċi: "Aħna aħna"—aħna min? "Huma kienu"—huma min? It-tweġiba hija: Huma kienu l-Iżraeliti li kienu jiddependu fuq il-ġisem; imma issa, aħna, aħna l-Iżraeliti veru li "*m'għandniex il-fiduċja tagħna fil-ġisem.*"

Pawlu għandu aktar dritt min kulħadd kemm b'dixxendenza kif ukoll b'relazzjoni biex ipoġġi jew ikollu l-fiduċja tiegħu fil-ġisem —ikollu l-glorja f'Iżrael skond il-ġisem. Hu qal,

> "*Għalkemm jien nista' wkoll ikolli fiduċja qawwija fil-ġisem. Jekk hemm xi ħadd ieħor li jidhirlu li għandu għalfejn jafda fil-ġisem, jien aktar: ċirkonċiż wara tmint ijiem, minn ġens Iżrael, mit-tribù ta' Benjamin, Lhudi bin Lhudi; Fariżew, għal dik li hi liġi*" (Filippin 3:4-5).

Hawn Pawlu qiegħed jitkellem fuq il-punt li dwaru qegħdin nid-diskutu u nistudjaw—ir-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali hija l-enfasi fuq il-ġisem li Pawlu hawn qiegħed jikkundanna. U isim-għuh f'din l-istqarrija:

> "*Li jien inqis bħala skart*" (v. 8).

Għal Pawlu r-relazzjoni skond il-ġisem għal Iżrael kienet biss "skart." Iżda t-teorija millenjali tar-restawrazzjoni ta' Iżrael hija skond il-ġisem. Mela, jekk inti taf x'inhu "skart" allura taf sewwa kif Pawlu kien jaħsibha dwar il-premillenjaliżmu! Dawk li llum qegħdin jgħallmu li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu se jerġa' jiġi fuq l-art u jsaltan għal elf sena f'Iżrael u li l-Iżrael tat-Testment il-Qadim jerġa' jkun irrestawrat jeħtiġilhom li jeħilsu mill-*iskart* ta' l-Iżraeliżmu skond il-ġisem u jieħdu l-bżonnijiet spiritwali tagħ-hom minn post għola u għajn aktar safja.

Dan kollu kien it-tweġiba ta' Pawlu lil dawk li fittxew fiż-żmien tiegħu biex jagħmlu setta Iżraeljana mill-knisja. Dan jagħti tweġiba lil din ix-xorta partikulari ta' Ġudaiżmu llum.

Dan huwa dak li Pawlu ppriedka fuq *it-tama ta' Iżrael*, u ma hemm assolutament ebda mod biex tarmonizzah mat-teorija mill-enjali. Dak li Pawlu ikkumbatta, il-premillenjalisti jippruvaw li jer-ġgħu jwaqqfuh, sewwasew il-ħaġa li kienet imneħħija. Velu oħxon tabilħaqq għandu jkun qiegħed quddiem għajnejn dik il-persuna li ma tistax tara li *l-veru Iżrael huma ħolqien ġdid fi Kristu.*

### (3) L-allegorija ta' Pawlu taż-żewġ Nisa--Galatin 4:21-31.

L-applikazzjoni millenjali tal-profeziji tat-Testment il-Qadim dwar ir-restawrazzjoni nazzjonali ta' Iżrael hija f'konflitt dirett ma' l-allegorija ta' Pawlu taż-żewġ nisa.

Għal din il-parti ta' l-istudju tagħna, ħalli nduru għat-tabella fuq Galatin 4:31-32.

**L-ALLEGORIJA TA' PAWLU—Galatin 4:21-31**

1. **Żewġ nisa – Żewġ Rabtiet – Qadim u Ġdid**
2. **Żewġ Ulied – Żewġ Nazzjonjiet — Skond il-Ġisem u Spiritwali**
3. **Ħagar u Ismagħel ma kellhom xejn komuni ma' Sarah u Iżakk.**
   **Iżrael Nazzjonli m'għandu xejn komuni ma' Iżrael spiritwali**
4. **"Keċċi 'l barra l-qaddejja u 'l binha" (v. 30) – Il-Verdett Finali**

**PAWLU KONTRA L-BNEDMIN**

Issa ħalli naqraw is-silta:

> *"Għiduli, intom li tixtiequ toqogħdu taħt il-liġi, ma tisimgħux mil-liġi? Għax hu miktub, li Abraham kellu żewġ ulied, wieħed mill-qaddejja, u l-ieħor mill-ħielsa. Imma dak li kien bin il-qaddejja twieled skond il-ġisem; u bin il-ħielsa skond il-wegħda. U dawn il-ħwejjeġ huma tixbiha: Għax dawn huma żewġ rabtiet; waħda mill-muntanja Sinaj, li tiled għall-jasar, u din hi Ħagar. Għax din Ħagar hi l-muntanja Sinaj fl-Għarabja u taqbel ma' Ġerusalem ta' llum, u hi mjassra ma' wliedha. Imma Ġerusalem ta' fuq hi ħielsa, u hi ommna lkoll. Għax hu miktub: Ifraħ, ja ħawlija li ma tilidx; infexx għajjat, int li ma tħossx l-uġigħ tal-ħlas: għax il-mara mitluqa, kellha wisq aktar ulied minn dik li għandha żewġha. Issa ħuti, aħna wlied il-wegħda, bħal*

*ma kien Iżakk. Imma bħalma dak iż-żmien dak li kien imwieled skond il-ġisem ippersegwita 'l dak li kien imwieled skond l-Ispirtu, hekk hu issa wkoll. Madankollu xi tgħid l-iskrittura? Keċċi 'l barra l-qaddejja u 'l binha: għax bin il-qaddejja ma jiritx ma' bin il-ħielsa. Għalhekk, ħuti, maħniex ulied il-qaddejja, iżda wlied il-ħielsa*" (Galatin 4:21-31).

1. Iż-żewġ nisa huma ż-żewġ rabtiet, testmenti: il-qadim u l-ġdid—Sinaj u Ġerusalem.
2. Iż-żewġ ulied huma ż-żewġ nazzjonijiet: Dak skond il-ġisem u dak spiritwali—Ismagħel u Iżakk.
3. Ħagar u Ismagħel ma kellhom xejn komuni ma' Sarah u Iżakk. Mela Iżrael nazzjonali ma jista' jkollu xejn komuni ma' Iżrael spiritwali, u qatt ma jista' jkollu.

Il-konklużjoni ta' Pawlu mhijiex konġettura (opinjoni mibnija fuq bażi li mhix soda biżżejjed). Huwa jgħid: "Keċċu 'l barra l-qaddejja (il-premillenjaliżmu) u 'l binha (dawk kollha li jgħallmuh u jemmnuh); għax Iżrael skond il-ġisem u Iżrael spiritwali m'għandhomx jirtu flimkien. Billi Iżrael nazzjonali ma jistax jiret ma' Iżrael spiritwali—liema int tagħżel minnhom?

L-allegorija hija bbażata fuq dak lir-rakkont tat-Testment il-Qadim jgħid: li Sarah ordnat lil Abraham biex ikeċċi 'l barra lil Ħagar u 'l binha. Pawlu japplika din l-allegorija għall-kontroversja fuq il-kustjoni tal-Lhud. L-istess kif Ħagar u Ismagħel kienu mkeċċija 'l barra, Pawlu qal lil-Lhud fil-knejjes tal-Galazja li Iżrael skond il-ġisem ikollu jiġi mkeċċi 'l barra,

"*Għax bin il-qaddejja ma jiritx ma' bin il-ħielsa*" (Galatin 4:30).

Iżrael nazzjonali *ma jistax* ikollu xi wirt ma' Iżrael spiritwali. Kif Iżakk u Ismagħel *ma setgħux* jirtu flimkien hekk ukoll Iżrael nazz-jonali *ma jistax* ma' Iżrael spiritwali. Jekk Iżrael skond il-ġisem għandu jkun fil-millenju, Iżrael spiritwali *ma jistax* li jkun ukoll; u jekk l-Iżrael spiritwali għandu jkun fil-millenju, allura l-Iżrael nazzjonali *ma jistax* li jkun ukoll—għaliex l-ispirazzjoni

tgħidilna li huma *ma jistgħux* jirtu flimkien. Wieħed minnhom jitkeċċa 'l barra. Liema wieħed inti tagħżel? L-Iżrael spiritwali jew l-Iżrael nazzjonali, skond il-ġisem? Jiena nagħżel l-Iżrael spiritwali. Jekk l-Iżrael skond il-ġisem, aħna mmorru barra; jekk l-Iżrael spiritwali, aħna nibqgħu ġewwa—għalhekk, ma hemm ebda millenju fl-ebda mod!

Għalhekk Galatin kapitlu erba' huwa l-verdett finali fuq Iżrael skond il-ġisem. Dan jabolixxi kull tama tas-sovranità nazzjonali ta' Iżrael. L-aħħar twissija ta' Pawlu f'Galatin 5:1 tpoġġi d-daqqa ta' l-aħħar għall-argument:

> *"Żomm sħiħ mela fil-libertà li biha Kristu ħelisna, u terġgħux tinqabdu fil-madmad tal-jasar."*

Huwa Pawlu kontra l-bnedmin.

## IV. DIFFIKULTAJIET TAR-RESTAWRAZZJONI

Alla ma intenzjonax għan-nazzjon ta' Iżrael li jerġa' jeżisti u għalhekk waqqaf numru kbir ta' barrieri—Hu għamilha impossibbli. Impossibbli dwar il-wegħdiet li Hu għamel, dwar il-wirt li naqraw dwaru permezz tal-familja, dwar il-ġenealoġiji, dwar is-saltna u t-tribujiet mitlufa dwar it-tron ta' David, eċċ. Hawn huma xi raġunijiet għaliex:

### DIFFIKULTAJIET TAR-RESTAWRAZZJONI

1. **Wegħdiet ibbażati fuq li żżomm il-Liġi ta' Mosè – Dewt. 30:10; Neħ. 1:7-10.**
   **Il-Liġi ta' Mosè Imneħħija – Efesin 2:14-16**
2. **Wirt biss permezz ta' l-istat tal-Familja – Lev. 25; Eżdra 2:70; Ġer. 12:14.**
   **Ġenealoġiji Spiċċaw—Ipprojbiti – 1 Tim. 1:4' Titu 3:9**
3. **Is-Saltna tat-Tramuntana—Għaxar Tribujiet mitlufa—qatt ma jistgħu jkunu irrestawrati – Ħosegħa 1:4-6**
4. **Tron tad-Dinja ta' David Estint ma' Konjaħu – Ġer. 22:28-30**

## ĠESÙ KRISTU MA JISTAX JOKKUPA T-TRON TA' DAVID HAWN FUQ L-ART

**(1) Il-wegħdiet tar-restawrazzjoni ta' Iżrael kienu bbażati fuq li jżommu l-liġi ta' Mosè (Dewteronomju 30:1-10).**

Jintqal b'mod ċar ħafna li l-ewwel kondizzjoni li fuqha Iżrael jista' jkun irrestawrat għall-art tagħhom kienet dik ta' ubbidjenza għal-liġi ta' Mosè. F'Dewteronomju 30:1-10 naqraw hekk:

> *"U jiġri, wara li dawn il-ħwejjeġ kollha jiġu fuqek, il-barka u s-saħta, li jien qegħidtlek quddiemek, u tiftakarhom fost il-ġnus kollha fejn il-Mulej, Alla tiegħek, ikun tarrfek. U targa' lura għand il-Mulej, Alla tiegħek, u tobdi leħnu, int u wliedek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, skond kulma qiegħed nikkmandak illum; Illi mbagħad il-Mulej, Alla tiegħek, iġibek lura mill-jasar, u jkollu ħniena minnek, u jarġa' jiġimgħek minn fost il-ġnus kollha, li fosthom il-Mulej, Alla tiegħek, ikun xerrdek. Jekk x'uħud mill-imtarrfin tiegħek ikunu fl-aħħar truf tas-sema, minn hemm il-Mulej, Alla tiegħek jiġbrok, u minn hemm iġibek: U l-Mulej, Alla tiegħek, iġibek fl-art li missirijietek kellhom, u li int ikollok; u jagħmillek il-ġid, u jkattrek aktar minn missirijietek. U l-Mulej, Alla tiegħek, jagħmillek ċirkonċizjoni f'qalbek, u f'qalb nislek, biex tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, biex tgħix. U l-Mulej, Alla tiegħek, iqiegħed dawn is-saħtiet kollha fuq l-għedewwa tiegħek, u fuq dawk li jobogħduk, u jippersegwitawk. U targa' lura, u tobdi leħen il-Mulej, u tagħmel il-kmandamenti tiegħu kollha, li llum qiegħed nagħtik. U l-Mulej, Alla tiegħek, ifawrek b'kull ġid f'kull*

*xogħol ta' idejk, fil-frott ta' ġufek, u fil-frott tal-bhejjem tiegħek, u fil-frott ta' artek: għax il-Mulej jarġa' jifraħ jagħmillek il-ġid, bħal ma feraħ jagħmel il-ġid lil missirijietek. Jekk tobdi leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u tħares il-kmandamenti u l-istatuti tiegħu, li huma miktubin f'dan il-ktieb tal-liġi, u jekk tarġa lejn il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha.*"

Issa ħalli naqraw Neħemija 1:7-10,

"*Imxejna ħażin wisq miegħek, u ma ħarisniex il-kmandamenti, u lanqas l-istatuti, u l-ordinanzi, li int tajt lil Mosè, il-qaddej tiegħek. Ftakar, nitolbok, fil-kelma li int ordnajt lil Mosè, qaddej tiegħek, meta inti għidt: Jekk tidinbu, jien inxerridkom fost il-ġnus: Iżda jekk terġgħu lejja, u tħarsu l-kmandamenti tiegħi, u tagħmluhom, imqar jekk ikun hemm minnkom imtarrfin f'tarf is-smewwiet, jien niġmagħhom minn hemm; u nġibhom fil-post li għażilt biex ingħammar ismi fih. Issa dawn huma l-qaddejja tiegħek, il-poplu tiegħek, li int fdejt bil-qawwa kbira tiegħek u b'idek issetgħana.*"

Hekk għamel Neħemija f'Babel ikkwota minn Mosè f'Dewteronomju 30, juri li sabiex ikunu irrestawrati lejn arthom Iżrael għandhom imorru lura għal-liġi ta' Mosè, iżommuha u jobduha.

Imma l-liġi ta' Mosè kienet imneħħija. F'Efesin 2:14-16, l-appostlu Pawlu jghid,

"*Għax hu s-sliem tagħna, u t-tnejn għamilna wieħed u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna; Billi ħassar b'ġismu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi preċetti; biex mit-tnejn jagħmel fih innifsu bniedem wieħed ġdid, u hekk iġib is-sliem.*"

Hawn Pawlu jgħid li Kristu neħħa l-liġi ta' Mosè min-nofs. Imma mhux hekk biss, li *"t-tnejn għamilna wieħed"; "biex mit-tnejn jagħmel fih innifsu bniedem wieħed ġdid."* Sejjer il-Mulej jerġa' jifridna u jagħmilna **tnejn** minflok **wieħed**? Temmnu dan int? Imbagħad f'Kolossin 2:14-16 l-istess appostlu qal li l-liġi kienet imsammra mas-salib:

> *"Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħiha min-nofs, u sammarha mas-salib. U wara li nażża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuqhom fuq is-salib. Tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq ikel, jew ix-xorb, jew fuq jum ta' festa, jew il-qamar ġdid, jew il-jiem tas-sibt."*

Ukoll, fit-Tieni Korintin 3:6-7, 13-16 l-appostlu jgħid,

> *"Li għamilna wkoll ministri tajbin tar-rabta l-ġdida, mhux ta' l-ittra, imma ta' l-ispirtu: għax l-ittra toqtol, imma l-ispirtu jagħti l-ħajja. Issa jekk il-ministeru tal-mewt, miktub u minqux fil-ġebel, sar hekk glorjuż, li wlied Iżrael ma kinux jistgħu jħarsu lejn wiċċ Mosè minħabba l-glorja ta' wiċċu: glorja li kellha tgħaddi:....U mhux bħal Mosè, li kien iqiegħed velu fuq wiċċu, biex ulied Iżrael ma jħarsux lejn it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi. Iżda moħħhom kien imdallam: għax sa llum, waqt il-qari tat-testment il-qadim, l-istess velu jibqa' ma jitneħħiex: velu li jitneħħa fi Kristu. Imma wkoll sa llum, meta jinqara Mosè, hemm velu fuq qalbhom. Madankollu, meta qalbhom iddur lejn il-Mulej, il-velu jitneħħa."*

Minn dawn is-siltiet jista' jidher ċar li l-uniku mod li Iżrael kien jista' jkun irrestawrat kien billi jżommu l-liġi ta' Mosè. Billi

li żżomm il-liġi kienet kondizzjoni tar-restawrazzjoni, imma billi l-liġi kienet imneħħija għalkollox, kif jista' Iżrael nazzjonali jkun irrestawrat? Ikun meħtieġ li ġġib lura fl-eżistenza dik il-liġi li kienet imsammra mas-salib, dik il-liġi li kienet imneħħija, dik il-liġi li kienet imneħħija fi Kristu. Ma hemm ebda bażi oħra li fuqha tista' tirrestawra lil l-Iżrael nazzjonali. Dan ikun ifisser ir-restaw-razzjoni tal-liġi kollha ta' Mosè. Lest int għal dan? Il-fatt huwa li l-unika bażi għar-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali—il-liġi—kienet imneħħija għalkollox, u ma hemm ebda wegħda bħal din fl-Evanġelju. Għalhekk, huma m'għandhom ebda tama bħal din.

**(2) Il-wirt tagħhom ġie biss permezz ta' l-istat nazzjonali tagħ-hom.— Esdra 2:70.**

Il-liġi hija mqiegħda fuq dak il-punt f'Levitku 25:13-28.

> "*F'din is-sena tal-ġublew, kulħadd jarġa' għal li kellu…l-art ma tinbiegħx għal dejjem: għax tiegħi l-art; u intom frustieri u barranin miegħi…Imma jekk hu ma jkunx jista' jirres-tawraha għalih, l-art mibjugħa tibqa' għand ix-xerrej sas-sena tal-ġublew: u fil-ġublew toħroġ meħlusa, u jerġa' jeħoda dak li kienet tiegħu.*"

Hawn il-liġi speċifikament ipprovdiet li meta Iżrael jirritornaw lejn arthom, il-wirt tagħhom għandu jkun stabbilit permezz ta' l-istat tal-familja; u *biss permezz tal-wirt tagħhom* tista' r-restawrazzjoni tagħhom tkun imwettqa. Ħafna minn dawk li jgħallmu li Iżrael se jerġa' jkun irrestawrat dawn il-ħwejjeġ lanqas biss isemmuhom.

Isma' lil Ġeremija fuq dan il-punt:

> "*Hekk jgħid il-Mulej kontra l-ġirien ħżiena tiegħi, li messew il-wirt li jien tajt lill-poplu tiegħi Iżrael. "Arawni, se naqlagħhom minn Arthom u d-dar ta' Ġuda se naqlagħha minn nofshom. Mbagħad jiġri li wara li nkun qlaj-*

*thom nerġa' nħenn għalihom, nreġġagħhom lura 'l kull wieħed lejn wirtu, lil kull wieħed lejn artu*" (Ġeremija 12:14-15).

Issa, hija kustjoni ta' reġistrar li Iżrael osserva din il-liġi fir-ritorn minn Babel taħt Żerubbabel. Huma kienu kkmandati minn Esdra biex iwaqqfu l-istat tal-familja tagħhom, u jivverifkaw il-wirt tagħhom bħala kondizzjoni ta' restawrazzjoni għall-art tagħhom. Dan naqrawh f'Esdra 2:70:

"*U hekk il-qassisin u l-Leviti, u x'uħud mill-poplu, u l-għannejja, u l-bewwieba, u n-Netinin, għammru fil-bliet tagħhom; u Iżrael kollu fi bliethom.*"

Dik kienet il-liġi—imma Erodi l-antik qered il-ġenealoġiji tal-Lhud. Issa dawn ma jeżistux. Ikun assolutament impossibbli għal xi Lhudi fuq l-art li jittraċċja permezz ta' l-istat tal-familja. L-istati kienu meqruda, il-ġenealoġiji kienu meqruda, u l-appostlu Pawlu ordna lil Titu biex iċanfar lill-Kristjani Lhud għal kull sforz mill-parti tagħhom biex jistabbilixxu ġenealoġiji bħal dawn (Titu 3:9; 2 Timotju 2:14,16,23). Imma billi dawn ma jistgħux ikunu irrers-tawrati fuq xi bażi oħra, dan mhux biss jagħmel ir-restawrazzjoni tagħhom impossibbli, imma jagħti prova li kien Alla li għamilha hekk, u li mhijiex ir-rieda Tiegħu li n-nazzjon ta' Iżrael ikun irres-tawrat.

**(3) L-għaxar tribujiet tas-saltna tat-tramuntana *waqfu*—u taħt l-ebda ċurkustanza ma huma jistgħu jerġgħu jeżistu—Ħosegħa 1:1-11.**

Il-profeta Ħosegħa juri li waqt li l-Lhudija tkun irrestawrata, l-għaxar tribujiet ta' Iżrael jitilfu l-identità tagħhom wara r-ritorn minn Babel, ma jibqgħux aktar jeżistu separatament. Wara r-ritorn huma kienu lkoll poplu wieħed taħt l-isem ta' Ġuda, u taħt sultan wieħed, l-Alla ta' Iżrael. Biex nivverifika din l-istqarrija jiena naqra Ħosegħa 1:1-11:

"*Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Ħosegħa, bin Beri, f'jum Għużżija, Ġotam, Aħaż, u Ħeże-*

*kija, slaten ta' Ġuda, u f'jiem Ġerobogħam, bin Ġowas, sultan ta' Iżrael. Il-bidu tal-kelma tal-Mulej lil Ħosegħa. U l-Mulej qal lil Ħosegħa: Mur, ħu mart iż-żena, u wlied iż-żena; għax l-art qiegħda tiżni wisq, billi telqet il-Mulej. U mar u ħa 'l Gomer, bint Diblajm: u tqalet, u wilditlu iben. U l-Mulej qallu: Semmih Ġiżragħel, għax wara ftit nitħallas minn dar Ġeħu tal-qtil ta' Ġiżragħel, u neqred is-saltna ta' dar Iżrael. U jiġri f'dak il-jum, li nkisser qaws Iżrael f'wied Ġiżragħel. U reġgħet tqalet, u wildet bint. U qallu: Semmiha Lo-ruħama: għax ma nżidx iżjed inħenn għal dar Iżrael, li naħfrilhom. Iżda nħenn għal dar Ġuda; u nsalvahom bil-Mulej, Alla tagħhom, u ma nsalvahomx bil-qaws, u bis-sejf, u bil-gwerra, u biż-żwiemel, u bir-rikkieba. Issa meta fatmet lil Lo-ruħama, tqalet, u wildet iben. Imbagħad Alla qal lil Ħosegħa: Semmih Lo-ammi: għax intom mintomx il-poplu tiegħi, u jien ma nkunx Alla tagħkom. Madankollu, għadd ulied Iżrael ikun daqs ir-ramel tal-baħar, li ma jistax jitkejjel u lanqas jingħadd: u jiġri, li flok ma jgħidulhom: Intom mintomx il-poplu tiegħi, jgħidulhom: Intom ulied Alla l-ħaj. U mbagħad jinġemgħu wlied Ġuda, u wlied Iżrael flimkien, u jqiegħdu għalihom kap wieħed, u jfuru fil-pajjiż, għax kbir ikun jum Ġiżragħel."*

Fil-versi 1 sa 3 ta' dan il-qari Ġeremija jiddeskrivi permezz ta' parabbola iż-żena ta' Iżrael. Fil-versi 4 sa 5 huwa jgħid pożittivament li Alla "*jikkawża li jeqred is-saltna ta' dar Iżrael*." F'vers 6 huwa jiddikjara li Alla "*ma jżidx aktar ħniena fuq dar Iżrael*" imma "li jneħħihom għal kollox." F'vers 9 Alla qal lil Iżrael, "*intom mintomx il-poplu tiegħi, u jien ma nkunx Alla tagħkom*." Imbagħad, f'versi 10 u 11, il-profeta jgħid li wara r-ritorn Iżrael

ma jibqax aktar; Alla jkollu ħniena fuq Ġuda, imma mhux fuq Iżrael, u wara r-ritorn huma jkunu poplu wieħed, taħt ras waħda, Ġuda—u taħt sultan wieħed—l-Alla ta' Iżrael.

Il-viżjoni ta' Ħosegħa tqum mit-temporali għall-ispiritwali. Mela f'vers 10 l-profeta jgħid:

> "*Madankollu, għadd ulied Iżrael ikun daqs ir-ramel tal-baħar, li ma jistax jitkejjel u lanqas jingħadd; u jiġri, li flok ma jgħidulhom: Intom mintomx il-poplu tiegħi, jgħidulhom: Intom ulied Alla l-ħaj.*"

Din il-parti tal-profezija tirriferi, l-ewwel, għal Ġuda u Iżrael fi Kristu taħt ir-rabta l-ġdida u, it-tieni, għall-knisja kollha magħmula mill-Ġentili u mil-Lhud. Din l-applikazzjoni fi tnejn hija magħ-mula fit-Testment il-Ġdid permezz ta' "dan hu dak" ta' l-appostli ispirati.

L-ewwel, Pawlu qal f'Lhud 8:7-8,

> "*Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni. Għax billi sab xi jgħid fuqhom, qal: Ara, il-jiem jiġu, qal il-Mulej meta nagħmel rabta ġdida mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda.*"

Hawn l-appostlu Pawlu jikkwota minn Ġeremija 13:31. Meta Ġeremija lissen il-profezija kienet Iżrael u Ġuda. F'li jikkwota lil Ġeremija Pawlu segwa l-istess kliem, "*mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda,*" iżda f'vers 10 huwa jwaqqa' d-distinzjoni, juri lid-distinzjoni spiċċat—il-Patt il-Ġdid kien magħmul mad-dar ta' Iżrael, magħmula mit-tnejn, minn Iżrael u minn Ġuda li **saru wieħed**.

It-tieni, il-parti ta' l-aħħar ta' vers 10 hija ikkwotata fit-Testment il-Ġdid kemm minn Pawlu u kemm minn Pietru u applikata għall-Ġentili jsiru wlied Alla mal-Lhud. Isma' x'għandu xi jgħid l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, f'Rumani 9:25-26,

> "*Bħal ma jgħid ukoll f'Ħosegħa: insejħil-hom poplu tiegħi, lil dawk li ma kinux poplu tiegħi: u maħbuba, lil dik li ma kenitx maħ-*

*buba. U jiġri, li fejn kienu jgħidulhom: Mintomx poplu tiegħi; hemm jissejħu wlied Alla l-ħaj.*"

Pawlu hawn jikkwota l-Ħosegħa biex juri li kien l-iskop ta' Alla mill-bidu biex isejjaħ lill-Ġentili, li f'dak iż-żmien ma kinux l-ulied ta' Alla u ma kinux maħbuba għall-fiduċja tagħhom f'Alla; huma jsiru fidili, u hekk ikunu msejħa maħbuba. Dan kien l-argument ta' Pawlu li Alla għamilna lkoll "*ħwejjeġ tal-ħniena*" f'Ġesù Kristu,

> "*U magħna wkoll, li hu sejħilna, mhux biss mil-Lhud, imma wkoll mill-Ġentili*" (Rumani 9:23-24 ).

Imbagħad fl-Ewwel Pietru 2:10 l-appostlu Pietru jirriferi għall-istess post f'Ħosegħa, u jagħmel l-istess applikazzjoni għall-Ġentili magħmula minn Pawlu f'Rumani 9:25-26. Pietru jgħid,

> "*Intom li fl-imgħoddi ma kontux poplu, imma issa l-poplu ta' Alla: li ma kontux qlajtu ħniena, imma issa qlajtu ħniena.*"

Dan iqegħed f'postha t-tifsira ta' Ħosegħa 1:1-11, kemm f'sens sekulari u kemm f'sens spiritwali u jeqred it-teorija tar-restawrazz-joni futura ta' Iżrael.

Il-fatt li l-għaxar tribujiet ta' Iżrael waqfu għal dejjem*, biex qatt ma jerġgħu jeżistu aktar*, jippreżenta diffikultà enormi għar-res-tawrazzjoni futura ta' Iżrael. Dan jagħti prova 'l fuq minn kull dubju li Alla ma intenzjonax ir-restawrazzjoni tagħhom u iffissa l-barrieri li ma jistgħux jittneħħew. Iżda għad hemm fatti oħra li nsemmu fix-xhieda kbira fuq dawn id-diffikultajiet tar-restawrazz-joni ta' Iżrael.

### (4) It-tron tad-dinja ta' Iżrael huwa mneħħi mill-eżistenza.—Ġeremija 22:24-30.

It-tron tad-dinja ta' David spiċċa għal kollox f'Konjaħu u Ġeremija iddikjara li ebda bniedem minn nisel tiegħu m'għandu jkollu r-riżq, ipoġġi fuq it-tron ta' David, u jaħkem f'Ġuda.

Naqraw f'Ġeremija 22:24-30,

“*Daqskemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, imqar kieku Konjaħu, bin Ġeħojakim, sultan ta’ Ġuda, kien siġill f’idi l-leminija, minn hemm naqilek….Jaqaw dan Konjaħu hu idolu mkabbar, imkisser? Jaqaw hu ħaġa li ma togħġobx? Għaliex mormijin hu u nislu, mormijin f’art li huma ma jafuhiex? Ja art, art, art, isma’ l-kelma tal-Mulej. Hekk jgħid il-Mulej: Iktbu lil dar-raġel, raġel bla wlied, li ma jkollux riżq f’ħajtu:* ***għax ħadd minn nislu ma jkollu riżq, billi joqgħod fuq it-tron ta’ David, u jarġa’ jaħkem fuq Ġuda****.*” (Ġeremija 22:24, 28. Enfasi tiegħi).

Issa, Konjaħu kien jappartjeni għal-linja ta’ David u kien minn nisel ta’ David. Hu ma kienx bla tfal fis-sens fiżiku, hu kien missier ta’ bosta wlied subjien, u l-ismijiet tagħhom huma mogħti-ja f’bosta postijiet fir-rakkont tat-Testment il-Qadim. Hu kien bla tfal fis-sens irriferut minn Ġeremija. Din kienet proklama lit-tron tad-dinja ta’ David ma jibqax aktar, hu ma jkollux aktar nisel warajh fuq it-tron, it-tron ta’ David spiċċa. Ir-raġel li segwih fuq it-tron kien Sedekija, ibnu, imma hu kien il-prinċep ta’ Nebukad-nessar, qaddej tas-sultan ta’ Babel, u ma kellu ebda dritt għat-tron. Dan il-fatt huwa msemmi fit-Tieni Kronaki 36:10, impoġġi fil-kronaki divini għal skop li Nebukadnessar “*għamel lil Sedekija sultan fuq Ġuda u Ġerusalem.*” Li hu ma kellux dritt għat-tron hu enfasizzat aktar ’il quddiem b’dikjarazzjoni elokwenti tal-profeta Eżekjel. Jitkellem dwar Sedekija, il-profeta jesklama:

“*U int, o prinċep ta’ Iżrael, bla ġieh u midgħi, li wasal jumu, fiż-żmien ta’ tmiem il-ħażen. Hekk jgħid il-Mulej: Neħħi t-turbant u aqla’ l-kuruna: xejn ma jibqa’ kif inhu: għolli lil min hu baxx, u baxxi lil min hu għoli. Ħerba! ħerba! Nagħmilha: hi wkoll ma tibqax iżjed, sama jiġi min lilu tmiss bil-ħaqq, u nagħtihielu*” (Eżekjel 21:25-27).

Billi ma kellux dritt għat-tron, Alla neħħa "t-turbant (dijadema) u qala' l-kuruna" minn Sedekija, u t-tron tiegħu kien maqlub.

Imma Ġeremija qal li ebda wieħed minn nisel ta' Konjaħu ma jkollu r-riżq, billi joqgħod fuq it-tron ta' David, u jarġa' jaħkem fuq Ġuda. X'tifsira għandha din id-dikjarazzjoni fuq is-suġġett? Sempliċiment din: Ġesù Kristu ġie minn nisel ta' Konjaħu skond il-ġenealoġiji ta' Mattew u Luqa, waħda tistabbilixxi n-nisel naturali u l-oħra n-nisel legali ta' Ġesù Kristu, waħda permezz ta' Ġużeppi u l-oħra permezz ta' Marija. Ir-rakkont tat-Testment il-Ġdid idaħħal l-ismijiet ta' Ġekonija u Saltijel ibnu, fil-linja diretta fiżika ta' Ġesù Kristu. Ġesù, billi huwa minn nisel dinji ta' Konjaħu, ma jistax, mela, skond Ġeremija, "*jkollu r-riżq u joqgħod fuq it-tron ta' David, u jerġa' jaħkem fuq Ġuda*"—innota l-kliem, "*u jerġa' jaħkem fuq Ġuda.*" Jekk Ġesù Kristu kellu jiġi fuq din l-art u joqgħod fuq it-tron ta' David f'Ġuda, Ġeremija jgħid pożittiva-ment li Hu ma jistax ikollu r-riżq fuq dak it-tron**, u jerġa' jaħkem fuq Ġuda**. Dan iġib fit-tmiem it-tron dinja ta' David; dan ġie fit-tmiem, spiċċa għal kollox f'Konjaħu. Kien meħud minn Sedekija. Alla neħħa t-turbant jew dijadema u ħadlu l-kuruna tiegħu, qaleb it-tron tiegħu, u Eżekjel qal li dan ma jibqax *iżjed "sa ma jiġi min lilu tmiss bil-ħaqq.*" Dak li kellu jiġi kien Kristu, li Lilu biss jappartjeni t-tron, u Kristu joqgħod fuqu mhux "f'Ġuda" imma fis-smewwiet. Barra minn dan, Eżekjel qal ċar li "xejn ma jibqa' kif inhu," ma jibqax l-istess. Tinsix x'qal l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16. Enfasi tiegħi).

Żgur li dan il-kliem ma jaqbilx mat-tagħlim falz tal-millenjalisti li Ġesù Kristu se jerġa' jiġi fil-ġisem u jsaltan għal elf sena fuq l-art fuq it-tron ta' David! It-tron tad-dinja ta' David spiċċa, qatt aktar ma jerġa' jeżisti. U dan il-fatt jippreżenta diffikultà kbira oħra fit-triq tar-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali. Din tieqaf direttament kontra dawn it-teoriji foloz.

**(5) Fl-aħħarnett—ir-reġistrar kollu tal-ġenealoġiji tan-nazzjon ta' Iżrael spiċċa u mar, u l-Kristjani Lhud kienu ikk-mandati biex jaħarbuhom kwistjonijiet bħal dawn.—Titu 3:9.**

Pawlu qal lil Titu:

> "*Imma aħrab kwistjonijiet boloh, u sensil tan-nisel (ġenealoġiji), u ġlied, u tilwim fuq il-liġi; għax huma bla fejda u fiergħa*" (Titu 3:9).

Lil Timotju, Pawlu qallu:

> "*Bħal ma tlabtek biex tibqa' iżjed Efesus, meta jien mort il-Maċedonja, biex tordna lil x'uħud biex ma jgħallmux tagħlim ieħor, lanqas iħabblu rashom bi ħrejjef u sensil bla tarf tan-nisel (ġenealoġiji) li jqanqlu ġlied, aktar milli jibnu l-qdusija li tiġi mingħand Alla; u dan bil-fidi: hekk agħmel*" (1 Timotju 1:3-4).

Pawlu evidentament ma kienx qiegħed iħeġġeġ lil dawn il-Kristjani Lhud biex ipoġġu t-tamiet tagħhom fuq linja fiżika u restawrazzjoni skond il-ġisem!

Ikun jeħtieġ miraklu perpetwu biex ma jħallix lil-Lhud infushom milli jitħalltu wkoll fiż-żwiġijiet Lhud tagħhom ħalli b'hekk jippriservaw it-tribujiet u l-wirt tagħhom, u b'hekk jagħmlu possibbli restawrazzjoni għall-istat tagħhom, li mingħajr dan, skond Mosè, Ġeremija, Esdra, u Neħemija, ir-restawrazzjoni għall-art tagħhom tkun fiżikament u skond il-liġi impossibbli. Alla kien, huwa Nnifsu, li neħħa dak is-suġġett mill-qasam tad-dibattitu u l-kontroversja. Huma biss dawk li huma għomja bit-teoriji li jistgħu jinjoraw il-fatti ta' dawn biex ikomplu dak l-istorbju ta' spekulazz-joni li l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ikkun-danna u ħalla lil Timotju biex jopponi f'Efesus.

Mela, kif tgħid l-Iskrittura Mqaddsa, il-wegħda tar-restawrazzjoni kienet ibbażata fuq ubbidjenza għal-liġi ta' Mosè, u dik il-liġi kienet imneħħija; il-wirt jista' jkun stabbilit biss permezz ta' l-istat tal-familja tal-Lhud li kien ilu ħafna li ġie meqrud għal

kollox u għal dejjem; is-saltna ta' Iżrael, l-għaxar tribujiet, spiċċaw biex qatt aktar ma jerġgħu jeżistu; it-tron dinji ta' David spiċċa f'Kon-jaħu u ebda bniedem qatt ma jista' jkollu r-riżq li joqgħod fuq it-tron ta' David, jaħkem f'Ġuda. Il-ġenealoġiji tal-Lhud spiċċaw; u l-appostlu Pawlu ikkmanda lill-Kristjani Lhud, u lill-Kristjani l-oħra kollha, biex iwarrbu kull spekulazzjoni ta' Iżrael fiżiku nazzjonali bħal din. Għalhekk, ir-restawrazzjoni ta' Iżrael fiżiku nazzjonali hija fiżikament, legalment u spiritwalment impossibbli.

Nikkonkludi l-lezzjoni tagħna fuq Iżrael fit-Testment il-Ġdid, huwa fl-ordni li niddiskutu l-konverżjoni tal-Lhud—jekk u meta u kif il-Lhud għandhom jikkonvertu għal Kristu—fid-dawl ta' l-argument ta' Pawlu fuq:

> "*U hekk Iżrael kollu jkun salvat*" (Rumani 11:26).

## IV. IL-KONVERŻJONI TA' IŻRAEL

Il-fehma żbaljata li Iżrael ikun ikkonvertit bħala nazzjon fi jew immedjatament wara t-tieni miġja ta' Kristu tkun teħtieġ serje ta' ġrajjiet mirakolużi li jħawwdu għal kollox l-idea ta' l-Evanġelju tal-konverżjoni.

Il-millenjalisti jgħidulna lit-tieni miġja ta' Kristu hija imminenti, waslet, lesta biex issir u tista' ssir minn mument għall-ieħor. Dan il-kliem issa ilu jintqal għal snin twal mill-millenjalisti. Iżda huma jgħidu lin-nazzjon Lhudi għandu jkun ikkonvertit u irrestaw-rat jew qabel jew meta dan isir. Mela jekk Ġesù Kristu jiġi immed-jatament, dan ikun ifisser il-konverżjoni immedjata u għalhekk il-konverżjoni mirakoluża tan-nazzjon kollu kemm hu ta' Iżrael. Għax, jekk il-miġja ta' Kristu hija imminenti, il-konverżjoni nazz-jonali ta' Iżrael, jew kull ġrajja oħra li ġejja, ikunu wkoll imminen-ti. Aktar minn hekk, dan ikun ifisser it-trasportazzjoni immedjata tagħhom u għalhekk mirakoluża bħala nazzjon, għall-art tal-Pales-tina. Jekk Iżrael nazzjonali jkun ikkonvertit u irrestawrat għall-Palestina qabel il-millenju, dan ikun jeħtieġ konverżjoni mirako-luża tal-massa tan-nazzjon kollu kemm hu ta' Lhud kuntrarju għall-pjan ta' l-Evanġelju, u jagħmel

il-ħtieġa ta' trasportazzjoni tal-massa matul l-ibħra u l-oċejani tad-dinja għall-art tal-Palestina.

Jiena nirreptih dan—il-prepożizzjoni li n-nazzjon ta' Iżrael ikun ikkonvertit u irrestawrat immedjatament qabel jew wara l-miġja ta' Kristu titlob għall-konverżjoni u trasportazzjoni istantan-ja ta' nazzjon sħiħ ta' nies li ma jemmnux għall-art ta' Kangħan. Ir-ritorn momentarju ta' Kristu, skond din it-teorija, jagħmel bit-tferfix u bil-għaġla serje ta' ġrajjiet mirakolużi li jwaqqgħu għal kollox il-pjan kollu tas-salvazzjoni—ġrajjiet li jistgħu jsiru awl il-lejl—trasportazzjoni fenomenali ta' razza sħiħa ta' nies, nazzjon ta' Lhud, matul il-baħar, ġrajja sopranaturali li tagħmel il-qsim l-antik tal-Baħar l-Aħmar jidher bħal ċaflisa fi ftit ilma! Fenomena bħal dawn huma għal kollox kuntrarju għall-prinċipji kollha tal-konverżjoni—madankollu, f'nuqqas ta' rispett lejn l-Evanġelju bħala l-qawwa ta' Alla li ssalva (Rumani 1:16), dik hija l-idea bla raġuni li għandhom ħafna nies dwar il-konverżjoni ta' Iżrael.

Għall-sommarju tal-prinċipji li jiggvernaw il-konverżjoni ta' Iżrael, jekk Iżrael ikun ikkonvertit, jiena nqiegħed l-istqarrijiet kategoriċi li ġejjin:

L-ewwel***: Il-konverżjoni ta' Iżrael għandha tiġi fil-fini tal-Kummissjoni l-Kbira***.

(1) Il-Kummisjoni l-Kbira hija għall-ġnus kollha (Mattew 28: 18-20).

Il-kummissjoni skond Mattew tgħid:

> "*Morru mela, u għallmu* ***l-ġnus kollha****, u għammdhuhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (enfasi tiegħi).

Il-kummissjoni skond Mark tgħid:

> "*Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju* ***lil kull maħluq***" (Mark 16:16. Enfasi tiegħi)

Il-kummissjoni skond Luqa tgħid:

> *"U li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu* ***fost il-ġnus kollha****, ibda minn Ġerusalem*" (Luqa 24:47. Enfasi tiegħi).

(2) Il-Kummissjoni l-Kbira kienet indirizzata għall-ulied Iżrael. Naqraw f'Atti 10:34-37:

> *"Imbagħad Pietru feraħ fommu, u qal: Tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd: Imma* ***f'kull ġens****, dak li għandu l-biża' tiegħu, u jagħmel is-sewwa, hu milqugħ minnu. Il-kelma li Alla bagħat lil ulied Iżrael, li xxandar is-sliem b'Ġesù Kristu: (hu s-Sid ta' kulħadd): Dik il-kelma, tafu intom, imxiet fil-Lhudija kollha, u bdiet mill-Galilija, wara l-magħmudija li xandar Ġwanni*" (enfasi tiegħi).

F'dan il-kapitlu ta' Atti l-appostlu Pietru jagħmel din il-propożizzjoni ċara f'serje ta' stqarrijiet loġiċi. F'versi 34 u 35 huwa jgħid li "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*," li kulħadd f'kull nazzjon huwa aċċettat , huwa suġġett aċċettat ta' l-Evanġelju. F'versi 36 u 37 Pietru jgħid li l-kelma li kienet ippublikata "*matul il-Lhudija kollha*" u wara li l-ministeru ta' Ġwanni kien għalaq, hija l-Kelma li Alla (li "bdiet mill-Galilija") "*bagħat lil ulied Iżrael.*" Issa, il-kelma li "*bdiet mill-Galilija*" mhi xejn aktar jew inqas mill-Kummissjoni l-Kbira, li kienet mogħtija lid-dixxipli fuq għolja fil-Galilija "*fejn Ġesù kien qalilhom*" (Mattew 28:16)—u kien hemm li:

> *"Ġesù resaq u kellimhom, billi qal, Kull setgħa hi mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Din "*hija l-kelma*," skond Pietru, *"li Alla bagħat lil Ulied Iżrael, li xxandar is-sliem b'Ġesù Kristu.*" Din hija spjega appostolika ta' kif il-Lhud kellhom ikunu salvi, u billi Pietru "ra" li Alla "*ma*

*jħares lejn wiċċ ħadd*" huwa qal lill-Ġentili tad-dar ta' Kornelju l-istess kliem "li bih" huma wkoll għandhom ikunu salvi.

(3) Il-Kummissjoni l-Kbira toffri l-istess termini tas-salvazzjoni lil-Lhud li din toffri lill-Ġentili, u ma hemm ebda favuri speċjali fil-preżent jew fil-futur—Atti 15:9.

L-Ispirtu s-Santu jgħid permezz ta' Pietru,

> "*U ma għażel xejn bejna u bejnhom, billi naddaf qalbhom bil-fidi*" (Atti 15:9).

Quddiem l-appostli u x-xjuħ tal-knisja f'Ġerusalem Pietru iddikjara li Alla "*ma għamel ebda għażla (differenza) bejna u bejnhom*"—u Pawlu jgħid lir-Rumani li l-Evanġelju huwa għat-tnejn, Lhud u Ġentili (Rumani 1:16—u li "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*" (Rumani 2:11).

(4) Il-Kummissjoni l-Kbira tiġi fit-tmiem ma' din l-epoka u jekk il-Lhud ma jaċċettawx l-Evanġelju f'din it-taqsima, ma hemm *ebda* proviżjonijiet għas-salvazzjoni tagħhom f'xi epoka oħra (ara 1 Pietru 1:10-25).

Ir-rakkont ta' Mattew tal-Kummissjoni l-Kbira jgħid li din, il-kummissjoni ta' l-Evanġelju testendi "sa tmiem id-dinja" (Mattew 28:20). Ibbażat fuq dan il-fatt l-appostlu Pietru jindirizza argument lil-Lhud fuq iż-żmien u l-mod tas-salvazzjoni tagħhom. Dan l-argument jinsab fl-ewwel kapitlu ta' l-ewwel ittra tiegħu. Vers 1 juri li l-ittra kienet indirizzata lil-Lhud imxerrda. Versi 10 sa 12 jirriferu għas-salvazzjoni li dwarha l-profeti "stħarrġu" u li "ħabb-ru," liż-żmien tagħha kien fit-taqsima preżenti ta' Kristu, u li l-mod tagħha kien f'ubbidjenza għall-Evanġelju irrivelata lil l-app-ostli mill-ispirtu s-Santu "*li issa huma mħabbrin lilkom minn dawk li xandrulkom l-evanġelju bl-Ispirtu s-Santu*" (v. 12). Vers 17 ifak-karhom li dawk kollha li "*jsejħu l-Missier, li bla ma jħares lejn wiċċ ħadd, jagħmel ħaqq minn kulħadd skond egħmilu* (lil-Lhud) biex jgħaddu ż-żmien fil-biża'. Kien "iż-żmien" mela, għalihom li jsalvaw. Versi 18 sa 21 assigurawhom li Kristu *kien "imgħarraf f'dawn l-aħħar żminijiet għalikom li bih intom temmnu f'Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet*" ħalli "l-fidi u t-tama" tagħhom "ikunu f'Alla." Pietru qal li din is-salvazzjoni kienet ġiet offruta lilhom "f'dawn l-aħħar żminijiet." Jekk din it-

taqsima hija "l-aħħar żminijiet" għal-Lhud biex ikunu salvi, kif jista' jkun hemm żmien fil-futur għalihom? Dak huwa eżattament il-punt li jagħmel Pietru f'vers 25 fejn jgħid:

> "*U din hi l-kelma li bl-evanġelju hi mxandra lilkom.*"

Għalhekk, fl-ewwel kapitlu ta' l-ewwel Pietru, l-appostlu ta' Pentekoste jpoġġi 'l quddiem f'argument komplut li issa hu ż-żmien għas-salvazzjoni għal-Lhud u li aċċettar ta' l-Evanġelju huwa **l-uniku** mod tas-salvazzjoni għalihom.

(5) Jekk il-Lhud iwarrbu l-Evanġelju ta' Kristu f'din it-taqsima (żmien)—huma jintilfu—Atti 13:16-46.

Il-fatt lis-salvazzjoni ta' Iżrael kienet ir-responsabbiltà ta' kull individwu Lhudi u ikkondizzjonata fuq l-aċċettar tiegħu ta' l-Evanġelju ta' Kristu huwa l-punt prominenti tal-priedka ta' Pawlu lil-Lhud f'Antijokja. Dan naqraw dwaru f'Atti 13.

F'vers 17 Pawlu rrifera għalih bħala "*dal-poplu ta' Iżrael*" li "missirijiet" Alla għażel, u li "*għammar bħala barrani fl-art ta' l-Eġittu*" u li Alla "*ħariġhom minn hemm bi driegħ merfugħ.*" Malajr jittraċċjaw l-istorja tagħhom matul it-Testment il-Qadim, f'vers 24, Pawlu jirriferi għall-miġja tal-Messija u għax-xandir preparatorju ta' Ġwannia 'l Battista "qabel il-miġja tiegħu" meta hu l-ewwel ippriedka "lill-poplu kollu ta' Iżrael." F'vers 26 Pawlu sejħilhom "in-nisel ta' Abraham" u qal "*lilkom intbagħtet il-kelma ta' din is-salvażżjoni.*" F'vers 33 Pawlu jidentifika lilu nnifsu u l-Lhud kollha li lilhom kien qiegħed ikellem bħala fost l-Iżrael li, jekk għandhom ikunu salvi, għandhom ikunu salvi permezz tal-kelma tas-salvazzjoni li ntbagħtet lilhom u li hu kien qiegħed jippriedka—"Alla wettaqha magħna wliedhom"—innota Pawlu qal, "magħna (aħna) wliedhom." Hekk, jindirizza lil-Lhud, Pawlu sejħilhom "irġiel ta' Iżrael" (v. 16), "in-nisel ta' Abraham" (v. 26), li kienu "l-poplu kollu ta' Iżrael" (v. 24), u irrifera għalih innifsu u għal-Lhud l-oħra kollha bħala "magħna (aħna) wliedhom" (v. 33). F'vers 38 Pawlu qal ċar li huwa biss "*permezz ta' dal-bniedem, Kristu, il-maħfra tad-dnubiet hija mxandra lilkom*" Imma meta l-Lhud irrifjutaw li jkomplu jisimgħu, f'vers 46 Pawlu qalilhom li din is-salvazzjoni "*l-ewwel kienet imxandra*

*lilkom*" iżda billi huma biċ-ċaħda tagħhom ta' l-Evanġelju iġġudikaw lilhom infus-hom "*li ma jistħoqqilhomx il-ħajja ta' dejjem*" minn dak il-waqt hu "*jdur għall-Ġentili.*" Hemm biss konklużjoni waħda possibbli mill-priedka ta' Pawlu lil-Lhud f'Antijokja f'Atti 13: l-unika tama ta' kull Lhudi jew Iżraelit hija fl-ubbidjenza għall-Evanġelju ta' Kristu issa—ma hemm ebda tama oħra, u ma hemm ebda mod ieħor.

It-tieni: ***Iċ-ċirkonċiżjoni ta' Iżrael għandha tiġi fi ħdan il-fehma tat-Testment il-Ġdid***.

Hawn aħna niġu għall-kapitli 10 u 11 ta' Rumani, li sfortunatament, ikkunsidrati minn xi reliġjużi bħala li huma l-kapitli "tar-res-tawrazzjoni ta' Iżrael" fit-Testment il-Ġdid." Issa jiena sejjer nuri li ma hemm l-ebda l-iċken sinjal jew ħjiel ta' restawrazzjoni pre-millenjali Lhudija fl-ittra lir-Rumani. Ħalli nanalizzaw kapitli 10 u 11 ta' l-ittra lir-Rumani.

(1) Ix-xewqa u t-talba ta' Pawlu.—Rumani 10.

F'Rumani 10:1 Pawlu qal:

> "*Ħuti, ix-xewqa ta' qalbi u t-talba tiegħi 'l Alla għal Iżrael huma li jkunu salvati.*"

Madankollu, għalkemm kellu din ix-xewqa kbira, is-salvazzjoni ta' Iżrael għandha ssir f'armonija mal-pjan divin tas-salvazzjoni, għalhekk hu qal f'vers 8,

> "*Imma xi tgħid l-Iskrittura fuq dan il-punt? Il-kelma qiegħda ħdejk, f'fommok stess, u f'qalbek: jiġifieri l-kelma tal-fidi, li aħna nxandru.*"

Din l-istqarrija segwita minn vers 9:

> "*Għax jekk int Iżrael tistqarr b'fommok 'il Sidna Ġesù, u temmen f'qalbek li Alla qajmu mil-imwiet, int issalva.*"

Għaliex hekk? "*Għax bil-qalb il-bniedem (kull bniedem) jemmen fil-ħaqq; u bil-fomm wieħed jistqarr għas-salvazzjoni*"—u

Iżrael mhumiex eċċezzjoni. Il-versi li jmiss (versi 11 u 12) hekk jgħidu:

> "*Għax l-Iskrittura tgħid: Kull min jemmen fih ma jargħax il-mistħija. Għax mhemmx għażla bejn Lhudi u Grieg: għax l-istess Mulej fuq kulħadd hu għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

Imbagħad f'versi 16 sa 21 l-appostlu juri kif Iżrael irrifjuta milli jisma', jemmen u jobdi:

> "*Iżda huma mhux kollha laqgħu (obdew) l-evanġelju.*"

Madankollu,

> "*Il-fidi tiġi mis-smigħ; u s-smigħ bil-kelma ta' Alla*" (v. 17).

U jekk iżrael ma jismax il-kelma, jemmen, u jobdi l-Evanġelju, ma hemm ebda salvazzjoni għalihom. Iżda, l-appostlu jippreżenta lil Alla bħala li jitlob bil-ħniena lil Iżrael diżubbidjenti matul il-perjodu kollu ta' l-Evanġelju Naqraw f'vers 21,

> "*Il-jum kollu ftaħt idejja għall-poplu li ma jobdix u rasu iebsa.*"

Huwa evidenti li dan it-talb bil-ħniena "*il-jum kollu*" jkompli permezz ta' aġenziji ta' l-Evanġelju offruti lil kulħadd mingħajr ebda distinzjoni.

> "***U hekk** Iżrael kollu jkun salvat…*" (Rumani 11:26).

"*U hekk*," b'dan il-mod, Iżrael ikun salvat. B'liema mod? Bil-mod naqraw dwaru f'Rumani 10.

Ħalli nistaqsi din il-mistoqsija: Jekk is-salvazzjoni tkun offruta lil Iżrael qabel, waqt, jew wara r-ritorn ta' Kristu, indipendentament mill-Evanġelju li ppriedka l-appostlu Pawlu lilhom—għaliex din l-ansjetà kollha f'qalb l-appostlu għalihom. Kieku Pawlu kien jaf li huma **lkoll** fl-aħħar kellhom ikunu salvati u irrestawrati, minkejja l-Evanġelju, u miġbura f'futur glorjuż

millenjali—kif hu kien jista' jħoss ansjetà ta' disperazzjoni bħal dik għas-salvazzjoni ta' Iżrael? Il-fatt hu, Pawlu kien jaf li l-unika tama tagħhom kienet (u hija llum) fl-Evanġelju li hu ħabbrilhom, u l-ansjetà tiegħu kienet għalihom biex jobduh, billi xi wħud minnhom li hu sejħil-hom "fdal," kienu diġa obdewh.

"*Iżda huma mhux kollha laqgħu l-evanġelju*" (v. 16)

Dan ifisser li kien hemm xi wħud li laqgħu jew obdew l-Evanġelju. Huwa dan "il-fdal," dawk li laqgħu, obdew l-Evanġelju, li se niddiskutu dwaru fil-kapitlu li jmiss.

(2) Il-fdal skond il-ħatra.—Rumani 11.

Jikkonkludi l-argument fuq l-istatus ta' Iżrael, l-appostlu jittratta bit-tweġiba għall-mistoqsijiet diffiċli:

"*Jaqaw rema Alla l-poplu Tiegħu?*" (v. 1).

It-tweġiba kienet le. Bħala nazzjon Alla keċċihom 'il barra, imma bħala poplu, Hu ma warrabhomx, għax ilkoll jistgħu jsalvaw kif ħafna minnhom kienu u qed ikunu salvati, u dak li darba kien nazzjon skond *il-ġisem* għandu issa jsir Iżrael *Spiritwali*. Pawlu wera lilu nnifsu bħala eżempju li Alla ma remiex lill-poplu Tiegħu billi qal, "*għax jien ukoll Iżraeli*" (v.1), għalhekk, fost id-dixxen-denti ta' Abraham.

"*Alla ma remiex il-poplu tiegħu li kien jaf minn qabel*" (vers 2).

Li tkun taf minn qabel ifisser li tagħraf jew li tapprova. Alla kien approva minn qabel Iżrael veru, u lil dawn Hu mhux se jarmihom. Imma dixxendenza minn Abraham ma kinetx il-bażi ta' għarfien u approvazzjoni ta' importanza. Il-każ ta' Elija, f'versi 2 sa 5, "*jitlob 'l Alla kontra Iżrael*" kien eżempju ta' l-iżball f'li taħseb li Alla kien remihom. Elija ħaseb li huma lkoll kienu ġew imwarrba, imma kien żbaljat, fdal kien baqa' li ma "*lwewx irkob-btejhom lejn Bagħal*" (v. 4). Pawlu jgħid hekk f'vers 5:

"*Hekk, mela daż-żmien ukoll hemm fdal magħżul bi grazzja.*"

Dik il-parti ta' Iżrael li ma tkunx imwarrba kienet il-fdal magħżul, jew maħtur, "skond il-grazzja"—il-pjan ta' l-Evanġelju, mhux skond il-ġisem. Imma jekk il-fdal ta' Iżrael kienu magħżula fuq il-bażi tal-grazzja "mhux iżjed bl-opri"—vers 6—u "jekk bl-opri, mhux iżjed bi grazzja." Opri hawn tirriferi għal ubbidjenza perfetta, li jekk miksuba ebda bżonn ta' grazzja ma jista' jeżisti, ma jkun hemm ebda lok għall-grazzja tal-maħfra, għax b'ubbidjenza perfetta l-ġustizzja tista' tinkiseb. Imma vers 7 jiddikjara li "*dak li kien fittex Iżrael ma kisbux*"—ħadd ma żamm il-liġi tagħhom perfettament, u b'hekk ifittxu l-ġustizzja, fuq dik il-bażi li huma waqgħu, u aċċettar ma kienx miksub "iżda l-magħżulin kisbuh" billi aċċettaw l-Evanġelju f'ubbidjenza li għaliha l-maħfra kienet miksuba "skond il-grazzja." Pawlu mbagħad iżid li "l-oħrajn webbsu qalbhom" biex iwarrbu l-Evanġelju, u fil-parentesi ta' vers 8 huwa ddeskriva kif li ma jarawx irriżulta fin-nuqqas ta' għarfien tagħhom "sa llum." F'versi 9 u 10 David huwa kkwotat biex juri li l-mejda ta' l-għedewwa tal-Mulej kienet "*nassa, u nasba, u ġebla tat-tfixkil, u l-ħlas li ħaqqhom.*" Ma kinertx xi ħaġa tal-preġudizzji tagħhom stess, u f'li komplew f'din l-ebusija ta' ras tagħhom huma "*jilwu daharhom għal dejjem*" fil-jasar għad-dnub, il-maħfra tiegħu tista' tiġi biss billi jaċċettaw l-Evanġelju, li hu "l-għażla skond il-grazzja."

Fis-sezzjoni ta' versi 11 sa 16 l-appostlu jiddiskuti l-benefiċċji tal-waqa' ta' Iżrael. "*Tfixxklu biex jaqgħu?*" Din il-mistoqsija hija mwieġba negattivament. Iżda l-waqa' ta' Iżrael irriżultat għall-benefiċċju tal-Ġentili, u l-waqa' tkun kondizzjonali għal Iżrael, ma teħtieġx li tkun finali jew fatali, imma f'li kienu "ipprovokati għall-għira," il-waqa' kondizzjonali ta' Iżrael tkun tista' b'hekk tirriżulta fis-salvazzjoni kemm tal-Lhud u kemm tal-Ġentili. Jekk il-waqa' ta' Iżrael kienet ta' kontribut "għall-ġid tad-dinja" bit-tixrid tagħhom fost il-ġnus kollha tad-dinja, u kienet ta' kontribut ukoll "għall-ġid tal-Ġentili" billi rriżultat fis-salvazzjoni tagħhom, "*kemm aktar tkun il-milja tagħhom?*"—jiġifieri, wisq aktar tibbenefika l-konverżjoni ta' Iżrael minnhom kollha. Jekk iċ-ċaħda ta' Iżrael ta' l-Evanġelju saret benefiċċju għall-ewwel, l-aċċettar ta' Iżrael ta' l-Evanġelju f'dak iż-żmien isir benefiċċju

akbar u aqwa għad-dinja kollha. Jekk bħala appostlu għall-Ġentili Pawlu jkun jista' jikkonvertihom f'numri kbar, permezz ta' dan il-mezz huwa jkun jista' "*jqajjem l-għira*" ta' dawk li huma mid-demm tiegħu stess (v.14), l-Iżraeliti—ifisser li aktar ma jkun jista' jikkon-verti Ġentili, aktar ikun jista' jsalva Iżraeliti.

It-"tkeċċija tagħhom" irriżultat "fir-rikonċiljazzjoni tad-dinja" —it-tixrid tal-Lhud kien il-konsegwenza "tat-tkeċċija" u r-riżultat tat-tixrid kien id-dawrien tad-dinja lejn Alla. Imbagħad "id-dħul tagħhom," jiġifieri, il-konverżjoni ta' Iżrael għal Kristu, ikun bħall-"ħajja mill-mewt" għad-dinja, bħall-qawmien minn stat ta' separazzjoni minn Alla. Vers 16 jgħid,

> "*Għax jekk l-ewwel frott hu mqaddes, hekk ukoll hi l-għaġna kollha mqaddsa: u jekk il-għerq hu mqaddes, hekk ukoll il-friegħi.*"

L-ewwel frott huma l-ewwel Lhud li kkonvertew, u l-għaġna, dawk kollha li huma kapaċi li jkunu salvati bl-istess mod. L-għerq jirriferi għall-għerq patrijarkali ta' Abraham. Għalhekk, jekk l-ewwel konverti fost il-Lhud (l-għerq) kienu mqaddsa (salvi) bl-Evanġelju, l-għaġna (ilkoll) u l-friegħi ta' l-għerq jistgħu kollha jkunu salvati bl-istess mod.

Fil-versi 17 sa 24 Pawlu jwiddeb lill-Ġentili li huma m'għand-homx jgħalqu għajnejhom għall-fatt li l-Evanġelju beda mal-Lhud. Għalkemm il-Lhud, billi warrbu lil Kristu, saru friegħi imqaċċta, il-għerq baqa' fil-fdal li kien aċċetta l-Evanġelju. Ma hemm ebda favur speċjali fil pjan tas-salvazzjoni la għal-Lhud u lanqas għall-Ġentili, huma jieqfu jew jaqgħu l-istess. Vers 21 jgħid li jekk Alla "ma ħelishiex" lill-friegħi naturali, lanqas ma Hu jeħles lill-Ġentili taħt l-istess ċirkustanzi ta' nuqqas ta' twemmin u diżubbidjenza. Il-friegħi naturali huma l-friegħi stess tas-siġra (il-Lhud) f'kuntrast mal-friegħi imlaqqma (il-Ġentili). Jekk Alla ma ħelisx lis-siġra li Hu ħawwel, il-Ġentili għandhom ikunu jafu li Hu mhux se jeħles il-friegħi imlaqqma jekk huma ma jobdux. Vers 22 jgħid,

> "*Ara, mela, it-tjieba u l-qilla ta' Alla: il-qilla fuq dawk li waqgħu: iżda t-tjieba fuqek,*

> *jekk int tibqa' fit-tjieba tiegħu: inkella tkun maqtugħ int ukoll.*"

It-tifsira kollha ta' dan hija din: Alla jaċċetta u jeħles fuq kondizzjonijiet biss. Mela, il-Lhud jistgħu jerġgħu jkunu mlaqqmin fis-siġra tagħhom stess fuq il-kondizzjoni ta' l-Evanġelju—"*jekk ma jibqgħux ma jemmnux*" (v. 23).

F'vers 24 l-appostlu jagħmel il-paragun tas-siġra taż-żebbuġ:

> "*Għax jekk int kont maqtugħ miż-żebbuġa li min-natura hi selvaġġa, u kont imlaqqam kontra n-natura f'żebbuġa tajba: kemm aktar u aktar dawn, li huma l-friegħi naturali, ikunu mlaqqmin fiż-żebbuġa tagħhom stess?*"

Is-siġra taż-żebbuġ mhijiex il-knisja Iżraelita ta' Abraham kif xi wħud jippruvaw jgħidu. Hemm *żewġ* siġriet taż-żebbuġ fit-test—tajba u selvaġġa. Din bil-kemm tista' tfisser knisja mansa u knisja selvaġġa. Barra minn dan, li tagħmel is-siġra taż-żebbuġ it-tajba l-vera knisja jkun li tagħmel lil-Lhud membri tagħha min-natura, f'liema każ, it-tfal kollha Lhud, inklużi t-trabi, ikunu membri tagħ-ha permezz tat-twelid fiżiku, li jkun ifisser li huma jkunu "mqaċċ-tin" fl-età ta' twemmin jew nuqqas ta' twemmin. Min-naħa l-oħra, il-Ġentili jkunu mlaqqmin bil-fidi, it-tfal kollha Ġentili jkunu mħollija barra. B'hekk it-tfal Lhud ikunu fil-knisja permezz tat-twelid naturali, u t-tfal Ġentili ma jkunu fil-knisja xejn.

Is-siġra t-tajba taż-żebbuġ tieqaf għall-favur divin—il-favur ta' Alla. Il-Lhud kienu l-friegħi tal-favur ta' Alla imma kienu "mqaċ-ċtin" bin-nuqqas tagħhom ta' twemmin. Il-Ġentili kienu mlaqqmin fis-siġra tal-favur divin bil-fidi, u fuq *l-istess* termini ta' l-Evanġel-ju l-Lhud jistgħu jerġgħu jkunu mlaqqmin fis-siġra—fis-siġra li għall-ewwel kienet tagħhom. L-appostlu jgħid: "*għax Alla jista' jlaqqamhom mill-ġdid.*" (vers 23)—jista' jagħmel dan fuq il-kon-dizzjonijiet ta' l-Evanġelju, *l-istess kondizzjonijiet għal kulħadd issa*.

Tlaqqam il-friegħi selvaġġi fis-siġra t-tajba, kif Alla għamel lill-Ġentili, huwa kuntrarju għan-natura. Il-mod naturali huwa li

tlaqqam it-tajba fis-selvaġġa. Imma Alla dawwar u għal kuntrarju fil-każ tal-Ġentili—mela kemm aktar Hu jagħmel għal-Lhud dak li hu naturali—jerġa' jlaqqam il-friegħi fis-siġra tagħhom taż-żebbuġ tal-favur ta' Alla jekk huma jabbandunaw in-nuqqas ta' twemmin u jaċċettaw l-Evanġelju ta' Kristu. Il-friegħi naturali tilfu l-jedd għan-nisel ta' Abraham; huma kienu mwarrba u imqaċċtin. In-nisel li kien meqjus permezz ta' Iżakk issa hu meqjus permezz ta' Kristu, u issa hemm Iżrael ġdid—ir-razza *spiritwali*. L-anqas, minħabba li huma n-nisel ta' Abraham, huma lkoll ulied: imma f'Iżakk in-nisel tiegħek ikun imsejjaħ. Dan ifisser, dawk li huma wlied skond il-ġisem, dawn mhumiex l-ulied ta' Alla: iżda l-ulied tal-wegħda huma meqjusa għan-nisel. L-ulied skond il-ġisem hu-ma l-Iżraeliti, u huma mhumiex ulied Alla fis-sens tas-salvazzjoni, jew f'kull sens spiritwali. Pjuttost, natura speċjali, l-ulied tal-wegħ-da li kienu aċċettaw lil Kristu, huma issa l-ulied ta' Alla. Iżda, ċ-ċaħda ta' Iżrael ma kinetx barriera għalihom jekk huma jaċċettaw l-Evanġelju kif għamlu l-fdal, u ma jkomplux fin-nuqqas ta' twemmin tagħhom.

(3) Ebusija ta' Iżrael u twettiq tal-Ġentili.—vers 25.

"Ebusija f'parti ġrat lil Iżrael, sakemm tidħol il-milja tal-Ġentili."

In-nuqqas ta' għarfien jew ebusija tal-qalb, li ġrat lil Iżrael sama l-milja ta' Ġentili tidħol kienet "f'parti". L-esspressjoni "ebusija f'parti" tqajjem il-mistoqsija dwar meta dik l-ebusija saret kompluta. Il-premillenjalisti jgħidu li "sama l-milja tal-Ġentili tid-ħol" tfisser li wara l-milja tal-Ġentili n-nazzjon ta' Iżrael imbagħad ikun ikkonvertit. Imma din l-interpretazzjoni hija bil-wisq 'il bogħod minn dak li tgħid is-silta. Il-kelma "sama" mhux neċessar-jament tissuġġerixxi li xi ħaġa sejra ssir wara.

Sforz li jixbaħ lil dan huwa magħmul mill-premillenjalisti biex idawwru t-tagħlim tagħhom tal-Mulej fuq il-qirda u t-tmiem ta' Ġerusalem l-antika f'Luqa 21:24, fejn Ġesù qal li Ġerusalem tkun mirfusa "*sa ma jkun intemm żmien il-Ġentili*." L-interpretazzjoni tagħhom hija li din tfisser ir-restawrazzjoni ta' Ġerusalem wara—li wara ż-żmien tal-Ġentili Ġerusalem terġa' tiffjorixxi u ma tkunx mirfusa aktar. Ħalli nagħmlu xi tqabbil ta' siltiet fuq dawn

il-punti. Ma rridux ninsew li l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u jekk xi interpretazzjoni tikkontradixxi xi silta oħra fl-Iskrittura allura dik l-interpretazzjoni tkun żbaljata u għalhekk, irridu nwarrbuha.

1. F'Ġenesi 46:34, Mosè qal li l-aħwa ta' Ġużeppi kienu ragħajja "sa llum." Ifisser dan li "sa" f'din is-silta, illi wara huma ma jkomplux jieħdu aktar ħsieb in-nagħaġ tagħhom?

2. Fit-2 Samwel 6:20-23, wara wirja ta' mistħija David waqaf quddiem numru ta' nisa, jintqal li Mikal, mart David, ċanfritu b'ir-onija fejn qaltlu: "…*Kemm tweġġah il-lum is-sultan ta' Iżrael, li nkixef illum f'għajnejn in-nisa tal-qaddejja tiegħu, bħalma jinkixef raġel bla ġieħ!*" U Mikal, il-mara ta' David kasbritu f'qalbha," u t-test jgħid li hija "*għalhekk*" *(għal dik ir-raġuni) ma kellhiex aktar ulied **sa** jum mewtha.*" Kemm kellha tfal Mikal wara mewta? (Il-verżjoni Re Ġakbu billi wżaw manuskritti inferjuri tirrapporta lil Mikal bħala li kienet l-omm ta' ħames subjien fit-Tieni Samwel 21:8. Ardiel, iżda, kien ir-raġel ta' Merab, u dan jidher fil-korrezzjoni li hija magħmula fil-biċċa l-kbira tal-verżjonijiet l-oħra, bħal RSV, NIV, NASB, NEB, eċċ.).

3. Fl-ewwel Samwel 15:35, wara d-diżubbidjenza ta' Sawl fil-każ ta' l-Għamalqin, aħna naqraw *li "Samwel ma ġiex jara iżjed lil Sawl **sa** jum mewtu.*" Tfisser is-"sa" f'dan il-vers li "wara" l-mewt ta' Sawl, Samwel raġa' beda jżur lil Sawl?

4. F'Atti 23:1 l-appostlu Pawlu iddikjara, "*Irġiel u aħwa, jien għext b'kuxjenza kollha nadifa quddiem Alla **sa** llum*"—Tfisser is-"sa" f'dan il-vers li "wara" dak il-jum Pawlu ma kellux kuxjenza nadifa?

5. F'Galatin 3:19 jintqal li l-liġi kienet miżjuda "sakemm" jiġi n-nisel. Ifisser dan li l-liġi wara terġa' tkun ordnata?

6. F'Lhud 9:10 huwa affermat li l-ordinanzi karnali kienu "imposti fuqhom 'sama' jasal żmien it-tibdil," jiġifieri, r-riforma ta' l-Evanġelju. Iffiser dan li l-ordinanzi tar-reliġjon Lhudija jkunu wara imposti mill-ġdid?

Dawn huma ftit eżempji biex nuri kemm it-tagħlim tal-premillenjalisti huwa żbaljat u jmur direttament kontra l-Kelma ta' Alla. Hekk f'Luqa 21:24, li huwa parallel ma' Mattew 24, meta Ġeru-

salem hija murija bħala li tkun mirfusa "sa ma" jintemm żmien il-Ġentili, dan ma jfissirx restawrazzjoni ta' Ġerusalem wara—dan ifisser li l-irfis tal-Ġerusalem l-antika huwa permanenti.

X'kien, mela, "l-ebusija f'parti" u "l-milja tal-Ġentili"? L-ebusija f'parti timplika li wara l-ebusija tkun kompluta. U l-milja tal-Ġentili tfisser il-konverżjoni tal-Ġentili. L-Evanġelju l-ewwel kien imxandar lil-Lhud, imbagħad il-Ġentili kienu miġburin fil-knisja. "Sama l-milja tal-Ġentili, Iżrael kien bl-ebusija "f'parti"—u l-ebusija tagħhom saret kompluta. Dan huwa skond il-kostruzzjoni xierqa tal-lingwa u s-sens tal-kliem. Għalhekk, dan għandu jkun dak li Pawlu fisser. Il-lingwa ċertament ma tgħallimx il-konverż-joni nazzjonali ta' Iżrael wara t-taqsima ta' l-Evanġelju.

(4) U hekk Iżrael kollu jkun salvat.—versi 26-27.

Ħalli naqraw Rumani 11:26-27:

> "*U hekk Iżrael kollu jkun salvat: bħalma hu miktub: Minn Sijon joħroġ il-Feddej, u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb: Għax din hi r-rabta tiegħi magħhom, meta nneħħi dnubiethom.*"

Il-kelma "*hekk*," li ħafna ma tantx jagħtu każ tagħha, f'dan il-vers hija avverbju ta' mod jew manjiera. *"Hekk iżrael kollu jkun salvat*"—"*Hekk*," f'dan il-mod, Iżrael "kollu," bħall-fdal, għandu Iżrael ikun salvat; ilkoll ikunu salvati kif kienu salvati l-fdal, il-"parti."

F'vers 27 l-appostlu jikkwota minn Isaija 59:20 fejn naqraw:

> "*U l-Feddej jiġi Sijon, u għal dawk ta' Ġakobb li jikkonvertu minn dnubiethom, jgħid il-Mulej. U jien, din hi r-rabta tiegħi magħhom, jgħid il-Mulej; l-Ispirtu tiegħi li hu fuqek, u kliemi li qegħidt f'fommok, ma jżulux minn fommok, jew minn fomm uliedek, u lanqas minn fomm ulied uliedek, jgħid il-Mulej, minn issa u għal dejjem.*"

Issa, il-premillenjalisti, sabiex jipprovdu għat-teorija mhux Skritturali tagħhom, kienu sfurzati biex jagħmlu l-profezija ta' Isaija tirriferi għat-tieni miġja ta' Kristu, billi jwarrbu għal kollox u jaqbżu l-ewwel miġja ta' Kristu u l-Patt il-Ġdid, huma japplikaw il-profezija għat-tieni miġa ta' Kristu u l-patt li Hu jagħmel f'dak iż-żmien ma' Iżrael irrestawrat fil-millenju. F'dan l-isforz l-argument tagħhom jistrieħ fuq l-affermazzjoni vaga tagħhom, għalkemm Pawlu jikkwota din il-profezija u japplikaha għall-patt il-ġdid. Sekli qabel l-ewwel miġja ta' Kristu Isaija qal li minn Sijon jiġi dan "il-Feddej" u "Ħellies." Il-premillenjalisti jgħidu li l-Feddej u l-Ħellies ma jiġix; Pawlu qal li "l-Feddej" ġie "*minn Sijon joħroġ*," u Pawlu kien qiegħed jikkwota dawn il-profeziji biex jikkonnvinċi lil-Lhud li dan il-Ħellies u Feddej ġie, u jirriferi għall-wegħda magħmula lilhom permezz ta' Isaija, fejn qal,

> "*Għax din hi r-rabta tiegħi magħhom, meta nneħħi dnubiethom*" (Rumani 11:27)

Innota l-kelma "*din*" li ftit ukoll jagħtu każ tagħha—"*din hi r-rabta tiegħi*"—x'kienet ir-rabta jew patt? "*Meta nneħħi dnubiethom.*" Jekk dik il-profezija ma kenitx imwettqa, il-Lhud ma jistgħux issa jkollhom dnubiethom imneħħija. Imma jekk dnubiethom jistgħu jkunu mneħħija issa, dik il-profezija kienet imwettqa—dik kienet ir-rabta jew patt, li dnubiethom ikunu mneħħija. Jista' l-patt il-ġdid jagħmel dan għal-Lhud? Jagħmlu dan il-patt il-ġdid? Jekk le, mela Alla għandu jagħmel patt ieħor fil-futur, *it-tielet* patt, li bih isalva lil Iżrael u għaldaqstant il-premillenjaliżmu ma jagħrafx il-patt il-ġdid bħala l-mezz tas-salvazzjoni għal-Lhud. Jekk il-premillenja-listi huma korretti fit-twemmin tagħhom, l-appostlu Pawlu, li kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu kien żbaljat meta qal f'Rumani 1:16,

> "*Għax jien ma nistħix mill-evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen; l-ewwel tal-Lhudi u tal-Grieg ukoll.*"

Il-kwotazzjoni ta' din il-profezija f'vers 27 u l-applikazzjoni tagħha għall-patt il-ġdid tikkonstitwixxi ċaħda tad-dottrina premillenjali ta' patt fil-futur, *it-tielet* patt għat-taqsima millenjali.

Il-patt li jneħħilhom dnubiethom jispjega "*u hekk Iżrael kollu jkun salvat*"—f'ebda mod ieħor; l-istess salvazzjoni għal kulħadd, u fl-istess mod—"ilkoll" ikunu salvati kif il-"fdal" kienu salvati. Mhijiex dikjarazzjoni ta' salvazzjoni universali għal-Lhud jew restawrazzjoni ta' Iżrael, imma pjuttost tgħid il-kondizzjonijiet li fuqhom Iżrael kollu l-istess għandhom ikunu salvati. Il-kelma "*hekk*" ukoll hija avverbju tal-mod. Il-"fdal" kienu salvati billi aċċettaw il-"patt" tal-maħfra, l-Evanġelju. "Hekk," bl-istess mod, u bl-ebda mod ieħor, Iżrael kollu jkun salvat. Nazzjon jista' jaġixxi biss bħala ġisem organizzat, imma li taċċetta l-Evanġelju huwa att individwali. Il-Lhud jistgħu jkomplu fl-ebusija sat-tmiem sakemm Rumani kapitlu ħdax huwa kkonċernat.

(5) Id-doni u s-sejħa ta' Alla huma mingħajr indiema—versi 28-32.

F'dawn il-versi, l-appostlu Pawlu jgħid hekk:

> "*Skond l-evanġelju, huma għedewwa, għall-ġid tagħkom: iżda skond il-għażla, huma maħbubin minħabba missirijiethom. Għax id-doni u s-sejħa ta' Alla ma jittiħdux lura. Għax bħalma fl-imgħoddi ma kontux tisimgħu minn Alla, iżda issa ksibtu l-ħniena permezz tan-nuqqas tat-twemmin tagħhom: Hekk ukoll dawn issa ma jisimgħux, biex permezz tal-ħniena tagħkom huma wkoll jiksbu l-ħniena. Għax Alla għalaqhom ilkoll fin-nuqqas tat-twemmin, biex iħenn għal kulħadd*" (Rumani 11:28-32).

Li l-Lhud kienu għedewwa ta' l-Evanġelju kien "għall-ġid" tal-Ġentili fir-riżultat li tkun okkażjoni għat-tħabbir ta' l-Evanġelju lill-Ġentili. Imma "skond l-għażla," is-salvazzjoni tal-Lhud per-mezz ta' l-Evanġelju, Iżrael kienu "*maħbubin minħabba missiri-jiethom*" għaliex is-salvazzjoni ta' Iżrael għandha tiġi

skond il-wegħda magħmula lil missirijiet, lil Abraham, Iżakk u Ġakobb. U Alla ma jreġġax lura s-sejħa ta' Abraham u l-wegħda magħmula permezz tiegħu, għax "*id-doni u s-sejħa ta' Alla ma jittiħdux lura*"—Alla ma biddilx il-wegħdiet lanqas it-twettiq tagħhom.

F'versi 30 u 32 l-appostlu juri li l-Ġentili *li "fl-imgħoddi ma emmnux lil Alla*" kellhom l-opportunità offruta lilhom biex jiksbu l-ħniena permezz tan-nuqqas ta' twemmin tal-Lhud, f'dak li n-nuqqas ta' twemmin ta' Iżrael forna l-okkażjoni għax-xandir ta' l-Evanġelju biex ikun iċċentrat fuq il-Ġentili. Mela issa l-każ huwa mdawwar lura mill-ġdid—il-Lhud, minflok il-Ġentili, "issa ma emmnux," għalhekk dik "il-ħniena," jew salvazzjoni, lill-Ġentili tista' tkun il-mezz tas-salvazzjoni għal-Lhud—għalhekk,

> "*permezz tal-ħniena (salvazzjoni) tagħkom huma wkoll jiksbu l-ħniena (jkunu salvati)*" (v. 31).

Mela kif il-każ jinsab, Alla "*għalaqhom ilkoll fin-nuqqas ta' twemmin, biex iħenn għal kulħadd*" (v. 32)—l-iskop ta' Alla dejjem kien is-salvazzjoni ta' kulħadd mingħajr parzjalità, jew ħarsien lejn l-uċuħ. Ma hemm ebda ċans għas-salvazzjoni la għal-Lhud u lanqas għall-Ġentili ħlief permezz tal-grazzja bl-Evanġelju. Imma l-ordni oriġinali kienet imdawwra lura f'dak fejn il-Lhud darba kienu l-ewwel , biċ-ċaħda tagħhom il-Ġentili issa huma l-ewwel.

(6) L-Għerf tat-trattar ta' Alla ma' Iżrael.—veri 33-36.

> "*O l-kobor bla tarf tal-għana sew tal-għerf u kemm tal-għarfa ta' Alla! Kemm ma jistgħ-ux jinkixfu l-ġudizzji tiegħu, u t-triqat tiegħu ma jistgħux jinstabu!*" (Rumani 11:33).

L-għerf mistur ta' Alla fassal it-triq tas-salvazzjoni u l-għarfien ta' Alla—ir-rivelazzjoni Tiegħu lill-bniedem—fihom fond bla qies ta' l-għana divina tal-grazzja lill-Ġentili barranin u lil-Lhud li jiċħdu. Il-ġudizzji li ma jistgħux jinkixfu kienu d-deċiżjonijiet divini dwar Iżrael, u permezz tagħhom lil umanità kollha, u dawn

kienu t-toroq ta' Alla li "*qabel ma kinux jistgħu jinstabu*"—it-toroq li dwarhom ma kienx jista' jkun ittraċċjat minn qabel—"*għax min għaraf il-ħsieb tal-Mulej? Jew min qatt tah parir?*" (v. 34). Il-bniedem jista' jkun jaf biss dak li Alla irrivela u għandu jieqaf fi stagħġib qud-diem il-għerf kbir Tiegħu. Din kienet ċanfira għan-nuqqas ta' twe-mmin ta' Iżrael u ċ-ċaħda tal-pjan ta' Alla.

> "*Min qatt ta l-ewwel lilu, biex lilu jitradd?*"
> (v. 35).

Alla ma għandu dejn ma' ebda bniedem, hu m'għandu jagħti xejn la lil-Lhudi u lanqas lill-pagan, Ġentili. Madankollu skond it-teori-ja tal-millenjalisti Alla għandu jagħti lil Iżrael f'dak li l-wegħdiet Tiegħu huma wisq fil-passat u għad mhux imwettqa.

F'vers 36 l-argument fil-ġustifikazzjoni dwar it-trattar ta' Alla ma' Iżrael huwa konkluż:

> "*Għax minnu, u bih, u għalih, huma l-ħwej-jeġ kollha: lilu l-glorja għal dejjem. Amen*"

Il-pjan għas-salvazzjoni tar-razza kollha, u fil-"ħwejjeġ kollha" fil-korsa taż-żmien, fiż-żminijiet kollha ħarġu Minnu, u huma iggver-nati Minnu, u jisfaw ta' ġid għat-tifħir Tiegħu pjuttost milli għall-kburija ta' Iżrael skond il-ġisem u glorja nazzjonali!

(7) Il-kontinġenza (ħaġa li tista' tiġri għal għarrieda) tat-tielet patt—Lhud 8:6-8.

Jista' jkun hemm konklużjoni waħda biss miġbuda mit-teorija kif impoġġija 'l quddiem: Jekk Iżrael għandhom ikunu salvati wara t-tieni miġja ta' Kristu, dan ikun jeħtieġ patt ieħor biex isalvahom, billi ma hemm ebda proviżjonijiet fil-patt preżenti—it-Testment il-Ġdid.

F'Lhud kapitlu 8, versi 6 sa 8, il-kittieb ispirat jgħid,

> "*Imma issa qala' ministeru tant ogħla, daqs-kemm ukoll hu l-medjatur ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar. Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni. Għax billi sab xi*

> *jgħid fuqhom, qal: Ara, il-jiem jiġu, qal il-Mulej, meta nagħmel rabta ġdida mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda.*"

Skond it-tnejn, kemm Ġeremija u kemm Pawlu, kieku l-ewwel patt kien perfett ma kienx ikun hemm post għat-tieni patt. Mela wara jiġi, jekk it-tieni patt huwa perfett, ma jista' jkun **hemm ebda lok għat-tielet**. Il-mistoqsija hija: Huwa t-tieni patt perfett? Ġakbu jagħti t-tweġiba b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Imma min iħares bir-reqqa ġol-liġi* ***perfetta****, li hi l-liġi tal-libertà, u jkompli jħares, ġo fiha, u mhux bħal wieħed li jisma' u jinsa, imma li jagħmel l-egħmil, dan il-bniedem ikun imbierek fl-egħmil tiegħu*" (Ġakbu 1:25. Enfasi tiegħi).

Ħalli l-premillenjalisti jgħidulna x'difett hemm fil-patt il-ġdid—isemmuh. Aħna nafu x'kien id-difett mal-patt l-antik—Alla qalilna. Ħalli jgħidulna huma x'imperfezzjonijiet jeżistu fit-Testment il-Ġdid. L-appostlu Pawlu qal li dan ma fih ebda difett, u ħaġa mingħajr ebda difett hija perfetta. Ġakbu *sejjaħlu "l-liġi perfetta tal-ħelsien jew libertà*" (1:15), u ħaġa li għandha xi difett ma tistax tkun perfetta! Il-premillenjalisti għandhom isibu difett fil-patt il-ġdid, sabiex jimmanifatturaw it-tielet wieħed għal Iżrael tal-millenju! ġakbu qal li "***min*** *iħares bir-reqqa…*." Tapplika l-"*min*" għal-Lhud ukoll?

Il-premillenjaliżmu jiċħad il-benefiċċji ta' l-Evanġelju u l-barkiet tal-patt il-ġdid lil-Lhud. Il-premillenjalisti, bit-tagħlim tagħhom li fit-tieni miġja Tiegħu Ġesù jsalva lil Iżrael kollu bħala nazzjon, jiċħdu illi "l-Ħellies" li għandu jdawwar lil Iżrael mill-ħażen u jneħħi dnubiethom **ġie**. Għalhekk, skond il-millenjaliżmu, dak li l-Lhud stennew fit-Testment il-Ġdid dwar il-miġja tal-Feddej, huma għandhom jibqgħu jistennewh: il-Ħellies tagħhom mhuwiex hemm; il-Feddej tagħhom ma ġiex; il-patt il-ġdid magħ-hom ma kienx magħmul; u d-dnubiet tagħhom ma jistgħux ikunu maħfura—madankollu jintqal lilna li l-premillenjaliżmu huwa teo-rija bla ebda ħsara! Iva, fiha ħsara

enormi għaliex twassal lil dik il-persuna li temmen dak it-tagħlim falz għat-telfien ta' dejjem!

Nies li waqgħu vittmi għal din it-teorija għandhom jitgħallmu li l-premillenjaliżmu huwa forma ta' settarjaniżmu ordinarju li jiċħad u jwarrab l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu fil-patt il-ġdid, u jwarrab minnu.

*It-tielet: Il-konverżjoni ta' kulħadd—Lhud u Ġentili xorta—għandha ssir qabel it-tieni miġja ta' Kristu.*

F'li nikkonkludi l-argument fuq il-kustjoni tal-konverżjoni ta' Iżrael, kif il-premillenjlisti jgħallmu b'mod falz, jiena nippreżenta sommarju tat-tielet kapitlu tat-Tieni ittra ta' Pietru, is-suġġett ta' dan huwa l-miġja ta' Kristu.

(1) Lil min kienet miktuba—vers 1.

Din it-tieni ittra kienet indirizzata lil l-istess persuni li lilhom kienet indirizzata l-ewwel ittra—il-Kristjani, kemm dawk Lhud kif ukoll dawk li ma kinux Lhud u li kienu mxerrda, mifruxa f'ħafna pajjiżi tal-Ġentili. Naqraw fl-1 Pietru 1:1:

> "*Pietru, appostlu ta' Ġesù Kristu, lill-għorba mxerrda fil-Pontus, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitinja.*"

Dawn l-"għorba" (stranġieri) li kienu qegħdin f'pajjiżi tal-Ġentili, naturalment ħafna minnhom kienu Lhud.

(2) Għal liema skop kienet miktuba—vers 2.

> "*Biex tiftakru fil-kliem imħabbar minn qabel mill-profeti qaddisa, u fil-kmandament tagħna l-appostli, li hu dak tal-Mulej u Salvatur.*"

Dan huwa f'riferenza partikulari għall-fedeltà tagħhom fil-kondizzjoni mxerrda li kienu jinsabu fiha.

(3) B'riferenza għal liema wegħda—versi 3 u 4.

> "*L-ewwelnett, għandkom tkunu tafu, li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, igħixu*

*skond ix-xewqat ħżiena tagħhom. U jgħidu: Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien*."

Il-ħin kollu, matul iż-żmien ta' l-Evanġelju kien hemm u għad hemm nies li jiddubitaw u jmaqdru u jaqilbu t-tagħlim ta' l-Evanġelju u tal-wegħda.

(4) It-tweġiba u l-applikazzjoni tagħha.—vers 9.

"*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad iddum; imma hu jistabar għal żmien twil magħna, għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema*."

Dan ċertament li jwaqqa' t-teorija tat-tieni ċans. *Ma jkun hemm ebda probazzjoni, żmien ta' prova* għal-Lhud imxerrda u mifruxa, li lilhom Pietru wkoll kien qiegħed jikteb flimkien mal-Kristjani l-oħra, wara l-miġja ta' Kristu. Huma għandhom "*jaslu għall-indiema*" **qabel**, għax il-miġja ta' Kristu ġġib fit-tmiem il-probazzjoni għal kulħadd.

(5) Iż-żmien tas-salvazzjoni—vers 15.

"*U emmnu li s-sabar twil ta' Sidna hu għas-salvazzjoni tagħkom...*"

Fil-versi ta' fuq l-appostlu qal li Alla "*qiegħed jistabar*" "*għax ma jridx li xi wħud jintilfu imma li lkoll jaslu għall-indiema*." It-taqsima ta' l-Evanġelju hija mtawwla għal dak l-iskop—li l-bnedmin **kollha**, mhux il-Ġentili biss, imma l-bnedmin **kollha** u dan jinkludi ukoll lil-Lhud, li jaslu għall-indiema, għalhekk, "*is-sabar twil tal-Mulej hu għas-salvazzjoni tagħna*"—u ftakar li Pietru kien qiegħed ikellem lil Iżrael—Iżrael imxerred u mifrux.

(6) Skond ħuna l-għażiż Pawlu—vers 15-16.

> "*…bħalma wkoll ħuna l-għażiż Pawlu, bil-għerf mogħti lilu, kitbilkom.*"

Kif ħuna Pawlu kiteb fuq is-suġġett tal-konverżjoni u s-salvazzjoni ta' Iżrael? Aħna diġa rajna x'qal Pawlu f'Rumani 10 u 11, imma għal eżempju ieħor, ħalli naraw Rumani 2:8-16:

> "*Iżda lil dawk li jmieru, u ma jobdux il-verità, iżda jobdu l-ħażen, qilla, u għadab, niket u dwejjaq*"

Fuq min?

> "*fuq kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, **tal-Lhudi** l-ewwel, u mbagħad ukoll tal-Grieg*" (enfasi tiegħi).

U l-appostlu jkompli jżid:

> "*Għax Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd.*"

Meta Alla jagħmel dan il-ġudizzju?

> "*Fil-jum meta Alla jagħmel ħaqq mill-egħmil moħbi tal-bnedmin **skond l-evanġelju** tiegħi permezz ta' Ġesù Kristu*" (v. 16, enfasi tiegħi)

Għalhekk, "ħuna Pawlu" qal li l-Lhud kellhom ikunu iġġudikati bl-istess Evanġelju li hu ppriedka lill-Ġentili (Griegi). Pietru qal li dan applika għal-Lhud imxerrda li lilhom kienu miktuba l-ittri tiegħu. Dak hu dak li kiteb Pawlu "fl-ittri kollha tiegħu" u "skond il-għerf mogħti lilu." Dak hu dak li għallem Pietru lil-Lhud u lin-nies kollha ta' Iżrael fiż-żewġ ittri tiegħu indirizzati lilhom kull fejn huma kienu f'pajjiżi separati ħafna tal-Ġentili. Dan kollu jasal għal ħaġa waħda: *Ma hemm xejn speċjali għal-Lhud fil-futur*. L-Evanġelju huwa *finali* għall-bnedmin kollha—issa u għal dejjem. Ġuda, ħu Ġakbu jgħid għaliex l-Evanġelju huwa finali f'vers 3:

> "*Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar is-salvazzjoni **tagħna lkoll**, għax rajt li kien meħtieġ nibgħatilkom kelm-*

*tejn ħalli nħeġġiġkom għal dik il-fidi* ***li ngħatat darba għal dejjem*** *lill-qaddisin.*"

Il-kliem huwa ċar biżżejjed. Din il-fidi kienet mogħtija "darba għal dejjem" u dan ifisser li ma hemmx fidi oħra li tkun mogħtija wara t-tieni miġja ta' Kristu! L-appostlu Ġwanni wkoll jgħid kliem bħal dan meta jgħid:

> "*U tassew ħafna mirakli oħra għamel Ġesù quddiem id-dixxipli tiegħu, li ma nkitbux f'dan il-ktieb: Imma dawn inkitbu, biex temmnu li Ġesù hu l-Kristu, Bin Alla; u biex billi temmnu, ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

Jekk dan kien japplika għall-poplu Lhudi f'dak iż-żmien li nkiteb dan japlika għalih illum ukoll għaliex:

> "*Ġesù Kristu l-bieraħ, u llum, hu l-istess, u jibqa' għala dejjem*" (Lhud 13:8).

## IŻRAEL SKOND IL-ĠISEM U IŻRAEL SPIRITWALI

Ħalli nkomplu niftħu fuq dan is-suġġett hekk importanti dwar l-Iżrael tassew. L-Iskrittura titkellem b'mod ċar ħafna dwar żewġ xorta ta' Iżrael. Iżrael skond *il-ġisem* u Iżrael *spiritwali*. Iżrael skond il-*ġisem* huwa tip ta' Iżrael *Spiritwali*, il-knisja.

**Rivelazzjoni 7:3**,

> "*U qalilhom: "Tagħmlulhomx ħsara lil l-art u lill-baħar, anqas lis-siġar, qabel ma nku-nu stampajna s-siġill fuq il-***ġbin tal-qaddejja ta' Alla** *tagħna.*"

**Rivelazzjoni 1:1**,

> "*Ir-Rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, li tahielu Alla biex igħarraf* **lill-qaddejja tiegħu** *b'dak li għandu jiġri* **ma jdumx**. *Alla bagħat lil anġlu tiegħu jfissirha lill-***qaddej tiegħu Ġwanni**."

Minn dan naraw li dawk li huma msejħa "qaddejja" fiż-żewġ kapi-tli huma **l-istess** nies, Kristjani. Meta ried Alla li jispeċifika min kien il-qaddej Hu semma isem, "*lill-qaddej tiegħu **Ġwanni**.*"

**Rivelazzjoni 7:4**,

> "*Imbagħad smajt x'kien il-għadd ta' l-issiġillati: mija u erbgħa u erbgħin elf issiġillati, **minn kull tribù** ta' wlied Iżrael.*"

Hawn mhux it-tribujiet kollha huma msemmija, eżempju, it-tribujiet ta' Dan u ta' Efrajm mhumiex imsemmija! Imma xorta qiegħed jgħid sewwa u dawn ukoll huma nklużi jekk nieħdu n-numru ta' 144,000 bħala **simboliku**! Imma ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpretalna dan: Naqraw **f'Rivelazzjoni 21:15-16**,

> "*Dak li kien qiegħed ikellimni kellu qasba tal-qjies, tad-deheb, biex jieħu l-qisien tal-belt u tal-bibien u l-ħajt tagħha, belt kwadra, tul wisa' wieħed. U ħa l-qjies tal-belt bil-qasba, tul **ta' tnax-il elf stadju**: tul u wisa' u għoli fiha l-istess. U ħa wkoll il-qjies tal-ħajt tagħha: **mija u erbgħa u erbgħin** (144,000) driegħ b'qjies tal-bniedem, jew ta' anġlu.*"

**Hawn għandna l-istess simboliżmu li għandna f'Rivelazzjoni 7:4-8.** Żgur li ħadd ma jsostni li l-qisien tal-belt li huma msem-mija huma **letterali** u mhux **figurattivi**! Il-144,000 tat-tnax-il tribù ta' Iżrael **jissimbolizzaw** lil **Iżrael spiritwali**, il-Knisja ta' Kristu fuq l-art u mhux grupp letterali ta' Lhud jew xi grupp ieħor kif xi wħud isostnu.

Ħalli nerġgħu nħallu l-Iskrittura tinterpreta dan għalina:

**Ġakbu 1:1,**

> "*Ġakbu, qaddej ta' Alla u ta' Sidna Ġesù Kristu, **lit-tnax-il tribù** mxerrda mad-dinja: sliem.*"

Min kienu "*t-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja*"? Dawn huma l-knisja ta' Kristu, l-*Iżrael spiritwali*! Il-kelma *diaspora* (imxerrda) nsibuha hawn u fl-**1 Pietru 1:1**,

> "*Lil dawk li qegħdin jgħixu mxerrda bħala pellegrini f'Pontu, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitinja*"

Hawn din għandha riferenza għall-**Iżrael spiritwali**, il-knisja tal-Mulej, il-Kristjani kollha. Dan huwa muri ċar bl-istqarrijiet li nsibu f'din l-ittra li jeħtieġu sfond ta' nies li mhumiex Lhud, bħal, per eżempju:

**1 Pietru 1:14**,

> "*Bħala wlied ubbidjenti, tgħixux skond il-ġibdiet ta' qabel, meta kontu għadkom tgħixu fl-injoranza tagħkom.*"

**1 Pietru 2:10**,

> "*Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu.*"

**1 Pietru 4:3-4**,

> "*Biżżejjed li fl-imgħoddi kontu tagħmlu r-rieda tal-pagani u tgħixu ħajja żienja f'passjoni bla lġiem, f'sokor, fi tbahrid sfrenat, f'xorb żejjed u fl-idolatrija moqżieża ta' l-allat. Issa li ma għadkomx titħalltu magħhom f'dan il-ġenn ta' żina jistagħġbu bikom u jistkerrhukom.*"

Dawn is-siltiet juru ċar li l-appostlu kiteb *lill-Kristjani*, kemm *Lhud* u kemm *pagani*, mingħajr ma qies l-isfond reliġjuż jew razzjali tagħhom, bħala li jiffurmaw il-ġisem jew il-knisja li fiha,

**Kolossin 3:11,**

> "***Ma hemmx Grieg jew Lhudi****, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda f'kollox Kristu u f'kulħadd*" (enfasi tiegħi).

Il-frażi "**lit-tnax-il tribù**" hija figurattiva, u għalhekk tħaddan fiha d-dixxipli kollha ta' Kristu huma mil-liema razza fiżika huma, u biex tenfasizza l-fatt *li ma' Alla ma hemm ebda ħarsien lejn l-uċuħ*. Dan l-Iskrittura tgħidulna b'mod ċar ħafna u f'bosta Skritturi bħal:

**Luqa 20:21**:

> "*Dawk staqsewh u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti tgħid u tgħallem is-sewwa* ***bla ma tħares lejn wiċċ ħadd****, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi.*"

**Rumani 2:9-11**:

> "*Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-****Lhud*** *u mbagħad* ***Griegi****; glorja u ġieh u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel* ***Lhudi****, u mbagħad għall-Grieg. Għax Alla* ***ma jħarisx lejn l-uċuħ****.*"

**Galatin 2:6**:

> "*Min-naħa tagħhom, il-mexxejja—kienu x'kienu, lili xejn ma jimpurtani;* ***Alla lejn wiċċ ħadd ma jħares****…*"

**Efesin 6:9**:

> "*U intom, is-sidien, agħmlu l-istess magħhom; ħallukom mit-tehid, għax tafu li s-Sid fis-smewwiet hu tagħhom bħalma hu tagħkom, u* ***hu ma jħares lejn wiċċ ħadd****.*"

**Kolossin 3:25**:

> “*Kull min jagħmel id-deni jitħallas tad-deni li jkun għamel,* ***għax Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd****.*”

**1 Pietru 1:17**:

> “*Jekk intom issejjħu Missier lil dak li,* ***bla ma jħares lejn l-uċuħ****, jagħmel minn* ***kul-ħadd*** *skond l-għemil ta’ kull wieħed, għixu fil-biża’ ż-żmien tal-ħajja li qegħdin tgħaddu* ***f’art barranija***” (enfasi tiegħi fis-siltiet koll-ha).

**U għaliex Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd?**

**Galatin 3:26-29**:

> “*Għax intom ulied Alla* ***lkoll kemm intom****, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu ’l Kristu.* ***Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg****, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax* ***intom ILKOLL ĦAĠA WAĦDA fi Kristu Ġesù****. Imma jekk intom ta’ Kristu,* ***intom ukoll nisel Abra-ham, werrieta skond il-wegħda****.*”

**Għaliex aħna lkoll ħaġa waħda?** It-tweġiba hija għaliex dak li qal Ġesù twettaq:

**Ġwanni 10:16**:

> “*Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm* ***merħla waħda, ragħaj wieħed****.*”

In-ngħaġ l-oħra li l-Mulej qiegħed jirriferi għalihom huma l-Ġentili. Jekk xi ħadd ikollu xi dubju dwar dan, l-appostlu Pawlu jgħid ċar min hija **l-merħla waħda**,

**Efesin 4:3-6,**

> "*Ħabirku biex iżżommu Spirtu **wieħed** bir-rabta tas-sliem: **ġisem wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal **tama waħda;** Mulej wieħed, **fidi waħda**, magħmudija waħda; Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.*"

Jekk il-Kelma ta' Alla tgħidilna li hemm biss "*ġisem wieħed*" ċertament li ma jistax ikun hemm tnejn, żewġ gruppi differenti! F'**Rumani 2:28-29** naqraw,

> "***Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi**, **laqnas** min għandu ġismu ċirkonċiż; **Il-Lhudi veru** hu dak li hu **Lhudi minn ġewwa**; iċ-ċirkonċiżjoni vera **hi dik tal-qalb**, opra ta' l-ispirtu **u mhu**x tal-Liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħruh, imma Alla.*"

Li tkun dixxendent ta' Abraham, il-missier tal-fidili, hu meqjus fuq il-bażi ta' l-**ubbidjenza** u mhux fuq il-**ġenealoġija:** Rumani 4:9-12, - Jitkellem dwar Abraham, Pawlu jgħid, f'vers 12,

> "*Hu missier iċ-ċirkonċiżjoni **mhux biss għal-Lhud** ċirkonċiżi, **imma wkoll** għal dawk li jimxu fuq il-passi tal-fidi ta' missierna Abraham qabel ma kellu ċ-ċirkonċiżjoni.*"

**Titu 3:9**,

> "*Aħrab il-kwistjonijiet fiergħa u **l-ġenealoġiji** u l-ġlied u t-tilwim fuq il-liġi. Dawn kollha huma bla fejda u vojta.*"

**1 Timotju 1:3-4**,

> "*Ibqa' f'Efesu, bħalma wissejtek jien u sejjer lejn il-Maċedonja, biex tordna lil xi wħud ħalli ma jgħallmux tagħlim ieħor, u anqas ma*

*jiġru wara ħrejjef u* ***ġenealoġiji*** *li ma jispiċċaw qatt****, ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta' Alla li jseħħ bil-fidi****.*"

**Kolossin 2:11-12**,

> "*Fih intom kontu ċirkonċiżi, mhux biċ-ċirkonċiżjoni b'idejn il-bnedmin, imma biċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu, li biha intom inżajtu mill-ġisem tad-dnub; indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*"

**Galatin 3:28-29**,

> "*Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom* ***ilkoll ħaġa waħda*** *fi Kristu Ġesù. Imma jekk intom ta' Kristu, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda.*"

**Il-veru Iżrael ta' Alla llum hija l-Knisja ta' Kristu**. **Rumani 9:6-8**,

> "*Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fix-xejn;* ***għax mhux dawk kollha li huma mnissla minn Iżrael huma Iżraelin. Mhux dawk*** *kollha li huma min-nisel ta' Abraham huma wliedu għax il-wegħda kienet din: "Minn Iżakk jissejjaħ in-nisel tiegħek." Dan ifisser,* ***mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla****, imma l-imwielda bis-saħħa tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abrah*am."

Ħalli l-Iskrittura tinterpretalna din is-silta. Kif persuna ssir iben jew bint ta' Alla, kemm jekk din hija **Lhudija jew pagana**? **Ġwanni 1:12-13**,

> *"Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, LI TWIELDU MHUX MID-DEMM, ANQAS MILL-ĠIBDA TAL-ĠISEM, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla."*

Ġwanni jgħidilna li lil dawk li "laqgħuh" u li "jemmnu f'Ismu" Alla "*tahom is-setgħa li **jsiru** wliedu.*" "Li jsiru." Kif isiru wlied Alla? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

**Galatin 3:26-27,**

> *"Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu."*

**Galatin 3:7,**

> *"Kunu afu mela, li dawk li jgħixu fil-fidi, **dawk huma wlied Abraham**."*

**2 Korintin 5:7**,

> *"Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni."*

**Galatin 6:16**,

> *"U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena, u wkoll fuq **Iżrael ta' Alla**."*

Il-Kristjani vera huma l-**Iżrael ta' Alla**—kif huma f'distinzjoni minn **Iżrael skond il-ġisem** (Rumani 2:29; 4:12). Ulied Alla huma dawk li *"twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem*" imma huwa l-Iżrael spiritwali li twieldu "mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu," li ndifnu bil-magħmudija ma' Kristu fil-mewt Tiegħu u bih irxuxtaw permezz tal-fidi tagħ-hom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet (Ġwanni 1:12; 3: 3-5; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12). Fi Kristu, id-drittijiet kollha mogħtija minħabba distinzjonijiet tal-ġisem, *huma eliminati*, u kulħadd hu **meqjus egwali** fil-privileġġ quddiem Alla.

**Filippin 3:3,**

> "*Għax dawk li* ***tassew għandhom iċ-ċirk-onċiżjoni huma aħna, aħna*** *li qegħdin naq-du lil Alla fl-Ispirtu u niftakru fi Kristu Ġesù; aħna* ***li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem****.*" (kompli ara versi 4-11).

Temmnu dan int? Imma jekk int temmen li Iżrael nazzjonali se jkun salvat fit-tieni miġja ta' Kristu allura inti qiegħed tpoġġi l-fiduċja tiegħek **fil-ġisem** u dan imur kontra l-Kelma ta' Alla!

**2 Korintin 5:16-17,**

> "*Għalhekk aħna* ***ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem****. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk. Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir Ħolqien ġdid;* ***il-qadim għadda u daħal il-ġdid****.*"

L-Ispirtu s-Santu hawn qiegħed jgħidilna *li "aħna ma nagħrfu* ***lil ħadd*** *skond il-ġisem*" imma l-millenjalisti jgħidulna li "*aħna* ***nagħrfu lil Iżrael*** *skond il-ġisem!*" Lil minn int se temmen u tobdi? Għandek għażla x'tagħmel bejn "*Alla jgħid*" u "*intom tgħidu.*" (Mattew 15:4, 5). Imma l-Iskrittura tgħidilna li:

> "*jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bned-min*" (Atti 4:19; 5:29).

Mela, jekk il-Mulej mhuwiex qiegħed iqis din id-differenza, jiġifieri, bejn il-Lhud u l-Ġentili, ċertament li aħna m'għand-niex inqisuha!

**Rumani 10:12,**

> "***Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; hu Sid ta' kulħadd*** *u għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

Temmnu dan int jew temmen li "hemm għażla bejn Lhudi u Grieg?" Jekk inti temmen hekk, kif fil-fatt jemmnu l-millenjalisti, allura tkun bl-aġir tiegħek qiegħed takkuża lill-Mulej li mhux veru "Hu sid ta' kulħadd" għaliex fil-fatt qiegħed "iħares lejn l-uċuħ" u qiegħed jagħmel għażla! Dan aħna ma nemmnuħx bħala Kristjani.

**Rumani 11:1,**

> "*Issa nistaqsi jien, "Forsi Alla ċaħad il-poplu tiegħu?' Żgur li le! Għax jien ukoll Iżraeli, min-nisel ta' Abraham, mit-tribù ta' Benjamin.*"

L-appostlu, wara li wera li l-Lhud kienu rriġettaw lil Kristu u li Alla kien irriġettahom, jara l-konklużjoni milħuqa minnhom— li Alla kien warrabhom bħala nazzjon; għalhekk hu jistaqsi l-mistoqsija u jweġibha.

Pawlu kien mill-aktar demm safi ta' l-Iżraelin. Kieku Alla warrabhom minħabba li huma kienu Iżraelin, Pawlu ma kienx ikun il-qaddej Tiegħu. Huma qaċċtu lilhom infushom għaliex irriġettaw lil wisq mistenni Messija. Alla ma warrabx lill-poplu Tiegħu li Hu kien għażel formalment. Imma li Hu kien irriġet-tahom bħala nazzjon huwa indisputabbli. Qabel il-miġja ta' Kristu, Iżrael kienu l-poplu ta' Alla minħabba d-dixxendenza tagħhom minn Abraham. Imma malli Kristu bagħat lil l-appost-li Tiegħu b'kummissjoni mad-dinja kollha**, il-bażi ta' l-aċċet-tar inbidlet**. Fidi fi Kristu **weħidha** kienet tassigura favur. Mingħajr ma jkun ubbidjenti lejn Kristu, l-aktar Lhudi devot kien imwarrab. Bl-ubbidjenza, ħadd ma kien imwarrab. Alla rriġetta lin-nazzjon ta' Iżrael minħabba li huma ma obdewx lil Kristu. L-individwu, Alla żammu fil-favur Tiegħu minħabba l-ubbidjenza tiegħu lejn Kristu. Illum **kulħadd** hu salv bil-grazzja ta' Alla (Efesin 2:8-10). Li tkun Lhudi skond il-ġisem **ma jiswa xejn**! Dan tgħidu l-Kelma ta' Alla.

**Rumani 3:9,**

> *"Xi ngħidu mela?* ***Aħna Lhud aħjar mill-oħrajn? B'ebda mod. Ġa wrejna li sew il-Lhud u sew il-Grieg huma lkoll*** *taħt il-ħakma tad-dnub."*

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan? Ma rridx inkun pru-żuntuż li nipprova nfisser dan il-kliem għaliex m'għandu bżonn ta' ebda tifsira! Temmen int dak li qrajt? "*Aħna Lhud aħjar mill-oħrajn?*" Il-millenjalisti jwieġbu, "Iva." L-Ispirtu s-Santu jwieġeb, "*B'ebda mod.*" Sejjer jien ingiddeb lil l-Ispirtu s-Santu u ngħallem li l-Lhud ikunu salvati kollha kemm huma fit-tieni miġja tal-Mulej? Ikunu salvati, iva, imma dawk il-Lhud biss li jaċċettaw u jobdu l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Hekk tgħid l-Iskrittura Mqaddsa fis-siltiet kollha li kkwotajna!

**Rumani 3:29,**

> *"Forsi Alla hu Alla* ***tal-Lhud biss****? Mhux tal-pagani wkoll? IVA, tal-pagani WKOLL."*

Huwa Alla "Alla tal-Lhud biss?" Il-millenjalisti jwieġbu "Iva" għaliex lil-Lhud biss skond huma, Hu se jsalva fit-tieni miġja ta' Kristu. Imma l-Ispirtu s-Santu jwieġeb, "*Iva, tal-pagani wkoll.*" "**Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd**." Ara Luqa 20:21; Rumani 2:9-11; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:25; 1 Pietru 1:17).

**Rumani 3:30,**

> *"Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li jiġġustifika permezz tal-fidi* ***l-Lhudi ċirkon-ċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż****."*

Alla "*jiġġustifika permezz tal-fidi*" lil min? Lill-pagan biss? Le, "*lil-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż.*" Iffiser dan li fit-tmiem Alla jbidel fehemtu u jiġġustifika l-Lhudi ċirkonċiż biss? Hekk jgħallmu l-millenjalisti!

**Rumani 3:21,**

> *"B'daqshekk qegħdin inġibu fix-xejn il-liġi permezz tal-fidi? Ma jkun qatt, imma* ***qegħdin inwettqu l-liġi****."*

**Ġwanni 10:16**,

> *"Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel: lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm* ***merħla waħda, ragħaj wieħed****."*

Ara paġna 81.

**Efesin 4:3-6,**

> *"Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem:* ***ġisem wieħed*** *u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa* ***għal tama waħda****; Mulej wieħed, fidi waħda; Alla wieħed u* ***Missier ta' kulħadd****, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd."*

Mela, minn dan rajna li dak li naqraw f'Rivelazzjoni 7:3 *dwar "il-qaddejja ta' Alla tagħna*" jirriferi **għall-Kristjani kollha**. "*It-tnax-il tribù*" jirriferi għall-Kristjani kollha, il-Knisja ta' Kristu. "*Il-mija u erbgħa u erbgħin elf*" ukoll tirriferi **għall-Kristjani kollha**, il-Knisja li hija l-ġisem ta' Kristu.

**Lhud 3:7-19** – Din l-ittra kienet indirizzata speċjalment lil-Lhud u naqraw hekk:

> *"Għalhekk, kif igħid l-Ispirtu s-Santu: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom….Ħuti, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj. Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kulljum—* ***sakemm inkunu għandna nistgħu ngħidu "il-lum****"—biex ħadd minnkom ma jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu…Jingħad fl-Iskrit-*

*tura: "Jekk **illum** tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom bħal f'jum l-irvell*" (Lhud 3:7,12, 15).

L-Ispirtu s-Santu jgħid lil-Lhud "jekk ILLUM" u dan jirrepetih għal erba' darbiet (3:7, 13, 15; 4:7). Lhud 4:7 jgħid,

> "*Alla għażel mill-ġdid jum ieħor—"illum" —meta wara ħafna żmien qal b'fomm David il-kliem li semmejna: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom.*"

"**Illum**" huwa ċ-ċans għal-Lhud u għall-Ġentili li jisimgħu u jobdu l-Evanġelju ta' Krsitu u mhux wara t-tieni miġja ta' Kristu għaliex f'dak il-waqt il-bibieni jingħalqu biex ma jinfetħux aktar! Il-Mulej jgħidulna dan f'Mattew 25:1-13 fejn f'versi 10-13 jgħid,

> "*Xħin dawk marru biex jixtru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu miegħu għall-festa tat-tieġ, **u l-bieb ingħalaq**. Saflaħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew igħidu, 'Mulej, Mulej, **iftħilna**!' Iżda hu weġibhom u qal, 'Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx.' Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa*" (enfasi tiegħi).

Fil-kaz tal-millenjalisti li jemmnu u jgħallmu li l-Lhud se jkunu salvati kollha fit-tieni miġja ta' Kristu dan ċertament li jgħallem kuntrarju għal dak it-tagħlim! "**U l-bieb ingħalaq**." Forsi x-xebbiet il-boloh kienu jemmnu kif xi wħud jemmnu llum li hemm it-tieni ċans u għajtu: "**Iftħilna**!"! Imma kienu mqarrqa u minħabba li ħallew lil min iqarraq bihom niżlet il-korla ta' Alla fuqhom fejn il-Mulej qalilhom: "Ngħidilkom, lilkom **ma nafkomx**." Għalhekk l-Ispirtu s-Santu jwissina billi jgħidilna:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-*

*korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*"
(Efesin 5:6).

Ix-xebbiet il-boloh hekk ġralhom, kienu mqarrqa u hekk qegħdin jiġrilhom ħafna llum, dawn qegħdin jiġu mqarrqa bit-tagħlim falz tal-millenjalisti. Dawn jinsabu fil-periklu kbir u tal-biża' li f'dak il-mument meta huma jidhru quddiem il-Mulej fit-tieni miġja Tiegħu jisimgħu l-istess kliem:

"*Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx.*"

## IL-144,000 F'RIVELAZZJONI

Mela, il-mistoqsija hija: "Ikunu biss il—144,000 li jmorru fis-smewwiet biex isaltnu ma' Ġesù u l-bqija tal-mifdija jgħixu fuq dinja ġenna ta' l-art?" Minħabba li xi wħud jieħdu letteralment siltiet simboliċi ħafna f'Rivelazzjoni, huma jemmnu li l-"144,000" huma numbru letterali ta' dawk kollha li għandhom imorru fis-smewwiet. Oħrajn jemmnu li dan in-numru huma Lhud jew jirrappreżenta lil-Lhud. Din il-konklużjoni letterali, iżda, tippreżenta problemi li dawk li jagħllmu dan it-tagħlim żbaljat għandhom iwieġbu:

1. Il-144,000 jintqali li kollha huma mit-tnax-il tribù ta' Iżrael, li huma miktuba ndividwalment, bl-eċċezzjni ta' Dan (Rivelazzjoni 7:4-8). Dan ifisser li ebda Ġentili ma jmur fis-smewwiet.

2. Folla li ebda bniedem ma jista' jinnumeraha hija mfissra bħala li tinsab wieqfa quddiem it-tron (Rivelazzjoni 7:9). It-tron qiegħed fis-smewwiet (ara Rivelazzjoni 1:4; 3:21; 4:2-10; 5:1, 6-13; 6:16; 7:9-17; 8:3; 12:5; 14:3; 16:17; 19:4, 5), li jfisser li l-folla għandha tkun fis-smewwiet u mhux fuq l-art, u mhux il-144,000 ruħ biss.

3. Hemm biss tama *waħda* (Efesin 4:4), wegħda waħda ta' wirt, li hija fis-smewwiet (Kolossin 1:5; 1 Pietru 1:3-4). L-art, bħala tama għal xi wħud, u s-smewwiet, bħala tama għal oħrajn, ikunużewġ tamiet u mhux tama waħda.

4. Iċ-ċittadinanaza tal-Kristjani *kollha* hija fis-smewwiet (Filippin 3:30). Sakemm aħna nkunu qegħdin barra mis-

smewwiet, aħna nkunu barranin u għorba (1 Pietru 2:11). Aħna nkunu d-dar biss meta mgħammru fejn ikollna ċ-ċittadinanza tagħna u ċ-ċittadinanza tagħna hija fis-sema. L-Spirtu s-Santu dan jgħidu bi kliem ċar ħafna permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema;*
> *minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur,*
> *lil Sidna Ġesù Kristu*" (Filippin 3:20).

Is-sema, mela, mhux l-art, għandha ikunu id-dar eterna tal-Kristjani kollha.

5. Ġesù kien mar biex jiprepara post għalina lkoll, biex b'hekk fejn Hu qiegħed aħna nkunu wkoll (Ġwanni 14:3). ġesù mar fis-smewwiet (1 Pietru 3:22_, għalhekk is-smewwiet għandhom ikunu fejn aħna għandna mmorru.

6. Bħala sferi tanġibbli, id-dinja hija temporali, mhux eterna (2 Korintin 4:18); għalhekk, din għandha tgħaddi, tispiċċa mill-eżistena (Mattew 24:35). Din id-dinja jew art, li tkun maħruqa (2 Pietru 3:10), ma tistax tkun id-dar eterna tagħna għaliex ma kien instab ebda post għaliha (Rivelazzjoni 20:11).

7. Id-dar eterna tagħna hija fis-smewwiet. L-ispirazzjoni tgħidilna dan:

> "*Għax aħna nafu li, jekk l-agħmara tagħna*
> *ta' l-art ta' din it-tinda tiġġarraf, għandna dar*
> *mibnija minn Alla, agħmarta mhix maħduma*
> *bl-idejn, **eterna fis-sema***" (2 Korintin 5:1).

| **Il-144,000** | **Id-Deskrizzjoni** | **Il-Knisja** |
|---|---|---|
| Riv. 7:3 | qaddejja ta' Alla | 1 Pietru 2:16 |
| Riv. 7:4 | issiġillati | 2 Kor. 1:22; Ef. 1:13; 4:30 |
| Riv. 7:4 | l-Iżrael ta' Alla | Gal. 6:16 |
| Riv. 14:1 | fuq il-Muntanja Sijon | lhud 12:22, 23 |
| Riv. 14:1 | jilbsu l-isem tal-Missier | Ef. 3:15; Riv. 3:12 |
| Riv. 14:1 | jilbsu l-isem ta' Ġesù | Ġak. 2:7; Atti 11:26 |
| Riv. 14:3 | mixtrija | Atti 20:28 |
| Riv. 14:4 | mhux imniġġsa | Ef. 5:27 |
| Riv. 14:4 | verġni | 2 Ko. 11:2 |
| Riv. 14:4 | dixxipli tal-Ħaruf | Ġw. 10:27; 1 Pt. 2:21 |
| Riv. 14:4 | l-ewwel frott | Lhud 12:23; Ġak 1:18 |
| Riv. 14:5 | mingħajr gideb f'ħalqhom | Kol. 3:9 |

*"Kotra kbira li ebda bniedem ma jista' jgħoddha" (Rivelazzjoni 7:9-17) tista' tirrappreżenta l-mifdija taż-żminijiet kollha li diġa ħallew din il-ħajja.* Din il-kotra jew hija mfissra f'Rivelazzjoni fl-istess mod bħal dawk li jidħlu fil-Ġerusalem il-Ġdida:

(1) Dawn huma mill-ġnus kollha (7:9; 21:24).
(2) Huma lebsin ilbiesi bojod (7:9;19:14).
(3) Huma qegħdin mal-Ħaruf (7:9; 21:22; 22:1).
(4) Huma qegħdin fejn qiegħed it-tron (7:9; 22:3).
(5) Huma kienu salvati (7:10; 21:27).
(6) Huma jilbsu lbies maħsula (7:14; 19:8; 22:14).
(7) Huma Jaduh (7:15; 22:3).
(8) Huma jkunu fit-tempju ta' Alla, li huwa Alla Nnifsu (7:15; 21:22).
(9) Alla jgħammar magħhom (7:15; 21:3).
(10) Huma ma jaqbadhomx aktar il-ġuħ (7:16; 22:2).
(11) Huma ma jaqbaqdhomx aktar il-għatx (7:16; 21:6; 22:1).
(12) Huma ma jeħtiġux ix-xemx (7:16; 21:23; 22:5).
(13) Huma għandhom l-ilma tal-ħajja (7:17:21:6).
(14) Alla jimsaħ id-dmugħ tagħhom kollu (7:17; 21:4).

Evidentament, aħna lkoll li nodub lil Ġesù Kristu, mhux 144,000 letterali, għandna t-tama waħda tas-smewwiet glorjużi matul l-eternità. Is-salvi kollha, il-knisja (Efesin 5:25-27), u s-salvi fuq l-art ikunu ppremjati bil-ħajja eterna fis-sema, l-unika it-tama waħda tagħna.

****************************************************
****************************************************
****************************************************

# IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU—HIJA DIN IMMINENTI?
## (p. 227)

Il-premillenjaliżmu mhuwiex sempliċiment teorija. Dan huwa sistema ta' dottrina. Huwa skema ta' ħwejjeġ. Huwa teorija li ssejjaħ għall-mudellar mill-ġdid tal-Bibbja kollha, minn Ġenesi sa Rivelazzjoni. Mudellar mill-ġdid, għedt, minn prinċipji u fatti fundamentali li aħna dejjem aċċettajna bħala Kristjani, biex jilqa' t-talba tal-ħrafa tal-premillenjaliżmu dwar l-ordni tal-ħwejjeġ.

L-iżball jikkapitalizza fuq l-injoranza. Darba intqal, "Ħalli l-poplu jkun jaf il-verità u dan il-pajjiż ikun fiż-żgur" (Abraham Lincoln). Jekk dan il-principju hu tassew fil-qasam ta' l-ekonomija politika kemm aktar huwa minnu fil-qasam reliġjuż. Għalhekk, ngħid jiena ħalli l-knisja tkun taf il-verità, u l-knisja tkun fiż-żgur.

It-tema ta' din il-parti mill-istudju tagħna hija "It-tieni Miġja ta' Kristu—Hija din Premillenjali u Iminenti?" It-test huwa t-Tieni Tessalonikin 1:1-10.

> "*Pawlu, u Silvanus, u Timotju, lill-knisja tat-Tessalonikin f'Alla Missierna u fil-Mulej Ġesù Kristu: Grazzja. Għandna dejjem niżżluħajr 'l Alla għalikom, ħuti, kif inhu xieraq, biex il-fidi tagħkom tikber bis-sħiħ, u l-imħabba ta' kull wieħed minnkom toktor lejn xulxin; Biex aħna nfusna niftaħru bikom fil-knejjes ta' Alla għas-sabar u l-fidi tagħkom qalb il-persekuzzjonijiet kollha tag li intom issofru: Li hu prova ċara tal-ħaqq ġust ta' Alla, biex tkunu miżmumin bħala li jistħoqqilkom is-saltna ta' alla, li għaliha intom ukoll qegħdin issofru: Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk*

*li jħabbtukom; u lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu: Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu; meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu (għax ix-xhieda tagħna fostkom kienet emmnuta) f'dak il-jum."*

Fit-test is-sentenza, "għax ix-xhieda tagħna fostkom kienet emmnuta" (vers 10) tinsab fil-parentsi. Inħallu l-parentesi, din tinqara hekk: "Meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaqddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu f'dak il-jum." L-espressjoni "f'dak il-jum," f'vers 10, tirriferi għall-istess okkażjoni msemmija fil-vers 7—"meta jidher Sidna Ġesù mis-sema." Huwa ż-żmien meta dawk kollha li "jobdu l-evanġelju,'…" jitħallsu bit-telfien ta' dejjem'—u ż-żmien hu "meta jiġi" (vers 10). Dawn il-ġrajjiet li jiġru meta jiġi Ġesù, għandhom relazzjoni difinittiva fuq il-ħwejjeġ li dwarhom qegħdin niddiskutu. Bi stqarrijiet bħal dawn ta' x'għandu jiġri meta jiġi Ġesù, aħna nistgħu nkunu nafu sewwa x'mhux se jiġri.

## I. IL-KUSTJONI TA' L-IMMINENZA

Hemm żewġ mistoqsijiet quddiemna issa: L-ewwel, huwa r-ritorn ta' Kristu imminenti—fil-qrib li jiġi? It-tieni, hija l-miġja ta' Kristu premillenjali? Il-kelma millenju hija kelma doppja, meħuda minn żewġ kelmiet Latini, 'mille,' li tfisser 'elf,' u 'annum,' li tfisser 'sena.' Għalhekk, millenju tfisser elf sena. Il-prefiss 'pre' jfisser 'qabel,' għalhekk 'premillenjali' tfisser qabelil-millenju. Jekk il-miġja ta' Ġesù Kristu hija premillenjali, dan ikun ifisser li Ġesù jiġi qabel il-millenju;

jiġifieri, Ġesù jiġi l-ewwel, imbagħad il-millenju. Dan hu dak li l-kelma *premillenjali* tfisser, u 'iżmu'—premillenjaliżmu'— tfisser li mhuwiex hekk. Il-millenjalisti mdorrijin jakkużaw li dawk kollha li jirriġettaw it-teoriji tat-tieni avvent ma jemmnux fir-ritorn ta' Kristu. Din, naturalment, hija akkuża falza. Ir-riġezzjoni tad-dottrina falza ta' qawwa diretta li tikkonverti ma tfissirx li aħna ma nemmnux fil-konverżjoni jew fl-Ispirtu s-Santu. Fuq l-istess prinċipju, li tirriġetta t-teorija ta' saltna u ħakma futur ta' Ġesù Kristu fuq l-art ma jfissirx li aħna ma nemmnux il-wegħda tal-miġja Tiegħu.

Sforz qiegħed isir biex bil-qerq tiddaħħal l-iskema ta' ħwejjeġ fuq il-knisja, biex igħaddu l-knejjes ta' Kristu kollha kemm huma għall-għaqda premillenjali. Imma l-isforzi tagħhom fallew għaliex sabu oppożizzjoni iebsa. Id-determinazzjoni tagħna hija li nżommu dak li tgħallem il-Bibbja dwar il-miġja ta' Kristu, waqt li nikxfu t-teoriji magħrufa bħala premillenjaliżmu.

Id-diskussjoni tat-tieni miġja ta' Kristu tipproponi bosta mistoqsijiet: Huwa r-ritorn personali ta' Kristu fatt? Ikun dan premillenjali? Sejjer Kristu jgħammar fi preżenza bil-ġisem fid-dinja? Sejjer Hu jwaqqaf saltna tad-dinja u jsaltan elf sena fuq l-art? Fil-qalba ta' investigazzjoni bħal din hemm il-mistoqsija ta' l-imminenza. Hija t-tieni miġja fil-qrib li tiġri? Hemm xi sinjali tal-ġrajja tagħha? Biex inwieġbu l-mistoqsijiet aħna rridu l-fatti kontra t-teoriji.

### (1) Il-wegħda tal-miġja Tiegħu.

L-ewwel: Ġesù wiegħed li jarġa':

> "*La tħallux qalbkom titħawwad: temmnu f'Alla, temmnu wkoll fija, f'dar Missieri hemm ħafna agħmajjar: kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inhejji post għalikom. U jekk immur u nhejji post għalikom, narġa' niġi, u nilaqgħkom għandi; biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll*" (Ġwanni 14:1-3).

Ġesù ma qalx li Hu "jarġa' jiġi" biex jipprepara post għalina. Hu qal li "kien sejjer" bie xjipprepara jew ihejji l-post u *"jarġa' jiġi"* biex jilqagħna. Madankollu xi wħud jaħsbu li l-"post" ikun f'Ġerusalem la-antika tal-Palestina, Ġersualem tad-dinja imġedda, iddisinfettata, irrinovata, u igglorifikata! Xmun Pietru kien preżenti meta Ġesù għamel il-wegħda lid-dixxipli Tiegħu. Hu semgħu jgħid: "Jien sejjer inhejji post għalikom." Erbgħin sena wara fl-ewwel ittra tiegħu, kapitlu 1, vers 4, Pietru qal, li "hemm post merfugħ għalina fis-sema." Ġesù **mar** biex ihejji jew jipprepara dak il-post. Pietru jgħid li l-post qiegħed fis-sema, u kien imhejji għalina u mhux li għad irid ikun imhejji kif jgħallmu l-millenjalisti!

It-tieni: L-anġli qalu li Ġesù jarġa' jiġi.

> "*U huma u jħarsu fiss lejn is-sema waqt li kien tiela', ara, waqfu ħdejhom żewġt irġiel lebsin l-abjad; li wkoll qalu: Ja rġiel mill-Galilija, għax qegħdin tħarsu fiss lejn is-sema? Dan l-istess Ġesù, li rtafa' fis-sema minn magħkom, hekk għad jarġa' jiġi bħal ma rajtuh sejjer fis-sema*" (Atti 1:10-11).

Il-Mulej Innifsu xehed li jarġa' jiġi, u l-anġli tal-Mulej assiguraw mill-ġdid lid-dixxipli dwar iċ-ċertezza tal-wegħda.

It-tielet, L-Ispirtu s-Santu qal li Ġesù jarġa' jiġi:

> "*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq; hekk Kristu kien offrut darba biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher għat-tieni darba, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh*" (Lhud 9:27-28).

It-testimonjanza fi tlieta tagħmel komplut ir-rakkont divin, u hija suffiċjenti għal kollox biex tistabilixxi l-fatt tat-tieni avvent tal-Mulej. Aħna naċċettawha u nemmnuha. Ġesù Krsitu raġa' ġej. Dan aħna nemmnuh għal kollox.

(2) Iż-żmien u l-imminenza tal-miġja Tiegħu huma mistoqsija oħra minn dik li tikkonċerna l-fatt tal-miġja Tiegħu. Il-kelma "imminenti" tfisser riesaq jew se jiġri. Jekk ħaġa hija imminenti, din hija lesta li tiġri. It-tieni miġja ta' Kristu hija suġġett "imminenti"—prominenti; imma li l-miġja Tiegħu hija "imminenti" it-Testment il-Ġdid la jgħid u lanqas jgħallem. Id-dizzjunarju Grieg jiddefinixxi "imminenti" bħala ħaġa "imdendla" se tiġri, bħall-"frott misjur, lest li jaqa'." Misjur, dan lest li jaqa', imma l-mument preċiż mhuwiex magħruf.

Jekk it-Testment il-Ġdid għallem meta dan kien miktub li r-ritorn ta' Kristu kien imminenti, dan għallem dak li ma kienx tassew—dan ma ġarax.

Jintqal li l-appopstli ta' Kristu emmnu u għallmu r-ritorn imminenti tal-Mulej; li Pawlu emmen li l-miġja ta' Kristu kienet imminenti; u li Pietru emmnu dan; li t-tenjn Pawlu u Pietru għallmuh dan. Huma kienu appostli ispirati, u jekk Pawlu u Pietru emmnu u għallmu lir-ritorn ta' Kristu kien imminenti, huma emmnu u għallmu l-iżball—Kristu ma ġiex—għalhekk il-miġja Tiegħu ma kinetx imminenti. Dan jammonta għall-akkuża formali ta' żball kontra l-Ispirtu s-Santu. Lest int li tissieħeb ma' dawn l-għalliema foloz u tgħallem lil oħrajn dan it-tagħlim falz?

It-Testment il-Ġdid ma jgħallem xejn issa li ma għallimx dak iż-żmien; jekk it-Tewtment il-Ġdid ma għallimx l-imminenza tat-tieni miġja ta' Kristu fiż-żmien tal-bidu tiegħu, dan ma jgħallmux issa, illum. L-appostlu Pawlu ma għallimx ir-ritorn imminenti ta' Kristu. Isma' xi jgħid Pawlu:

> "*Għax jien naf dan, li wara t-tluq tiegħi lpup ħorox jidħlu fostkom, u ma jaħfruhiex lioll-merħla. Ukoll minn fostkom stess iqumu xi rġiel, jitkellmu ħwejjeġ imgħawġa, biex jiġbu dixxipli wa*rajhom" (Atti 20:29-30).

Pawlu wissa dwar ħwejjeġ li kellhom jiġru wara l-mewt tiegħu. Pawlu kien jaf b'ispirazzjoni li Kristu ma kienx ġej qabel il-mewt tiegħu. Kieku r-ritorn ta' Kristu kien imminenti Pawlu ma kienx jgil-kliem! Pietru ma għallimx li l-miġja ta'

Kristu kienet imminenti. Jikteb lill-membri mxerda tal-knisja ta' Ġerusalem, hu qal:

> "*Għax naf li dawlwaqt ikolli nitlaq it-tinda tiegħi, bħal ma għarrafni Sidna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:14).

Erbgħin sena qabel, Ġesù wera lil Pietru l-mod li bih kellu jmut. Hu qallu:

> "*Tassew, tassew ngħidlek: Meta kont żagħżugħ, kont titħażżen, u kont tmur fejn trid: imma meta tixjeħ, tiftaħ idejk, u ħaddieħor iħżżmek, u jieħdok fejn ma tridx. U dan qalu, biex ifisser b'liema mewt kellu jigglorifika 'l Alla. U meta qal da, qallu: Ejja warajja*" (Ġwanni 21:18-19).

Erbgħin sena wara, Pietru qal,

> "*Bħal ma għarrafni Sidna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:14).

Pietru kien jaf permezz tal-kliem tal-Mulej Innifsu li Kristu ma kienx se jiġi f'ħajtu. Hu kien jaf il-mod tal-mewta li kellu jmut. Madankollu huwa mgħallem illum li Pawlu u Pietru għallmu r-ritorn imminenti ta' Kristu. Ebda wieħed minnhom ma għallem hekk, ebda silta fit-Testment il-Ġdid ma tghekk. Il-mistoqsija tal-miġja Tiegħu ma daħlitx fil-wegħda tal-miġja Tiegħu. U hawn niġu għal dak li qal il-Mulej f'Mattew 15:4,5:

> "*Għax Alla qal,…Imma intom tgħidu…*"

Id-deċiżjoni hija tiegħek u tiegħek waħdek dwar liema tagaċċetta u tgħallem, dak li "qal Alla" jew dak li "intom tgħidu"?

### (3) Teoriji riċenti ta' l-avvent

Jintqal ukoll lis-sinjali taż-żmienijiet jindikaw "ir-ritorn malajr ta' Kristu"—li aħna nistgħu nkunu nafu bejn wieħed u ieħor meta bis-sinjali taż-żminijiet. Il-mexxejja ta' kull moviment spekulattiv f'kull ġenerazzjoni sa minn meta

twieldet l-ispekulazzjoni spekulaw fu ql-istess sinjali taż-żminijiet biex jagħtu prova li Kristu jirritorna fiċ-ċertu żmien mitlub minnhom u t-teoriji rispettivi tagħhom.

William miller kien il-fundatur ta' setta imsejħa Second Adventists li, taħt il-profetessa Ellen G. White, iffurmat fis-Seventh Day Advnetist. William Miller, lagħab is-sinjali taż-żminijiet, u ċerti profeziji biex iwieżen it-tbassir tiegħu u fl-1843 hu poġġa d-data għar-ritorn ta' Kristu sena minn dak in-nhar—fl-1844. Meta l-1844 waslet, ix-xahar ġie, u l-ġurnata tax-xahar ġiet ukoll, imma Ġesù baqa' ma ġiex, Miller mexxa d-data tiegħu sena 'l quddiem, jgħid li hu kien għamel żball fil-figuri u ma kienx qara s-sinjali sewwa—imma Kristu ma ġiex fl-1845.

Is-segwaċi li kienu jibilgħu kull ma William Miller kien jgħidilhom, jemmnu impliċitament l-ispekulazzjonijiet tal-mexxej tagħhom, u li kienu mgħallma li huma kellhom jitilgħu biex jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru fir-rapiment, libsu lbies bojod tat-tlugħ, u kmieni ħafna fil-għodu tal-jum imbassar ta' l-1845 huma telgħu fuq l-għoljiet, fuq il-quċċati tas-siġar, fuq il-bjut, u fuq l-għola postijiet ta' eminenza biex jistennew lil Ġesù jiġi. Huma qagħdu hemm, bl-ilbies abjad, għal lest—għal ġirja tal-bidu biex jiltaqgħu Ġesù. Mis-sebħ sa filgħaxija huma qagħdu jistennew, il-jum kollu jħarsu. Meta dalam u s-ema swiedet, huma telqgħu mill-postijiet tagħhom nies iddiżappuntati għal kollox, il-fidi tagħhom u qlubhom miksura, qatt aktar ma riedu jerġgħu jafdaw lill-bniedem jew lil Alla.

Din hija l-ħaġa serja dwar dwn l-ispekulazzjonijiet. Meta nies innoċenti jsiru jafu li l-kredulità tagħhom kienet imponuta fuqhom, huma rari jduru lura għal l-attitudnijiet sensibbli tagħhom lejn il-Bibbja; huma jsofru prostrazzjoni spiritwali, tkissir reliġjuż, huma jmorru fl-infedelità, jitilfu ruħhom, u l-ispekulazzjoni hija l-ħtija ta' dan kollu.

Dan ġab fit-tmiem lil William Miller. Wara tfaċċa Charles T. Russell, magħruf internazzjonalment bħala Pator Russell. Russell poġġa Ottubru, 1914, għal Ġesù li kellu jiġi, għal din l-ordni pereżenti ta' ħwejjeġ li tispiċċa; u li jibda l-millenju. Is-

segwaċi tiegħu emmnuh lil dan ukoll, l-istess kief għamlu dawk ta' William Miller. Xi wħud minnhom żammew lil uliedhom id-dar u ma ħallewhomx imorru l-iskola għaliex emmnu li Ġesù kien ġej u lid-dinja kienet se tispiċċa. Is-sena 1914 ġiet u għaddiet, imma Kristu ma ġiex. Russell mexxa d-data tiegħu 'l quddiem għas-sena 1918. Fl-intervall inqalet il-Gwerra Dinjija, u Russell qal li l-battalja ta' Armagedon kienet fil-qrib, u t-tmiem tad-dinja jiġi mat tmiem tal-gwerra. Iżda xejn ma ġara f'dak il-mod, u Charles T. Russell miet mingħajr ma ra lil Ġesù.

Il-mantell ta' Pastor Russell tqiegħed fuq wieħed li kien jismu J.F. Rutherford—Judge Rutherford. Judge kien l-ewwel isem tiegħu, hekk jintqal. Rutherford mar mal-pajjiż kollu jippriedka li "milljuni li issa qed jgħixu ma jmutu qatt." Id-diskorsi tiegħu kienu rrekordjati u s-segwaċi tiegħu bdew imorru bil-bibien tan-nies u jippruvaw isemmulhom il-kliem ta' Rutherford. Imma hu miet—jippriedka li Ġesù kien ġej f'ħajtu—eżempju ieħor ta' fanatiċiżmu ta' spekulaturi u l-blugħa tas-segwaċi tagħhom.

Persunaġġ ieħor minn dawn il-profeti foloz kienet Mary Baker Glover Patterson Eddy tal-Christian Science fama u fortuna. Hija tappartjeni għal l-istess keffa. Is-sinjura Eddy emmnet li hija ma kinetx se tmut. Hija kellha 96 sena meta mietet u l-età tagħha kienet offruta bħala xhieda tal-verità tal-Christian Science—hija kienet, qalu huma, wirja ħajja tal-verità tal-Christian Science. Imma hi mietet; u bl-istess simbolu l-mewta tagħha għandha tkun meqjusa bħala wirja mejta tal-falzità tagħha. Rutherford ma emminx li hu kien se jmut. Għallinqas, dak huwa li hu għallem, kemm jekk hu attwalment emmnu dan jew le, ebda kunfidenza ma tista' tinżamm ma' mexxejja bħal dawn. Madankollu, huwa għallem u impona l-impressjoni fuq eluf ta' nies, li hu kien fost il-miljuni li issa kienu qegħdin jgħixu li qatt ma jmutu. U dan kompla sejjer għal snin u snin, huma jitkellmu dwar is-sinjali taż-żminijiet, u l-battalja ta' Armagedon. Kull gwerra li qatt kienet miġġielda sa miż-Żminijiet tad-Dlam kienet magħmula li tfisser minn xi

profeta falz bħala li kienet il-battalja ta' Armagedon, sakemm il-mixja ta' ġrajjiet poġġiet l-hekk imsejħa profeti wieħed wieħed fuq l-ixkaffa. Il-battalja ta' Armagedon, naturalment, qatt ma kienet u qatt ma tkun battalja fiżika. Id-demm f'Armagedon huwa d-demm ta' l-Iben ta' Alla. Hija d-deskrizzjoni figurattiva tal-konflitt spiritwali bejn il-verità u l-iżball jew il-qerq li aħna naraw minn żmien għal żmien. Sfortunatament, illum, ukoll hawn ħafna li jippridkaw u li jemmnu dan it-tagħlim falz l-istess kif kien hemm fiż-żminijiet imsemmija aktar qabel.

## II. IS-SINJALI TAŻ-ŻMINIJIET

Issa li rajna l-ispekulazzjonijiet foloz u l-fantasiji, aħna issa nittrattaw mas-"sinjali" kif huma rrelatati għall-kustjoni ta' l-imminenza. Hemm xi sinjali li bihom iż-żmien tal-miġja ta' Kristu jista' jkun iddeterminat? L-idea lis-"sinjali taż-żminijiet" ibassru l-miġja tal-Mulej u t-tmiem tal-ħwejjeġ kollha hija bbażata fuq misinterpretazzjoni ta' Mattew kapitlu 24.

### (1) Iż-żewġ mistoqsijiet imwieġba.

Mattew 24, u Mark 13, u Luqa 21, huma siltiet parallelli. Ġesù kien qiegħed fil-belt ta' Ġerusalem mad-dixxipli, iħrsu lejn it-tempju. Id-dixxipli, bħal-hud l-oħra kolha, ammiraw il-bini tat-tempju. Iħares lejn il-ġebel ta' kobor immens ta' l-istruttura kbira tat-tempju ta' Salamun, Ġesù skanta lid-dixxipli Tiegħu bid-dikjarazjni li Hu għamel:

> "*Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx*" (Mattew 24:2).

Id-dixxipli naturalment ħasbu li meta ħaġa stupenda bħal dik tiġri, dan ikun it-tmiem tad-dinja—it-tmiem tal-ħwejjeġ kollha. Għalhekk iż-żewġ mistoqsijiet:

> "*Għidilna meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek…*" (vers 3).

Ġesù qalilhom ċar li ma jkun hemm ebda sinjal. Hu qal hekk:

> *"Dwar dak il-jum u s-siegħa ebda bniedem ma jafhom, anqas l-anġli tas-sema, u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier waħdu"* (vers 36).

Ma jkun hemm ebda sinjali dwar il-miġja Tiegħu. Ebda bniedem ma jaf iż-żmien tal-miġja Tiegħu; l-anġli ma jafux; il-Mulej fl-istat Tiegħu ta' l-umanità ma kienx muri l-ħwejjeġ tal-futur li kienu jappartjenu biss lill-Missier. It-tagħrif u l-illuminazzjoni ta' l-Iben fuq il-ħwejjeġ kollha kienu suġġetti għaż-żmien li kienet ir-rieda tal-Missier li turih (Ġwanni 5:19-20), imma "ebda bniedem" qatt ma jista' b'xi "sinjal taż-żminijiet" ikun jaf iż-żmien tal-miġja tal-Mulej. Bi prova ta' dan jien neħtieġ biss li niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-espressjoni: "…hekk tkun ukoll il-miġja ta' Bin il-bniedem" (Mattew 24:37). Hekk għandha "tkun" il-miġja—din tkun dak il-mod meta Hu jiġi. Ebda bniedem ma jkun jaf sakemm Kristu jiġi. Madankollu, nies fil-prużunzjoni tagħhom jitbissmu b'mod sarkastiku u jippruvaw jinterpretaw kliem Ġesù biex jagħmluh jaqbel mat-teoriji u t-tagħlim falz tagħhom u sfortunatament ħafna jemmnu lilhom u jwarrbu lil Kristu! Ħafna, għalkemm hemm ħafna provi ċari dwar dawn il-profeti foloz li jitkellmu dwar is-sinjali, bħal William Miller, Ellen White, Rutherford u dawk il-profeti foloz moderni, huma emmnuti għal kollox u b'hekk iġibu l-elma tal-Mulej fix-xejn.

Ġesù qal bi kliem ċar li *"ħadd ma jaf ħlief il-Missier waħdu."* Temmnu dan int? Jew temmen li qabel se jkun hemm sinjali? Kieku d-dinja kienet taf, jiġifieri li aħna nkunu nafu permezz tas-sinjali, ma kienx ikun meħtieġ li "nishru" (Mattew 25:13). Ma kien ikun xejn ta' sorpriża meta Ġesù jiġi (2 Pietru 3:10). Id-dinja tkun għada mhix lesta (2 Pietru 3:3-12). Imma llum aħna għad għandna nies bħal Miller, White, Rutherford u oħrajn li qegħdin jgħidu l-istess kliem li huma qalu dwar is-sinjali u xorta waħda għad hawn nies li jemmnu dak li dawn in-nies jgħidu avolja jaraw il-fallimenti tagħhom!

It-tweġiba ta' Ġesù ħawdet lid-dixxipli dwar sinjali tal-miġja Tiegħu u wriet għall-qerda ta' Ġerusalem u t-tmiem taż-żmien.

**(2) Il-waqa' ta' Ġerusalem.**

Fit-tweġiba Tiegħu għall-mistoqsija "meta jiġru dawn il-ħwejjeġ?" Ġesù semma s-sinjali ta' l-invażjoni li kienet fil-qrib ta' Ġerusalem, il-qerda tal-belt, it-tifrik tat-tempju u t-tmiem ta' l-istat Lhudi. Meta Ġesù wieġeb il-mistoqsija dwar iż-żmien tal-miġja Tiegħu Hu qal li "ebda bniedem ma jar"—ma jkun hemm ebda sinjali. Meta Hu wieġeb il-mistoqsija fuq il-qerda ta' Ġerusalem, Ġesù semma u fisser fid-dettall is-sinjali.

L-indikazzjoni li l-assedju ta' Ġerusalem huwa s-suġġett tad-diskors f'Mattew 24 għandu jidher fl-applikazzjoni ta' l-espressjonijiet numerużi li huma pekulari għall-rpfeziji u apokalissi tat-Testment il-Qadim dwar il-qerda u d-deżolazzjoni ta' bliet u nazzjonijiet antiki, li huma wżati matul dan il-kapitlu, u l-kapitli parallelli ta' Mark u Luqa.

1. Il-għajb tal-ħerba msemmi f'Mattew 24:15, meħud mill-profezija ta' Danjel, kien intqal mill-Mulej li kellu jkun imwettaq meta l-Lhud kellhom jaraw il-preżenza tas-sinjali u s-simboli tar-Rumani "qiegħdha fil-lok imqaddes," kif irreġistrata minn Mattew, u "qiegħed fejn m'għandux joqgħod" kif jintqal minn Mark 913:14). Din hija l-interpretazzjoni u l-ispjega tal-Mulej Innifsu kemm tal-profezija ta' Danjel u tat-twettiq f'Mattew 24.

2. It-twissija biex jaħarbu lejn il-muntanji (v. 16) b'ebda opportunità jew mezzi biex jirranġaw għall-ġarr u trasport ta' ħwejjeġ personali meta huma jaraw l-armati Rumani ġejjin bis-sħiħ, tindika l-bidu ta' l-assedju.

3. in-niket u t-tribulazzjoni li jakkumpanjaw l-assedju qalil u mtawwal, ikkonfermati mill-istoriċi li kienu xhieda preżenti bħal josephus u Pliny f'dettall deskrittiv li jbażża', ma jistgħu jkunu mogħtija ebda applikazzjoni oħra.

4. Ir-riferenza għal Kristijiet foloz (v. 24) b'sinjali li jqarrqu bħall-għeġubijiet maġiċi ta' Xmun is-Saħħar (Atti 8:9-11), turi li l-isforz biex timità lill-Messija kien mifrux ma' kullimkien, b'hekk jidentifika ż-żmien ma' l-opri ta' Ġesù li kienu jappartjenu għal dak iż-żmien u dik il-ġenerazzjoni.

5. It-titrif tad-diqa fir-rakkont ta' Luqa fuq l-art tal-Lhudija, il-massakru kbir ta' l-abitanti bis-sejf, it-teħid ta' l-ilsiera fil-ġnus kollha ta' madwar, it-tidwir tal-belt minn armati barranin, u l-irfis ta' Ġerusalem mill-Ġentili permanentament—dawn il-ħwejjeġ kollha jistgħu jkunu deskrittivi ta' ġrajja waħda biss ta' l-istorja: dik il-kriżi finali taż-żminijiet dwar Ġerusalem, li fiha t-tranżizzjoni mit-taqsima (dispensa) tal-Ġudaiżmu għall-Kristjaneżmu saret ippublikata matul id-dinja kollha.

It-tneħħija u l-waqa' finali tal-kapitali Lhudija u tat-tempju, li jirrappreżentaw il-kult tal-Ġudaiżmu, u l-espansjoni konsegwenti tas-saltna ġdida ta' Kristu, jidhru f'dawn l-evidenzi li huma s-suġġett prinċipali ta' Mattew 24—ir-rebħa u t-twaqqif tal-Kristjaneżmu fid-dinja kollha.

6. Il-punt l-iżjed għoli ta' l-istqarrijiet kollha tal-kapitlu kollu, biex jissetilja l-kustjoni taż-żmien, tinsab fid-dikjarazzjoni li l-ħwejjeġ kollha indikati bis-sinjali jkunu mwettqa f'dik il-ġenerazzjoni. Sfortunatament, il-profeti u l-għalliema foloz ta' matul iż-żminijiet, hawn, ukoll, ippruvaw jagħmlu lill-Mulej tagħna jgħid kliem li Hu ma qalx billi jgħidu li l-kelma "ġenerazzjoni" jew "nisel" hawn tfisser "razza." Dan ifisser li Ġesù Kristu ma kienx jaf id-differenza bejn "ġenerazzjoni" u "razza"! Qiegħed tara sa fejn jaslu dawn l-għaliema foloz! Imma aktar 'il quddiem naraw dwar dan ukoll. Ir-rakkont ta' Luqa jżid is-saħħa għall-istqarrijiet ta' Mattew:

> "*Hekk intom, meta taraw jiġru dawn il-ħwejjeġ kunu afu li s-saltna ta' Alla hija qrib. Ngħidilkom is-sewwa: Dan in-nisel ma jgħaddix, sakemm isir dan kollu*" (Luqa 21:31-32).

Ir-rakkont ta' Mattew jaqra,

> "*…Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jeħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

*Innota l-espressjoni: "hekk INTOM meta taraw, KUNU AFU (INTOM), u, NGĦIDILKOM, stqarrijiet li jidentifikaw in-nies ta' dik il-ġenerazzjoni jew nisel bit-twettiq tal-ġrajjiet imsemmija. Il-*

*kelma wżata minn Ġesù hawn għal "nisel" jew "ġenerazzjoni" mhijiex il-kelma wżata mill-għalliema foloz tal-llum, jiġifieri, dik għal "razza." Il-kelma Griega li hija wżata minn Ġesù hija genea (yeveà)* li bażikament tirriferi għat-"total kollu ta' dawk imwielda fl-istess żmien imkabbra biex jinkludu lil dawk kollha li jgħixu f'ġenerazzjoni, kontemporanji ta' żmien mogħti" (William Arndt & F.W. Gingrich, *Griek-English Lexicon of the New Testament* (Chicago University of Chicago, 1967), p. 153).

Stqarrija sinjifikanti hija magħmula minn Luqa f'vers 31. Huwa jgħid,

> "*Hekk intom, meta taraw jiġru dawn il-ħwejjeġ kunu afu li s-saltna ta' Alla hija qrib.*"

Ir-rakkont ta' Mark iżid,

> "*Hekk intom ukoll, meta taraw dawn il-ħwejjeġ jiġru, kunu afu li qorob,* ***fejn il-bibien***" (Mark 13:29).

It-tifsira ovvja hija: li f'nofs dawn l-iżviluppi koroħ u tal-biża' id-dixxipli li jemmnu m'għandhomxgħalfejn ikunu mdejqin għaliex is-saltna kienet magħhom, "*hija qrib*," *u "fejn il-bibien*;" u l-Mulej kien qrib tagħhom daqs kemm kienet is-saltna li daret magħhom bl-assigurazzjonijiet divini kollha tal-preżenza tal-Mulej Inifsu. Il-verità ta' dan jidher aktar fil-vers 28:

> "*U meta jibdew jiġru dawn il-ħwejjeġ, ħarsu 'l fuq, għax tkun qiegħda toqrob il-fidwa tagħkom*" (Luqa 21:28).

Hawn huwa evidenti li *l-fidwa* tfisser *il-ħelsien* tagħhom mill-assedju, u hija mogħtija l-istess applikazzjoni f'dan il-kuntest bil-fraqżi "is-saltna ta' Alla hija qrib" (v. 31). F'din il-konnessjoni iż-żewġ espressjonijiet għandhom l-istess sinifikat. Is-saltna kienet *qrib* fl-istess sens li l-fidwa jew il-ħelsien kien *fejn il-bibien*.

It-tagħlim tat-Testment il-Qadim u tal-Ġdid dwar is-saltna ta' Kristu huwa: lis-saltna tikkontempla it-tul kollu taq' żmien mit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema wara l-qawmien Tiegħu sa l-inżul tiegħu mis-sema fit-tmiem. L-Iskrittura dan tgħidulna b'mod l-aktar ċar meta permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħid,

> "*Għax jeħtieġ isaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh*" (1 Korintin 15:25).

Il-waqa' ta' Ġerusalem u tat-tempju kienet is-sinjal finali għad-dinja li Kristu kien qiegħed "fuq l-id il-lemenija tas-setgħa," kif Hu ddikjara lill-qassisin il-kbar tal-Lhud f'Mattew 26:64; u kif imħabbar ukoll lil l-uffiċjal tal-Lhud illi hu u l-uffiċjali l-oħra bħalu tas-Sanhedrin għandhom wara jarawh *dan*.Nifhem jien li huma dawn rawh—fil-qerda tal-belt kapitali tagħhom u t-tempju nazzjonali tagħhom.

**(3) It-tmiem ta' l-istat Lhudi.**

Għal argument iddettaljat fuq Matttew 24, jiena sejjer nirreferi għal serje ta' tabelli li juru l-kapitli parallelli ta' Mattew, Mark u Luqa.

## MATTEW 24

**(Mark 13—Luqa 21)**

**I. IT-TRIBULAZZJONI L-KBIRA—MHUX PERJODU PREMILLENJALI**

1. **Dixxipli Jaħarbu—vers 16—Skond il-Premillenjalisti Ħadd ma jkun fuq l-art.**
2. **Titolbux fix-Xitwa—Espożizzjoni**
3. **Lanqas fis-Sibt—Awtoritajiet Lhud**

**Iġibu fix-Xejn l-Applikazzjoni Premillenjali**

**II. IL-QERDA TA' ĠERUSALEM**

1. **Il-Bini tat-Tempju—Versi 1-4 Luqa 21:6**
2. **Qerda tat-Tempju—Tmiem ta' l-Istat Lhudi—Versi 3, 32-36—Mark 13:14**

## 3. Jum ta' Żjara—Luqa 19:41-44—Isaija 13: 5-10; 17—Babel—Isaija 19:11—Eġittu

1. "*Wara n-niket (tribulazzjoni) ta' dawk il-jiem…*" (Mattew 24:29). Il-millenjalisti jgħallmu li "t-tribulazzjoni" Jew niket jew diqa tkun fiż-żmien tar-rapiment. Il-qaddisin, jgħidu huma, jkunu maħtufa fuq fir-rapiment, u waqt li l-qaddisin ikunu fir-rapiment, "xi mkien fis-smewwiet," il-perjodu tat-tribulazzjoni jkun fil-proċess fuq l-art; imma s-salvi jkunu meħlusa mit-tribulazzjoni, għaliex il-qaddisin ikunu fuq fis-sema xi mkien ma' Ġesù fir-rapiment sakemm il-perjodu tat-tribulazzjoni jkun spiċċa, meta mal-Mulej, jgħidu huma, jiġu lura fid-dinja għall-millenju. Imma Mattew 24 ma joqgħodx fl-istampa. Ir-rakkont jgħid lid-dixxipli kien intqal lilhom biex "jaħarbu…għall-muntanji" meta din it-tribulazzjon tibda (vers 16). Skond it-teorija millenjali ma jkun hemm ebda dixxipli fuq l-art biex jaħarbu—dwn kollha jkunu fuq fir-rapiment! Għandek għażla int issa lil min se temmen, lil l-Ispirtu s-Santu jew lill-millenjalisti?

2. "*Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa, lanqas nhar ta' Sibt*" (vers 20). Il-liġi tkun imsammra mas-salib, is-Sibt (sabbath) ikun imneħħi (Kolossin 2:14-18); il-Kristjani ma jkunux qegħdin josservawha, imma l-awtoritajiet Lhud ikunu qegħdin jisfurzawha. Għaliex jitolbu li l-ħarba ma tkunx nhar ta' Sibt? Sempliċiment gil-bibieb tal-belt ikunu magħluqin, u r-restrizzjonijiet sfurzati mill-awtoritajiet Lhud tas-Sibt (sabbath) ifixklu l-ħarba. Ir-riferenza għax-xitwa—"itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa" (vers 20)—turi li Ġesù kien qiegħed jirriferi għal tfixkil waqt il-ħarba. L-istat Lhudi ma ġiex fit-tmiem qabel il-qerda ta' Ġerusalem. Għalhekk, il-Lhud żammew l-istat tagħhom u saħħew l-liġi. Dak il-fatt forna l-qiegħa għat-twissijiet tal-Mulej dwar tfixkil fil-ħarba tagħhom. Ġesù ċertament ma fissirx li "x-xitwa" kien staġun qaddis jew lis-Sibt (sabbath) huwa jum qaddis, li ma jistax ikun vjolentat ukoll f'emerġenza ta' ħajja jew mewt. Nisa "tqal," jew "li jreddgħu" ikunu suġġetti għal tardjar, ċaħdiet temporali, u aktar

inkwiet u xogħol iebes, barra mid-diffikultà li jipprovdu għall-bżonnijiet attwali ta' l-għejxien innifsu. Fix-xitwa t-trabi u t-tfal tagħhom jistgħu jmutu bil-ksieħ u l-ġuħ.

3. "Jum taż-żjara." (Luqa 19:41-44). Dik l-espressjoni għandha wkoll x'taqsam mal-ħwejjeġ li ġraw b'konessjoni mal-qerda ta' Ġerusalem. "*Il-ħwejjeġ li qegħdin taraw*" (Luqa 21:6) hija l-qofol ta' dan kollu. Mark u Luqa għandhom ikunu meqjusa bħala tnejn min-nies li jagħtu rapporti fidili, flimkien ma' Mattew, u l-applikazzjoni tal-lingwa, għalhekk, għandha tkun f'armonija mat-tliet rakkonti kollha. Paragun mat-tliet rapporti biċ-ċar ipoġġi l-ġrajjiet f'konnessjoni mal-qerda ta' Ġerusalem u t-tmiem ta' l-istat Lhudi. Iż-żewġ mistoqsijiet, kif irreġistrati minn Mattew, jaqraw hekk:

> "*Meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek, u tat-tmiem id-dinja?*" (Mattew 24:3).

Ir-rakkont ta' Mark jgħid:

> "*Għidilna meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal meta dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu?*" (Mark 13:4)

Imbagħad ir-rakkont ta' Luqa jgħid:

> "*Mgħallem, imma meta jiġri dan? U x'sinjal ikun hemm meta dan ikun sa jiġri?*" (Luqa 21:7).

It-tweġibiet ta' Ġesù għal dawn il-mistoqsijiet kienu tbassir ta' qerda totali għall-widnejn tan-nies li kienu mgħallma lit-tempju u l-belt tagħhom jibqgħu għal dejjem.

Ħafna mill-figuri ta' kliem użati f'Mattew 24, f'riferenza għall-qerda ta' Ġerusalem kienu wżati minn Isaija 13, f'li jirriferi għall-qerda ta' Babel. Innota Isaija 13:10:

> "*Għax il-kwiekeb tas-sema u l-għaqdiet tagħhom ma jagħtux id-dawl tagħhom: ix-xemx tiddallam hi u ħierġa, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu.*"

Lingwa bħal din hija wżata f'riferenza għall-qerda ta' Damasku f'Isaija 17, u ta' Etjopja f'Isaija 18, u ta' l-Eġittu f'Isaija 19. F'Mattew 24, f'riferenza għall-qerda ta' Ġerusalem, lingwa simbolika bħal dik kienet użata minn Ġesù. Meta jgħid li "x-xemx tiddallam" u "l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu" u "l-kwiekeb jaqgħu mis-sema," (vers 29) in-nies huma fid-drawwa li jemmnu li dawn l-espressjonijiet huma sinjali tat-tieni miġja ta' Kristu; imma l-istess figuri tal-kliem kienu wżati fid-deskrizzjoni tat-Testment il-Qadim dwar il-qerda ta' Babel, meta Isaija qal dwar dik il-ġrajja lix-xemx tkun imdallma u l-qamar ma jagħtix dawl. Ir-riferenza hija għad-dlam li jaqa' fuq l-istat ta' Babel f'Isaija 13, u n-nazzjon Lhudi u l-belt ta' Ġerusalem f'Mattew 24. Il-lingwa ma tistax tkun meħuda letteralment fl-ebda każ, imma bħal li tirrappreżenta t-tmiem tan-nazzjon ta' Babel u l-istat Lhudi. B'hekk Ġesù ħeles lid-dixxipli Tiegħu minn kull tifsira falza fuq iż-żewġ mistoqsijiet tagħhom, jurihom li Hu kien qiegħed jipprofetizza l-waqa' ta' Ġerusalem u t-tmiem ta' l-istat Lhudi, pjuttost milli t-tieni miġja ta' Kristu u t-tmiem tad-dinja. Sfortunatament illum għad hawn min lil Ġesù ma fehmux u jgħallem tagħlim falz li jmur direttament kontra dak li qal Ġesù!

## III. IT-TRIBULAZZJONI L-KBIRA

Ix-xemx tas-santwarju ta' Iżrael tieqaf milli tkompli tiddi. Il-qamar ta' l-għaqda nazzjonali ta' Iżrael tkun bħal demm iċarċar fl-art kollha tagħhom, u s-sebgħin membru uffiċjali tas-Sanhedrin jaqgħu mill-postijiet għolja tagħhom kif il-kwiekeb u l-kostellazzjonijiet jaqgħu mis-sema ta' fuqna.

Hemm tliet teoriji f'konnessjoni ma' dak li hu t-terminat bħala l-ewwel u t-tieni stadji tal-miġja ta' Kristu. Dawn huma dak li normalment huma msejħa, it-tribulazzjoni, ir-rapiment, u t-tieni miġja xierqa. Ħalli nieħdu dawn it-tliet teoriji fl-ordni.

### (1) It-teoriji tat-tribulazzjoni.

Huwa sostnut li l-ewwel stadju tal-miġja tal-Mulej "il-qaddisin" jitilgħu fis-sema biex jiltaqgħu Miegħu u jibqgħu

Miegħu fis-smewwiet għal żmien. Matul dak l-intervall ikun hemm "żmien ta' nkwiet," il-perjodu tat-"tribulazzjoni l-kbira" fuq l-art, imma l-"qaddisin" ikunu meħlusa minn din it-tribulazzjoni għaliex huma jkunu fis-smewwiet ma' Ġesù matul it-tribulazzjoni.

Jintqal lilna mill-millenjalisti li Mattew 24:21 jirriferi għal dan il-perjodu ta' tribulazzjoni. Ġesù qal,

> "*Għax imbagħad ikun hemm niket (tribulazzjoni) kbir, li bħalu ma kienx mill-bidu tad-dinja s'issa, le, lanqas ikun hemm.*"

Imma hemm xi raġunijiet definittiv ħafna għaliex din is-silta ma tistax tirriferi għall-idea millenjali tat-tribulazzjoni. L-ewwel, id-dixxipli fidili kienu ordnati biex jaħarbu lejn il-muntanji f'dak iż-żmien, kif jidher f'vers 16, imma skond it-teorija tat-tribulazzjoni millenjali d-dixxipli jkunu fuq fis-smewwiet ma' Ġesù u ma jkun hemm ebda dixxipli mħollija fuq l-art biex jaħarbu lejn il-muntanji. Dan waħdu jġib fix-xejn l-argument lit-"tribulazzjoni" jew in-niket ta' Mattew 24 hija t-tribulazzjoni millenjali. It-tieni, intqal lid-dixxipli biex jitolbu li l-ħarba tagħhom minn Ġerusalem ma tkunx fix-xitwa, kif imsemmi f'vers 20, għaliex din tkun imfixkla bil-kesħa u l-elementi tan-natura. It-tielet, intqal lilhom biex jitolbu li l-ħarba tagħhom ma tkunx fil-jum tas-Sibt għaliex, għalkemm il-liġi tkun imneħħija, l-awtoritajiet Lhud li jkunu għadhom josservaw il-liġi jkunu qegħdin jinfurzaw is-Sibt (Sabbath), u konsegwentament huma jsibu l-bibien tal-belt magħluqa, b'hekk ifixklu l-ħarba tagħhom milli ssir malajr. Dawn il-fatti meħudin flimkien iġibu fix-xejn l-applikazzjoni li l-espressjoni "immedjatament wara dawn il-jiem," jew "in-niket ta' dawn il-jiem" tirriferi għat-tieni miġja ta' Kristu.

**(2) It-teorija tar-rapiment.**

Hemm żewġ siltiet fl-epistoli li speċjalment kienu murija bħala testi tar-"rapiment."

L-ewwel hija 1 Tessalonikin 4:14-17:

> *"Għax jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u raġa' qam, hekk ukoll dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib miegħu. Għax dan ngħidulkom aħna bil-kelma tal-Mulej, li aħna l-ħajjin, u li nibqgħu sal-miġja tal-Mulej, ma naqbżux lil dawk li jkunu raqdu. Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Għalhekk farrġu lil xulxin b'dal-kliem."*

It-tieni silta hija Ġuda 14, 15:

> *"Ħabbar għalihom ukoll Ħenok, is-seba' wieħed minn Adam, billi qal: Ara, ġie l-Mulej b'numru bla għadd ta' qaddisin tiegħu. Biex jagħmel ħaqq kontra kulħadd, u jikkun-danna l-ħżiena kollha li hemm fostkom ta' l-opri ħżiena kollha tagħhom li għamlu, u tal-kliem kollu mhux xieraq li qalu kontra tiegħu l-midinbin ħżiena."*

Issa qari bil-għaqal ta' dawn lis-siltiet huwa dak kollu li hu meħtieġ biex wieħed jara li l-idea tar-rapiment ta' żewġ miġjiet mhijiex hemm. L-ewwel, jekk il-miġjiet imsemmija f'dawn is-siltiet mhumiex l-istess, allura għandu jkun hemm it-tielet miġja biex tilqa' t-talba tal-każ. Per eżempju, jekk Ġuda jirriferi għat-tieni stadju tal-miġja ta' Kristu, li għandha tkun qabel il-millenju, allura l-ħaqq tal-"ħżiena" jsir qabel il-millenju, għaliex Ġuda jgħid f'dan il-vers li l-miġja tal-Mulej biex jagħmel ħaqq fuq il-ħżiena. Dan iġib il-ħaqq elf sena aktar kmieni għat-teorija millenjali, u f'li jippruvaw jagħmlu test tar-rapiment minn Ġuda 14, 15, huma tfixklu għal kollox fil-ħaqq tagħhom fit-tmiem tat-teorija tal-millenju. Fit-teorija tagħhom, il-ħżiena ma jkunux imqajma sa wara l-millenju. Imma Ġuda

jgħid li meta l-Mulej jiġi "mal-qaddisin Tiegħu" dan ikun biex igħaddi l-ħaqq fuq "il-ħżiena kollha." Għalhekk il-millenjalisti għandhom il-ħaqq tal-ħżiena jsir elf sena qabel ma jkunu mqajma mill-mewt. Dawn huma l-konsegwenzi ta' teorija falza, u x-xitan għandu qawwa kbira li tqarraq u ħafna jinqabdu f'dawn it-teoriji foloz tiegħu! It-teorija tagew miġjiet futuri bit-tribulazzjoni bejniet teħtieġ fil-fatt tliet miġjiet fid-dawl ta' dak li huma jgħallmu fuq Ġuda 14, 15—l-ewwel, Ġesù Kristu jiġi *għall*-qaddisin; imbagħad Hu jiġi *mal*-qaddisin; u mbagħad Hu għandu jarġa' jiġi biex jiġġudika l-ħżiena, jekk Ġuda 15 tfisser dak li l-millenjalisti jgħidu li tfisser! Teorija mħawwda ta' ħwejjeġ bħal din ma tistax tkun tassew imma mhix ħlief teorija falza għal kollox.

Fis-silta ta' Tessalonikin, meta Pawlu qal: "hekk ukoll dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib miegħu,"hu kien qiegħed jirriferi għall-fatt li l-"mejtin fi Kristu" jkunu mqajma qabel ma l-ħajjin fi Kristu jitilgħu fis-sema, biex jiltaqgmeta jiġi. Xi wħud mit-Tessalonikin kellhom l-impressjoni li l-maħbubin mejtin tagħhom ikunu mħollija fl'oqbra tagħhom warajhom. Iżda l-appostlu Pawlu assigurahom li "l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel"—qabel mal-ħajjin fi Kristu jitilgħu fis-sema—u "aħna l-ħajjin, li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom." Meta din is-silta tkun imqiegħda flimkien mat-2 Tessalonikin 1:5-10, fl-istess ftuħ tat-Testment il-Ġdid, turi dan il-qawmien li huwa l-qawmien ġenerali. Ma hemmx żewġ miġjiet lanqas żewġ reżurrezzjonijiet f'dawn is-siltiet lanqas f'xi silta oħra, lanqas "rapiment" lanqas "stadji" tal-miġja ta' Kristu.

### (3) It-teorija ta' żewġ miġjiet.

L-eżami bil-għaqal ta' grupp ta' Skritturi mill-Bibbja Mqaddsa joffri prova pożittiva lit-teorija taż-żewġ miġjiet m'għandha ebda bażi fit-test tat-Testment il-Ġdid.

L-ewwel: Ma jkun hemm ebda perjodu ta' żmien bejn iż-żewġ stadji tal-miġja Tiegħu, xi kultant imsejħa il-"parousia" u l-"epiphaneia"—il-"preżenza" Tiegħu u l-"manifestazzjoni" Tiegħu. Hawn ukoll il-Kelma ta' Alla ġiet imbabsa mill-

millenjalisti. It-teorija tagħhom tipprovdi għall-miġja ta' Kristu fi tnejn li huma jgħidu li hija mgħallma permezz ta' żewġ kelmiet distinti fit-Testment il-Ġdid, kliem li huma jgħidu li kienu speċjalment ispirati biex jgħidu din il-ħaġa partikulari. Dawn iż-żewġ kelmiet huma "parousia" u "epiphaneia." L-ewwel kelma, "parousia," jintqal li tfisser "il-preżenza" ta' Kristu waqt lit-tieni kelma, "epiphaneia," tfisser "il-manifestazzjoni" Tiegħu. It-teorija hija li meta l-Mulej jiġi jew jinżel "għall-qaddisin Tiegħu," dan ikun iż-żmien tal-"preżenza" Tiegħu—il-*parousia*. Imma meta Hu jiġi "mal-qaddisin Tiegħu," dan ikun iż-żmien tal-"manifestazzjoni" tiegħu—l-*epiphaneia*. U huwa argumentat li jkun hemm perjodu ta' seba' snin bejn il-*parousia* u l-*epiphaneia*. Dan il-perjodu huwa dak li hu msejjaħ "ir-rapiment" tal-qaddisin fis-smewwiet mal-Mulej, waqt lit-tribulazzjoni tkun fl-aqwa tagħha fuq l-art. Għalhekk Kristu jiġi "għall-qaddisin Tiegħu"—*parousia*—fliema żmien il-miġja Tiegħu ma tkunx manifestata, ma tkunx tidher; imbagħad wara "t-tribulazzjoni" Hu jiġi "mal-qaddisin Tiegħu," li hija l-manifestazzjoni—*epiphaneia*—f'liema żmien jibda l-millenju. Jekk inti temmen dan allura f'xi waqt int kont imqarraq bit-tagħlim falz tal-millenjalisti.

Din hija tabilħaqq teorija sabiħa, imma d-diffikultà tagħha hija li din mhijiet tassew, hija gidba u mhux Skritturali u tmur kontra l-Kelma ta' Alla. It-Testment il-Ġdid ma jappoġġjax xi distinzjoni bħal din fl-użu taż-żewġ kelmiet imsemmija. Fl-ewwel post, it-tradutturi taż-żewġ verżjonijiet bl-Ingliż li huma aċċettati minn kulħadd—Il-verżjonijiet King James u l-American Standard—ma jagħmlu ebda distinzjoni bħal din fit-traduzzjoni ta' dawn iż-żewġ kelmiet. Il-mija u tmienja u erbgħin traduttur ma kinux jafu dwar distinzjoni bħal din, għalhekk, huma ittraduċew iż-żewġ termini fil-kelma "ġej" u l-kelma "jiġi." Kieku kine hemm xi distinzjoni bla dubju huma kienu jittraduċuha fit-test Ingliż.

Iżda fi proba pożittiva li ma hemm ebda distinzjoni bħal dik, u liż-żewġ kelmiet huma wżati bħala li jfissru l-istess

f'riferenza għall-miġja tal-Mulej, ħalli naraw xi siltiet mit-testment il-Ġdid fejn dawn iż-żewġ kelmiet jinsabu.

2 Tessalonikin 2:8:

> *"U mbagħad jinkixef il-Ħażin, li l-Mulej jeqirdu bl-ispirtu ta' fommu, u jxejnu bid-dija tal-miġja tiegħu."*

Il-kelma "dija" f'dan il-vers hija l-kelma *epiphaneia*; u l-kelma "miġja" hija l-kelma *parousia*. Mela aħna għandna *ż-żewġ* kelmiet f'vers wieħed. Dan jgħinna biex nifhmu aħjar l-użu tagħhom. Issa ħalli naqraw din is-silta:

> "Il-Mulej jeqridhom bl-ispirtu ta' fommu, u jxejnu bid-dja (*epiphaneia*) tal-miġja (*parousia*) tiegħu."

Mela l-miġja tal-Mulej f'dan il-vers hija msejħa l-*epiphaneia* tal-*parousia* tiegħu. Il-Mulej jeqred il-ħżiena—dak il-ħażin—bl-*epiphaneia* tal-"parousia" Tiegħu. Ma hemmx frazzjoni ta' sekonda bejn il-ħin tad-"dija" Tiegħu u "l-miġja" Tiegħu, jew il-"manifestazzjoni" tiegħu u "l-preżenza" Tiegħu, f'din is-silta. It-Tieni Tessalonikin 2:8 juri li l-"epiphaneia" u l-"parousia" jkunu *fl-istess* ħin, u l-kliem huma wżati biex jiddeskrivu *l-istess* miġja. Qiegħed tara issa kemm wieħed jista' jkun imqarraq malajr b'teoriji foloz bħal dawn?

1 Tessalonikin 3:13:

> *"Biex iwettqilkom qalbkom bla ħtija fil-qdusija quddiem Alla Missierna, fil-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu mal-qaddisin kollha tiegħu."*

Il-kelma "miġja" f'dan il-vers hija l-kelma "parousia." Hawn l-appostlu jgħid li Ġesù għandu jiġi "mal-qaddisin kollha tiegħu" fil-*parousia*. Imma t-teorija falza millenjali tgħid li Ġesù jiġi "għall-qaddisin Tiegħu" fil-*parousia*, u "mal"-qaddisin tiegħu fl-epiphaneia. Mela, skond it-teorija falza, l-appostlu Pawlu żelaq hawn—hu għandu l-Mulej ġej "mal"-qaddisin meta Hu għandu jiġi "għall"-qaddisin. Pawlu għandu l-Mulej ġej "mal"-

qaddisin seba' snin aktar kmieni biex jaqbel mat-teorja millenali. Min dan naraw li Pawlu ċertament ma kienx premillenjalist, u ma wżax dan il-kliem kif jużawhom il-premillenjlaisti—Pawlu użahom b'mod li jfissru l-istess b'riferenza għall-miġja *waħda* ta' Kristu. U daqn huwa tajjeb, għaliex il-miġja ta' Kristu tkun il-preżenza Tiegħu u tkun il-manifestazzjoni Tiegħu—imma hija l-istess miġja, fl-istess ħin.

1 Tessalonikin 4:14:

> "*Għax jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u raġa' qam, hekk ukoll dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib mie*għu."

Meta jiġi l-Mulej l-appostlu jgħid li Hu "jġib miegħu" lil dawk li "huma reqdin f'Ġesù"—il-mejtin fi Kristu. Imma din il-miġja ta' Kristu, meta Hu għandu "jġib miegħu" dawn il-qaddisin li mietu "f'Ġesù," hija sewwasew iż-żmien lit-teorija millenjali tgħid li Hu jiġi "għall-qaddisin tiegħu"—għalhekk huma għandhom Lilu ġej "għal"-qaddisin Tiegħu "mal"-qaddisin tiegħu! Qiegħed tara x'jiġri meta xi ħadd jipprova jqarraq billi jbabas il-Kelma ta' Alla!

2 Timotju 4:8:

> "*Minn issa 'l quddiem hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ħaqq, li l-Mulej, l-imħallef ġust, jagħtini f'dak il-jum: u mhux biss lili, iżda lil dawk kollha li jħobbu d-deħra tiegħu.*"

F'din is-silta Pawlu jgħid li l-Mulej se jagħtih "il-kuruna tal-ħaqq" fid-"deħra tiegħu"—*epiphaneia*. Meta Pawlu jirċievi l-kuruna tal-ħaqq? Fid-"deħra" tal-Mulej—fl-*epiphaneia* tal-Mulej. Din hija prova li "l-parousia" u "l-epiphaneia" huma wżat li jfissru l-istess, u ma jgħallmux id-distinzjoni li l-premillenjalisti jippruvaw li jagħmlu.

1 Tessalonikin 3:13:

> "*Biex iwettqilkom qalbkom bla ħtija fil-qdusija quddiem Alla Missierna, fil-miġja ta'*

*Sidna Ġesù Kristu mal-qaddisin kollha tiegħu.*"

Hawn l-appostlu jassigura lit-tessalonikin dwar x'se jagħmel Alla "fil-miġja tal-Mulej mal-qaddisin kollha tiegħu"—fil-*parousia* ta' Kristu *mal-qaddisin kollha*. It-teorija millenjali hija li l-*parousia* tkun meta Kristu jiġi *għall*-qaddisin seba' snin qabel ma Hu jiġi *mal*-qaddisin, u għalhekk tikkontradixxi din is-silta.

Kif l-argument jieqaf, fit-2 Tessalonikin 2, ir-ritorn ta' Kristu huwa msejjaħ id-dija tal-parousia Tiegħu—il-manifestazzjoni tal-preżenza Tiegħu; imma dan ikun meta Hu jġib "Miegħu" lil dawk li kienu mietu f'Ġesù, skond għal 1 Tessalonikin 4:14; imma dan ikun iż-żmien meta Pawlu jirċievi l-kuruna tal-ħaqq, li jkun fid-"dehra" Tiegħu, jew *epiphaneia*; u fl-aħħar, skond 1 Tessalonikin 3:13, ikun fil-parousia meta Kristu jiġi "mal-qaddisin kollha tiegħu."

Issa, billi t-teorija premillenjali tgħallem li l-*parousia* tkun meta jiġi Kristu "għall-qaddisin tiegħu" u ssir seba' snin qabel l-*epiphaneia* meta Hu għandu jiġi "mal-qaddisin"—imma Pawlu jgħid ċar fl-1 Tessalonikin 3:13 li Kristu għandu jiġi "mal-qaddisin kollha Tiegħu" fil-*parousia*—allura dan juri lit-teorija premillenjali hija ċaħda assoluta ta' l-istqarrija ispirata ta' Pawlu, u li temmen it-teorija huwa li tiċħad il-Kelma divina ta' Alla u b'hekk titlef kull tama ta' salvazzjoni.

It-tieni: Ir-ritorn ta' Kristu huwa ż-żmien tat-tmiem. 1 Korintin 1:7-8 naqraw hekk:

> "*Biex ma jkun jonqoskom ebda don; intom u tistennew il-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu: li jwettaqkom ukoll sa l-aħħar, biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù Kristu.*"

Biex tidetermina t-tmiem li dan il-vers jirriferi għalih għaqqdu mas-silta li tpoġġu "t-tmiem" fir-"rivelazzjoni" ta' Ġesù Kristu, jew iż-żmien li l-millenjalisti jsejħulu "r-rapiment." Naqraw fit-2 Tessalonikin 1:6-10:

> "*Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom; u lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu: li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu; Meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu… f'dak il-jum.*"

Kull wieħed jista' jaqbad lapes u jinnota li dak li Pawlu qiegħed jgħid hawn għandu jsir fir-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu mis-sema. 1. Hu jrodd *tribulazzjoni* "lil dawk li qegħdin iħabbtukom"—lill-ħżiena. 2. Hu jrodd *mistrieħ* lil dawk "li huma mħabbtin"—lill-ġusti. 3. Hu jitħallas fuq dawk li jirrifjutaw li jagħrfu 'l Alla u jirriġettaw l-Evanġelju ta' Kristu. 4. Hu jikkastiga l-klassijiet kollha tad-diżubbidjenti mfissra bit-telfien ta' dejjem mill-preżenza Tiegħu. 5. Hu jippremja lil dawk kollha li huma denji tas-sejħa bil-glorja Tiegħu stess. Iż-żmien meta dawn il-ħwejjeġ kollha għandhom isiru jew ikunu magħmula huwa speċifikat—

> "*Meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu…f'dak il-jum*" (v. 10).

Din is-silta tpoġġi l-ħaqq tal-ħżiena u l-premju tal-ġusti *fl-istess* ħin, u fil-ħin li l-millenjalisti jallokaw "ir-rapiment." Mela l-ħaqq tal-ħżiena qiegħed elf sena aktar kmieni, jew inkella "r-rapiment" huwa wara l-millenju minflok premillenjali. Dawn il-paraguni juru lit-"tmiem" fl-1 Korintin 1:7-8 jkun "fir-rivelazzjoni" ta' Kristu fit-2 tessalonikin 1:1-10, li l-appostlu ispirat jgħid ċar li jiġri *meta Ġesù Kristu jiġi*. Dak li Pawlu jgħid li jsir fil-miġja tal-Mulej ma jħalli ebda żmien għar-rapiment bejn żewġ qawmiet u bejn żewġ miġjiet.

It-tielet: Ir-ritorn ta' Kristu huwa ż-żmien tal-ħaqq. Naqraw f'Mattew 16:27:

> "*Għax bin il-bniedem jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli tiegħu; u mbagħad irodd lil kull bniedem skond l-egħmejjel tiegħu.*"

Innota l-kelma "mbagħad"—*mbagħad* Hu jrodd "lil kull bniedem" skond l-egħmejjel tiegħu. Dan ifisser, "meta Bin il-bniedem għandu jiġi"—huwa "f'dan il-waqt" li Hu jrodd "lil kull bniedem," tajjeb jew ħażin. Ma hemm ebda miġja doppja, qawmien doppju, perjodu ta' tribulazzjoni u rapiment, f'dik is-silta.

Għaqqad hawn ix-xena tal-ħaqq ta' Mattew mar-riferenza ta' Mark għall-istess żmien u ġrajja. Mark 8:38 jgħid:

> "*Kull min mela jistħi minni u minn kliemi fost dan in-nisel adulteru u midneb; Bin il-bniedem ukoll jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli mqaddsa.*"

Hawn għal darb'oħra għandna l-ħin jew iż-żmien li l-millenjalisti jsejħulu "r-rapiment," imma Ġesù jgħid li jkun iż-żmien tal-ħaqq, meta Hu "jistħi" minn dawk ta' dak in-nisel li stħaw Minnu. Għal darb'oħra dan iġib il-ħaqq elf sena aktar kmieni għall-millenjalisti, jelimina t-tribulazzjoni tagħhom, igħarraq ir-rapiment tagħhom u jeqred il-millenju tagħhom. Din is-silta tgħallem lit-tnejn, il-ħżiena u t-tajbin ikunu magħrufa u mogħtija dak li ħaqqhom "meta Hu jiġi" ma' "l-anġli mqaddsa" u "fil-glorja ta' Missieru." Il-Mulej jiġi "fil-glorja" meta Hu jiġi "għall-qaddisin," li l-millenjalisti jgħidulna li huwa ż-żmien "tar-rapiment," imma Ġesù jgħid li dan ikun imien meta Hu jagħmel ħaqq minnn "kull bniedem skond l-egħmejjel tiegħu." Ma hemmx vers wieħed fl-Iskrittura kollha li jista' jieqaf għal skrutinju bħala test ta' prova millenjali—lanqas wieħed! Ftakar mela f'dak li qal Ġesù dwar: "Alla qal" u "intom tgħidu" (Mattew 15:4, 5). Inti x'taċċetta, dak li "qal Alla" jew dak li "jgħidu l-bnedmin?" Il-bnedmin jgħidu li għandu jkun hemm perjodu tar-rapiment u tal-millenju, Alla

jgħid li dan mhux minnu! Dawn huma kollha teoriji foloz maħruġa minn profeti foloz.

Ir-raba': Ma jkun hemm ebda qawmien doppju bejn żewġ miġjiet, fir-ritorn jew wara r-ritorn ta' Kristu. F'Atti 23:6 u 24:15 l-appostlu Pawlu jirriferi għall-qawmien tal-mejtin—tat-tnejn, tal-ġusti u tal-ħżiena—u hu jsejjaħlu l-qawmien u "il"-qawmien "tal"-mejtin, it-tnejn qegħdin fil-Gireg fin-numru singulari. Hemm biex qawma waħda u din hija "tal-mejtin"—kollha. Ċerament *il-mejtin* tispeċifika l-mejtin kollha. Paragun ta' skritturi fuq dan il-punt juri wkol li l-attentat biex jagħmlu distinzjoni bejn l-espressjoni "tal-mejtin" u "mill-imwiet" huwa attentat fieragħ. Il-millenjalisti jgħidu li l-qawma "mill-" imwiet tfisser li *xi wħud* ikunu mqajma mill-mewt. Imbagħad finalment, il-qawma "tal"-mejtin tfisser dawk kollha li għadhom fil-qabar, wara li l-oħrajn kienu mqajma qabel "minn" fostkom. Imma din it-teorija falza u qarieqa tiġi fix-xejn bil-Kelma ta' Alla. L-appostlu jgħid f'Kolossin 1:18 li Kristu hu "l-ewwel mill-imiwet," imma f'Rivelazzjoni 1:5 Kristu huwa msejjaħ "l-ewwel fost il-mejtin." Mela Kristu kien it-tnejn fl-istess ħin. Imbagħad f'Atti 23:6, Pawlu qal li hu ttama li jikseb il-qawma tal-mejtin," imma f'Filippin 3:11 huwa ttama li jaqla' jew jikseb il-qawma minn bejn l-imiwet." Pawlu ma ttamax li jkun fil-persuna f'żewġ reżurrezzjonijiet, għalhekk "mill" u "tal" mejtin kienu l-istess qawma għal Pawlu. Imbagħad Ġesù qal f'Luqa 20:35 li dawk "li jkunu meqjusin li jistħoqqilhom dik id-dinja l-oħra, u l-qwmien mill-imwiet, la jiżżewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ," imma f'Mattew 22:30-31 Hu rrifera għall-istess klassi, u l-istess qawma, bħala "fuq il-qawma tal-mejtin."

Dawn il-fatti li fuqhom ma jista' jaqa' ebda dubju jkissru s-sinsla tat-teorija millenjali. Ma hemm ebda fażi tat-teorija li tista' ssib appoġġ fil-Kelma ta' alla. Il-millenjaliżmu la huwa razzjonali u lanqas skritturali.

## IV. IL-QERDA TA' ĠERUSALEM

Qabel ma mmorru jew nidħlu fid-dettalji ta' Mattew 24 biex nuru lis-sinjali ta' dak il-kapitlu jirriferu għall-waqa' u l-qerda ta' Ġerusalem, ħalli nagħtu ħarsa lejn xi siltiet mit-Testment il-Qadim li jwasslu għaliha u b'hekk inqiegħdu pedament li fuqu nkunu nistgħu nieqfu fis-sod u fl-istess waqt inwieġbu xi mistoqsijiet li jkunu ċerti li wieħed jistaqsi. Ħalli nagħtu ħarsa lejn l-isfond.

**(1) Fit-Testment il-Qadim—Żakkarija 14.**

M'aħniex sejrin hawn naqraw il-kapitlu, imma pjuttost nirriferu għall-kontenut tiegħu vers vers. Żakkarija 14 huwa kważi dejjem użat universalment bħala "kapitlu tat-tieni miġja ta' Kristu" iżda minflok dan huwa "kapitlu tal-qerda ta' Ġerusalem."

Vers 1:

> "*Ara, ġej il-Mulej, li fih il-priża tiegħek tinqasam f'nofsok.*"

Is-simboliku "jum il-Mulej" li nsibu hawn huwa preċiżament l-istess espressjoni li hija wżata f'Isaija 13:9 f'riferenza għall-qerda ta' Babel. Isaija jgħid:

> "*Araw, wasal jum il-Mulej, kiefer sew bil-qilla u sew b'għadab krudill, biex jagħmel l-art deżert: u jeqred il-midinbin minha.*"

Jekk il-qerda ta' Babel tista' tkun imsejħa "l-jum il-Mulej," għaliex le l-qerda ta' Ġerusalem? Dik l-espressjoni ma tfissirx it-tieni miġja ta' Kristu f'ebda silta minnhom. Qabbel Isaija 13 bħala profezija kontra Babel, Isaija 17 bħala profezija kontra Damasku, Isaija 18 bħala profezija kontra Etjopja, Isaija 19 bħala profezija kontra l-Eġittu, ma' Żakkarija 14 bħala profezija kontra Ġerusalem, u tkun tista' tara li l-affermazzjonijiet tal-Millenjalisti li Żakkarija 14 qiegħed jipprofetizza t-tieni miġja ta' Kristu u l-millenju huma żbaljati għal kollox.

Vers 2:

*"Jien niġma' l-ġnus kollha biex jagħmlu gwerra kontra Ġerusalem; tinqabad il-belt, jinserqu d-djar, u jitkasbru n-nisa; nofs il-belt tmur fil-jasar, imma l-bqija tal-poplu ma jinqeridx mill-belt."*

Ir-rakkonti storiċi ta' l-assedju ta' Ġerusalem mill-istoriċi Josephus, Pliny, Horne u Clarke jaqblu perfettament u jwettqu d-deskrizzjonijiet ta' Żakkarija. Ir-riferenza għall-"ġnus miġbura għall-gwerra" hija deskrizzjoni ta' Ġerusalem assedjata, id-djar misruqa u n-nisa mkasbra. L-istess deskrizzjoni tinsab f'Isaija 13:15-16 dwar il-waqa' u l-qerda ta' Babel. Aqrahom dawn il-versi ta' Isaija għalik innifsek u tħallix lil min iqarraq bik! (Efesin 5:6). Il-paragun huwa qawwi.

Vers 3:

*"Imbagħad il-Mulej joħroġ jitqabad ma' dawk il-ġnus, bħal ma tqabad, bosta drabi, f'jum it-taqbida."*

Tassew, il-ġnus kollha kienu irrappreżentati fl-armata Rumana, u Alla wara iġġieled kontrihom permezz tal-ġnus tat-Tramuntana. Naqraw f'Żakkarija 9:14-15:

*"U l-Mulej jidher fuqhom, bħal berqa toħroġ il-vleġġa tiegħu; u s-sid, il-Mulej ta' l-eżerċti jħarishom; u huma jibilgħu, u jirfsu b'riġlejhom il-ġebel tal-wadab…"*

Naturalment, iż-żjajjar huma figurattivi, imma madankollu sinifikanti mill-fatt li l-ġnus kollha rriferuti li "kontrihom" il-Mulej "iġġieled" kienu meqruda.

Vers 4:

*"F'dak il-jum jieqfu riġlejh fuq il-għolja taż-Żebbuġ, li qiegħda quddiem Ġerusalem, lejn il-lvant, u tinferaq il-għolja taż-Żebbuġ minn nofsha, mil-lvant u lejn il-punent, hekk li jkun hemm wied kbir; u nofs il-għolja tmur*

*lejn it-tramuntana, u n-nofs l-ieħor lejn nofsinhar.*"

Id-dikjarazzjoni profetika li "jieqfu riġlejh fuq il-għolja taż-Żebbuġ, li qiegħda quddiem da quddiem Ġerusalem," ma tirriferixix għat-tieni miġja ta' Kristu imma pjuttost għall-invażjoni ta' Ġerusalem. Ġesù Kristu waqaf b'ri fuq l-għolja taż-Żebbuġ meta Hu lissen il-kundanna tal-belt. Il-ġeneral Ruman waqaf fuq l-Għolja taż-Żebbuġ meta Ġerusalem kienet assedjata. Il-formazzjonijiet tal-linji tal-battalja, trinċieri, an imdawwra ma' kullimkien, il-fortizzi tar-Rumani, kollha jidħlu fid-deskrizzjoni u l-istampa iddettaljaata tal-profeta li l-għolja "tinferaq minn nofsha" u "lejn it-tramuntana" u "lejn nofsinhar."

Versi 5-7:

"*U taħarbu minn wied il-għoljiet tiegħi, għax wied il-għoljiet jilħaq sa Asal: iva, taħarbu, bħal ma ħrabtu minn quddiem it-theżhiża ta' l-art fi żmien Għużżija, sultan ta' Ġuda: u l-Mulej, Alla tiegħi jiġi, u l-qaddisin kollha miegħek. U jiġri dak in-nhar, illi ma jkunx hemm dawl; id-dawwaliet inaqqsu d-dawl tagħhom. Għax ikun jum uniku, magħruf mill-Mulej; li ma jkun u la nhar u la lejl, iżda filgħaxija jkun id-da*wl."

Ovvjament, dawn il-versi huma metaforiċi deskrizzjoni tat-taħlita tal-ħniena u l-ġustizzja divina. Wara ż-żjara jkun hemm id-dawl—it-tixrid ma' kullimkien ta' għarfien divin. Dan ġie wara l-waqa' ta' Ġerusalem u l-qerda ta' l-istat Lhudi.

Versi 8-9:

"*F'dak il-jum joħroġ ilma ġieri minn Ġerusalem; nofsu lejn il-baħar tal-lvant, u n-nofs l-ieħor lejn il-baħar tal-punent; jiġri fis-sajf u fix-xitwa. U l-Mulej ikun sultan fuq l-art kollha: f'dak il-jum il-Mulej ikun wieħed, u wieħed ikun ismu.*"

L-unika applikazzjoni konsistenti ta' din il-lingwa hija twettiq spitwali fl-Evanġelju ta' Kristu u l-knisja. Min hu lest li jiċħad li l-klawsola "f'dak il-jum il-Mulej ikun wieħed, u wieħed ikun ismu," li tirriferi għat-taqsima (dispensa) preżenti? Hemm Mulej wieħed, (Efesin 4:5), hemm Isem wieħed (Atti 4:12), u l-Mulej huwa "sultan fuq l-art kollha." (Rivelazzjoni 17:14). Dan isib it-twettiq tiegħu fil-knisja ta' Kristu fejn la hemm Lhudi u anqas Ġentili, imma lkoll ħaġa waħda fi Kristu, u Mulej wieħed fuq kulħadd (Galatin 3:28).

Versi 16-17:

> "*Imbagħad jiġri li dawk kollha li jibqgħu mill-ġnus kollha li ġew għal Ġerusalem, jitilgħu minn sena għal sena biex iqimu s-Sultan, il-Mulej ta' l-eżerċti, u biex jiċċelebraw il-għid ta' l-egħrejjex. U min mill-familji ta' l-art ma jitlax Ġerusalem biex iqim is-sultan, il-Mulej ta' l-Ġerusalem biex iqim is-sultan, il-Mulej ta' l-eżerċti, ma tinżilx xita fuqhom.*"

Jekk dawn il-versi mhumiex figurattivi, jekk għandhom ikunu meħuda letterali, allura l-ġnus kollha u l-familji kollha għandhom letteralment jitilgħu Ġerusalem u joffru letteralment sagrifiċċji ta' l-annimali u jżommu l-għid, jirrestawraw il-Ġudaiżmu biċ-ċerimonji letterali tiegħu kollha, sabiex iwettqu l-profezija. Dak ikun twaqqif mill-ġdid tal-Ġudaiżmu l-antik u dak kollu li kkaratterizzah, dan kollu li ġie mneħħi minn Ġesù Kristu. Imma jekk dwn il-versi mhumiex letterali, allura l-applikazzjoni magħmula mill-kapitlu kollu mill-millenjalisti titlef il-qawwa tagħha. dawn l-aħħar versi jirriferu għall-espansjoni tal-barkiet tat-taqsima ta' l-Evanġelju wara l-qerda ta' Ġerusalem. Fuq dawk kollha li rċevew l-Evanġelju, il-barkiet tiegħu jinżlu bħax-xita; imma għal dawkli ma jemmnux li jirriġettaw l-Evanġelju "fuqhom ma tinżilx xita"—nies bħal dawn huma miċħuda mill-wegħdiet u l-privileġġi tiegħu.

Il-verità sempliċi tas-suġġett hija li kif Isaija 13 hija profezija fuq il-qerda ta' Babel, Żakkarija 14 hija profezija fuq

il-qerda ta' Ġerusalem. Dan ma jgħallimx il-millenjaliżmu la f'sentenza waħda u lanqas f'sillaba waħda! Għalhekk, tħallix lil min iqarraq bik jekk inti forsi temmen fil-millenju u fit-tagħlim falz tal-millenjalisti (Efesin 5:6).

**(2) Fit-Testment il-Ġdid.—Mattew 24.**
Kull sinjal imsemmi fuq din it-tabella għandu applikazzjoni speċjali għall-qerda li kienet riesqa fuq Ġerusalem.

**MATTEW 24—IKOMPLI—**
**III. IS-SINJALI TA' QERDA RIESQA**

1. **Għalliema Foloz— v. 5: Numerużi Qabel l-Assedju—Josephus**
2. **Gwerer—v. 6: Il-Ġnus Kollha fi Gwerra mar-Rumani —Josephus**
3. **Ġuħ u Għaks—v. 7: Fl-Eqqel Tiegħu il-Lhudija (Atti 11:28)—Josephus**
4. **Theżhiż—v. 7: Matul il-Ħakma ta' Neruni Asja Minuri—Horne**
5. **Meħuda għall-Mewt—v. 9: Pawlu, Pietru, Ġakbu —Kollha Qabel il-Qirda Ta' Ġerusalem**
6. **Apostasija—v. 10: Xhieda ta' Apostasija ma' Kullimkien—Persekuzzjonijiet**
7. **Evanġelju lid-Dinja Kollha—v. 14; Kol. 1:23—lil Ħlejjaq Kollha**

Meta Mattew 24 ikun imwarrab mill-predikaturi premillenjali l-argument tagħhom fuq ir-ritorn imminenti tal-Mulej ibbażat fuq "is-sinjali taż-żminijiet" ikun imċarrat minnhom. Studju ta' vers vers għandu jagħmel dan:

1. Għalliema foloz—vers 5:

> "*Għax jiġu ħafna f'ismi jgħidu: Jien hu Kristu; u jqarrqu b'ħafna.*"

Ġesù sempliċiment wissa lid-dixxipli Tiegħu li għalliema foloz ikunu numerużi, aktar minn qatt qabel. Josephus, l-istoriku, jivverifika l-fatt li qrib iż-żmien tal-waqa' ta' Ġerusalem, kienu

dehru ħafna Messiji foloz, jgħidu li kienu ’l Kristu. Hu jgħid li dwn saru aktar numerużi qabel l-assedju ta’ Titu. Luqa, l-istoriku, jirreġistra sinjali u għeġubijiet foloz bħal dawn bħala l-ingann maġiku ta’ Xmun is-Saħħar—Atti 8—li kienu applikati fuq l-iskala ta’ enfasi qabel il-qerda ta’ Ġerusalem minn qarrieqa professjonali msemmija fit-tbassir tal-Mulej.

2. Gwerer u xnigħat—vers 6:

> "*U tisimgħu bi gwerer, u bi xnigħat ta’ gwerer: arw li ma titħawdux: għax dan kollu jaħtieġ jiġri, iżda għad mhux it-tmiem.*"

Ħafna ġnus iżgħar kienu fi gwerra mar-Rumani f’dak iż-żmien, għedewwa fi gwerra ma’xulxin u xnigħat ta’ gwerra bl-abbundanza fu qkull naħa, u minn kull kwartieri hekk kif il-qerda ta’ Ġerusalem kienet qed toqrob. Josephus jivverifika l-fatt li minn kull parti ta’ l-imperu gwerrer segwew f’suċċessjoni, u l-mewġ tar-rewwixti, bħall-mewġ tal-baħar, għat-tmiem finali ta’ l-imperu.

3. Ġuħ u pesta—vers 7:

> "*Għax ġens iqum kontra ġens, u saltna kontra saltna: u jkun hemm ġuħ, u pesta….*"

Fil-jiem ta’ Klawdju Ċesri, qabel il-qerda ta’ Ġerusalem, kien hemm ġuħ u għaks li qatt ma kien hawn bħalu—l-akbar ġuħ lid-dinja qatt rat. Ir-rakkont ta’ Mattew 24 huwa ikkonfermat mill-Ispirtu f’Agabus, il-profeta, kif irrapportat minn Luqa f’Atti 11:28:

> "*U qam wieħed minnhom jismu Agabus, u ħabbar bl-Ispirtu li kellu jkun hemm għaks kbir fid-dinja kollha: li ġara fi żmien Klawdjus Ġesri.*"

"Li ġara fi żmien Klawdjus Ċesri." Klawdjus kien imperatur ta’ Ruma bejn is-sena 46 u 48 wara Kristu. Dan ġara mhux qabel il-millenju bħala sinjal imma wara Kristu fiż-żmien l-imperu ruman. Temmnu dan int jew le? L-Ispirtu s-Santu qiegħed jgħidu dan. Ftakar fi kliem il-Mulej: Alla jgħid u intom tgħidu.

Hawn għandna Alla jgħid u l-millenjalisti jgħidu. Illum ma' kull ċaqliqa ta' nkwiet f'xi pajjiż il-millenjalisti jassoċjawha mat-tmiem tad-dinja bħala sinjal. Ħafna jinqabdu fix-xibka ta' l-ingann tagħhom u jemmnu dak li huma jgħidu. Dan ilu jsir għal ħafna snin minn dawn il-profeti u għalliema foloz.

Ukoll Josephus xehed li l-għaks u l-ġuħ fil-fatt ġara qabel il-qerda ta' Ġerusalem, u t-twettiq huwa kustjoni ta' reġistrar storiku u mhux ta' fantasiji tal-bnedmin.

4. Theżhiż—vers 7-8:

> "*...u theżhiż ta' l-art f'ħafna postijiet. Dawn kollha huma l-bidu tal-weġgħat.*"

Li theżhiż kbir ġara matul il-ħakma ta' Neruni huwa fatt storiku, u x-xhieda ta' Ġesù hija miżjuda ma' dik ta' Josephus dwar numru mhux tas-soltu ta' terremoti li saru f'diversi pajjiżi, qabel il-qerda ta' Ġerusalem. Ħafna bliet ta' l-Asja Minuri kienu meqruda mit-terremoti. Dan kollu huwa rreġistrat mill-istoriċi kollha.

5. Mogħtija għall-mewt—vers 9:

> "*Imbagħad jagħtukom biex tinħaqru, u joqtlukom: u tinbagħdu minħabba f'ismi minn kull ġens.*"

L-appostli Pawlu, Pietru, Ġakbu, u Ġakbu ta' Alfew, u oħrajn, kollha kienu maqtula qabel il-qerda ta' Ġerusalem.

6. Apostasiji—vers 10:

> "*U mbagħad ħafna jitfixklu, u jittradixxu lil xulxin, u jobogħdu lil xulxin.*"

Din hija t-twissija tal-Mulej ta' ħafna apostasiji, meta l-fidi tad-dixxipli taqa', billi meta tkun taħt il-pressjoni tal-persekuzzjoni ħafna jkunu offenduti. Apostasiji bħal dawn kienu jidhru kullimkien bħala xhieda qabel il-qerda ta' Ġerusalem, ix-xhieda li mhux biss hija msemmija fit-test sagru, imma fl-istorja parallella sekulari. L-aktar evidenza storika bħal din ta' valur kbir hija t-testimonjanza ta' Josephus, li kien xhud preżenti u li ra b'għajnejh stess il-qerda ta' Ġerusalem.

7. l-Evanġelju huwa għad-dinja kollha—vers 14:

> "*U dan l-evanġelju tas-saltna jixxandar mad-dinja kollha bħala xhieda lill-ġnus kollha; imbagħad jiġi t-tmiem.*"

F'dan il-perjodu ta' storja ta' l-Evanġelju il-ħoss tar-riġlejn tal-messaġġiera kien mismugħ matul id-dinja Rumana kollha. Naqraw f'Rumani 10:15:

> "*U kif ixandru, jekk ma jkunux mibgħutin? Kif inhu miktub: Kemm huma sbieħ ir-riġlejn ta' dawk li jxandru l-evanġelju tas-sliem, u jġibu l-bxara t-tajba fuq ħwejjeġ tajba!*"

u l-Evanġelju kien, fil-fatt, ippridkat lill-ħolqien kollu qabel il-qerda ta' Ġerusalem. L-appostlu ispirat jgħid:

> "*Jekk tkomplu fil-fidi, imsejsin u fis-sod; u ma titħarrkux mit-tama ta' l-evanġelju li smajtu, u li kien imxandar lil kull ħlieqa li hi taħt is-sema; u li itegħu jien Pawlu sirt ministru*" (Kolossin 1:23).

Għalhekk, qabel il-mewt ta' Pawlu dan "is-sinjal" kien attwalment imwettaq—letteralment biżżejjed, tabilħaqq, biex jissodisfa l-aktar letteralist preċiż. Ewsebju jgħid, "l-Evanġelju kien bħax-xemx, idawwal lid-dinja malajr." Dan kien ippublikat universalment; il-ġnus Ġentili kienu illuminati bil-Kristjaneżmu jipprovdu l-ġrajjiet biex jikkorrespondu mal-profeziji, fatt tant li jolqtok illi jikkonvinċi mingħajr disputazzjoni.

8. It-tmiem tad-dinja Lhudija—vers 14:

> "…*imbagħad jiġi t-tmiem.*"

Hawn, mill-ewwel, bi qbil sħiħ, il-millenjalisti jaqbżu għall-konklużjoni li dan "it-tmiem" ifisser it-tmiem tad-dinja—"imbagħad jiġi t-tmiem"—imma t-tmiem ta' xhix? It-tmiem ta' Ġerusalem; il-qerda tat-tempju u t-tmiem ta' l-istat Lhudi u t-tmiem tal-Ġudaiżmu. Issa, ara t-tabella:

**MATTEW 24—IKOMPLI**
**IV IMBAGĦAD JIĠI T-TMIEM**

1. **Għajb tal-Ħerba—v. 15: Simboli Rumani, Sinjali**
2. **Dixxipli Jaħarbu—vs. 16-20—Ħarbu lejn Pella—Tramuntana ta' Perea**
3. **Wara Tribulazzjoni—v. 29: Waqa' ta' Ġerusalem—Mark 13:14-20; luqa 21:24-31**
4. **Sinjali fis-Smewwiet—vs. 29-30—Dlam Jaqa' fuq in-Nazzjon Lhudi—Isaija 13 – L-Istess Deskrizzjoni Dwar il-Qerda ta' Babel**
5. **Miġja ta' Bin il-Bniedem—v. 30: Presenza Spiritwali—Ġwanni 14:18; Mattew 26:64**
6. **Jibgħat l-Anġli—v. 31: Emissarji ta' l-Evanġelju.**
7. **Jiġbru l-Maħturin—v. 31: Tixrid tal-Kristjaneżmu.**

**ĠENERAZZJONI (NISEL) MA TGĦADDIX—IL-ĦWEJJEĠ KOLLHA IMWETTQA**

9. Il-għajb tal-ħerba—vers 15:

> "*Għalhekk meta taraw il-għajb tal-ħerba, li fuqha tkellem il-profeta Danjel, qiegħda fil-lok imqaddes (ħa jifhem min jaqra').*"

Din id-deskrizzjoni tirriferi għas-simboli pagani u s-sinjali Rumani imwaqqfa fit-tempju. Kull Lhudi sinċier kien iħares fuq it-tempju bħala li huwa qaddis u sagru. Meta r-Rumani rebħu l-belt, u daħlu fiha, is-suldati Rumani immarċjaw fit-tempju, waqqgħu l-ornamenti u x-xbihat tat-tempju, u waqqfu minflokhom is-simboli u s-sinjali tal-paganiżmu u r-Rumaniżmu. Dak huwa dak li hu msejjaħ "l-għajb tal-ħerba qiegħda fil-lok imqaddes." "L-għajb tal-ħerba" kien imwettaq meta dawk is-sinjali Rumani u simboli pagani kienu jidhru fil-lok imqaddes "fejn m'għandhomx ikunu."

10. Id-dixxipli ħarbu—versi 16-18:

> "*Imbagħad ħqalli jaħarbu dawk l9 jkunu fil-Lhudija għall-muntanji: u dak li jkun fuq il-*

*bejt ħalli ma jinżilx biex jieħu xi ħaġa minn daru; u dak li jkun fil-għalqa ħalli ma jarġax lura biex jieħu ħwejjġu.*"

Il-qerda ta' Ġerusalem kienet meqjusa minl-Lhud devoti kollha bħala pesta u għajb u kienet meħuda bħala sinjal liż-żmien għalihom biex jaħarbu kien wasal—biex jagħmlu dak li kien wisshom Ġesù li jagħmlu—biex jaħarbu għall-muntanji. Id-dixxipli għamlu kif qal Ġesù—huma taw wieden għat-twissija Tiegħu u ħarbu. Mis-soqfa ċatti tad-djar tagħhom fil-belt u mill-għelieqi tagħhom fil-kapmanja, huma raw l-armata Rumana timmarċja kollha kemm hi, ma kienx hemm ħin għalihom biex jidħlu ġo djarhom għall-ħwejjiġhom. Il-ħajja kienet wisq aktar minn proprjetà personali. Meta raw is-sinjali u s-simboli tar-Rumani fit-tempju, huma ftakru li Ġesù kien wissihom sewwasew dwar dik il-ħaġa, u ma' l-aħbar tar-resqan ta' l-armata Rumana huma ħarbu għall-Pella, il-parti tat-tramuntana ta' Perea.

Huwa fatt ta' minn josservah imma storiku li Cestius Gallius, il-Ġeneral Ruman, għal xi raġuni mhux magħrufa, irtira meta huma għall-ewwel immarċjaw kontra l-belt, issospenda l-assedju, waqqaf l-attakk u reġġgħa lura l-armati tiegħu għal intervall ta' żmien wara lir-Rumani kienu okkupaw it-tempju, b'hekk jagħti lil kull Lhudi li jemmen l-opportunità biex jobdi l-istruzzjonijiet tal-Mulej ħalli jaħrab mill-belt. Josephus, li huwa xhud li ra b'għajnejh stess, u li ma kienx jemmen, jirreistra dan il-fatt, u ammetta l-unabbiltà tiegħu biex jgħati raġuni għat-twaqqif tal-ġlied f'dak il-waqt, wara li l-assedju kien beda. Nistgħu aħna nagħtu raġuni ta' dan? Inva, nistgħu. Il-Mulej kien qiegħed jeħodha kontra Ġerusalem—Żakkarija 14:2 jgħid:

"*Jien niġma' l-ġnus kollha biex jagħmlu gwerra lil Ġerusalem; tinqabad il-belt, jinserqu d-djar, u jitkasbru n-nisa; nofs il-belt tmur fil-jasar, imma l-bqija tal-poplu ma jinqeridx mill-belt.*"

Il-Mulej kien qiegħed jassedja dik il-belt. Alla kien qiegħed iġib dawn il-ħwejjeġ biex jitwettqu kontra l-istat u n-nazzjon Lhudi. Għalhekk, l-opportunità kienet offruta għad-dixxipli biex jaħarbu l-assedju, kif Ġesù kien wissa minn qabel, u d-dixxipli ħaduha dik l-opportunità. Hekk qal Danjel; hekk qal Ġesù; hekk qal Luqa; hekk qal Josephus. Imma mhux hekk jgħidu l-millenjlaisti!

U hekk kien—kienet imħollija għal Titu, il-ġeneral Ruman, li jkompli l-assedju, wara lid-dixxipli fidili kienu ħarbu. Versi 19-22 jgħidu:

> "*U jaħasra għan-nisa tqal, u għal dawk li jreddgħu f'dawk il-jiem! Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa, lanqas nhar ta' Sibt: għax imbagħad ikun hemm niket kbir, li bħalu ma kienx mill-bidu tad-dinja s'issa, le, lanqas ikun hemm. U dawk il-jiem ma jkunux qsaru, ebda bniedem ma jsalva: iżda min-ħabba l-maħturin dawk il-jiem jiqsaru.*"

Dawn il-versi jittrattaw mat-tfixkil għall-ħarba mill-belt assedjata, it-tribulazzjoni ta' l-assedju, u t-twaqqif ta' l-assedju għall-ħarba tad-dixxipli.

11. Sinjali foloz—versi 23-26:

> "*Imbagħad jekk xi bniedem igħidilkom: Ara, hawn, jew hemm, hu Kristu, la temm-nuhx. Għax iqumu Kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru sinjlai kbar u egħġubijiet; biex, jekk jista' jkun, iqarrqu bil-maħturin ukoll.*"

Hawn kienet it-twissija tal-Mulej kontra dawk li jqarrqu, profeti foloz, twissijiet foloz, u sinjali foloz—it-twissija minn qabel biex tgħin lid-dixxipli ħalli jiddiskriminaw bejn il-falz u l-ġenwin. Kull ħaġa ġenwina għandha l-falz tagħha. Hemm allat foloz, Kristijiet foloz, appostli foloz, għalliema foloz, dottrini foloz, u knejjes foloz; il-Kristjani għandhom ikunu dejjem għal lest u ma jkunux imqarrqa minn xi waħda minn dawn. Dawn illum narawhom ma' kullimkien u ħafna nies sinċiera qegħdin

jinqabdu fin-nasses tagħhom bit-tagħlim falz tagħhom. Versi 25 u 26 jgħidu:

> "*Ara, jien għidtilkom minn qabel. Jekk mela jgħidulkom: Ara, qiegħed fid-deżert; la toħorġux; ara, qiegħed fil-kmamar ta' ġewwa la temmnux dan.*"

Dawn it-twissijiet osservati mid-dixxipli tal-Mulej għenuhom biex jaħarbu n-nasbiet ippreparati għall-assedju li kien riesaq fuqhom.

12. L-ajkli u l-ġisem mejjet—versi 27-28:

> "*Għax bħalma l-berqa tiġi mil-lvant, u tidher ukoll mill-punent; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax kull fejn ikun hemm il-ġisem mejjet, hemm l-ajkli jkun miġmugħin flimkien.*"

Ġesù hawn iżid li "bħalma l-berqa tiġi mil-lvant, u tidher ukoll mill-punent; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem." Il-berqa ma teħtieġ lil ħadd biex iħabbarha minn qabel, imma hija f'waqt preċiż ta' ħin viżibbli matul id-dinja kollha, ukoll għal dawk li qegħdin fil-kmamar tagħhom, hekk ukoll tkun il-miġja ta' Kristu tidher minn kullimkien f'waqt preċiż ta' ħin wieħed, minħabba d-dija tal-glorja tiegħu. In-nazzjoni Lhudi kien il-*ġisem* mejjet li l-ajkli Rumani belgħu.

Dawn il-versi jideskrivu l-ħeffa tal-ġrajjiet li kellhom x'jaqsmu ma' l-assedju u kif dawn saru għallarieda. L-illustrazzjoni ta' l-ajkli miġmugħin fejn hemm il-ġisem mejjet, hija deskrizzjoni figurattiva tar-Rumani kif l-ajkli jittajru fuq Ġerusalem u l-Lhudija bħala l-ġisem mejjet, biex jisirqu u jieħdu l-belt u l-art kollha tal-Lhudija.

13. Wara t-tribulazzjoni (niket)—vers 29:

> "*Minnufih wara n-niket ta' dawk il-jiem ix-xemx tiddallam, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu, u l-kwiekeb jaqgħu mis-sema, u l-qawwiet tas-smewwiet jitheżhżu.*"

Wara t-tribulazzjoni (niket) ta' dawk il-jiem—jiġifieri, wara l-ħwejjeġ li ġraw matul l-assedju. L-assedju beda fl-għaxra ta' Awissu, 70 W.K., sitt mitt sena wara l-assedju ta' Nebukadnessar u l-qerda ta' l-ewwel tempju Id-djar kollha u l-kantini taħt l-art kienu mimlija b'iġma ippetrifikati. Miljun u mitt elf ruħ mietu, u l-bqija kienu mxerrda. Aħseb dwar dan—f'xahrejn biss b'żewġ armati biss jiġġieldu fl-inħawwi llimitati madwar Ġerusalem, mietu miljun u mitt elf ruħ. Il-bini kollu kien mimli b'iġsma mejta; nies bil-ġuħ kielu l-laħam tal-mejtin; ommijiet kielu l-laħam tt-trbi tagħhom stess. U barra l-belt assedjata l-familji tar-razza tturufnata tal-Lhud kienu maqtula f'ħafna postijiet matul l-imperu. Josephus, l-istoriku, jivverifika l-fatt li qatt ma kien hemm ħaġa bħal dik qabel, laqnas ma jkun hawn.

Is-sinjali tas-smewwiet, ix-xemx tiddallam u l-kwiekeb jaqgħu, jirriferu għall-waqa' tad-dinjitarji Lhud, jaqgħu l-awtoritajiet u s-setgħat, li kienu ilhom imwaqqfa għal żmien twil, u s-sinjifika d-dlam li waqa' fuq l-istat Lhudi.

Ix-xemx tat-tempju Lhudi kienet imdallma, il-qamar ta' l-għaqda Lhudija kien bħad-demm, il-kwiekeb tas-Sanhedrin waqgħu mill-postijiet għolja tagħhom ta' awtorità. Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha dwar dawn is-sinjali m'għandniex ikollna diffikultà dwar xi jfissru. Isaija u Ġoel fissru l-qerda ta Babel l-antika u Ġerusalem f'deskrizzjoni bħal din, ukoll. Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jwarra it-tagħlim faqlz ta' l-għalliema u profeti foloz tal-lum u jaqra Isaija 13 u Ġoel 2.

14. Il-miġja ta' Bin il-bniedem—vers 30:

> "*U mbagħad jidher is-sinjal ta' Bin il-bniedem fis-sema: u mbagħad it-tribulazzjonijiet kollha ta' l-art jolfqu, u jaraw Bin il-bniedem ġej fis-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira.*"

Immedjatament wara l-ġrajjiet terribbli mfissra hawn bħala li jakkumpanjaw il-qerda ta' Ġerusalem ċerti ħwejjeġ kellhom jiġu wara. Dan il-vers u l-versi ta' wara taw wisq inkwiet lill-

kummentaturi. Bosta interpretazzjonijiet huma mogħtija hawn li mhuwiex tant faċli li wieħed jgħid liema waħda minnhom hija t-tajba. Imma meta aħna nżommu ma' l-Iskrittura u nħalluha tinterpretalna hi, allura nkunu nistgħu naslu biex nifhmu bl-aħjar mod liema interpretazzjoni hija t-tajba. Waħda mill-interpretazzjonijiet ta' dawn il-versi hija din:

L-għelm ta' Bin il-bniedem fis-sema kien sinjal, ix-xhieda ta' żjara u intervenzjoni divina fil-waqa' ta' l-awtoritajiet Lhud u fil-ġrajjiet kollha li kellhom isiru. In-niket tat-tribujiet kollha tad-dinja jirriferi għal-lamentazzjoni tal-familji Lhud matul id-dinja kollha minħabba l-qerda tal-belt u tat-tempju u ta' l-istat tagħhom. Il-miġja ta' Bin il-bniedem fis-sħab tas-sema mhijiex riferenza għat-tieni miġja ta' Kristu imma għall-miġja mbassra minn qabel minn Ġesù lil Qajfas f'Mattew 26:64:

> "*…mil-lum 'il quddiem taraw Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tas-setgħa, u ġej fuq is-sħab tas-sema.*"

Ġesù qal lil Qajfas li hu jaraha, huwa jkun xhud ħaj ta' dawn il-ġrajjiet. Ir-riferenza għal Bin il-bniedem ġej "bil-qawwa u glorja kbira" u "qiegħed fil-lemin tas-setgħa" hija enfasi fuq il-kobor tal-ħwejjeġ li ġraw. Bin il-bniedem ġie bil-qawwa fil-ġrajjiet li deheru.

15. Jibgħat l-anġli tiegħu—vers 31:

> "*U jibgħat l-anġli tiegħu b'ħoss kbir ta' tromba, u jiġbru flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf sa tarf tas-sema.*"

*************************************************

16. Is-sinjali li kienet qrib—versi 32-33:

> "*Issa mis-siġra tat-tin itgħallmu parabbola: Meta l-fergħa tagħha tkun għadha ratba, u toħroġ il-weraq, tafu li s-sajf ikun qorob: Hekk ukoll intom, meta taraw dawn il-ħwejjeġ kollha, kunu afu li qiegħed fil-qrib: fil-bibien.*"

> *"Il-fergħa tagħha tkun għadha ratba…tafu li s-sajf ikun qorob. Hekk ukoll intom, mata taraw dawn il-ħwejjeġ kollha, kunu afu li qiegħed fil-qrib: fil-bibien."*

Is-sinjali tal-ġrajjiet li kienu ġejjin iservu bħala tbassir għad-dixxipli fidili kollha li l-ħwejjeġ li dwarhom huma kienu mwissija jkunu qrib. Id-dixxipli jagħrfu dawn is-sinjali sal-ħin ta' l-assedju, u kunu jafu li dan kien "qiegħed fil-qrib: fil-bibien." Huwa hawn li Luqa jgħid:

> *"U meta jibdew iġru dawn il-ħwejjeġ, ħarsu 'l fuq, għax tkun qiegħda toqrob il-fidwa tagħkom*" (Luqa 21:28).

Il-mezzi providenzjali għall-ħarba tal-fidili kienu divinament irranġati minn qabel u meta humna jaraw dawn il-ħwejjeġ "jibdew jiġru" intqal lilhom biex "iħarsu 'l fuq" f'kunfidenza sħiħa li l-fidwa tagħhom, il-ħelsien tagħhom, kien qrib. Din il-fidwa mifruxa 'l fuq minn sempliċiment ħarba mill-assedju—din kienet ħelsa akbar mill-persekuzzjonijiet ta' l-awtoritajiet Lhud u l-oppożizzjoni tal-Ġudaiżmu, miġjub fit-tmiem bil-waqa' ta' Ġerusalem u l-qerda ta' l-istat Lhudi.

Li tgħid li l-espressjoni "qiegħed fil-qrib" tirriferi għat-tmiem tad-dinja, it-tmiem taż-żmien, jew għat-teorija tar-rapiment" huwa kuntrarju għall-kontenut ta' Mattew 24. Meta dawn is-sinjali deheru l-Mulej qal, "ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija"—u hekk għamlu huma. "U meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha"—u huma kienu jafuh dan (Mattew 24:16; Luqa 21:20). Kieku dan ifisser it-tmiem tad-dinja, għaliex tgħid, "ħalli jaħarbu dwk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji"? u għaliex tgħid "ħalli dawk li jkunu ġo nofsha (Ġerusalem) jitbiegħdu minnha"? U għaliex tgħid, "u ħa ma jidħlux fiha (f'Ġerusalem) dawk li jkunu fir-raba'" (Luqa 21:21-22)? Dan il-kliem juri ċar li l-ħaġa kollha hija deskrizzjoni tal-qerda ta' Ġersualem. Jarġa' jmur lura għal dawn l-inħawi f'versi 40 sa 24 il-Mulej qal li fejn tnejn ikunu "fil-għalqa," jew "jitħnu fil-

mitħna"—wieħed ikun meħud u l-ieħor imħolli—jiġifieri, id-dixxipli li jemmnu jagħrfu s-sinjali u jaħarbu, waqt li dawk li ma jemmnux jibqgħu hemm u jinqerdu fl-assedju.

L-istqarrija lit-tribujiet ta' l-art jolfqu (Mattew 24:30), hija riferenza għall-familji Lhud imxerrda matul l-Imperu Ruman kollu—huma jolfqu għall-waqa' ta' Ġerusalem u t-tmiem ta' l-għaqda tagħhom Lhudija.

17. Dawn il-ħwejjeġ kollha twettqu—vers 34:

> "*Tassew ngħidilkomn: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

F'Luqa 21:31-32 il-Mulej qal: "INTOM, meta taraw, kunu afu INTOM, u NGĦIDILKOM (ngħid LILKOM)—mela hawn għandna l-istqarrija tal-Mulej Innifsu dwar il-perjodu li għalih "dawn il-ħwejjeġ" kienu jappartjenu u li matulu huma jkunu mwettqa. "Is-sinjali" kollha msemmija f'Mattew 24 huma msemmija qabel vers 24. Wara li kien semma dawn is-sijali, imbagħad Ġesù qal,

> "*Dan in-nisel (ġenerazzjoni) ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Innota: "dawn il-ħwejjeġ KOLLHA"—mhux xi wħud minnhom—imma kollha kemm huma jkunu mwettqa qabel ma dik il-ġenerazzjoni jew nisel tgħaddi. Ftakar li dan il-kliem qalu l-Mulej u mhux xi għalliem falz! Imma kif dejjem jiġri meta xi għalliema foloz ikunu jridu jwasslu t-tagħlim falz tagħhom, hawn ukoll il-Kelma tal-Mulej ġiet imħassra bit-teoriji foloz. Dawn l-għalliema foloz jgħidu li "dan in-nisel" kien ifisser dik ir-razza—ifisser biss illi r-razza tal-Lhud ma tgħaddix sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha. Din hija akkuża serja fuq il-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Il-Mulej ma jistax ikun ħati dwar verità ċara bħal din li ħadd ma jista' jmeriha—jgħid lil-Lhud x'se jiġri lir-razza tagħhom, u mbagħad jgħid lir-razza ma tgħaddix sama dak kollu li jiġri lil dik ir-razza jiġri lilha! Huwa għal kollox bla sens li jkollok lil Kristu jgħid li ċerti ħwejjeġ jiġru lir-razza Lhudija, imma r-razza Lhudija ma tgħaddix sama

dak li jiġri lir-razza Lhudija jkun ġara lilha! Le, Ġesù qal "DIN il-Ġenerazzjoni" jew nisel (*genea*)—mhux din ir-razza. Lest int li takkuża lil Ġesù li żbalja meta qal *nisel* u mhux *razza*? In-nisel jew Ġenerazzjoni li kienet qed tgħix meta Ġesù qal dan il-kliem—ma tgħaddix "sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ KOLLHA." Għal darb'oħra hawn għandna: "Ġesù jgħid" imma "intom tgħidu." Ġesù jgħid "nisel" imma intom tgħidu "razza." Liema waħda inti taċċetta? (ara Mattew 15:4,5).

F'vers 3 d-dixxipli għamlu mistoqsija lil Ġesù. It-tweġiba għall-mistoqsija hija ndirizzata lid-dixxipli Tiegħu. **Il-NGĦIDILKOM u l-BIKOM u l-JAGĦTUKOM fit-test huma d-dixxipli ta' l-ewwel seklu, mhux intom tas-seklu li aħna llum qegħdin ngħixu fih**. Issa ħares lejn vers 33. Bħallikieku biex jrui ċar dan il-punt Ġesù poġġa limitu ta' żmien għat-twettiq tal-profezija—"dan in-nisel." X'nisel Huwa fisser? It-tweġiba sempliċi hija wieħed li lilu Hu kien qiegħed ikellem. Kif naqraw il-Bibbja aħna għandna nżommu f'moħħna l-prinċipju ermenewtiku, jiġifieri, ta' l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura ta' relevanza ta' l-udjenza li tfittex biex tiskopri x'fehemet l-udjenza oriġinali li silta kienet tfisser. L-interess ta' l-interpretu evanġeliku huwa li jifhem il-grammatika tas-silta fid-dawl taċ-ċirkustanzi storiċi u l-kontenut ta' l-udjenza oriġinali. Ġesù qal f'vers 34, "*Tassew, tassew ngħidilkom*—in-nies li lilhom Hu kien qiegħed ikellem; *dan in-nisel*—il-ġenerazzjoni tagħkom (ġenerazzjoni hija bażikament perjodu ta' erbgħin sena) *ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha*." Ġesù kien qiegħed jgħidilhom li dawn il-ħwejjeġ **kollha** jiġru fil-ħajja **tagħhom**.

Il-Bibbja ma kinetx miktuba fis-sena li aħna llum qegħdin ngħixu fiha. Aħna għandna dejjem niftakru li l-Kristjani ta' l-ewwel seklu kienu l-ewwel emmiena biex jaqraw il-kliem tat-Testment il-Ġdid, u aħna għandna nfittxu li npoġġu lilna nfusna fiż-żarbun tagħhom. X'fisser dan il-kliem għalihom? Il-Bibbja kienet miktuba **għalina**, imma ma kinetx miktuba **lilna**. Mhuwiex qabel ma aħna nifhmu x'kienet tfisser għalihom li mbagħad inkunu nistgħu napplikaw il-prinċipji tagħha għalina.

L-użu tal-Mulej ta' l-istess lingwa wara li ħabbar is-saħtiet fuq il-fariżej fil-kapitlu ta' qabel ta' Mattew juri ċar lir-riferenza kienet għaż-żmien tagħhom stess. Hemm disa' saħtiet imħabbra fuq dawn l-uffiċjali Lhud f'Mattew 23, li huma segwiti minn vers 36:

> "*Tassew ngħidilkom: Għad jiġu dawn il-ħwejjeġ kollha fuq dan in-*nisel (ġenerazz-joni)."

Immedjatament wara din l-istqarrija hemm it-taħbira fuq Ġerusalem f'vers 37,

> "*Ja Ġerusalem, Ġerusalem, int toqtol il-profeti, u tħaġġar lil dawk li jinbagħtukek, kemm-il darba ridt niġma' lil uliedek flimkien, bħalma tiġieġa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwinħajha, u inti ma ridtx!*"

u l-verdett ta' vers 38,

> "*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba.*"

Hemm konklużjoni waħda, u din hija ċara ħafna—is-saħtiet kollha ta' Mattew 23 u s-sinjali kollha ta' Mattew 24 irriferew għal dak in-nisel jew dik il-ġenerazzjoni ta' żmien u tul il-ħajja ta' dawk li kienu jgħixu fi żmien Ġesù, u kienu kollha mwettqa fil-qerda ta' Ġerusalem, u immedjatament wara dik il-ġrajja.

18. Kliemi ma jgħaddix—vers 35:

> "*Is-sema u l-art igħaddu, iżda kliemi ma jgħaddix.*"

L-akkonsentar (il-garanzija) tal-Kelma ta' Alla huwa ċ-ċertezza tat-twettiq tal-"ħwejjeġ kollha" fil-perjodu li Ġesù Kristu semma bħala "dan in-nisel." Il-kliem Tiegħu huwa s-siġill. U fuq l-integrità tal-Kelma tiegħu fatt stupend ieħor huwa mbassar: jiġifieri, is-sema u l-art igħaddu, anzi tkun interpretazzjoni aktar eżatta jekk dan il-vers jinqara: is-sema u l-art għandhom igħaddu. L-"għandhom" u l-"m'għandhomx" (ma jgħaddux) huma ta' l-istess sinifikat: il-Kelma Tiegħu dwar is-sinjali u l-ġrajjiet hija ċerta daqs il-fatt lis-sema u l-art

*għandhom* igħaddu. U huwa hawn lit-tansizzjoni fis-suġġett tal-kontenut ta' Mattew 24 issir, mill-qerda ta' Ġerusalem għat-tieni miġja ta' Kristu.

19. Il-miġja ta' Bin il-bniedem—versi 36-51.

> *"Imma dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, ħlief Missieri waħdu. Iżda bħal ma kien fi żmien Noè, hekk tkun ukoll il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax bħalma f'dawk il-jiem ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u jingħataw għaż-żwieġ, sal-jum li fih Noè daħal fl-arka, u ma kinux jafu sama ġie d-dilluvju u ħadhom ilkoll; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Imbagħad tnejn ikunu fil-għalqa; il-wieħed jittieħed, u l-ieħor jitħalla. Żewġ nisa jkunu jitħnu fil-mitħna; il-waħda tittieħed, u l-oħra titħalla. Ishru mela: għax ma tafux f'liema siegħa għandu jiġi Sidkom. Iżda kunu afu dan: li kieku sid id-dar kien jaf f'liema sahra kellu jiġi l-ħalliel, kien jishar, u ma kienx iħalli daru tinfetaħ. Għalhekk intom ukoll kunu mħejjin: għax fis-siegħa li ma taħsbux fiha jiġi Bin il-bniedem. Min mela hu qaddej fidil u għaqli, li sidu qiegħdu fuq in-nies tad-dar tiegħu, biex jagħtihom l-ikel fil-waqt? Imbierek dak il-qaddej, li xħin jiġi sidu jsibu jagħmel hekk. Tassew ngħidilkom: Iqiegħdu fuq ġidu kollu. Iżda u jekk dak il-qaddej ħażin igħid f'qalbu: Sidi jiddawwar ma jiġi; U jibda jsawwat lill-qaddejja sħabu, u jiekol u jixrob mas-skaren; Jiġi sid dak il-qaddej f'jum li ma jistenniehx, u f'siegħa li ma jafx, u jqattgħu f'biċċtejn, u jagħtih sehmu ma' l-ipokriti: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien."*

L-espressjoni "dak il-jum u dik is-siegħa" f'vers 36 tinaqgħad mat-tħabbira "is-sema u l-art igħaddu" f'vers 35—*dak* il-jum u s-siegħa jkunu s-ssema l-art igħaddu, u għalhekk huwa irrelatat għall-miġja ta' Bin il-bniedem. Fit-tieni Pietru 3:10 huwa iddikjarat li "…jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu…u l-art u l-egħemejjel ukoll li fiha jinħarqu." Għalhekk it-tmiem tas-sema u l-art, imsemmi f'Mattew 24:35, għandu jkun ġrajja li takkumpanja "l-miġja ta' Bin il-bniedem" f'versi 36 u 37, u b'dawn il-versi d-diskors tal-Mulej idur mill-qerda ta' Ġerusalem għat-tieni miġja ta' Kristu. Huwa *dwar dak il-jum u s-siegħa*, dwar iż-żmien, li la l-bnedmin u lanqas l-anġli ma jafu, u li dwaru ma jkun hemm ebda sinjali fil-qrib biex iħabbru l-imminenza tagħha. It-tieni miġja ta' Kristu mhijiex suġġett għar-rivelazzjoni, din tappartjeni għall-Missier waħdu, teskludi lil l-Iben waqt li Hu kien fuq l-art fil-ġisem ta' l-inkarnazzjoni Tiegħu; fl-istat ta' l-umanità. Huwa fuq dan il-punt li Mark jintroduċi l-frażi "lanqa l-Iben" li Mattew iħalli barra. Mark jgħid:

> "*Imma b'dak il-jum u b'dik is-siegħa ħadd ma jaf, le, lanqas l-anġli fis-smewwiet, lanqas l-Iben, iżda l-Missier.*"

L-istqarrija ta' Ġwanni 5:20 li l-Missier "jurih il-ħwejjeġ kollha li hu nnifsu jagħmel" evidentament ma applikatx għaż-żmien ta' l-umiljazzjoni Tiegħu fil-ġisem; għaliex jintqal pożittivament minn Mark liż-żmien tal-miġja ta' Bin il-bniedem ma kinx magħruf mill-Iben Innifsu. "Lanqas l-Iben, iżda l-Missier." Imma li issa Ġesù Kristu mar lura fid-Divinità, mhux aktar imlibbes bl-umanità, Alla wera lil Iben il-ħwejjeġ kollha li Hu se jagħmel.

> "*Għax fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem*" (Kolossin 2:9).

Il-fatt hu li *dwar dak il-jum u s-siegħa* ebda bniedem ma jaf issa, u ebda bniedem qatt ma jkun jaf minn qabel—"hekk tkun ukoll il-miġja ta' Bin il-bniedem" (vers 37). Għandha tkun hekk meta hu jiġi.

Fl-istess ħin f'versi 37 sa 39 il-Mulej jgħid li l-korsa tas-soċjetà umana tkun bħal ma kienet "fi żmien Noè" qabel l-ewwel qerda tad-dinja bid-dilluvju. "Huma ma kinux jafu sama ġie d-dilluvju" (Mattew 24:39). Fit-tieni Pietru 3:3-10 l-appostlu jqabbel dan id-dilluvju universali tal-passat mal-ħruq kbir tal-futur, meta d-dinja hija "merfugħa għan-nar għal jum il-ħaqq" u tkun miġjuba għat-tmiem. Hawn hija s-silta ta' Pietru:

> "Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, ul-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu."

Il-paragun ta' din is-silta ma' Mattew 24:36-39 juri lir-riferenzi huma għat-tieni miġja ta' Kristu u l-ħaqq, fit-tmiem taż-żmien. Il-punt ta' l-enfasi li huwa stabbilit huwa din il-ħaġa waħda: *dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf*, u ma jkun hemm ebda sinjali kif dik il-frażjoloġija anakronista (ħaġa li mhix ta' dak iż-żmien) "is-sinjali taż-żminijiet," li hija tant prevalenti fit-tagħalim reliġjuż, għandha tfisser.

20. Wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla—versi 40-51.

F'riferenza għall-qerda ta' Ġerusalem, id-dixxiplu ta' Ġesù li emmen it-twissijiet Tiegħu, għaraf is-sinjali u ħarab għall-muntanji, kif il-Mulej kien ħeġġeġ; waqt li l-Lhudi li ma emminx maġenbu baqa' biex jintilef fl-assedju. L-istess hu tassew dwar il-miġja tal-Mulej. Għalkemm ma jkun hemm ebda sinjali biex juru jew iħabbru r-ritorn Tiegħu, għax "ma tafux f'liema sieħa għandu jiġi Sidkom" (vers 42), u "għax fis-siegħa li ma taħsbux fiha jiġi Bin il-bniedem" (vers 44). Imma meta hu *jinżel* biex jieħu l-ġusti ħajjin, huma jitilgħu biex jiltaqgħu Miegħu, waqt li l-ħżiena ħajjin jibqgħu biex jintilfu fil-ħaqq mal-ħżiena mejtin. Addattat għal dan il-punt huwa l-kliem ta' faraġ lit-Tessalonikin, fejn naqraw fl-ewwel Tessalonikin 4:15-18,

> *"Għax dan ngħidilkom aħna bil-kelma tal-Mulej, li aħna l-ħajjin, u li nibqgħu sal-miġja*

*tal-Mulej, ma naqbżux lil dawk li jkunu raqdu. Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta'Alla: u mal-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: Imbagħad aħna l-ħaqjjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex nitlaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Għalhekk farrġu lil xulxin b'dal-kliem."*

L-appostlu hawn jgħid li l-ġusti li jkunu ħajjin fil-miġja tal-Mulej ma "jaqbżux"—ma jgħaddux—lill-mejtin ġusti fit-tlugħ biex jiltaqgħu Miegħu; imma l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel—jiġifieri, qabel mal-ħajjin fi Kristu jkunu maħtufin; u flimkien il-qaddisin telgħin jitlaqgħu mas-Salvatur li jkun nieżel; "*u hekk ikunu dejjem mal-Mulej.*" Ta min jinnota hawn li l-Mulej ma jinżilx fuq l-art kif jippruvaw jgħallmu l-millenjalisti. Le, imma l-ħajjin li nkunu bqajna "ninħatfu magħhom **fis-sħab**, biex niltaqgħu mal-Mulej **fl-ajru**." Il-kliem ma jistax ikun aktar ċar minn hekk! Spiss Atti 1:11 ikun ikkwotat bħala prova li l-Mulej għad jerġa' jiġi fuq l-art billi hawn naqra "*…għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.*" Hekk hu, kif huma rawh fl-ajru tiela lejn is-sema hekk ukoll, tgħidilna l-Kelma ta' Alla li l-Mulej jerġa' jiġi: "Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema…niltaqgħu mal-Mulej **fl-ajru**." (1 Tessalonikin 4:16-17). Jekk inħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha, allura m'għandu jkun hemm ebda diffikultà biex nifhmu dan. U jekk xi għalliem falz milli jiżistu llum jipprova jdawwar dan il-kliem ispirat u jgħid li wara dan il-Mulej jinżel fuq l-art biex isaltan għal elf sena, l-Ispirtu s-Santu jieqaflu billi jgħidlu, le, imma "hekk (fl-ajru, fis-smewwiet**) inkunu dejjem mal-Mulej**." DEJJEM u dan ifisser li qatt aktar il-Mulej mhu se jkun fuq l-art. Hawn għal darb'oħra għandna "Alla jgħid imma intom tgħidu." Liema tagħlim għandek int? Dwar il-qawmien u l-ħaqq tal-ħżiena, siltiet oħra jgħallmu li l-ħżiena jkunu mqajma u ġġudikati **fl-istess** jum li fih il-ġusti jitligħu biex

jiltqgħu mal-Mulej—id-differenza teżisti mhux fiż-**żmien** tal-qawmien imma fil-katig u fil-premju.

Il-parabbola tal-qaddej fidil u għaqli, f'versi 43-51, f'kuntrast mal-qaddej ħażin, tipprova l-eżempju għall-applikazzjoni prattika tat-tagħlim tal-Mulej f'riferenza għall-miġja futura Tiegħu. Hu jagħmel jew iqiegħed lill-qaddej fidil u għaqli "fuq ġidu kollu"; imma lill-qaddej ħażin hu "jqattgħu f'biċtejn" (Mattew 24:47, 51)—riferenza għall-metodu ta' kastig fost dawk ta' l-orjent, il-Griegi u r-Rumani, forma likien irriferut għaliha minn Ġesù f'Luqa 13:1. Ir-riferenza għall-qaddej fidil ikun imqiegħed "fuq il-ġid kollu tiegħu" mhijiex għal tmexxija jew ħakma f'millenju, kif xi wħud li jgħallmu din it-teorija falza jippruvaw jinterpretaw li dan ifisser hekk, għaliex dak il-qaddej li ma kienx fidil **fl-istess ħin** imneħħi u mpoġġi fir-reġjun infernali ta' "biki u tgħażgħiż tas-snien" (vers 51). Konsegwentament, ma jkun hemm ħadd li fuqhom jaħkmu l-ġusti—sakemm il-millenjalisti jkunu lesti li jċedun għall-konsegwenza inkonsistenti li l-biki u t-tgħażgħiż tas-snin ikunu kondizzjoni li tibqa' matul il-millenju! Dak ikun millenju stramb li tantiċipah jew li tistennih. Il-parabbola hija, naturalment, biss illustrattiva ta' l-opposti fil-kastig u fil-premju; u dwar il-fatt li fil-ħaqq ta' l-aħħar jum Alla jneħħi lil dawk mhux fidili u jpoġġihom fil-qasam tal-"biki u tgħażgħiż tas-snien," frażi li tissuġġerixxi disperazzjoni sħiħa li hija 'l fuq minn setgħa jew qawwa ta' kull lingwa li tiddeskrivi u tiddeplora.

Hawn dmir imqiegħed fuqna lkoll, u mmedjatament imperattiv; li aħna nagħtu widen għall-kmandi tal-Mulej, kif għamlu d-dixxipli li ħadu t-twissija u ħarbu mill-assedju, ħalli aħna nkunu bħal dak li dwaru jintqal "imbierek dak il-qaddej, li xħin jiġi sidu jsibu jagħmel hekk" (vers 46).

Dwar is-sinjali ta' Mattew 24, in-nisel jew ġenerazzjoni li kasbru u żebilħu lil Kristu raw b'għajnejhom stess dawn il-ġrajjiet tal-ħaqq. Kien biss 37 sena mill-kurċifissjoni ta' Kristu għall-wasla ta' l-armati Rumani biex ingħata bidu ta' dawn il-ġrajjiet li fihom dawn il-ħwejjeġ kollha twettqu għal kollox.

## V. XI TWISSIJIET APPOSTOLIĊI

Kien hemm żewġ klassijiet ta' nies li jiddisturbaw fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid, kif fil-fatt hawn illum ukoll, li dejjem kienu jqanqlu mistoqsijiet dwar iż-żmien tal-miġja ta' Kristu—ix-xettiku u l-ispekulatur. Billi kienu jaraw il-periklu ta' spekulazzjonijiet bħal dawn, l-appostli wissew lill-knejjes kontrihom. Xi eżempji ta' dawn it-twissijiet appostoliċi għandhom ikunu deterrent għall-ispekulaturi tal-lum.

### (1) Pawlu lit-Tessalonikin—2 Tessalonikin 2:1-5.

Fit-tieni kapitlu tat-tieni Tessalonikin l-appostlu Pawlu wissa lill-knisja kontra li jkunu ngannati minn spekulaturi li stqarrew li l-miġja tal-Mulej kienet qrib. Xi wħud irrappreżentaw ħażin lil Pawlu, jgħidu li hu għallem "bil-kelma" u "bl-ittra" ir-ritorn imminenti ta' Kristu. Għalhekk Pawlu qal lit-Tessalonikin,

> "*tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bl-ebda mod…*"

Imbagħad Pawlu qalilhom ċar li l-miġja tal-Mulej *ma kinetx* imminenti, ma kinetx fil-qrib:

> "*għax dak il-jum ma jiġix, jekk l-ewwel ma tiġix il-firda*" (vers 3).

Pawlu kien wissihom publikament u privatament dwar għalliema foloz bħal dawn meta hu kien hemm, u issa jfakkarhom dwar dak li kien qal:

> "*Ma tiftakrux, li, meta kont għadni magħkom, jien għidtilkom dwawn il-ħwejjeġ?*"

Imbagħad Pawlu żied l-eżortazzjoni li għandha sservi bħala li tfakkar għall-membri fidili kollha tal-knisja llum kontra l-ispekulazzjonijiet ta' l-għalliema foloz millenjali:

> "*Għalhekk ħuti, żommu sħiħ, u żommu t-tagħlim li tgħallimtu se bil-kliem, u kemm bl-ittri tagħna*" (vers 15).

Dan il-vers huwa ċaħda ta' l-istqarrijiet ta' dawk id-disturbaturi fil-knisja ta' Tessalonika li Pawlu kien għallimhom "bil-kelma" jew "bl-ittra" li l-miġja ta' Kristu kienet "qrib" jew f'xi sens imminenti. Pawlu dan m'għallmux. Huwa ħeġġiġhom biex ma jkunux imqarrqin minn xi ħadd li jgħallem dan. Hu ħeġġiġhom biex "iżomu sodi" fit-"tagħlim" li huwa kien għallimhom "bil-kelma" jew "bl-ittra." L-istruzzjonijiet orali u miktuba tiegħu lilhom kienu l-prova li l-ħwejjeġ lid-disturbaturi kienu qegħdin igħallmu ma kinux skond it-tagħlim appostoliku. Jekk tagħlim bħal dan kien kuntrarju għat-tagħlim appostoliku f'dak iż-żmien "bil-kelma" jew "bl-ittra," huwa wkoll kuntrarju għat-tagħlim appostoliku llum.

**(2) Pietru lill-knisja mxerrdin ta' Ġerusalem.**

L-appostlu Pietru fit-tielet kapitlu tat-tieni ittra tiegħu, bħal Pawlu, avża lill-Kristjani mxerrdin kontra l-għalliema foloz. Hu qal li matul "l-aħħar jiem"—matul it-taqsima kollha ta' l-Evanġelju, u sat-tmiem taż-żmien, ikun hemm nies li jinkwetaw lill-knisja. It-tieler kapitlu tat-tieni ittra ta' Pietru huwa xorta ta' diskussjoni dwar it-tieni miġja ta' Kristu u t-tmiem tad-dinja, għall-iskop li tinġieb fix-xejn l-influwenza kemm ta' l-ispekulaturi u kemm tax-xettiċi, u fl-istess ħin biex inissel "fl-imħuħ sinċiera" tal-Kristjani mxerrdin tama soda fil-miġja ta' Kristu. Li tkun avżat minn qabel huwa li tkun armat minn qabel. Wara li qalilhom kif iwieġbu lil dawk li jippruvaw jirredikolaw u lil l-ispekulaturi, Pietru ikkonkluda billi qal f'versi 17 sa 18:

> "*Intom, mela maħbubin, billi tafu minn issa b'dawn il-ħwejjeġ, ħarsu ruħkom biex ma tinqabdux intom ukoll mill-għelt (mill-iżbalji) ta' nies bla liġi, u taqgħu mill-qagħda qawwija tagħkom.*"

Illum, bħal dak iż-żmien li Pietru kiteb dan il-klliem, il-Kristjani huma ikkonfrontati b'żewġ estremijiet dwar il-kustjoni li l-ispekulaturi ħaduha f'idejhom minn rajhom dwar ir-ritorn ta' Kristu. Fuq naħa waħda, xettiżmu, u fuq in-naħa l-

oħra fanatiżmu. Bejn dawn iż-żewġ estermi hemm it-twemmin sempliċi fil-wegħda u t-tama riżultanti ta' din il-fidi.

Il-wegħda tal-miġja tal-Mulej **qatt** ma kienet użata mill-appostli bħala tema ta' kurżità u spekulazzjoni kif qiegħed isir illum. Madankollu xi estrimisti li mhumiex ħlief għalliema u profeti foloz qabdu fuq id-dottrina tat-tieni miġja u ppruvaw li joħorġu *profezija* mill-*wegħda*. Huma qegħdin jgħallmu teoriji foloz li mhumiex Skritturali u dawn kienu u għadhom jiġu mgħallma minn bosta denominazzjonijiet illum. L-isfortuna hija li ħafna niex sinċiera qegħdin jinqabdu fil-lixka ta' dawk il-profeti u għalliema foloz! Dan il-grupp ta' spekulaturi moderni għandhom jagħtu widen bis-serjetà ta' dawk it-twissijiet mogħtija fil-Kelma ta' Alla.

It-tifsira fil-qosor ta' fatti sempliċi li ġejja fit-tielet kapitlu tat-tieni Pietru tieqaf bħala ċanfira lil dawk l-għalliema foloz u lix-xettiċi kif ukol lill l-ispekulaturi l-istess.

**(3) Sommarju tat-Tieni Pietru 3.**

L-ewwel: Il-wegħda tal-miġja Tiegħu.

1. Il-Mulej wiegħed li jiġi.

> "*L-ewwelnett, għandkom tkunu tafu, li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, igħixu skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u jgħidu: Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien*" (versi 3-4).

Il-Kristjani jemmnu din il-wegħda u jirriġettaw kemm lil dawk li jmaqdru kif ukoll lix-xettiċi.

2. Pietru jwieġeb lil dawk li jmaqdru:

> "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej hu daqs elf sena, u elf sena daqs jum wieħed*" (vers 8).

Il-Mulej ma jikkalkulax iż-żmien fiż-żamma tal-wegħda Tiegħu. Dan huwa żbal kbir li dawn il-profeti u għalliema foloz

jagħmlu għaliex lill-Mulej ipoġġuh fuq l-istess keffa tal-bnedmin, fl-istess kalendarju tal-bniedem. Dan jista' jkun jeħtieġ sekli, jew millenji, jew millenji fuq millenji, madankollu, mal-Mulej dawn kollha huma biss jum wieħed. Nisimgħu ħafna dwar il-millenju u l-ħakma ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art imma dawn huma kollha teoriji foloz u interpretazzjonijiet żbaljati tal-bnedmin iżda mhumiex Skritturali!

3. Il-Mulej mhuwiex indifferenti dwar il-wegħda tiegħu.Il-Mulej għandu sabar kbir lejna; Hu qiegħed jesgtendi l-probazzjoni jew il-prova lill-bnedmin. Naqraw f'vers 9:

> "*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad-iddum; imma hu jistabar għal żmien twil magħna, għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema.*"

Huwa fatt ċert li Ġesù Kristu jiġi.

> "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej*" (vers 10).

Għalkemm il-wegħda hija ta' żmien twil jew ilha li saret żmien twil ilu, "jum wieħed quddeim il-Mulej hu daqs elf sena, u elf sena daqs jum wieħed," Alla ma jirrikonixxix iż-żmien dwar il-wegħda, ebda data ta' żmien ma kinet impoġġija—imma l-jum jasal, il-Mulej jiġi. Il-profeti foloz tal-lum u ta' qabel iħobbu jpoġġu lill-Mulej fil-kalendarju magħmul mnnhom. Alla m'għandu ebda kalendarju. Dan wieħed jista' jinnutah illi malli jqum xi nkwiet f'xi pajjiżi fid-dinja, mill-ewwel tisma' lil dawn il-profeti u għalliema foloz igħajtu lit-tmiem wasal. Dan ilu jsir matul is-sekli kollha u dejjem dawn l-ispekulaturi ħarġu ta' għalliem foloz. It-tħabbira tal-Mulej mhijiex illużjonali imma hjija dikjarazzjoni tal-verità kbira li hija irripetuta mill-kittieba kollha tat-Testment il-Ġdid.

2. Il-mod tal-miġja ta' Kristu jkun mhux mistenni.

> "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej*" (vers 10).

Pawlu wkoll qal fl-1 Tessalonikin 5:2:

> "*Għax intom stess tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl.*"

Ħadd ma jaf iż-żmien, lanqas ma jkun irrivelat. Kif qal Ġesù f'Mattew 24:37,

> "***Hekk** tkun ukoll **il-miġja** ta' Bin il-bniedem.*"

Għal dik ir-raġuni l-appostlu Pawlu qal li l-uniku mod li l-Kristjani jistgħu jevitaw il-mument għallarieda tal-miġja Tiegħu huwa li:

> "*nishru u nkunu b'għajnejna miftuħa…lebsin il-kurazza tal-fidi u ta' l-imħabba; u bħala elmu, it-tama tas-salvazzjoni*" (1 Tessalonikin 5:6-8).

It-tielet: Il-ġrajjiet tal-miġja Tiegħu.

1. Ikun it-tmiem ta' din id-dinja preżenti. Dan il-fatt huwa mifrux fl-istqarrijiet minn vers 8 sa 12 tat-tieni Pietru 3:

> "*Imma s-smewwiet u l-art ta' issa huma merfugħin bl-istess kelma, u miżmumin għan-nar għal jum il-ħaqq u u t-telfien tan-nies ħżiena*" (vers 7).

> "*Meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu*" (vers 10.)

> "*…li bih is-smewwiet jinħarqu u jdubu, u l-elementi jinħallu bi sħana kbira*" (vers 12).

Is-smewwiet jaqbdu u l-art li tkun vampa waħda jgħaddu, jispiċċaw, jiġu fit-tmiem. It-tmiem tagħhom ikun akkumpanjat b'ħoss kbir—kbir mhux fil-ħoss imma fit-tifsira, ħoss kbir mhux fl-effetti tiegħu li jtarxu imma fis-sinifikat tar-rapport

tiegħu. Tkun ġrajja aktar stupenda mid-dilluvju; din tkun l-akbar ħuġġieġa taż-żminijiet kollha.

## IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU

1. **It-Tmiem tal-Probazzjoni (Prova)—2 Pietru 3:9; 1 Pietru 1:17**
2. **It-Tmiem tad-dinja—2 Pietru 3:7-10**
3. **It-Tmiem taż-Żmien—1 Pietru 4:7; 1 Korintin 1:7-8**
4. **Il-Qawmien tal-Mejtin Kollha—Ġwanni 5:20; Ġwanni 6:40**
5. **Il-Ħaqq Finali—Ġwanni 12:48; Mattew 25:31; 2 Tessalonikin 1:3-10**
6. **Is-Saltna Mogħtija—Luqa 22:29; 1 Korintin 15:20-23**
7. **Is-Smewwiet—2 Pietru 3:13; Ġwanni 14:36; 1 Pietru 1:4; Filippin 3:20**

## EBDA PROVA LI KRISTU QATT JERĠA' JINŻEL FUQ L-ART

2. Dan ikun it-tmiem tal-probazzjoni jew prova:

> "*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad idum; imma hu jistabar għal żmien twil magħna, għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema*" (2 Pietru 3:9).

L-appostlu hawn jispjehga li l-prova kienet l-oġġett ta' dak li jidher tardjar twil, għalhekk hu jgħid f'vers 15:

> "*U emmnu lis-sabar twil ta' sidna hu għas-salvazzjoni tagħkom.*"

Dan ma jista' jfisser xejn jekk l-opportunità biex wieħed isalva ma tispiċċax meta jiġi Ġesù.

> "*Hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq*" (Lhud 9:27

Dan juri kemm huwa tagħlim falz ta' dawk li jgħallmu li meta Ġesù jiġi Iżrael kollu jslava. Dawn sfortunatament ma jagħrfux u ma jiddistingwux bejn Iżrael fiżiku u Iżrael spiritwali! Il-ħaġa li tkun tmiss wara l-mewt għall-*bnedemin*—dawk kollha li jmutu—huwa l-ġudizzju, u dan tgħidu l-Kelma ta' Alla.

3. Ikun il-jum tal-ħaqq, tal-ġudizzju.

> "*Għalhekk, maħbubin, billi intom qegħdin tistennew ħwejjeġ bħal dan, ħabirku biex tkunu misjubin minnu fis-sliem, bla tebgħa u bla ħtija*" (2 Pietru 3:14).

Ix-xena ta' dan il-ġudizzju hija mogħtija b'deskrizzjoni f'Mattew 25:31-46. Dan għandu jsir "*meta* Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu." Huwa "f'dan il-waqt" meta "l-ġnus kollha" jinġabru quddiemu, "u jifridhom minn xulxin." Huwa fuq din l-okkażjoni tal-miġja tiegħu u l-ħaqq li s-sultan *imbagħad* jgħid lil dawk fuq il-lemin, "Ejjew, ja mberkin ta' Missieri," u lil dawk fuq ix-xellug hu jgħid ukoll *imbagħad*, Morru minn fejni, ja misħutin, fin-nar ta' dejjem." Ix-xena tal-ġudizzju ssir *meta Bin il-bniedem jiġi* u mhux wara elf sena!

4. Dawn il-ġrajjiet, li kollha kemm huma jsiru *fil-miġja tiegħu*, iġibu fit-tmiem il-ħakma ta' Kristu, u Pawlu jgħid fl-1 Korintin 15:20-24 li Hu jagi s-saltna li fiha issa hu jaħkem lil Alla:

> "*Imma issa Kristu qam minn bejn l-imwiet, u sar l-ewwel frott fost dawk li mietu. Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jerġa' jieħu l-ħajja fi Kristu. Imma kull wieħed fejn imissu: Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. Imgħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-*

*saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa.*"

L-ordni tal-qawmien ta' vers 23 huwa, l-ewwel, il-qawmien ta' Kristu, "l-ewwel frott ta' dawk li raqdu"—il-qawmien Tiegħu stess mill-imwiet; it-tieni, "dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu"—il-mejtin kollha,m dawk kollha li huma fil-qabar. Il-klawsola "dawk li huma ta' Kristu" mhijiex illimitata għall-"mejtin fi Kristu"—din tinkludi l-mejtin kollha, dawn huma "ta' Kristu" permezz tal-qawmien "fil-miġja tiegħu." Il-kuntrast qiegħed f'vers 22:

"*Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jerga' jieħu l-ħajja fi Kristu.*"

Hija l-istess "kulħadd"—kullħadd imut, kullħadd jieħu l-ħajja, jew iqum. Hija mewta universali permezz ta' Adam u qawmien universali permezz ta' Kristu. Għalhekk il-"dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu" huma l-"kulħadd" li mietu f'Adam. Ir-riferenza hija għall-mewta universali u qawmien universali u "dawk li huma ta' Kristu" hawn m'għandha ebda riferenza għas-salvazzjoni—dawn huma ta' Kristu bil-qawmien, mhux bis-salvazzjoni. Hemm biss żewġ reżurrezzjonijiet: waħda fil-passat, "l-ewwel frott ta' Kristu"; l-oħra fil-futur, dawk kollha li jmutu f'Adam, imma bil-qawmien huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. Għalhekk, il-qawmien ġenerali, il-qawmien universali tal-mejtin kollha, jkun "fil-miġja Tiegħu."

Il-ħaġa li jmiss fl-ordni hija *t-tmiem*—

"*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħati s-saltna 'l Alla l-Missier…għax jeieġ isaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt*" (1 Korinitn 15:24-26).

Li jagħmel ħajjin lil dawk kollha li mietu f'Adam huwa l-qawmien tal-mejtin kollha. Għalhekk, il-qerda tal-mewt, "l-aħħar għadu," tkun imwettqa fil-miġja ta' Kristu. Mela s-silta nfisha li joqgħodu fuqha l-millenjalisti \attwalment teqred u

ġġib fix-xejn it-teorija falza tagħhom ta' ħakma ta' Kristu bejn żewġ reżurrezzjojnijiet.

Ir-raba': Il-preparazzjoni tal-miġja tiegħu.

1. Stat ta' li wieħed ikun lest jagħmel kondizzjonjiet favorevoli għar-ritorn tal-Mulej.

> "*Waqt li tistennew u tħabirku għall-miġja ta' jum Alla*" (2 Pietru 3:12).

Il-kelma "tħabirku" hija archaic, obsolita fl-użu ġenerali imma adottata għall-kuntest speċjali jew lingwa biblika. Għalkemm il-kelma rari hija wżata issa din hija dinifikanti u kollha tifsira fil-kontenut tat-tieni Pietru 3. "Ħabirku" ma tfissirx għaġġlu. L-esspressjoni *ħabirku għal* tfisser li tagħmel iċ-ċirkustanza favorevoli, tlestija fil-kondizzjonijiet. L-użu ta' Pietru tal-kelma *ħabirku* mela huwa eżortazzjoni biex nippreparaw lilna nfusha ħalli nkunu lesti għall-miġja tal-Mulej u billi nagħmlu dan il-kondizzjonijiet tas-soċjetà jsiru favorevoli għall-ġrajja tagħha. Hija twissija għall-fidi u tama, "nistennew għal," jiġifieri, *ngħixu għaliha*.

> "*Għalhekk, maħbubin, billi intom qegħdin tistennew ħwejjeġ bħal dawn, ħabirku*" (vers 14).

2. Għarfien tal-verità mgħallma mill-appostli huwa mezz ta' preparazzjoni.

> "*…bħalma wkoll ħuna Pawlu, bil-għerf mogħti lilu, kitbilkom; Bħal ma għamel fl-epistoli kollha tiegħu, fejn jitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ; li fihom xi ħwejjeġ tqal biex tifhem, u li dawk li huma neqsin mit-tagħlim u mill-qawwa jgħawġu, bħal ma jagħmlu lill-iskrittura l-oħra, għat-telfien tagħhom*" (2 Pietru 3:15-16).

Għalliema foloz dejjem jieħdu l-vantaġġ minn mistoqsijiet diffiċli biex imexxu lil dawk li ma jkunux jafu fit-triq il-ħażina. Hemm ħwejjeġ fit-tagħlim ta' Pawlu u Pietru dwar il-futur li

huma iebsa biex wieħed jifhimhom malajr fil-limitazzjoni finiti tagħna, imma dan ma jfissirx li dawn għandhom ikunu iebsa li wieħed jemminhom. Minkejja għarfien bil-mod il-fidi tipproduċi aċċettar pront ta' dak kollu li kitbu l-kittieba ispirati fuq dan is-suġġett jew fuq xi suġġett ieħor. L-għarfien ta' dak li kitbu l-appostli huwa garanzija żgura kontra li tkun ivvitimmizzat minn għalliema foloz li l-arti tagħhom hija li jgħawġu l-Iskrittura.

> "*Intom, mela, maħbubin, billi tafu minn issa b'dawn il-ħwejjeġ, ħarsu ruħkom biex ma tinqabdux intom ukoll mill-iżball ta' nies bla liġi, u taqgħu mill-qagħda qawwija tagħkom*" (vers 17).

Il-tafu ta' "dawn il-ħwejjeġ" hija f'riferenza ta' dak li għallmu Pawlu u Pietru dwar ir-ritorn ta' Kristu. "L-iżball ta' nies ħżiena" hija f'riferenza għat-tagħlim falz dwar il-miġja ta' Kristu. U l-ħarsien kontra li wieħed "jinqabad" minn tagħlim falz bħal dan dwar l-avvent ta' Kristu kien f'dawk iż-żmien u huwa f'dan iż-żmien tagħna "billi tafu minn issa," jiġifieri, tafu bil-quddiem dwar id-dehra ta' l-għalliema foloz.

3. Immunità għall-apostasija fid-dottrina tkun żviluppata permezz ta' kobor fil-grazzja u fl-għarfien ta' Ġesù Kristu.

> "*Imma ikbru fil-grazzja, iu fil-għarfa ta' Sidna u Salvatur Ġesù Kristu. Lilu glorja, issa u għal dejjem. Amen*" (vers 18).

Li tikber fil-grazzja huwa li tavvanza fl-istat tal-grazzja jew favur permezz ta' li wieħed jagħmel b'mod kustanti l-ħwejjeġ li jogħġbu lil Alla. U "l-għarfien ta' Kristu" ma jfissirx dak li jaf Kristu, imma dak li Kristu rrivela permezz ta' l-appostli tiegħu għalina biex inkunu nafu. L-eżortazzjoni ta' l-appostlu Pawlu biex "nikbru fl-għarfien ta' Alla" ma tfissirx biex nikbru f'dak li Alla jaf, imma biex nikbru f'dak li Alla rrivela għalina biex inkunu nafu. Il-Kelma ta' Alla hija l-għarfien ta' Alla, ir-rivelazzjoni ta' Alla. Hekk ukoll huwa bl-għarfien ta' Kristu fuq is-suġġett tat-tieni miġja tiegħu, huwa dak li għallmu Pawlu

u Pietru. Li nikbru f'dan l-għarfien huwa li nimmaturaw—u dan iżommna barra mill-iżball.

Pietru qal li hu u Pawlu għallmu l-istess ħaġa dwar dawn il-ħwejjeġ.

> "*U qisu li s-sabar twil ta' sidna hu għas-salvazzjoni tagħkom; bħalma wkoll ħuna l-għażiż Pawlu, bil-għerf mogħti lilu, kitbilkom*" (2 Pietru 3:15).

Għalehkk, ebda kostruzzjoni (interpretazzjoni) ma tista' titpoġġa fuq is-somarju ta' Pawlu tal-ġrajjiet li għandhom jiġru "fil-miġja tiegħu" fl-1 Korintin 15 li tikkontradixxi dan is-sommarju mit-tieni Pietru 3. F'lingwa tixbaħ ħafna lil dik ta' Pietru, Pawlu jgħid,

> "*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier*" (1 Korintin 15:24).

Ġesù qal f'Luqa 22:29-30 li b'appuntament hu jsaltan.

> "*U jien nagħtikom saltna, bħal ma tahieli Missieri; biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi fis-saltna tiegħi.*"

L-għotja, l-appuntament Tiegħu tkun spiċċat meta Hu jiġi. Imbagħad Hu jċedi s-saltna, mhux iwaqqaf waħda. U dan ikun *fil-miġja tiegħu*, is-siltiet kollha huma f'armonija waħda. Billi Pawlu u Pietru għallmu l-istess ħaġa, skond Pietru, il-ġrajjiet li jiġru *meta jiġi Ġesù*, mela, isiru kif ġej: L-ewwel, it-tmiem tad-dinja; it-tieni, it-tmiem taż-żmien; it-tielet, it-tmiem tal-prova; ir-raba', il-qawmien tal-mejtin kollha; il-ħames, il-ħaqq jew ġudizzju; is-sitta, it-tmiem tal-ħakma ta' Kristu u ċ-ċeda tas-saltna Tiegħu lil Alla; is-seba', "is-smewwiet ġodda u art ġdida, li fihomigħammar il-ħaqq"—l-istat etern, is-smewwiet stess. Aħna nistgħu nieqfu magħqudin fuq xejn aktar jew inqas.

F'konklużjoni, hemm aspett u enfasi li jappartjenu għas-suġġett kbir u suprem tal-mial-Mulej, li jisbqu t-twemmin tal-fatti ppreżentati hawn. Huwa aktar minn fidi f'dottrina—huwa

tama f'wegħda, li f'Kolossin 1:23 l-appostlu pawlu jintitolah "it-tama ta' l-Evanġelju":

> "*Jekk tkomplu fil-fidi, imsejsin u fis-sod; u ma titħarrkux* ***mit-tama ta' l-evanġelju*** *li smajtu, u li kien imxandar lil kull ħlieqa li taħt is-sema; u li tiegħu jien Pawlu sirt ministru.*"

Hija l-istennija soda tal-ħwejjeġ kollha mwiegħda, it-temma tat-tama li hija salvazzjoni eterna u kuntentizza ta' dejjem fis-smewwiet. Din it-tama hima mibnija fuq il-verità li ma tinbidilx ta' Alla u hija l-bażi tal-kunfidenza tagħna li la tista' tinganna l-fidi tagħna lanqas tiddiżappunta t-tama tagħna. F'tama tad-dinja dejjem hemm dak l-element ta' nuqqas ta' ċertezza li jġib il-ksib tagħha dubjuż u t-tħajjir tagħha li jinganna u illużorju. Imma mhux hekk bit-tama ta' l-evanġelju—din hija mpoġġija għas-salvazzjoni eterna nfisha fl-eżortazzjoni ta' l-appostlu f'Titu 2:13:

> "*Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża t'Alla l-kbira, u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.*"

Fl-ewwel Ġwanni 3:3, l-appostlu jiddikjara din it-tama għandha fiha qawwa li tippurifika fil-qlub u l-ħajja ta' dawk li għandhom din it-tama.

> "*U kull bniedem li għandu dit-tama fih għandu jissaffa, bħalma hu safi Kristu.*"

Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud jiddikjara f'Lhud 6:18-19 li din it-tama hija refuġju għall-ħajja Kristjana u ankra għar-ruħ fil-mewt—tama li għaliha Alla wilidna "bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet" (1 Pietru 1:3). Hija l-wegħda żgura gli l-ġisem jista' jistrieħ fil-qabar f'assigurazzjoni kunfidenti tal-qawmien tagħna stess għall-ħajja mbierka immortali. Għalhekk huwa ta' fejda għalina lkoll "li nistennew għal Ibnu mis-smewwiet, li lilu qajjem mill-imwiet, lil Ġesù, li ħelisna

mill-korla li għandha tiġi—u b'hekk ikollna t-tama mpoġġija quddiemna.

## IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU—HIJA DIN PREMILLENJALI?

L-introduzzjoni għal rivelazzjoni għandha sservi bħala test għall-kontinwazzjoni ta' l-istudju fuq it-tieni miġja tal-Mulej, navvanzaw issa għall-mistoqsija: Hija t-tieni miġja premillenjali u imminenti? Ir-Rivlelazzjoni hija ntrodotta bil-kiem ta' Ġwanni f'kapitlu 1, versi 1 sa 6.

> *"Ir-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, li tah Alla, biex juri lill-qaddejja tiegħu l-ħwejjeġ li għandhom jiġru dalwaqt; u li hu bagħat u għarrafha bl-anġlu tiegħu lill-qaddej tiegħu Ġwanni: Li ta xhieda tal-kelma t'Alla, u tax-xhieda ta' Ġesù Kristu, u ta' kulma ra. Imbierek min jaqra, u dawk li jisimgħu l-kliem ta' dil-profezija, u jħarsu dawk il-ħwejjeġ li huma miktubin fiha: għax iż-żmien hu qrib. Ġwanni lis-seba' knejjes li hemm fl-Asja: Grazzja lilkom, u sliem mingħand dak li hu, u li kien, u li ġej; u mis-seba' Spirti li huma quddiem it-tron tiegħu; U mingħand Ġesù Kristu, li hu x-xhud fidil, u l-imwieled l-ewwel fost il-mejtin, u l-prinċep tas-slaten ta' l-art. Lilu li ħabbna, u li ħasilna minn dnubietna f'demmu stess. U għamilna slaten u qassisin għal Alla u Missieru; lilu glorja u qawwa għal dejjem ta' dejjem. Amen."*

## I. IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

Rivelazzjoni huwa ktieb li madwaru t-teoriji premillenjali jduru—kapitlu għoxrin huwa l-fus li fuqu jduru dawn it-teoriji. Il-kostruzzjoni ħażina li kienet magħmula mill-ktieb inġenerali, u partikolarment kapitlu għoxrin, iddiżgwidat ħafna nies onesti u sinċiera biex jaħsbu li fih jinsabu t-teoriji tal-millenju u fih jistgħu dawn it-teoriji jkunu ippruvati. L-iskop ta' dan l-istudju huwa biex wieħed jara kemm huma foloz tawk it-teoriji.

(1) Il-prinċipji ta' l-interpretazzjoni.

Il-prinċipju li ġeneralment huwa aċċettat ta' studju tal-Bibbja, fundamentali għal li titgħallem saħansitra lezzjonijiet elementari tal-Kelma ta' alla, huwa li dejjem tikkonsidra "minn min u lil min" il-lingwa partikulari kienet intqalet jew miktuba. Dan il-prinċipju, applikat ġeneralment għas-sezzjonijiet l-oħra kollha ta' Skrittura, apparentament ma kienx applikat għar-Rivelazzjoni.

Il-ktieb ta' Rivelazzjoni kien indirizzat lis-seba' knejjes ta' l-Asja, u evidentament kien miktub speċjalment għall-knejjes imsemmija fl-ewwel kapitlu. Il-knisja tal-bidu kienet qed tiffaċċja persekuzzjoni immedjata u tiġrib, u l-ktieb kien miktub għall-faraġ u l-komfort tagħhom. Huma ċertament li kienu f'pożizzjoni aħjar li jkunu jafu u japplikaw it-tifsiriet tal-ħafna simboli wżati minn xi ħadd li jaħseb li jaf aktar illum. Minħabba l-pożizzjoni tagħhom fost nies pagani u taħt persekuturi pagani il-ħwejjeġ li kienu "magħrufa" lilhom, jew impoġġija 'l quddiem f'sinjali jew simboli, ma kienux jistgħu jkunu mpoġġija fi kliem ċar u letterali. Li jsir hekk kien joħloq oppożizzjoni kbira u jikkawża persekuzzjoni aktar immedjata.

Sitwazzjoni bħal din eżistiet fit-tagħlim ta' Ġesùmatul il-ministeru Tiegħu fuq l-art. Ġesù indirizza lil-Lhud bil-prabboli għaliex Hu kien jaf li ma kinux se jagħmlu l-użu t-tajjeb mill-informazzjoni, u kienu jużaw it-tagħlim biex ikomplu aktar il-ħsibijiet ħżiena tagħhom. Iżda Ġesù spjega t-tagħlim lid-dixxipli Tiegħu fi kliem ċar, "*għax lilkom mogħti li tagħrfu l-misterji tas-saltna tas-smewwiet, iżda lilhom mhux mogħti*" (Mattew 13:11). Dak kien ċertament tassew dwar il-persekuturi

tal-knisja. Ġwanni għex u ħadem mal-knejjes li lilhom huwa ndirizzat Rivelazzjoni u hu ċertament li kien jaf li huma kienu se jifhmu s-sijali u s-simboli wżati, u li huma kienu jafu n-natura imminenti u s-sens iebes tal-kliem tal-lingwa apokalitika tiegħu.Ukoll kien hemm l-għalliema b'doni spiritwali fil-knejjes li l-funzjoni tagħhom kienet li jinterpretaw ħwejjeġ bħal dawn. Kieku Ġwanni uża kliem ċar ta' lingwa letterali f'Rivelazzjoni dan kien jagħti l-informazzjoni kollha lill-persekuturi pagani u Lhud intenzjonata biss għall-knejjes. Għalhekk kien "mgħarraf" lill-knejjes, imma miżmum mill-persekuturi. Per eżempju, li kien jirriferi għal imperatur li kien jgħix bl-isem kien ikun fatali għall-knisja matul l-Imperu Ruman kollu u kien jintilef l-iskop ta' Rivelazzjoni. Għalhekk, il-persekuturi kienu mfissra figurattivament, mhux bl-isem.

Hemm ħafna indikazzjonijiet fil-ktieb ta' rivelazzjoni li l-ħwejjeġ murija kienu mwettqa fl-esperjenzi tal-knejjes indirizzati. L-introduzzjni ta' Ġwanni għall-viżjoni hija ndikazzjoni definita li l-ġrajjiet li kellhom jidhru fil-viżjoni kienu jappartjenu għall-ġenerazzjoni li kienet qed tgħix f'dak iż-żmien, il-perjodu ta' żmien li fih kienu jeżistu l-knejjes indirizzati. Vers 1 jgħid li kienet viżjoni ta' ħwejjeġ

> "*li għandhom jiġru dalwaqt*."

Jekk il-medda tat-twettiq kienet tinkludi l-ħafna sekli minn dak iż-żmien sa issa, u probabbilment is-sekli li għad iridu jiġu, ma jista' jkun hemm ebda tifsira komparattiva marbuta mal-kelma "dalwaqt," lanqas xi applikazzjoni tagħha lil dawk li lilhom hija ndirizzata. ġwanni qal, f'vers 3:

> "*Imberkin min jaqra, u dawk li jisimgħu l-kiem ta' dil-profezija, u jħarsu dawk il-ħwejjeġ li huma miktubin fiha: għax iż-żmien hu qrib*."

Il-fatt li Ġwanni ħeġġeġ lill-membri tal-knejjes li kienu jgħixu f'dak iż-żmien biex *jaqraw* u *jisimgħu* u *jħarsu*, jiġifieri, biex jitgħallmu u josservaw u jiftakru dak li kien qiegħed jiġi rrivelat, huwa pjuttost evidenza pożittiva li l-ħwejjeġ kellhom

riferenza għall-ġrajjiet jappatjenu lilhom u l-perjodu ta' ħajjithom. L-iskop kien biex jiftħilhom għajnejhom minn qabel jew iwiddibhom minn qabel bl-informazzjoni dwar il-ħwejjeġ li jinvolvu ħajjithom f'nofs il-ġrajjiet terribbli li kienu se jiġru. It-twiddiba tkompli tgħid "għax-iż-żmien hu qrib"—kien qrib, mhux rimot, u għal dik ir-raġuni huma għandhom jaqraw, jisimgħu u jżommu l-informazzjoni li Alla kellu jfisser lil Ġwanni biex "juri lill-qaddejja tiegħu" (vers 1). Dawk kienu ħwejjeġ li jikkonċernaw "lill-qaddejja tiegħu" indirizzati f'dak iż-żmien, imma ħwejjeġ li ma kinux għall-publiku ġenerali li jkun jafhom. Kienu ħwejjeġ li kellhom jiġu "dalwaqt," u mhux merfgħuha għall-futur rimot fil-bogħod.

Il-kontenut tal-messaġġi ta' l-ittri lis-seba' knejjes joffri aktar prova li l-ktieb ta' Rivelazzjoni jappartjeni għall-perjodu tal-knejjes Ażjatiċi ndirizzati. F'kapitlu 2:1-7, il-knisja f'Efesus kienet imwissija kontra dawk li jqarrqu u li kienu jistqarru li huma appostli, u kontra l-Lhud li kienu ssimbolizzati taħt il-figura bl-isem ta' Nikolajin. F'versi 8 sa 11 il-knisja ta' Smirni kienet imwissija kontra l-Lhud foloz, il-persekuzzjoni ħarxa u kollha kalunnji tal-mexxejja fanatiċi Lhud kontra l-Kristjani tal-bidu. U Smirni kien se jkollha *tribulazzjoni għal għaxart ijiem* (vers 10), li kienu eżatt l-għaxar perjodi ta' persekuzzjoni mill-għaxar imperaturi minn Neruni, l-imperatur li kien qed jaħkem, sa Dijokletjan, li taħt il-ħakma ta' terrur tiegħu laqħet il-quċċata tal-qilla bil-wegħda ta' Dijokletjan li jeqred għal kollox l-isem Kristjan mill-Imperu Ruman. Il-knisja fi Smirni kienet imwissija biex tkun "fidila sal-mewt"—jiġifieri, fil-martirju tagħhom—li hija ndikazzjoni oħra li l-messaġġ kien jirriferi għall-ħajja u ż-żmien ta' dik il-knisja.

F'versi 12 sa 17 il-knisja f'Pergamu kienet imwissija kontra ċerti partiti ħżiena taħt l-isem ta' Bagħlam, Ġeżabel, u Nikolajin. Pergamu kienet il-fortizza ta' l-oppożizzjoni Lhudija. Il-Mulej qalilhom:

> "*Jiena naf l-opri tiegħek, u fejn tgħammar int, ukoll fejn qiegħed it-tron ta' Satana*" (Riv. 2:13).

Diġà l-persekuzzjoni tagħhom kienet bdiet għaliex Antipas, martri fidil, kien maqtul f'nofshom (vers 13). L-isem *Antipas* ifisser "kontra kulħadd," u hu kien rappreżentattiv simboliku tal-persekuzzjoni li kellha tiġi kontrihom kollha dalwaqt.

F'versi 18 sa 29 il-Mulej wissa sinifikament lill-knisja f'tijatira b'dan il-kliem:

> "*Imma dak li diġà għandkom żommuh tajjeb sakemm niġi*" (vers 25).

Dwar dan il-vers hemm diversi interpretazzjonijiet. Waħda minnhom hija li l-Mulej ma ngannax lill-knisja f'Tijatira f'li ġiegħelhom jemmnu li Hu jerġa' jiġi fiż-żmien tagħhom, u l-espressjoni "sakemm niġi" mela, ma tistax tirriferi għat-tieni miġja ta' Kristu, imma għall-miġja Tiegħu fil-ġrajjiet ta' din il-viżjoni—aktar indikazzjoni tat-twettiq tagħha fiż-żmien tagħhom. Din l-interpretazzjoni fiha xi sens għaliex matul il-Ktieb ta' Rivelazzjoni Kristu Hu muri bħala li ġie jew żar fil-viżjoni li kellu Ġwanni. Interpretazzjoni oħra hija li huma kellhom jibqgħu fidili sal-mewt (Mattew 24:13), li, sakemm huma kienu kkonċernati, kien ikun l-istess bħallikieku Ġesù kien ġie f'ħajjithom. Il-punt prinċipali hawn huwa li wieħed għandu dejjem ikun għal lest.

F'kapitlu 3, versi 1 sa 6, intqal lill-knisja f'Sardi biex "iħarsu" li ma jmurx dawk il-ħwejjeġ koroh jiġu fuqhom "bħall-ħalliel," meta huma ma jkunux qed jistennew u mhux ippreparati, ma jafux "f'liema siegħa" tiġi l-persekuzzjoni. Minħabba l-kompjaċenza u l-indifferenza huma kienu fil-periklu li jkollhom isimhom "imħassar" mill-ktieb ta' Alla, kif isir fir-reġistru taċ-ċittadini, meta l-ismijiet tal-mejtin jiġu mħassra.

F'versi 7 sa 13 il-Knisja f'Filadelfja kienu mogħtija rikkmandazzjoni Divina mhux imħallta bi ktritika u kundanna, u kienu mogħtija l-assigurazzjni mbierka li jkunu mħarsa "mis-siegħa tat-tentazzjoni," it-tiġrib li għandu jiġi "fuq id-dinja kollha"—id-dinja Rumana—"biex iġarrab lil dawk li jgħammru fuq l-art."

F'versi 14 sa 22 ta' kapitlu 3, li jagħlqu s-serje ta' messaġġi lill-knejjes, Laodikija kienet mogħtija ultimatum iebes kontra apatija fatali li kienet se tirriżulta f'dekadenza spiritwali u l-qerda f'nofs dawn l-iżviluppi ta' ħsara. Iżda s-serverità tat-twissija kienet imwieżna b'talba divinia, "Ara, jien qiegħed fil-bieb, u nħabbat" (vers 20). Ġesù waqaf fid-daħla, "tal-bieb innifsu" tal-ħwejjeġ li kellhom jiġru, biex iqajjimhom b'taħbita, bħal sirena, mir-raqda u mill-istat ta' indifferenza u perikoluż tagħhom. Għalhekk, lil dawk li kienu jitolbu bil-qalb "ix-xhud fidil" jinżel Hu nnifsu biex ifittex u jsalvahom mid-diżastru li kien ġej fuqhom. It-tagħlima għalina llum hija li Ġesù ma jisfurzax it-triq tiegħu; Hu ma jġiegħel lil ħadd bil-fors biex imur warajh. Hu jħabbat fuq il-bieb u jitlobna biex nifthulu ħalli jidħol. Jekk aħna nifthu, Hu jidħol u jiekol magħna u jgħammar magħna.

Il-prinċipji li nsibu fil-ktieb ta' Rivelazzjoni japplikaw għalina wkoll. Imma kieku l-ħwejjeġ miktuba f'Rivelazzjoni kienu relatati għal futur pjuttost milli għal dak iż-żmien preżenti, allura ma hemm ebda oġġett jew skop f'li tindirizzahom u tapplikahom għall-knejjes ta' dak il-perjodu. Isir aktar u aktar evidenti li l-ktieb ta' Rivelazzjoni huwa l-istorja simbolika tat-taqbida u t-trijonf tal-knisja tal-bidu fil-konflitt ma' qawwiet sekulari li kienu jeżistu—il-gvernijiet Lhud u Rumani li kienu qegħdin jippersegwitawhom—u d-deskrizzjoni apokalittika tal-waqa' tat-tnejn, tal-Ġudaiżmu u tal-paganiżmu, ineħħi mit-triq tal-knisja l-akbar għedewwa, b'hekk jagħmel possibbli l-espansjoni tal-Kristjaneżmu matul id-dinja kollha. F'dak id-dawl Rivelazzjoni għandu qawwa kbira, tifsira ċara u applikazzjoni immedjata. Imma l-ispjegi li xi wħud jippruvaw jagħtu ta' dawn l-illużjonijiet ta' żmien għall-ġrajjiet sekli wara d-data, u saħansitra sekli li għad iridu jiġu, iġibu l-lingwa ta' Rivelazzjoi mhux naturali u l-interpretazzjoni tiegħu jew il-fehema tiegħu impossibbli. Assenjament bħal dan tal-ġrajjiet ta' viżjonijiet huwa anakronistiku, jiġifieri, ħaġa li mhix ta' dak iż-żmien, tneħħi l-ġrajjiet barra mill-perjodu taż-żmien li għalih huma jappartjenu

u tassenja dati għalihom li ma jappartjenux għall-kronoloġija tagħhom. It-teoriji tal-millenjaliżmu f'dan ir-rispett jikkonstitwixxu anakroniżmu—żball kronoloġiku—żball fid-dati.

L-apokalissi jippreżenta żewġ klassifikazzjonijiet ta' ġabra ta' xbihat, stħajjil—li huma l-persekuturi u l-persekuzzjonijiet. Il-persekuturi huma mfissra taħt it-tixbiha tal-bihma b'ħafna rjus u dnub u swaba u dwiefer u qrunijiet. Il-persekuzzjonijiet huma mpoġġija 'l quddiem f'figuri ta' mard, flaġell u għaks; it-tiswib tal-kontenut ta' tazzi jew vażetti fuq l-art u fuq il-baħar; gwerer, taqlib u diżastri—fejn juri l-qilla kollha tal-persekuzzjonijiet li l-mexxejja pagani jistgħu jwettqu kontra l-kawża tal-Krsitjani tal-bidu.

F'kapitlu sitta hemm il-viżjoni ta' "l-erwieħ taħt l-artal"—l-erwieħ ta' dawk maqtula, dawk I kellhom rashom maqtugħa għall-Kelma ta' Alla u għax-xhieda li huma żammew. Taħt l-artal Ġwanni ra erwieħ. Kienet il-viżjoni, jew xena, tat-telfa—l-erwieħ kienu taħt l-artal, il-kawża tagħhom imżebilħa, imwarrba u mitlufa. Ix-xeni u s-simboli jkomplu sakemm f'kapitlu 20 fejn l-istess erwieħ—"l-erwieħ ta' dawk li kellhom rashom maqtugħa minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma t'Alla"—kienu murija fil-viżjoni li qegħdin fuq tronijiet (ves 4). Dik kienet ix-xena ta' trijonf u vittorja. It-tneħħija ta' l-erwieħ minn taħt l-artal, ix-xena tat-telfa, u tqegħid għat-tronijiet, ix-xena tal-vittorja, hija mfissra bħala qawmien—il-qawmien tal-kawża tagħhom. U l-kapitli ta' l-għeluq tal-ktieb jippreżentaw il-glorja u l-estasija tal-knisja trijonfali, ħierġa għall-bixra tal-vittorja barra mill-esperjenzi tal-perjodu mfisser. Huwa hawn li l-Mulej irripeta l-missjoni u x-xogħol tal-knisja glorjuża ta' Kristu f'dak li jista' jintqal sewwa l-kummissjoni l-kbira u t-tieni stedina kbira:

> "*L-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: Ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx. U kull min irid, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn*" (Rivelazzjoni 22:17).

Ġwanni mbagħad jagħlaq ir-Rivelazzjoni bil-kliem:

> *"Min jixhed dawn il-ħwejjeġ jgħid: tassew, niġi dalwaqt. Amen. Iva, ejja, Mulej Ġesù"* (22:20).

Ma hemm ebda xhieda li dan jirriferi għall-miġja finali u personali ta' Kristu, imma pjuttost għall-wegħda Tiegħu li jiġi "malajr"—lill-knejjes li lilhom Rivelazzjoni huwa ndirizzat—fl-esperjenzi li fihom huma għandhom jgħaddu minnhom "dalwaqt." Hu ġie għandhom f'dawk l-esperjenzi. Nerġa' nirripeti dak li jiena għidt aktar qabel, hemm ħafna tagħlim fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni li japplika għalina wkoll illum imma dak li jintqal bħala ġrajja jew ġrajjiet li kellhom isiru dawn kollha saru u twettqu fiż-żmien tal-Kristjani tal-bidu.

Waħda mill-aħjar provi li l-kontenut tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni m'għandu ebda applikazzjoni diretta jew immedjata għalina issa, tinsab fil-fatt li veritajiet vitali, veritajiet essenzjali għas-salvazzjoni, jew għall-ħajja Kristjana u dmir Kristjan, mhumiex imgeżwra fi qratas mistiċi lanqas merfugħa għall-wirjiet apokalittiki. Ma hemm ebda tagħlim ċar għalina ta' xi wieħed mill-appostli f'xi waħda mill-epistoli fuq dawn il-linji, li huwa xhieda biżżejjed li l-kontenut tal-Ktieb ta'Rivelazzjoni kien ta' sinifikat speċjali għaż-żmien, u mhux għal applikazzjoni ġenerali. Dwar "il-profeziji" li kienu magħmula f'kull żmien u ġenerazzjoni sa minn dak iż-żmien li nkiteb il-Ktieb ta' Rivelazzjoni u għadhom isiru sal-lum, jippretendu li huma mibnija fuq il-kontenut ta' dak il-ktieb, dawn kollha waħda waħda rriżultaw li kienu nterpretazzjonijiet żbaljati. L-istorja dejjem giddbithom u iffalsifikathom, u tkompli tagħmel hekk.

It-teorija li Ġesù Kristu jerġa' jiġi fid-dinja, iwaqqaf tron u saltna tad-dinja, u jsaltan fil-preżenza personali fuq l-art għal elf sena ċertament m'għandha ebda appoġġ fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni, li jfisser li din m'għandha ebda appoġġ xi mkien ieħor. Il-papa ta' Ruma jpoġġi fuq tron letterali u jaħkem id-dinja Kattolika. Ir-reġina (jew re) ta' l-Ingilterra tpoġġi fuq tron letterali u taħkem l-Ingilterra u d-dominji tagħha. U hemm dawk li sfortunatament *jaħsbu* li huma *jemmnu* li Ġesù Kristu

se jerġa' jiġi fil-ġisem biex ipoġġi fuq tron bħal dawk f'Ġerusalem! Jaħasra għall-ħsieb bħal dan!

**(2) Il-viżjoni ġenerali**

Il-ħsieb tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni mhuwiex biss predikattiv imma deskrittiv.

&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&
&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&
&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&&

## SALTNA FIL-FUTUR

Issa ħalli naqraw xi skritturi dwar is-saltna u nħallu l-Kelma ta' Alla tfissirhom għalina.

**Mattew 3:1-2,**

> *"F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija u jgħid: 'Indmu, **għax is-saltna tas-smewwiet qorbot**."*

**Mattew 4:23,**

> *"U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi **tagħhom ixandar l-evanġelju tas-saltna**."*

Mistoqsija: **Liema** saltna?

**Mattew 6:9-10**,

> *"Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek,* ***tiġi saltnatek****, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art."*

Mistoqsija: **Liema** saltna?

**Mattew 16:19,**

> *"Jiena nagħtik l-imfietaħ* ***tas-saltna*** *tas-smewwiet…"*

**Mattew 18:1-4,**

> *"F'dak il-waqt resqu d-dixxipli lejn Ġesù u staqsewh: "Mela min hu l-akbar* ***fis-saltna*** *tas-smewwiet?" Hu sejjaħ lejh tifel ċkejken, qiegħdu f'nofshom u qalilhom, "Tassew ngħidilkom, li jekk* ***intom*** *ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma* ***tidħlux fis-saltna*** *tas-smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed FIS-SALTNA tas-smewwiet huwa DAK li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir."*

Mistoqsija: Dwar **liema** saltna qiegħed jitkellem Ġesù? Dawk li lilhom Ġesù kellem, **x'kellhom jagħmlu biex jidħlu** fis-saltna tas-smewwiet?

**Ġwanni 3:3, 5** - Ġesù lil Nikodemu:

> *"Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara* ***s-saltna ta' Alla****….Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jsitax JIDĦOL* ***fis-saltna ta' Alla****."*

**Ġwanni 4:21, 24** – Ġesù lill-mara Samaritana:

> *"Qalilha Ġesù: Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-*

> *Missier,* ***ANQAS F'ĠERUSALEM****….Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh FL-ISPIRTU u l-verità.*"

Kien Ġesù qiegħed jitkellem dwar saltna li huma ma kinux jistgħu jidħlu fiha minħabba li din kienet se *titwaqqaf wara t-tieni miġja ta' Kristu*? Hemm saltna waħda biss ta' Alla! ċertament li Ġesù ma kienx qiegħed jirriferi għal xi **saltna oħra** u mhux dwar dik diġa mwaqqfa llum!

**Kolossin 3:1-2,**

> "*Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu,* ***fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed*** *fuq il-lemin ta' Alla.* ***Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk ta' l-art****.*"

Mela għalfejn naħseb f'saltna ta' l-art meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar ħafna liċ-"**ċittadinanza tagħna hi fis-sema**…"?

**Filippin 3:20**

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna* ***hi fis-sema;*** *minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu.*"

**Kolossin 1:12-13,**

> "*Ifirħu u roddu ħajr lill-Missier, li għamil-kom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin FIS-SALTNA tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam u DAĦĦALNA FIS-SALTNA ta' Ibnu l-maħbub*" (enfasi tiegħi).

"*Saltna tad-****dawl***" – Hija din l-istess saltna li hija msejħa fl-Iskrittura bħala "i*s-Saltna ta'* ***Alla***"? Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpreta din il-frażi għalina. Is-saltna ta' Alla. **Min** Hu Alla? **X'inhu** Alla?

**1 Ġwanni 1:5**

*"Din hi l-aħbar li smajna mingħandu u li qegħdin inxandrulkom; li ALLA HU DAWL, u ebda dlam ma hemm fih.*"

Mela għaliex "is-saltna tad-dawl" u mhux "is-saltna ta' Alla"? Jekk Alla Hu dawl allura ma tfissirx l-istess ħaġa? (Ara wkoll **Ġwanni 1:1-10)**.

**Rumani 14:17,**

*"Is-saltna ta' Alla* ***m'hijiex*** *ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu."*

**1 Pietru 2:9-10,**

*"Imma intom ġens maħtur, saċerdozju RJALI, nazzjon qaddis,* ***poplu li Alla kiseb għalih****, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb. Intom darba ma kontux poplu, ISSA SIRTU L-POPLU TA' ALLA, intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena*" (ara wkoll **Kolossin 1:12-13**).

**2 Korintin 10:3-5,**

*"Tassew li aħna ngħixu fid-dinja,* ***imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja****; l-armi tagħna għall-ġlied* ***m'humiex tad-dinja****; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu."*

**Ġwanni 18:36,**

> “*Wieġeb Ġesù: “**Is-saltna tiegħi m’hijiex ta’ din id-dinja**. **Li kieku saltnati kienet ta’ din id-dinja**, l-għases tiegħi kienu jiġġiel-du biex ma ningħatax f’idejn il-Lhud**; imma tabilħaqq saltnati m’hijiex ta’ hawn**.*”

Nistaqsi jien: Reġa’ Ġesù **biddel fehemtu** u se jerġa’ jwaqqaf saltna meta jerġa’ jiġi, **fuq l-art?**

**Efesin 6:10-17** – L-armi tas-saltna huma **spiritwali**.

> “*Mill-bqija, twetqqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta’ Alla biex tkunu tilfilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċpijiet ta’ din id-dinja ta’ dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħam-mru fil-wisa’ tas-smewwiet. Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta’ Alla, ħalli tkunu tis-tgħu tieqfu fi żmien il-ħażen u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin. Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-korazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa ta’ l-evanġelju tas-sliem; ħudu f’idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta’ l-Ispirtu li hi l-kelma ta’ Alla.*”

**1 Korintin 15:50,**

> “*Dan ngħidilkom, ħuti; id-demm u l-**laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta’ Alla; lanqas in-nuqqas ta’ taħsir**.*”

**Lhud 12:28-29,**

*"Mela roddu ħajr lil Alla għax AĦNA ĦADNA SALTNA* ***li ma titħarrikx****; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'. Għax Alla tagħna hu nar qerriedi."*

**Danjel 2:44,**

*"U fi żmien dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema* ***saltna****, li qatt ma titwaqqa';* ***saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor****; iżda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, U HI TIBQA' GĦAL DEJJEM."*

**Danjel 7:18,**

*"Iżda l-qaddisin ta' l-Għoli jieħdu s-saltna, u jżommu s-saltna GĦAL DEJJEM, U GĦAL DEJJEM TA' DEJJEM."*

**Danjel 7:27,**

*"Is-saltna u s-setgħa u l-kobor tas-saltniet ta' taħt is-smewwiet kollha jingħataw lill-poplu tal-qaddisin ta' Alla, l-Għoli. SALTNATU SALTNA GĦAL DEJJEM, u kull setgħa taqdih u tisma' minnu."*

**Luqa 1:30-33,**

*"U qalilha l-anġlu: La tibżax, Marija: għax int sibt grazzja quddiem Alla. U, ara, int tnissel f'ġufek, u tiled iben, u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jissemma Bin il-Għoli: u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' missieru David: U JSALTAN GĦAL DEJJEM fuq id-dar ta' Ġakobb; U GĦAL SALTNATU MA JKUNX HEMM TMIEM."*

Jew is-**saltna** hija GĦAL DEJJEM JEW LE!

Fil-Jum ta' Pentekoste, Pietru iddikjara li l-wegħda ta' Alla lil David kienet twettqet fil-qawmien u fit-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu fl-id il-leminija tat-tron ta' Alla (**Atti 2:30-34**). Is-saltna hija **spiritwali**. Ġesù **rrifjuta** milli jħalli lin-nies li jagħmluh sultan wara li tema' l-ħamest elef ruħ. Ġwanni jgħid-ilna dwar dan:

> "*Għalhekk dawk in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: 'Dan hu tassew il-profeta li għandu jiġi fid-dinja!' Imma Ġesù, meta ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors* ***ħalli jagħmluh sultan****, reġa' warrab waħdu lejn il-għoljiet*" (Ġwanni 6:14-15).

Ġesù qal lil Pilatu:

> "*Is-saltna tiegħi* ***mhijiex*** *ta' din id-dinja.*" (Ġwanni 18:36).

It-tmiem jasal meta Ġesù **jerħi s-saltna** lill-Missier. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Imbagħad, it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa*" (1 Korintin 15:24).

Hawn l-appostlu Pawlu kien qiegħed jirriferi għall-fażi tad-din-ja tas-saltna. Pietru wkoll għamel riferenza għal dan meta qal,

> "*U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiem-kom il-bieb tad-****dħul fis-saltna ta' dejjem*** *ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu*" (2 Pietru 1:11).

Aqra **Mattew 13** kollu li jittratta dwar is-saltna permezz tal-parabboli. Il-parabboli huma dawn: Taż-Żerriegħa, tas-Sikrana, taż-Żerriegħa tal-Mustarda, tal-Ħmira, tat-Teżor Moħbi, tal-Ġawhra, tax-Xibka, u tal-Qadim u l-Ġdid. Dawn kollha kienu mlissna mill-Mulej dwar is-Saltna.

**Mark 1:14-15,**

> "IŻ-ŻMIEN HUWA MITMUM, U S-SALTNA TA' ALLA WASLET, indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba."

**Ġwanni 19:30,**

> *"Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "**KOLLOX HU MITMUM!**" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu."*

## QIEGĦED ĠESÙ ISALTAN ILLUM JEW LE?

**1 Timotju 6:13-16,**

> *"Nwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzu Pilatu. Nwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu hieni u waħdu setgħani, is-**SULTAN TAS-SLATEN** u s-Sid tas-sidien, li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh, hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas jista' jarah. Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Amen."*

Ċertament li skond din is-silta Ġesù Kristu HU SULTAN! Mhux hekk biss, Ġesù Kristu **Hu** SULTAN TAS-SLATEN. Nistaqsi jien: **JISTA' JKUN SULTAN MINGĦAJR SALTNA?** Kristu jsaltan fis-smewwiet għaliex it-tron ta' David qiegħed fis-smewwiet, u issa Kristu qiegħed isaltna fuq it-tron ta' David (**Salm 89:35-37; Luqa 1:33; Atti 2:29-36**).
**Rivelazzjoni 17:14**,

*"Għad jagħmlu gwerra lill-Ħaruf, u l-Ħaruf joħroġ rebbieħ fuqhom, għax hu Sid is-sidien u SUTALN IS-SLATEN, flimkien ma' dawk li huma miegħu msejħin u magħżulin u fidili."*

**Rivelazzjoni 19:16,**

*"Fuq il-mantell u fuq wirku għandu miktub isem: "SULTAN TAS-SLATEN u Sid tas-sidien."*

Huwa l-Mulej SULTAN TAS-SLATEN jew mhuwiex? Jekk is-saltna mhix fl-eżistenza LLUM allura mhuwiex. Temmnu dan int?

**L-AĦĦAR JIEM**

Issa ħalli neżaminaw xi Skritturi li jittrattaw dwar "l-aħħar jiem."

**Atti 2:16-17,**

*"Iżda dan hu dak li ngħad mill-profeta Ġoel: U jiġri fl-aħħar jiem, qal Alla, li nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem: u jħabbru s-subjien u l-bniet tagħkom, u jaraw iż-żgħażagħ tagħkom dehriet, u l-irġiel xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet."*

**Ġoel 3:1-5,**

*"Għaliex, ara, f'dawk il-jiem, u f'dak iż-żmien, meta nraġġa' lura mill-jasar lil Ġuda u lil Ġerusalem, Niġma' wkoll il-ġnus kollha, u nniżżilhom hemm, minħabba l-poplu tiegħi, u*

*wirti Iżrael, li huma xerrdu qalb il-ġnus, u qasmu arti. U tefgħu x-xorti fuq il-poplu tiegħi; u taw tifel għal mara żienja, u biegħu tifla għall-inbid, biex jixorbu. Iva, u intom x'intom għalija, o Tir u Sidon, u l-idwar kollha tal-Filistja? Tridu titħallsu minni għal xi ħaġa? Iżda jekk sa titħallsu minni, bil-ħeffa u bil-għaġla, inroddilkom egħemilkom fuq raskom; Għax intom ħadtu l-fidda tiegħi u dehbi, u ġarrejtu l-aħjar ħwejjeġ prezzjużi tiegħi fit-tempji tagħkom.*"

**Lhud 1:1-2**,

"*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu...*"

**1 Tessalonikin 5:3**,

"*Meta kulħadd jibda jgħid: 'Sliem u mistrieħ', dak il-ħin stess, bħal l-uġigħ fuq mara li tkun waslet għall-ħlas, tiġi fuqhom għal għarrieda l-qerda u ma jeħilsu b'xejn.*"

It-tieni miġja tiġi f'daqqa, għallarieda.

**Mattew 24:36-39**,

"*Imma dwar dak il-jum u dik is-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli tas-sema, u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier waħdu. Bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè daħal fl-arka,* ***u b'xejn ma ntebħu*** *sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, HEKK TKUN il-miġja ta' Bin il-bniedem.*"

**Ikun l-Imperu Ruman mogħti l-ħajja mill-Ġdid?**
**Danjel 7:22**,

> *"Sama ġie x-Xiħ fil-jiem, u ngħata l-ħaqq lill-qaddisin ta' l-Għoli; u wasal iż-żmien li l-qaddisin ħadu s-saltna."*

"Il-qaddisin IRĊEVEW is-saltna." Meta? Aqra **Atti 2** u Kolossin 1:13-14 u għandek it-tweġiba!

**Danjel 2:44**,

> *"…fi żmien dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna li ma tinqered qatt."*

Is-slaten Rumani – ir-raba' saltna.
**Danjel 7:23**,

> *"Huwa qal, "Ir-raba' bhima tfisser ir-raba' saltna, li jkun hawn fuq l-art."*

**Danjel 2:38** - L-Ewwel Saltna – ***Babel***.

> *"U kulfejn igħammru, wlied il-bniedem, il-bhejjem tar-raba', u t-tjur tas-sema tahom f'idejk, u tak il-ħakma fuqhom kollha. Int hu r-ras tad-deheb."*

**Danjel 2:39** – It-Tieni Saltna – ***Medo-Persjana***.

> *"U warajk tqum saltna oħra, inqas minnek,…"*

**Danjel 2:39** – It-Tielet Saltna – ***Griega***.

> *"…u warajha t-tielet saltna tal-bronż, u taħkem fuq l-art kollha."*

**Danjel 2:40** – Ir-Raba' Saltna – ***Rumana***.

*"U r-raba' saltna tkun qawwija bħall-ħadid: bħall-ħadid li jgħaffeġ u jfarrak kollox: bħall-ħadid li jfarrak kollox, jisħaqhom u jfarrak-hom kollha."*

**Mattew 3:2** – Qorbot is-saltna – Ġwanni l-Battista.

*"U jgħid: Indmu; għax qorbot is-saltna tas-smewwiet."*

**Mark 9:1** – Qabel imutu **jaraw** is-saltna ġejja bil-qawwa.

*"U qalilhom: Tassew ngħidilkom: Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġejja bil-qawwa."*

**Lhud 12:28**, – Aħna **ħadn**a saltna li ma titħarrikx.

*"Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna ħadna saltna li ma titħarrikx; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'."*

**Kolossin 1:2, 13** – Il-qaddisin meħlusa mid-dlam u **mdaħħla** fis-saltna.

*"Lill-qaddisin u aħwa fidili fi Kristu li huma f'Kolossi: grazzja lilkom, u sliem, mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu… Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub."*

**Danjel 7:22**,

*"Sama ġie x-Xiħ fil-jiem, u ngħata l-ħaqq lill-qaddisin ta' l-Għoli; u wasal iż-żmien li l-qaddisin ħadu s-saltna."*

**Dan kien imwettaq.**

**Danjel 7:28**

*"Sa hawn, tmiem ir-rivelazzjoni…"*

Ma tistax terġa' tqajjem l-Imperu Ruman! Kristu rċieva s-saltna.

**Luqa 19:12, 15,**

*"Mela qal: Wieħed raġel nobbli mar f'art bgħida biex jieħu għalih saltna, u jarġa' lura ….U ġara, meta raġa' lura, wara li kien ħa s-saltna, illi ordna li jsejħu lil dawk il-qaddejja għandu, li kien tahom il-flus, biex ikun jaf kemm kull wieħed qala' billi ħaddimhom."*

**1 Korintin 15:24 – Hu se jerġa' jagħtiha lura lill-Missier!**

*"Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa."*

Iddeċiedi int jekk is-saltna hix fil-preżent jew għadx trid tiġi fil-futur!

## ID-DNUB KONTRA L-ISPIRTU S-SANTU
## Mattew 12:31-32

> "*Għalhekk ngħidilkom li d-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrilhom lill-bnedmin, imma d-dagħwa bl-Ispirtu s-Santu ma tinħafirx. U jekk xi ħadd igħid xi ħaġa kontra Bin il-bniedem tinħafirlu; iżda min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jkollu maħfra, la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja*" (Mattew 12:31-32).

Jiena konxju, kif intom tinsabu wkoll, li s-sentiment fost ħafna nies huwa, lis-Salvatur ma ntenzjonax li xi bniedem ikun jaf x'ried ifisser f'din is-silta. Dwar ħsieb bħal dan jiena rrid ngħid biss li jiena ċert lis-Salvatur li jħobb qatt kieku ma kien se jsemmih, u jgħid li dak li jikkommetti d-dnub, ma jkollux maħfra la hawn u *lanqas wara*, li kieku ma kellux l-intenzjoni u jistenna għal kollox li kulħadd jifhem dak li Hu fisser.

Qabel ma nispjega dwar dan id-dnub, nixtieq l-ewwel li ninsisti li għandu jkun hemm raġuni tajba u valida li d-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu huwa aktar gravi milli li tidneb kontra Alla, il-Missier jew kontra Ġesù Kristu. Issa hemm maħfra għal kull dnub magħmul kontra jew il-Missier jew l-Iben, imma

mhux għad-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu. Hawn jiena nistaqsi, "Għaliex huwa dan? Huwa dan għaliex forsi l-Ispirtu s-Santu Hu aktar divin minn Kristu jew minn Alla?" Ċertament li dan ma jistax ikun, għax dan mhuwiex il-każ. Jiena nsib soluzzjoni waħda għal din il-ħaġa, u din hija, li l-liġi ta' l-Ispirtu s-Santu kienet mogħtija wara l-liġi ta' Alla, kif tinsab fl-Iskrittura tat-Testment il-Qadim, u wkoll wara li Kristu kien spiċċa x-xogħol Tiegħu fuq l-art bħala għalliem.

Ġwanni kien l-aħħar profeta ta' Alla qabel Kristu, u hu kien l-akbar mill-profeti kollha saż-żmien tiegħu. Kristu beda x-xogħol Tiegħu wara li l-ministeru ta' Ġwanni spiċċa, u kompla sal-jum tal-mewt Tiegħu. Kien wara dan li l-Ispirtu s-Santu ġie biex jagħmel dak li Alla u Kristu kienu ppjanaw li Hu jagħmel, u għalhekk il-messaġġ Tiegħu kien ta' importanza kbira billi dan kien l-aħħar wieħed. ħalli naraw illustrazzjoni.

Tlitt irġiel, **A**, **B**, **Ċ**, kienu ivvintaw u iddokumentaw magna biex tiżra' l-qamħ. Wara li huma kellhom il-magna lesta għal bejgħ għall-publiku, **A** jieħu x-xogħol ta' aġent li javvanza l-prodott u joffri ċerti nċentivi lil dawk kollha li javviċinaw għax-xiri. Xi wħud jaċċettaw l-offerta tiegħu, waqt li oħrajn jirrifjutawha, kif għamlu l-Lhud ma' Ġwanni u l-messaġġ tiegħu. **A**, bħal Ġwanni, jgħid lil dawk li rrifjutaw it-termini tiegħu, li **B** kellu jiġi warajh, u hu jinsisti li huma jaċċettaw dak kollu li **B** jista' joffrilhom. Imma meta **B** jagħmel id-dehra tiegħu u jibda bil-propożizzjonijiet tiegħu, l-istess kif għamlu l-Lhud ma' Kristu, in-nies, ħafna minnhom akkużawh b'diżonestà, u bdew jgħidu li hu kien raġel aktar iebes minn **A**, l-ewwel wieħed. **B** jassigurahom dwar l-iżball tagħhom, iżda jgħidilhom li se jkun hemm ċans ieħor għalihom, li hemm tlieta fl'intrapriża, u li waqt li huma warrbu l-ewwel u t-tieni, għandhom opportunità waħda oħra biex jiksbu dak li hu ippropona l-ewwel darba; li **Ċ** jagħmel l-istess ħwejjeġ wara li **B** jkun kompla u lesta x-xogħol tiegħu, u li jekk huma jagħmlu ma' **Ċ** l-istess kif għamlu ma' **A** u ma' **B**, *ma jkunx hemm aktar ċansijiet oħra offruti lilhom*. Kulħadd għandu jifhem mill-ewwel lir-raġuni għall-offerta ta' **Ċ**, tkun kif din tidher ta' importanza kbira, hija

għaliex din kienet, jew kellha tkun **l-aħħar waħda**. U issa, b'dan il-ħsieb f'moħħna, ħalli mmorru lura u naraw x'inhu l-uniku punt u lezzjoni fis-silta li qegħdin nistudjaw, jiġifieri, Mattew 12:31-39.

Mistoqsija: "Għaliex dnub magħmul kontra l-Ispirtu s-Santu għandu jkun gravi aktar milli li tidneb kontra Alla jew kontra Kristu l-Mulej? Jista' xi ħadd jimmaġina xi raġuni raġjunevoli għal ħaġa bħal din?" It-tweġiba għall-mistoqsija tinsab fis-soluzzjoni tal-problema.

## SPJEGA TAS-SILTA

L-ewwel, id-dnub hu l-ksur tal-Liġi. Il-Kelma ta' Alla tgħid-ilna li:

> "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi; għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4).

Fejn ma hemmx liġi ma hemmx ksur, u naturalment ebda dnub. Jekk dan hu tassew, u fil-fatt hekk hu, allura ħadd ma jista' jidneb kontra l-Ispirtu s-Santu sakemm l-Ispirtu s-Santu ta l-liġi Tie-għu. Li l-Ispirtu s-Santu għandu liġi huwa iddikjarat mill-appostlu Pawlu f'Rumani 8:1-17. Il-liġi ta' l-Ispirtu s-Santu ma setgħetx li kienet magħmula qabel ma l-Ispirtu s-Santu kien mogħti, u dan ma kienx qabel ma Kristu kien igglorifikat. Naqraw fi Ġwanni 7:39,

> "*Imma dan qalu għall-Ispirtu, li kellhom jieħdu dawk li jemmnu fih: għax kien għadu ma ngħatax l-Ispirtu s-Santu, billi Ġesù kien għadu mhux igglorifikat.*"

Ukoll, fi Ġwanni 16:7, Kristu qal lid-dixxipli Tiegħu li l-Ispirtu s-Santu ma kienx se jiġi qabel ma Hu jkun telaq. F'dak il-jum ta' Pentekoste l-Ispirtu s-Santu ġie, u beda jilleġisla permezz ta' l-appostli, il-liġi tiegħu, u biex iħabbar dik il-liġi lin-nies. Sa wara l-jum ta' Pentekoste, mela, meta l-liġi ħarġet minn Sijon, u l-Kelma tal-Mulej minn Ġerusalem, ħadd ma kien jista' jikkommetti d-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu.

Il-Lhud li lilhom Kristu wissa dwar din il-ħaġa, ċaħdu l-kunsill ta' Alla kontra tagħhom infushom, meta rrifjutaw li jitgħammdu minn Ġwanni, li kien l-aħħar profeta taħt il-liġi qabel Kristu; f'li għamlu dan huma **dinbu kontra Alla l-Missier**. Huma kienu offruti ċans ieħor mis-Salvatur Innifsu, imma rrifjutawh ukoll, u akkużawh li kien qiegħed ikeċċi x-xjaten bissaħħa ta' Begħelżebul (Mattew 12:24), il-prinċep tax-xjaten; u madankollu Kristu, fit-tjubija Tiegħu, tahom x'jifhmu li huma kien se jkollhom ċans ieħor għas-salvazzjoni, li wara li jkun telaq, jiġi l-Ispirtu s-Santu, u jekk huma jirrifjutawh kif kienu għamlu lill-Missier u Lilu nnfisu, **huma kienu se jitilfu l-aħħar opportunità biex ikunu salvati**.

L-Ispirtu s-Santu Hu **l-aħħar** Avukat ta' Alla, u l-liġi Tiegħu hija l-aħħar messaġġ tas-smewwiet għall-bnedmin kollha (Mattew 28:18-19; Mark 16:15-16; Luqa 24:47; Ġwanni 20:19-23 Atti 1:6-8; 2:36-38), u, naturalment, meta nirrifjutawha, is-salvazzjoni offruta minnha (Rumani 1:16), aħna sempliċiment ma jkollna l-ebda tama ta' xejn. Ma hemm **ebda** ċans ieħor la għal-Lhud u lanqas għalina! Dan huwa l-punt fis-silta li qegħdin nikkunsidraw.

Il-fatt li wara li l-Fariżej dinbu kontra Kristu, kif ukoll kontra Alla, u li Ġesù xorta pprova biex iwassalhom ħalli jirċievu t-tagħlim Tiegħu, juri li l-ħsieb li twarrab u tiċħad il-messaġġ ta' l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba ma jissiġillax għal dejjem id-destin ta' dak li jagħmel hekk, imma l-fatt li l-Ispirtu s-Santu jagħti lid-dinja l-aħħar offerta tas-smewwiet tas-salvazzjoni, jagħmilha impossibbli għall-bniedem li jmut mingħajr ma jaċċetta din l-offerta, li qatt jista' jkun salv. Ikun żbaljat ħafna dak li jaħseb li xi ħadd se jkun salvat mingħajr ma jkun aċċetta u obda l-Evanġelju ta' Kristu (Rumani 1:16; 2:16) ukoll wara t-tieni miġja ta' Kristu. Ikun żbaljat ħafna dak li jaħseb jew jittama għal ċans ieħor wara l-mewt. L-Evanġelju joffri **l-aħħar ċans**, u dak li jmut mingħajr il-wegħdiet tiegħu, ma jkollu l-ebda tama la issa u lanqas wara. Ħalli ħadd ma jonqos milli jara l-punt fil-lezzjoni, u ħalli ħadd ma jkun ingannat b'xi teorija ta' ċans fil-futur, kif rajna aktar qabel. Dawk li

ma jafux lil Alla, u dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu, ikunu ikkastigati bit-telfien ta' dejjem il-bogħod mill-preżenza tal-Mulej u mill-glorja tal-qawwa Tiegħu. L-Sipirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu, b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu, dak in-nhar li jiġi biex jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieh minn dawk kollha li jkunu emmnu fih, għax intom emmintu x-xhieda tagħna fostkom.*" (ara 2 Tessalonikin 2:7-10).

Minn dawn il-versi wieħed jista' jara b'mod l-aktar ċar kemm hu żbaljat it-tagħlim falz li jgħallem li meta Ġesù jerġa' jiġi *Israel nazzjonali* kollu jkun salvat! Hawn l-appostlu jgħidil-na li "*dak in-nhar li jiġi*" Ġesù Kristu jiġi:

> "*biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk li ma JOBDUX L-EVANĠELJU ta' Kristu.*"

Jekk ikun hemm xi Lhud li meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi ma jkunux *emmnu u obdew l-Evanġelju Tiegħu* dawn mhux ikunu salvati imma jkunu "*imħallsin bil-piena tat-telfien ta' dejjem.*" Hekk jgħid l-Ispirtu s-Santu. Meta l-Mulej jerġa' jiġi, Hu jiġi mhux biex isalva lil Iżrael *skond il-ġisem* imma biex "*jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieh minn dawk kollha li jkunu emmnu fih.*" "Li jkunu emmnu Fih"? Sejjer Ġesù jsalva lil dawk li ma jkunux emmnu fih, kemm jekk dawn ikunu Lhud u kemm jekk ikunu Ġentili? Temmnu dan int?

Is-salvazzjoni li kellu joffri l-Ispirtu s-Santu, u offra, kienet **l-aħħar** appell tas-smewwiet għall-bnedmin **kollha**, u għalhekk

dak li jitlifha huwa ħati li jidneb 'il fuq minn kull tama ta' fidwa.

Mela ħalli nimxu fuq il-parir ispirat fejn permezz ta' Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għax minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).
>
> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13-14).

## IL-KONSEGWENZI TAL-PREMILLENJALIŻU (p. 345)

Il-Ġenerazzjoni tagħna ikkontribwixxiet għall-vokabularju ta' l-għoxrin seklu żewġ kelmiet oħra—fundamentaliżmu u premillenjaliżmu. L-impressjoni kurrenti hija li dawn iż-żewġ kelmiet fil-fatt huma sinonimi fl-applikazzjoni jekk mhux fid-definizzjoni—jiġifieri, biex ikun fundamentalist, wieħed għandu jkun premillenjalist. Il-kontra hu tassew—iż-żewġ kelmiet huma qrib aktar li huma opposti milli sinonimi—dawn jinsabu fl-oppost ta' xulxin, lanqas saħansitra jixxiebħu f'dak li t-termini jfissru. Il-premillenjalist mhuwiex fundamentalist, hu modernist. Aħna sejrin naraw u nagħtu prova għal din l-allegazzjoni u b'hekk noħorġu fil-beraħ l-ereżiji tas-sistema, u biex nuru t-tagħlim tal-premillenjaliżmu li huwa kuntrarju għall-fatti fundamentali ta' l-Evanġelju li nsibuhom fil-kostituzzjoni divina, għalhekk kuntrarju għall-prinċipji tal-Kristjaneżmu li jinsabu fil-kostituzzjoni—il-Kummissjoni l-Kbira.

Huwa rilevanti issa għal dan l-istudju, għal din l-espożizzjoni li nintroduċu l-Kummissjoni tal-Mulej lil l-appostli Tiegħu. Naqraw f'Mattew 28:18-20:

> "*Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: Kull setgħa hi mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu: U għallmuhom iħarsu kulma ordnajtilkom: u, ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja. Amen.*"

Is-*setgħa* jew l-*awtorità* kollha ta' din il-kostituzzjoni hija assoluta—

> "*is-setgħa kollha hi mogħtija lili fis-sema u fl-art.*"

Din hija awtorità bla limitu u mhux miksuba minn għand xi predeċessur, indipendenti minn kull oriġni tal-bniedem, intitolata u tinsab fid-dritt Tiegħu Nnifsu.

> "*Hu għallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa*" (Mattew 7:29).

L-awtorità ta' Kristu ma kinetx Możajka, ma kinetx rappreżentattiva ta' oħra, imma kienet suprema. L-*iskop* tal-kostituzzjoni huwa universali, mhux illimitat permezz ta' konfini nazzjonali, dominju tad-dinja, jew dominju uman—

> "*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha.*"

Il-*magħmudija* ta' din il-kostituzzjoni hija patrimonjali—

> "*għammduhom fl-isem*"

—fl-istat, fir-relazzjoni—

> "*tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Il-*kmandamenti* tal-kostituzzjoni huma statutorji—l-istatuti ordnati ta' Dak li jagħti l-liġi Nnifsu—

> "*għallmuhom iħarsu kulma ordnajtilkom.*"

Dawn mhumiex, mela, Sinajtiċi, jew Możajki imma l-preċetti weħidhom tal-Mulej preċettur tal-bnedmin kollha. Id-*dritt* tal-kostituzzjoni huwa definittiv, lanqas proviżjonali—

> "*u, ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja.*"

Mhijiex intermedjarja, li tkun imwarrba meta l-forma finali u definittiva tkun stabbilità, u l-arranġament proviżjonali ma jkunx meħtieġ aktar. Kuntrarju għal dan il-karattru ta' l-aħħar tal-Kummissjoni l-Kbira, il-premillenjaliżmu jgħallem li din hija tentattiva, adottata biss għal żmien, mandatt kontinġenti *ad interim* biex iċċedi għas-suċċessur permanenti tagħha fil-forma tal-patt millenjali fil-futur. Dan jiċħad il-finalità tal-Kummissjoni l-Kbira fl-awtorità u kmandi, jassenja lilha l-istatus intermedjarju ta' digriet interlokutorju, jiġifieri, sempliċiment diskors bejn tnejn. F'dan jinsab wieħed mill-aktar żbalji mħassra u li jagħmel il-ħsara tal-millenjaliżmu, ereżija sottili li tolqot fil-prinċipji bażiċi tal-Kristjaneżmu, il-liġi ta' Kristu kif leġislata mill-Kummissjoni l-Kbira. Dan huwa tagħlim ta' Satana u mhux tal-Kelma ta' Kristu! Il-premillenjalisti mhumiex mela, fundamentalisti imma modernisti.

Il-Bibbja ma tgħallimx xi proċedura storika jew serbut ta' ġrajjiet li jaslu għall-millenju jew qabel jew wara l-miġja ta' Kristu, bil-preżenza Tiegħu jew mingħajrha fid-dinja. Il-kelma *millenju* mhijiex fil-Bibbja, lanqas ma hija l-idea tal-millenju. Din hija opinjoni apparentament miksuba minn diversi skejjel tat-teoloġija.

Huwa f'waqtu issa li nindagaw fil-konsegwenzi tas-sistema premillenjali.

Il-kelma *millenju* tfisser elf sena, u billi din għandha rabta mat-tieni miġja ta' Kristu, il-kelma *premillenjali* tfisser *qabel* il-millenju. Għal dawk li jħaddnu din it-teorija din tfisser illi t-tieni miġja tal-Mulej tiġri qabel ma jibda l-millenju—li waqt ir-ritorn Tiegħu Kristu jinawgura s-saltna ta' l-art irriferuta bħala l-ħakma millenjali. Għal kuntrarju, il-prefiss "post" ifisser *wara*, u l-postmillenjaliżmu huwa t-teorija li jkun hemm perjodu millenjali fuq l-art; imma l-miġja ta' Krsitu billi tkun

“postmillenjali,” ir-ritorn ta’ Kristu ma jiġrix sa wara li jkun spiċċa l-millenju—ikun xi jkun itteorizzat dak il-perjodu ta’ żmien. Huwa sostnut li wieħed jew ikun “pre” jew “post” (wara) millenjalist, imma eżattament l-oppost huwa l-verità—li bħala sempliċiment Kristjan, li żżomm biss għal dak li tgħallem l-Iskrittura, xejn aktar, wieħed la jkun premillenjalist u lanqas postmillenjalist!

L-ispirazzjoni ma tgħallem ebda xorta ta’ millenju. Ma hemm ebda idea ta’ millenju fil-Bibbja. L-elf sena ta’ Rivelazzjoni 20 kienet figura tal-kliem li turi vittorja kompluta fuq il-persekuzzjoni Lhudija u l-oppressjoni pagana, u l-ħakma msemmija ma kinet “il-ħakma ta’ Kristu” xejn, kif ħafna jikkwotawha u jippreżentawha li hi, imma partikulari ta’ qaddisin marti “ma’ Kristu.” Il-kelma tant użata millejnu mhijiex fil-Bibbja u l-idea tal-millenju mhijiex fil-Bibbja lanqas. L-espressjoni “elf sena” ma tirriferixxhiex għall-millenju, u m’għandha ebda riferenza għall-perjodu jew tul ta’ żmien fuq l-art. Min-naħa tal-Bibbja ma hemm ebda millenju, ebda proċedura tad-dinja, jew serbut ta’ ġrajjiet li jistgħu jkunu msemmija millenju. Mela, li jkun hemm xi xorta ta’ millenju fuq l-art, qabel jew wara l-miġja ta’ Kristu, bil-preżenza jew bla preżenza personali Tiegħu fuq l-art, fit-tmiem li fih ikun hemm serje ta’ ġrajjiet jinvolvu l-ħaqq finali u t-tmiem taż-żmien, hija idea li ntirtet minn diversi skejjel tat-teoloġija, iżda l-idea mhijiex fil-Bibbja. Din ma tpoġġi xejn ’il quddiem dik l-iskema ta’ ħwejjeġ.

X’inhuma l-konsegwenzi tal-millenjaliżmu? X’jipproponi l-premillenjaliżmu?

L-ewwel, lis-saltna tal-profezija tat-Testment il-Qadim, is-saltna ta’ Danjel 2:44 partikularment, is-saltna ta’ Alla, għadha ma ġietx fl-eżistenza.

It-tieni, li din is-saltna, għalkemm imħabbra minn Ġwanni ’l Battista u minn Ġesù qatt ma dehret; din kienet ipposponuta għaliex Iżrael nazzjonali kien irriġetta lil Kristu.

It-tielet, li b’konsegwenza ta’ l-irriġettar ta’ Ġesù Kristu mil-Lhud, Ġesù biddel il-pjan divin, introduċa dak li hu msej-

jaħ "iż-żmien tal-knisja," li tfisser it-taqsima preżenti, u mar lura fis-smewwiet biex jibqa' hemm sakemm il-Lhud jiddeċiedu li jħalluh biex iwaqqaf is-saltna Tiegħu fil-Palestina.

Ir-raba', li fl-intervall, waqt li Ġesù jkun qiegħed jistenna fis-smewwiet, il-profezija tas-saltna billi ma kinetx imwettqa—Ġesù Hu sultan biss bi dritt, imma mhux fil-att jew fil-fatt; li Hu għandu biss id-dritt li jkun sultan, imma attwalment mhuwiex sultan—mhux fil-fatt jew fl-att.

Il-ħames, li wkoll fl-intervall, waqt li Ġesù jibqa' fis-smewwiet, Ruma pagana għandha tiġi lura fl-eżistenza biex twettaq "il-jiem ta' dawn is-slaten" ta' Danjel 2:44. B'inkejja liċ-Ċesrijiet Rumani kienu qegħdin jaħkmu meta Ġesù ġie, dan kien "fil-jiem" tas-slaten ipprofetizzati, madankollu minħabba li l-Lhud irriġettaw lil Kristu, is-saltna mħabbra fil-qrib kienet imħollija għal żmien ieħor—jintqal lilna li din kienet *ippos-ponuta*.

Is-sitta, li l-Lhud ikunu ikkonvertuti u irrestawrati bħala nazzjon, u jmorru lura fil-Palestina, biex b'hekk Kristu jkun sultan ful-fatt u fil-att minflok sempliċiment "prinċep inkurunat" jistenna fil-lemin ta' Alla biex isir sultan.

Is-seba', lit-tempju ta' Salamun jerġa' jinbena, is-sistema tagħhom tkun taħt kostituzzjoni ġdida, u ordinanzi nazzjonali jkunu mwaqqfa mill-ġdid.

It-tmienja, li l-Mulej imbagħad iħalli t-tron tal-Maestà Tiegħu fis-smewwiet, jerġa' jokkupa mill-ġdid it-tron antik ta' David fuq l-art, f'Ġerusalem, u jkun sultan fuq l-art.

Id-disa', li l-qaddisin imqajma jitaqgħu mal-Mulej fl-ajru, jakkumpanjawh xi mkien fis-smewwiet għal żmien biex jattendu ċerti ħwejjeġ, u mbagħad jerġgħu jiġu lura Miegħu fid-dinaj għall-millenju. Russell u Rutherford dan sejħulu "rapiment," imma Boll, il-mexxej tal-premillenjalisti fil-knisja, sejjaħlu "l-ewwel u t-tieni stadji" tal-miġja Tiegħu. B'hekk huma joħolqu "żewġ miġjiet," b'intervall bejn "l-ewwel stadju" u "t-tieni miġja reali." Il-millenjalisti jsejħu dan l-intervall it-tribulazzjoni, il-"qaddisin" ikunu telgħu biex jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru, huma jaħarbu t-tribulazzjoni. Wara seba' snin fl-

ajru, Hu jerġa' jgħaqqadhom flimkien għall-mexxejja u jiġi lura "mal-qaddisin Tiegħu" fid-dinja. Ikun neħħa l-ġnus ħżiena, Hu jibda l-millenju.

L-għaxra, li dawn il-ġrajjiet kollha jakkumpanjaw ir-ritorn ta' Kristu u għalhekk huma imminenti.

Billi dawn il-ħwejjeġ kolha msemmija jappartjenu għat-teorija, u għandhom isur jew qabel jew mal-miġja ta' Kristu, jekk il-miġja ta' Kristu hija imminenti, dawn il-ħwejjeġ kollha msemmija għandhom isiru momentarjament, li jagħmlu l-ħtieġa ta' serje ta' intervenzjonjijiet mirakolużi li jħawdu għal kollox l-ordni tal-ħwejjeġ ta' l-Evanġelju, u jneħħu għal kollox il-Kummissjoni l-Kbira bħala mezz tal-konverżjoni, u l-predikar ta' l-Evanġelju bħala l-pjan tas-salvazzjoni. Billi l-Lhud għandhom ikunu ikkonvertuti sabiex jidħlu f'dak il-millenju, u billi Ġesù jista' jiġi f'mument għallarieda, huma jgħidulna, li dan isejjaħ għall-konvefrżjoni momentarja tar-razza Lhudija, ir-riġenerazzjoni spontanja tal-poplu Lhudi u t-trasportazzjoni spontanja tan-nazzjon ta' Iżrael matul il-baħar biex jokkuppaw l-art tal-Palestina, sabiex jiffurmaw u jistabbilixxu s-saltna tal-millenju.

Jekk il-miġja ta' Kristu hija imminenti, dak kollu li qiegħed qabel għandu wkoll ikun imminenti. Jekk il-konverżjoni ta' Iżrael u r-ritorn tal-Lhud għall-Palestina huwa essenzjali għall-millenju, u hekk huma; u jekk il-mioġja ta' Kristu u l-inawgurazzjoni gtal-millenju huma imminenti; imbagħad it-twaqqif mill-ġdid u l-kondizzjoni tan-nazzjon Lhudi, u r-ritorn tagħhom għall-Palestina, ukoll neċessarjament huma imminenti. Mela jekk Ġesù għandu jiġi momentarjament, jiġifieri issa, il-kontinġenza titlob għall-konverżjoni tal-massa tar-razza Lhudija, u t-trasportazzjoni tal-massa tan-nazzjon ta' Iżrael matul il-baħar għall-art tal-Palestina—kollox b'mezzi mirakolużi. X'jiġri mill-Kummissjoni l-Kbira u l-Evanġelju bħala qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni? (Mattew 28:18-20; Rumani 1:16).

Jekk ir-ritorn ta' Kristu huwa imminenti, dak kolu essenzjali għalih, li jiġi qablu, jew immedjatament warajh, huma wkoll

imminenti, li jisforza l-eventwalità possibbli tal-ħtieġa li dawn il-ħwejjeġ kollha jiġru fi żmien sekonda. Din il-konsegwenza eżistenti tirrivela lis-sistema millenjali hija kuntrarju għall-iskema ta' l-Evanġelju tal-ħwejjeġ.

Il-ħdax, li fl-ordni ta' dawn il-ġrajjiet Ġesù Kristu mbagħad isaltan fi preżenza bil-ġisem fuq din id-dinja f'saltna fiżika u materjali għal elf sena letterali.

It-tnax, li wara l-elf sena Satana jerġa' jiġma' l-qawwiet tiegħu għall-battalja finali, l-aħħar waqfa ta' Satana, li hu jkun megħlub fi gwerra fiżika ma' Kristu u l-qaddisin, u Kristu l-vittorjuż imbagħad jieħu l-qaddisin Tiegħu biex jibqgħu fis-smewwiet. Dak huwa l-premillenjaliżmu għalik, muri b'mod xieraq u kif inhu mingħajr ebda turija mgħawġa, esaġerazzjoni, jew perverżjoni ta' xi punt tat-teorija.

Issa jiena nipproponi biex nagħti provi li wieħed ma jistax jemmen it-teorija tal-premillenjaliżmu u fl-istess ħin jemmen l-Evanġelju ta' Kristu. Jekk hu jaf x'inhu l-premillenjaliżmu, u l-Evanġelju ta' Kristu. Jekk hu ma jafx x'inhu l-premillenjaliżmu, u jemmnu, allura hu ma jemminx l-Evanġelju ta' Kristu. Il-konsegwenzi tal-premillenjaliżmu huma sempliċiment dan, huma fatali!

It-tabella ta' taħt turi f'sekwenza l-ħażen tal-premillenjaliżmu. Hemm disa' punti għad-diskussjoni hawn, l-analisi bil-għaqal li turi fid-dettall l-inferenzi neċessarji u l-konsegwenzi tal-premillejnaliżmu.

**KONSEGWENZI TAL-PREMILLENJALIŻMU**

1. **Jiċħad li Kristu Qiegħed Isaltan Issa—Riv. 1:5-6; 5:8**
2. **Jannulla din it-Taqsima Bħala l-Aħħar Jiem—Lhud 1:1**
3. **Jagħmel lil Alla Falz għall-Wegħdiet Tiegħu—Mark 1:14-15**
4. **Jalterna l-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu—Lhud 8:5-7; 9:9-10**

5. **Inaqqas l-Evanġelju—Iċekken il-Knisja—Efesin 3:9-11**
6. **Iħassar il-Kummissjoni l-Kbira—Mattew 28:18-20**
7. **Jannulla s-Salvazzjoni lill-Ġentili Issa—Atti 15:14-18**
8. **Iniżżel lil Kristu mit-Tron fis-Sema għall-Art il-Mirfes Tiegħu—Lhud 1:3-13**
9. **Jagħmel l-Ewwel Miġja ta' Kristu Falliment—Galatin 4:4-5; Ġwanni 17:1-14**

**SEMPLIĊIMENT TEORIJA ibbażata fuq SKOLA ta' INTERPRETAZZJONIJIET SPEKULATTIVI**

## I. IL-PREMILLENJALIŻMU JIĊĦAD LI KRISTU QIEGĦED ISALTAN ISSA

Il-premillenjalisti jgħallmu lir-riġezzjoni mil-Lhud tas-saltna mħabbra awtomatikament iddeferixxiet is-saltna, f'konsegwenza li minħabba f'hekk Ġesù mar lura fis-sema, poġġa fil-lemenija ta' Alla, mhux bħala sultan, imma bħala wieħed irriġettat li jitlob it-tron, "jistenna" biex ikun sultan. Huma jgħallmu li Hu qiegħed fuq it-tron tal-Missier issa, mhux it-tron Tiegħu stess; u sakemm jieħu t-tron Tiegħu stess, Hu ma jsaltanx fid-dritt Tiegħu stess. Mela, skond il-mudell tal-premillenjaliżmu Ġesù huwa sempliċiment "prinċep inkurunat," ma hu sultan xejn "fil-att u fil-fatt." Hija għalehkk ċaħda tabilħaqq li Ġesù Kristu qiegħed isaltan issa. Kuntrarju għal din il-fizzjoni teoretika, li Kristu issa mhuwiex sultan fid-dritt Tiegħu stess, fuq it-tron Tiegħu, jiena se nuri ftit Skritturi mill-Kelma ta' Alla.

**(1) Aħna issa aħna saltna ta' qassisin—Rivelazzjoni 1: 5-6.**

> *"Kif ukoll mingħħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-Kbir fost il-mejtin, il-prinċep tas-slaten tad-dinja. Lil Dak li ħabbna, u li ħallna*

*minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu, u li għamilna saltna, qassisin Alla tiegħu Missieru, lilu glorja u s-setgħa għal dejjem. Amen*"

Hawn Kristu huwa ppreżentat bħala prinċep tas-slaten kollha—is-Sultan tas-slaten, id-dominju Tiegħu affermat, u s-slaten Kristjani kollha u l-qassisin "f'saltna ta' qassisin."

**(2) Issa aħna qegħdin insaltnu fuq l-art—Rivelazzjoni 5:9-10.**

"*U għannew għanja ġdida billi qalu: Int jisthoqqlok tieħu l-ktieb u tiftaħ is-siġill tiegħu, għax int kont maqtul, u fdejtna għal Alla b'demmek minn kull tribù u lsien, minn kull poplu u ġens, u għamiltna għal Alla tagħna slaten u qassisin, li jsaltnu fuq l-art.*"

Inti tosserva d-dikjarażżjoni li "hu għamilna" saltna—temp passat—u mill-ħin li aħna konna nagħmlu saltna aħna "nsaltnu fuq l-art." Il-ħakma ma' Kristu hija *issa* fil-proċess, u hija kontinwa miż-żmien I Hu sar "l-ewwel imqajjem mill-mejtin" u "l-prinċep tas-salten," sakemm iż-żmien u l-art ma jibqgħux aktar. Dawn l-iskritturi jarmonizzaw ma' 1 Korintin 15:20-25; Atti 2:34-35 u Lhud 1:3, 13, fejn juru l-ħakma ta' Kristu li hi kontinwa mill-ħin tat-tlugħ Tiegħu fis-sema sat-tmiem.

**(3) Il-ħakma ta' Kristu hija preżenti u tkonmpli sat-tmiem—1 Korintin 15:24-25.**

"*Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jaħtieġ isaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh.*"

Il-mewt ma tkunx meqruda qabel ma l-aħħar persuna mejta tkun imqajma. It-teorija milenjali tipprova għall-qawmien tal-mejtin ġusti fil-bidu tal-millenju u tal-ħżiena fit-tmiem tal-

millenju. Imma dawn is-siltiet jgħallmu li Ġesù jibqa' fis-smewwiet sa ma l-aħħar persuna mejta tkun imqajma. Jekk l-aħħar persuna mejta ma tkunx imqajma qabel it-tmiem tal-millenju, u jekk Ġesù jibqa' fis-sema sa ma l-aħħar persuna mejata tkun imqajma, imbagħad Kristu jibqa' fis-sema matul il-millenju fuq l-art—u dan ikisser għal kollox it-teorija tagħhom tal-millenju u t-tagħlim falz kollu li ġġib magħha. Mela, jekk Ġesù Kristu mhux qiegħed fuq it-tron Tiegħu stess *issa*, Hu qatt ma jkollu tron.

Fit-tielet kapitlu ta' Alla, l-appostlu Pietru qal lil-Lhud ta' Ġerusalem lis-smewwiet iżommu lil Kristu sakemm dak kollu li l-profeti kienu qalu, minn Mosè u Samwel u dawk li jiġu warajhom, iva, "minn meta d-dinja bdiet," ikun imwettaq. Dak kollu li l-profeti kienu qalu sa minn meta bdiet id-dinja, għandu jkun imwettaq qabel ma Ġesù jħalli s-sema. U hu jispeċifika l-profeti, l-ewwel Mosè, imbagħad "Samwel, u dawk ta' warajhom" (Atti 3:22-23).

Ipprofetizzaw il-profeti tat-Testment il-Qadim it-tmiem tal-mewt? Iva, Isaija 25:8 jgħidilna:

> "*U jeqred il-mewt għal dejjem, u Sidi, il-Mulej, jismaħ id-dnubgħ mill-uħ kollha; u jneħħi l-għajb tal-poplu tiegħu, minn fuq l-art kollha: għax il-Mulej tkellem.*"

Issa ħalli naqraw Ħosegħa 13:14,

> "*Jien neħlishom minn id is-saltna ta' l-imwiet: mill-mewt, nifdihom. O mewt, fejn hu x-xewk tiegħek? O saltna ta' l-imwiet, fejn hi n-niggiesa tiegħek?*"

Dawn iż-żewġ profeziji jbassru l-qerda tal-mewt u t-tneħħija għal kollox tal-qabar (saltna ta' l-imwiet). Issa ħalli nduru għal 1 Korintin 15:54-55 u nisimgħu lil Pawlu jikkwota waħda minn dawn il-profeziji:

> "*Għalhekk, meta dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes in-nuqqas ta' mewt, imbagħad*

*isseħħ il-kelma li nkitbet: Il-mewt inbelgħet*
*fir-rebħa. Ja mewt, fejn hi n-niggieża tiegħek?*
*Ja qabar, fejn hi r-rebħa tiegħek?*"

Hekk l-appostlu Pawlu ikkwota dawn iż-żewġ profeziji tat-Testment il-Qadim u applikahom għall-qawmien mill-mewt. Imma Pietru qal f'Atti 3, lis-smewwiet iżommu lil Kristu sakemm dak kollu li l-profeti kienu qalu "mindu bdiet id-dinja" (v. 21) jkun imwettaq. Billi l-profeti pprofetizzaw dawr il-qawmien tal-mejtin, it-tneħħija għal kollox tal-mewt, u t-tmiem tal-qabar, skond Pietru u l-profeti, Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema sal-qawmien tal-mejtin kollha u t-tmiem tal-ħwejjeġ kollha. Jekk hemm millenju fuq l-art, Kristu ma jkunx fih.

## II. IL-PREMILLENJALIŻMU JANNULA T-TAQSIMA TA' L-EVANĠELJU

Il-kelma "taqsima" (fl-Ingliż insibu l-kelma 'dispensation') li fil-malti għandha ħafna tifsiriet, bħall-att ta' distribuzzjoni; proviżjon, sistema, jew eżenzjoni jew maħfra, bħal li tagħti dispensa; u fis-sens ta' sistema ta' prinċipji u istituzzjonijiet li jappartjentu għal epoka ta' żmien. Dan l-aħħar sens huwa l-użu tat-Testment il-Ġdid tal-kelma f'siltiet bħal Efesin 1:10, "Biex fil-pjan tal-milja taż-żminijiet, jiġbor kollox flimkien fi Kristu," juri li l-epoka ta' l-Evanġelju hija l-epoka finali li fiha l-ħwejjeġ kollha taż-żminijiet l-oħra kollha huma miġbura fi Kristu. Aħna nafu u għarafna d-diviżjonijiet ġenerali tal-Bibbja fi tliet taqsimiet jew dispensi—Il-Wegħdiet, il-Liġi u l-Evanġelju—imma l-premillenjalisti kienu immodellaw mill-ġdid u rranġaw mill-ġdid l-Iskrittura minn Ġenesi sa Rivelazzjoni biex jagħmlu lok għas-seba' teorija dispensattiva tagħhom, is-seba' u l-aħħar taqsima jew dispensa tat-teorija tkun il-millenju—ħakma ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art.

**(1) It-Testment il-Ġdid jgħallem li l-epoka (żmien) preżenti hija "l-aħħar jiem" u hija l-aħħar taqsima jew dispensa taż-żmien.**

Naqraw fl-ittra lil-Lhud 1:1-2,

> "*Alla, li bosta drabi u bħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, f'dawn l-aħħar jien kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet.*"

L-esspressjoni, "l-aħħar jiem," turi t-taqsima jew dispensa ta' l-Evanġelju. Din hija msejħa "l-aħħar jiem" għaliex hija l-aħħar taqsima taż-żmien. It-terminu "l-aħħar jiem" jiġri bosta drabi fit-Testment il-Ġdid, u kull fejn dan jinsab, huwa deskrittiv ta' l-aħħar taqsima taż-żmien. F'Ġoel 2:28, il-profeta qal:

> "*U jiġri wara dan, li jien insawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem.*"

F'Atti 2:16-17, l-appostlu Pietru qal:

> "*Iżda dan hu dak li ngħad mill-profeta Ġoel: U jiġri fl-aħħar jiem, qal Alla, li nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem.*"

Hawn għandna mill-ġdid il-"dan hu dak," jidentifika l-aħħar jiem. Pietru qal l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli f'Pentekoste kien it-twettiq tal-profezija ta' Ġoel u mmarka l-bidu ta' l-aħħar jiem. L-idea komuni li "l-aħħar jiem" tirriferi għat-tmiem riesaq taż-żmien hija żbaljata għal kollox. Tassew, Pietru qal fit-2 Pietru 3:2-4 li:

> "*fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, igħixu skond ix-xewqat ħżiena tagħhom u jgħidu: fejn hi l-wegħda tal-milja tiegħu?*"

Imma dak ma jfissirx it-tmiem riesaq taż-żmien. Dan sempliċiment ifisser li b'inkejja l-fatt li l-appostli ispirati tkellmu u b'ispirazzjoni taw il-Kelma, madankollu, matul l-epoka kollha ta' l-Evanġelju jkun hemm min iżeblaħ u min imaqdar u jiddieħku bit-tagħlim. Dan kien isir qabel u għadu

jsir illum u jibqa' jsir sakemm jasal it-tmiem taż-żmienijiet kollha.

L-appostlu Pawlu jkompli jgħid fl-1 Timotju 4:1,

> "*Issa l-Ispirtu jgħid ċar, li fl-aħħar żminijiet x'uħud jitilqu mill-fidi, billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa, u tagħlim tax-xjaten.*"

Dan ifisser, li matul l-epoka ta' l-Evanġelju, l-Epoka Kristjana li ninsabu fiha llum, nies jitbiegħdu mill-fidi mogħtija, iqarrqu u jkun mqarrqin. L-aħħar jiem sempliċiment tfisser l-aħħar taqsima jew dispensa taż-żmien.

Jekk se jkun hemm ħakma ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art wara din it-taqsima, perjodu ieħor ta' żmien għandu jiġi wara "l-aħħar jiem." Għalhekk, il-premillenjaliżmu jiċħad it-tagħlim tat-Testment il-Ġdid li din it-taqsima hija l-aħħar jiem.

Hemm differenza bejn l-esspressjonijiet, "l-aħħar jum" u "l-aħħar jiem." U hawn naraw kemm il-millenjalisti jużaw il-Kelma ta' Alla ħażin biex jippruvaw it-teoriji foloz tagħhom. Il-millenjalisti jgħallmu lil-ġusti jkunu mqajma fil-bidu tal-millenju, u l-ħżiena jkunu mqajma fit-tmiem tal-millenju. Iżda f'bosta siltiet f'kapitlu wieħed, versi 39 u 54 ta' Ġwanni 6, Ġesù qal li dawk li jemmnu li jkollhom "il-ħajja ta' dejjem" ikunu mqajma fl-aħħar jum. Hemm differenza fl-esspressjonijiet "fl-aħħar jum," u "fl-aħħar jiem." L-aħħar jiem tfisser l-Epoka ta' l-Evanġelju. Imma meta t-test isemmi l-qawmien ta' dawk li rċevew il-ħajja "fl-aħħar jum," dan ifisser fit-tmiem tat-taqsima ta' l-Evanġelju—fit-tmiem taż-żmien. Billi l-qawmien tal-ġusti jkun **fl-aħħar jum***, kif jista' jkun hemm perjodu ta' elf sena wara* ***l-aħħar jum****?* Jew **hu l-aħħar jum** jew mhuwiex! Kif jista' jkun hemm millenju wara l-aħħar jum? **Kif jista' jkun hemm 365 jum wara l-aħħar jum!!**

**(2) It-Testment il-Ġdid jgħallem il-qawmien li jsir fl-istess ħin tal-ġusti u tal-ħżiena fit-tmiem tat-taqsima preżenti.**

Ma hemm ebda perjodu ta' żmien li jissepara l-qawmien tal-ġusti u l-qawmien tal-ħżiena. Fi Ġwanni 5:28-29, Ġesù qal,

*"La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażin, għall-qawmien tal-kundanna."*

Hawn għandna dikjarazzjoni ċara mill-Mulej Innifsu. Lil min int se temmen, lill-millenjalisti u t-tagħlim falz tagħhom jew lill-Mulej? Din id-dikjarazzjoni tal-Mulej turi b'mod l-aktar ċar lit-tajbin u l-ħżiena joħorġu mill-oqbra **fl-istess** okkażjoni—xi wħud għall-ħajja ta' dejjem u xi wħud għall-kundanna ta' dejjem. X'differenza kbira mit-tagħlim tal-millenjalisti! Ġesù qal, "tasal is-siegħa"—l-istess siegħa. Imma jintqal li din hija siegħa dispensattiva. Jekk hija siegħa dispensattiva, allura hija siegħa tal-qawmien, u l-qawmien għandu jikkaratterizza dak il-perjodu kollu—il-qawmien tal-mejtin għandu jkun kontinwu matul "is-siegħa," matul "is-siegħa," id-dispensa, it-taqsima. L-appostlu Pawlu jitkellem dwar "il-jum tas-salvazzjoni," jum dispensattiv, imma s-salvazzjoni hija kontinwa matul dak il-jum dispensattiv.

Jekk Ġwanni 5:28-29 hija siegħa dispensattiva, allura huwa "qawmien dispensattiv," u l-qawmien tal-mejtin ikun kontinwu matul it-triq kollha. Ikunu l-mejtin imqajma matul il-millenju kollu?

Jekk Ġwanni 5:28-29 hija siegħa dispensattiva, din tinvolvi parti minn tliet dispensi jew taqsimiet. Il-mejtin ġusti, jgħidu l-millenjalisti, ikunu mqajma *qabel* mal-millenju jibda u l-ħżiena jkunu mqajma *wara* lil-millenju jkun spiċċa. Mela parti minn din it-taqsima, qabel ma tibda; imbagħad il-millenju nnifsu, li huwa perjodu ieħor, jew taqsima, u mbagħad is-siegħa meta l-ħżiena mejtin ikunu mqajma wara l-millenju; dan kollu jġib tliet siegħat dispensattivi minflok waħda, kif qal il-Mulej. Taħseb int li l-Mulej kien żbaljat? Liema waħda minnhom temmen int u lil min temmen, lill-Mulej jew lill-millenjalisti? Jew wieħed jew l-ieħor, ma tistax taqbel mat-tnejn!

L-interpretazzjoni millenjali tagħmel is-siegħa twila daqs il-jum. Huma jinsistu li "fl-Aħħar jum" huwa jum dispensattiv

meta dan jirriferi għall-qawmien tal-ġusti, imbagħad huma jgħidu, "is-siegħa" hija siegħa dispensattiva meta din tirriferi għall-qawmien taż-żewġ klassijiet. Dan isir biex iġibu l-ġusti jqumu fil-bidu tas-siegħa u l-ħżiena fit-tmiem tagħha, bil-millenju bejniet. Iżda t-teorizzar isir wisq involut f'li huma gs-siegħa twila daqs il-jum, u ħawwdu partijiet ta' tliet taqsimiet fis-"siegħa" ta' Ġwanni 5:28-29. Fl-aħħar l-argument "tas-siegħa dispensattiva" jikklaxxja ma' l-interpretazzjoni letterali tagħhom ta' l-elf sena ta' Rivelazzjoni 20. Huma jagħmlyu l-elf sena letterali, imma "s-siegħa" fi Ġwanni 5, il-"jum" fi Ġwanni 6, figurattivi. Din hija interpretazzjoni ta' l-għaġeb, mhux hekk? Sewwasew dak kollu li huma jriduha li tkun u sfortunatament ħafna qegħdin ikunu vittmi għaliha! Imma rridu nżommu f'moħħna li dak li qiegħed isir huwa perikoluż ħafna għaliex dan huwa tbabis mal-Kelma tal-Mulej. Lest int li jkollok sehem f'dan it-tbabis?

**(3) It-Testment il-Ġdid jgħallem il-qawmien u l-ħaqq ġenerali fit-tmiem ta' din it-taqsima jew dispensa.**

Għall-prova ta' din l-istqarrija ħalli naqraw 2 Tessalonikin 1:4-10:

> *"Biex aħna nfusna niftaħru bikom fil-knejjs t'Alla għas-sabaru l-fidi tagħkom qalb il-persekuzzjonijiet kollha tagħkom u n-niket li intom issofru: Li hu prova ċara tal-ħaqq li jistħoqqilkom is-saltna t'Alla, li għaliha intom ukoll qegħdin issofru: Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom; u lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu, f'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu: Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu; Meta jiġi biex ikun*

*igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu (għax ix-xhieda tagħna fostkom kienet emmnuta) f'dak il-jum.*"

L-ewwel—"lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna" (v. 7). Il-kelma "strieħu" mhijiex verb f'dan il-vers. Hija nom, u hija l-oġġett tal-verb "irodd" mifhum. Aqra s-silta bil-għaqal. Pawlu qal, meta jiġi Kristu Hu "jrodd." Hu xi jrodd lil min? Hawn hija t-tweġiba: Hu jrodd tribulazzjoni (taħbit) lil dawk li jħabbtukom." Fil-verżjoni l-antika hija tradotta "tribulazzjoni" fil-verżjoni l-ġdida hija tradotta "taħbit." Hu jrodd taħbit lil dawk li jħabbtukom, u lilkom li intom imħabbtin jew bit-taħbit "mistrieħ." Il-Kristjani tal-bidu kienu ippersegwitati. Imma Pawlu heġġiġhom biex jistabru—Alla jroddilhom tribulazzzjoni lil dawk li kienu jħabbtuhom, u lil imħabbtin, Hu jroddilhom il-mistrieħ "magħna," jiġifieri, ma' l-appostli. Hawn, għandna ż-żewġ nomi—"tribulazzjoni" u mistrieħ"—oġġetti ta' verb wieħed "irodd." Alla jrodd żewġ affarijiet lil żewġ klassijiet. Hu jrodd tribulazzjoni jew taħbit lill-ħżiena; Hu jrodd mistriħ lill-ġusti.

It-tieni, "meta jiġi." It-tnejn il-ħżiena u t-tajbin għandhom ikunu mqajma fl-istess ħin, jekk Hu jrodd tribulażżjoni lil wieħed u mistrieħ lil l-ieħor—"meta hu jiġi." Biex tagħmel l-illustrazzjoni reali u personali—ħu żewġ karattri, Neruni, l-imperatur, u Pawlu l-appostlu. Neruni qatel lil Pawlu, mela Neruni kien dak li qala' l-inkwiet u Pawlu kien l-inkwetat. Issa, napplikaw l-argument ta' Pawlu, meta jiġi Kristu, Alla jrodd "tribulazzjoni" lil Neruni u "mistrieħ" lil Pawlu. Dan iqajjem lil Neruni u lil Pawlu fl-istess qawma—*mhux elf sena bejniet*.

It-tielet, "li jitħallsu" (li jkunu kkastigati). Ikompli l-argument, l-appostlu Pawlu jgħid ċar min ikun ikkastigat, imħallas, kif huma jkunu mħallsa, u meta jkunu mħallsa jew ikkastigati.

1. Min—"*jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jobdux l-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu*" (v. 8).

2. Kif—"*li jitħallsu bilt-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu.*"

3. Meta—"*Meta hu iġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu.*" Dan kollu ċertament ma jistax jirriferi għat-tmiem tal-millenju. Dan jgħid, "meta" hu jiġi—u meta tfisser f'dak il-waqt.

Hemm skritturi wisq aktar minn hekk li huma bħal dawn. Ħu Mattew 25:31-46, il-parabbola tal-ħaqq—"*Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu,*" u joqgħod fuq it-tron Tiegħu tal-ħaqq "*quddiemu jinġabru l-ġnus kollha,*" u Hu jifridhom minn xulxin "*bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż.*" Lin-ngħaġ fuq il-lemin, jgħidilhom: "*Ejjew, imberkin minn Missieri*"; lill-mogħoż fuq ix-xellug, jgħidilhom: "*Morru minn quddiemi, ja misħutin.*" (Aqra s-silta kollha). Hawn għandna xena tal-ħaqq. Il-mogħoż huma l-ħżiena; in-ngħaġ huma l-ġusti. In-ngħaġ u l-mogħoż qegħdin *fl-istess* ħaqq *fl-istess* ħin, għalhekk, huma jkunu *fl-istess* qawma.

**(4) It-Testment il-Ġdid jgħallem li l-ġusti għandhom jitilgħu fis-sema, wara l-qawmien, fit-tmiem ta' din it-taqsima jew dispensa.**

Il-prova ta' dan il-punt hija 1 Tessalonikin 4:13-18, li l-appostlu jgħid hawn:

> "*Iżda ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti, fuq dawk li huma reqdin fil-mewt, biex ma ssewdux qalbkom, bħal oħrajn li m'għandhomx tama. Għax jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u raġa' qam, hekk ukoll dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib miegħu. Għax dan ngħidulkom aħna bil-kelma tal-Mulej, li aħna l-ħajjin, u li nibqgħu sal-miġja tal-Mulej, ma naqbżux lil dawk li jkunu raqdu. Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: Imbagħad aħna l-ħajjin, u li nkunu bqajna, ninħatfu*

*flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Għalhekk farrġu lil xulxin b'dal-kliem.*"

Din is-silta mill-Kelma ta' Alla tiddikjara li "l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel." Imma l-mistoqsija hija, qabel xhiex u ta' min? Ifisser dan li l-mejtin fi Kristu jkunu mqajma qabel ma l-ħżiena jkunu mqajma, kif jippruvaw jgħallmu l-millenjalisti? Le. Il-qawmien tal-ħżiena mhuwiex is-suġġett ta' 1 Tessalonikin 4. Pawlu qiegħed ifarraġ lill-Kristjani tat-Tessalonikin dwar dawk li kienu "reqdin f'Ġesù" ħalli huma "ma jsewdux qalbhom" bħal oħrajn li "m'għandhomx tama" (vers 13); għax meta jiġi Ġesù, Alla jġib Miegħu dawk kollha li huma reqdin f'hiex—il-mejtin fi Kristu. Biex jassigurahom li dawn il-naħbubin mejta ma jkunux imħollija fil-qabar, Pawlu qal, "*dawk li huma ħajjin*" u jibqgħu sal-miġja tal-Mulej ma jaqbżux jew ma jmorrux fis-sema qabel dawk li huma "*reqdin fi Kristu*" (vers 15)—dawk ħajjin bl-ebda mod ma jaqbżu lil dawk li huma reqdin jew mejtin. Imma l-mejtin fi Kristu għandhom iqumu l-ewwel—qabel mal-ħajjin fi Kristu jitilgħu fis-sema—u huma flimkien jitilgħu biex "*jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru*"—evidentement biex jibqgħu, għaliex hu jgħid, "*u hekk ikunu dejjem mal-Mulej.*" Il-ħżiena mhumiex imsemmija f'dawn il-versi. Ħafna jaċċettaw tagħim falz mingħajr lanqas biss ikunu qraw is-silta u wara mbagħad meta jaqraw il-versi msemmija mingħajr ma jkunu jafu jdaħħlu lill-ħżiena fit-test għaliex huma diġa jkunu ikkondizzjonati minn qabel bit-tagħlim falz li jkunu semgħu. Żewġ klassijiet ta' Kristjani—il-mejtin fi Kristu u l-ħajjin fi Kristu—huma s-suġġett ta' dak li qrajna f'dawk il-versi. Meta l-Mulej jitla' fis-sema, is-salvi jitilgħu fl-ajru biex jitlaqgħu Miegħu fis-smewwiet—imma f'dan it-tlugħ il-ħajjin fi Kristu ma jmorrux qabel il-mejtin fi Kristu, li għandhom iqumu l-ewwel, qabel mal-ħajjin fi Kristu jitilgħu—u huma fi grupp wieħed jitilgħu biex jiltaqgħu mal-Mulej. Jekk il-mejtin ħżiena jkunux imqajmin fl-istess okkażjoni ma jintqalx fl-1 Tessalonikin 4, iżda fl-istess ftugħ tat-Testment il-Ġdid tiegħi,

fl-ewwel kapitlu tat-tieni Tessalonikin, l-istess kittieb ispirat, Pawlu, jikteb lil l-istess nies qal li "meta Kristu jiġi," Alla jrodd "it-taħbit lill-ħżiena u "mistrieħ" lill-ġusti, li juri ċar li l-appostlu ma kienx qiegħed jgħallem il-qawmien "tal-mejtin fi Kristu" qabel il-qawmien tal-ħżiena. Hawn naraw sa fejn jaslu dawk li jippruvaw jgħallmu t-teoriji foloz tagħhom. Il-premillenjaliżmu jannula t-taqsima ta' l-Evanġelju billi jiċħad dak lit-Testment il-Ġdid ripetutament jafferma, li aħna qegħdin ngħixu fl-aħħar taqsima taż-żmien.

## III. IL-PREMILLENJALIŻU JAGĦMEL LIL ALLA FALZ GĦALL-WEGĦDA TIEGĦU

**(1) Is-saltna kienet imwiegħda f'ċertu żmien u kienet hekk imħabbra u ppridkata minn Ġwanni u Ġesù.**

F'Mark 1:14-15 ir-rakkont jgħid:

> "*Issa wara li Ġwanni ntafa' 'l ħabs, Ġesù ġie fil-Galilija, ixandar l-evanġelju tas-saltna ta' Alla. U jgħid: Għalaq iż-żmien, u s-saltna ta' Alla qorbot: indmu, u emmnu l-evanġelju.*"

Il-premillenjaliżmu jsostni u jiddikjara fis-sħiħ li din is-saltna kienet ipposponuta (imħollija għal darba oħra). Imma Ġesù Kristu qal liż-żmien għaliha li tkun imwaqqfa kien wasal, kien qorob. Alla kien wiegħed is-saltna, mhux biss fil-profeziji tat-Testment il-Qadim, imma fil-predikar ta' Ġwanni u ta' Ġesù, f'dak iż-żmien—jekk is-saltna ma ġietx, fejn dan ipoġġi lil Ġwanni u lil Ġesù, u x'jagħmel għall-fiduċja tal-predikar tagħhom? Hawn għal darba oħra għandek għażla x'tagħmel, jew temmen lil Ġwanni u lil Ġesù u twarrab it-tagħlim falz tal-millenjalisti jew il-kuntrarju, twarrab lil Ġwanni u lil Ġesù u taċċetta t-tagħlim falz tagħhom. Agħażel int!

**(2) In-nies emmnu l-predikar ta' Ġwanni u ta' Ġesù u qagħadu għal dawk il-ħwejjeġ ikkmandati minnhom.**

Il-kondizzjoni li fuqha kull wieħed għandu jirċievi s-saltna mwiegħda kienet "il-magħmudija ta' l-indiema." Ġemgħat ta' nies minn Ġerusalem, il-Lhudija u r-reġjuni kollha madwar il-Ġordan emmnu dan "l-evanġelju tas-saltna" u obdew il-predikar ta' Ġwanni u ta' Ġesù. Huma kienu mgħammdin jemmnu l-wegħda. Imbagħad, wara li emmnuh, aċċettawh u qablu mal-kondizzjonijiet, il-millenjalisti jgħidu li huma ma ħadux is-saltna. Il-millenjalisti jagħmlu lil Alla falz għall-wegħda Tiegħu. X'taħseb int dwar dan?

Ġesù Kristu qal lis-saltna kienet qorbot, u Hu offra s-saltna lil dawk kollha li emmnu dak li qal, u obdew il-kondizzjonijiet. Eluf ta' nies għamlu dan. Imma jintqal lilna li billi mhux kulħadd aċċettaha, Alla neħħa l-offerta Tiegħu. Huma aġixxew b'fidi tajba. Imma Alla ikkanċella l-wegħda Tiegħu. Ikkanċella dan l-ubbidjenza tagħhom għall-kmandi ta' Alla, magħmula bħala kondizzjoni li jirċievu l-wegħda? Jekk le, mela l-ġemgħa ta' l-ewwel parti f'kuntratt tista' tagħmlu vojt u l-ġemgħa tat-tieni parti tkompli tkun miżmuma suġġetta għat-termini u l-kondizzjonijiet tiegħu.

**(3) L-integrità ta' Alla u l-onestà ta' Ġwanni l-Battista u ta' Ġesù Kristu kienu nvoluti fil-predikar tas-saltna.**

Din hija illustrazzjoni: raġel irid xi biċċa xogħol li tkun magħmula għalih. Huwa joffri lil tnax-il raġel salarji bie xjagħmlu x-xogħol. Nofs in-numru jaċċettaw l-offerta, jaċċettaw il-kondizzjonijiet kollha u jagħmlu x-xogħol, imma billi ma ġewx kollha ir-raġel ħassar il-kuntratt tiegħu, u ma ta s-salarju li kien wiegħed lil ebda wieħed minnhom. Għamel dan sewwa? ġesù Kristu ħabbar is-saltna u offriha fuq kondizzjonijiet murija. Eluf aċċettaw l-offerta b'fidi tajba u obdew il-kondizzjonjiet. Iżda l-millenjalisti jgħidulna li billi mhux il-Lhud kollha aċċettawha Alla ikkanċella l-ftehim u ma wettaqx il-wegħda lil ħafna li kienu aċċettaw l-offerta u kienu wettqu t-termini tagħha. Madankollu, jintqal li Alla neħħa l-

weghda Tieghu u ma tahomx is-saltna. Xi nghidu dwar dawk il-ġemgħat li emmnu u obdew il-predikar ta' Ġwanni u ta' Ġesù, imma ma ħadux dak li kien imweigħed u offrut lilhom? Jekk Alla ikkanċella jew ħassar il-wegħda Tiegħu ħassret din ukoll l-ubbidjenza tagħhom? Il-millenjlaisti jgħamlu profeti foloz mill-profeti kollha tat-Testment il-Qadim minn Mosè sa Malakija, u huma jagħmlu predikaturi foloz minn Ġwanni u Ġesù, u jagħmlu lil Alla Nnifsu jiffalsifika l-wegħda Tiegħu.

Jekk Alla ma kienx jaf lis-saltna kienet se tkun ipposponuta allura dan jiċħad l-omnixjenza ta' Alla. Jekk Alla dan kien jafu—madankollu xorta ħabbarha, allura dan jeqred għal kollox l-intergrità ta' Alla, u jgħabbi bi tradiment l-onestà ta' Ġesù Kristu. Dak huwa l-premillenjaliżmu. Taqbel miegħu int?

## III. IL-PREMILLENJALIŻU JALTERNA L-KRISTJANEŻU U L-ĠUDAIŻMU

L-ittra lil-Lhud hija argument wieħed twil tal-kittieb ispirat kontra l-millenjaliżmu modern taħt il-laqam antik tal-Ġudaiżmu. L-ittra hija intordotta bid-dikjarazzjoni li Alla kien bidel l-ordni tal-ħwejjeġ. L-aġenziji ta' l-Evanġelju ma kinux il-mezzi tal-liġi u l-profeti; l-ordinanzi ta' l-Evanġelju ma kinux iċ-ċerimonji tal-liġi; il-ministeru tat-Testment il-Ġdid ma kienx l-uffiċji tal-patt il-qadim; il-funzjonijiet tal-Kristjaneżmu ma dawwrux l-artali tal-Ġudaiżmu, u l-ispirtu ta' l-istituzzjoni ma jikkonsistix fl-ittra tal-ministrazzjoni l-antika. Id-dottrina tal-premillenjaliżmu dwar ir-restawrazzjoni ta' Iżrael nazzjonali titlob dħul u twaqqif mill-ġdid tal-ħwejjeġ li kkaratterizzaw is-sistema nazzjonali kollha tagħhom. B'hekk il-premillenjaliżmu jiċħad l-argument kolu ta' l-ittra lil-Lhud.

(1) Dan jalterna t-tip (simbolu) u l-antitip tal-patti ta' l-antik u tal-ġdid—Lhud 8:4-10:

*"Għax kieku kien fuq l-art, ma kienx ikun qassis, billi hemm qassisin li joffru għotjiet*

*skond il-liġi: Li jservu bħala eżempju u dell ta' ħwejjeġ tas-sema, bħal ma kien imwissi Mosè minn Alla meta kien sa jibda jagħmel it-tabernaklu: għax, Ara, hu qal, li tagħmel kollox skond ix-xbieha li kienet murija lilek fuq il-muntanja. Imma issa qala' minisgteru tant ogħla, daqskemm ukoll hu l-medjatur ta' rabta aħjar, li kienet mibnija fuq wegħdiet aħjar. Għax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla għajb, ma kienx jitfittex imkien għat-tieni. Għax billi sab xi jgħid fuqhom, qal: Ara, il-jiem jiġu, qal il-Mulej, meta nagħmel rabta ġdida mad-dar ta' Iżrael u mad-dar ta' Ġuda: Mhux skond ir-rabta li għamilt ma' missirijiethom fil-jum meta qbadthom minn idhom biex noħroġhom minn art l-Eġittu; għax ma baqgħux iżommu mar-rabta tiegħi, u jien tlaqthom, igħid il-Mulej. Għax din hi r-rabta li nagħmel mad-dar ta' Iżrael wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'moħħhom, u niktibhomlhom f'qalbhom: u nkun għalihom Alla, u għalija jkunu poplu."*

Is-sistema Możajka kienet tipika tal-"ħwejjeġ tas-sema" u "l-wegħdiet aħjar" tal-patt il-ġdid. Il-premillenjaliżmu jinjora r-relazzjoni bejn it-tip u l-antitip, id-dell u s-sustanza, u fi ksur ta' prinċipji tad-diviżjoni t-tajba jew il-kelma dan idawwar kontra l-antitip u jalterna l-Ġudaiżmu mal-Kristjaneżmu. Il-premillenjaliżmu huwa riveżjoni tat-tipi u d-dellijiet tal-liġi. Huwa istituzzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-ħwejjeġ li kienu jikkonsistu fl-ordinanzi karnali.

Suppost li aħna mmorru lura għat-tip, għandhom id-dellijiet kollha jkunu mwettqa mill-ġdid? Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud jgħid dwar il-dellijiet tas-sistema Możajka:

*"Għax billi l-liġi għandha d-dell tal-ħwejjeġ tajba li għandhom jiġu, u mhux ix-xbieha tal-*

*ħwejjeġ infushom, ma tista' qatt bl-istess sagrifiċċji, li joffru minn sena għal sena, bla ma jaqtgħu xejn, tagħmel perfetti 'l dawk li jersqu lejn l-altar. Għax kieku ma kinux jieqfu li jkunu offruti, ladarba dawk li jagħmlu das-servizz, wara li darba tnaddfu, m'għandhomx aktar kuxjenza tad-dnubiet? Iżda f'dawk is-sagrifiċċji hemm kull sena tifkira mill-ġdid tad-dnubiet. Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gnbiedes u tal-bdabad ineħħi d-dnubiet*" (Lhud 10:1-4).

L-ordni antika karnali tan-nazzjonaliżmu ħaddnet biss id-dellijiet tas-sistema l-ġdida spiritwali. Il-patt nazzjonali, bid-dellijiet kollha tiegħu, *kien imwettaq u mneħħi*, u l-patt il-ġdid fis-sustanza tad-dellijiet kien imwaqqaf minfloku. F'Lhud 10:9-10 naqraw:

"*Imbagħad qal: Hawn jien; ġej o Alla! Biex nagħmel ir-rieda tiegħek. Hu neħħa ta' l-ewwel, biex iwettaq it-tieni. Bis-saħħa tal-ġisem ta' Ġesù Kristu darba għal dejjem.*"

Il-premillenjaliżmu jipproponi t-twaqqif mill-ġdid tas-sistema nazzjoanli tal-patt il-qadim, bit-tipi u d-dellijiet, ir-rikostituzzjoni ta' Iżrael nazzjonali u t-twaqqif mill-ġdid ta' l-ordinanzi u ċ-ċerimonji tal-Ġudaiżmu, b'hekk jalterna l-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu, it-tip u l-antitip. Jekk it-tipiku jkun mogħti l-ħajja mill-ġdid ma jkun l-antitip irripetut? Jekk aħna mmorru lura għad-dell, m'għandniex imbagħad induru mill-ġdid għas-sustanza? Il-premillenjaliżmu jeħtieġ alternazzjoni tal-Kristjaneżmu u l-Ġudaiżmu. Dan it-tagħlim iġib il-Kelma ta' Alla fix-xejn!

(2) Huwa ritorn għall-ordinanzi karnali tat-taqsima Ġudaista—Lhud 9:6-10:

"*Issa wara li kollox kien jitqassam hekk, il-qassisin kienu jidħlu dejjem fl-ewwel tinda,*

*biex jagħmlu s-servizz ta' Alla. Iżda fit-tieni waħda kien jidħol il-qassis il-kbir waħdu darba fis-sena, mhux mingħajr demm, li kien joffri għalih innifsu, u għad-dnubiet ta' l-injoranza tal-poplu: B'dan l-Ispirtu s-Santu kie juri, li t-triq tas-santwarju kienet għadha mhix miftuħa, waqt li l-ewwel tinda kienet għandha wieqfa: Din kienet tixbiha għaż-żmien t'issa; u li fiha kienu jkunu offruti sew għotjiet u kemm sagrifiċċji, li ma kinux jistgħu jagħmlu perfett lil dak li kien jagħti qima, għal dik li hi kuxjenza; Billi dawn kellhom x'jaqsmu biss ma' ikel u xorb, u ħafna ħasil, u regulamenti tal-ġisem, imposti fuqhom sama jasal żmien it-tibdil.*"

F'Lhud 9:1-5, il-kittieb ispirat jirriferi għal "l-ordinanzi (regulamenti) tas-servizz divin" u "s-santwarju ta' did-dinja" ta' "l-ewwel tabernaklu" "li fuqhom," huwa qal, issa ma nistgħux "nitkellmu ħaġa ħaġa." L-iskop tiegħu kien biex jistabbilixxi s-superjorità tas-sistema spiritwali—huwa żied versi 6-10. "Iż-żmien ta' riforma" kien l-istituzzjoni tat-taqsima preżenti—iż-żmien ta' l-Evanġelju. Il-ħwejjeġ "imponuti" ta' Iżrael nazzjonali, liema ħwejjeġ kienu "tixbiha għaż-żmien ta' issa" (v. 9). Il-premillenjaliżmu jdur mit-"tabernaklu aqwa u aktar perfett" għas-"santwarju ta' did-dinja" ta' "l-ewwel santwarju." Dan iħallat il-liġi ta' Mosè ma' l-Evanġelju ta' Kristu u jħawwad il-Kristjaneżmu mal-Ġudaiżmu.

(3) Il-premillenjaliżmu jinjora l-bidla tas-saċerdozzju bil-bidla li rriżultat tal-liġi—Lhud 7:12-19:

"*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukol fil-liġi. Għax dak li fuqu jingħadu dawn il-ħwejjeġ kien minn ta' tribù oħra, li ħadd minnha ma kien jersaq lejn l-altar. Jidher ċar li Sidna ħareġ minn Ġuda; u fuq dan it-tribù Mosè ma qal xejn dwar is-*

*saċerdozju. U dan hu wisq aktar ċar: għax laħaq qassis ieħor li jixbah lil Melkisedek, li sar, mhux skond il-liġi ta' kmandamenti tal-ġisem, imma skond is-setgħa ta' ħajja bla tmiem. Għax hu jixhed: Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek. Għax tassew il-kmandament ta' qabel jitħassar, minħabba n-nuqqas ta' saħħa u ta' ħtieġa tiegħu. Għax il-liġi m'għamlet xejn perfett, iżda d-dħul ta' tama aħjar għamel: b'din it-tama nersqu lejn Alla.*"

Huwa ċar biżżejjed lil-bidla fis-saċerdozju kienet teħtieġ bidla fil-liġi. Mela, jekk dak is-saċerdozju għandu jerġa' jkun irrestawrat fin-nazzjon ta' Iżrael, ikun meħtieġ li l-liġi wkoll tkun irrestawrata.

"*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi.*"

Mela, jekk dak is-saċerdozju jkun miġjub lura mill-ġdid, ma jkux l-istess 'bżonn' jeżisti għal liġi "wkoll" li tkun miġjuba lura? Jekk din ħadmet f'mod wieħed fil-passat b'riferenza għall-preżent, ma taħdimx ukoll f'dak il-mod bil-preżent b'riferenza għall-futur? Jekk le, għaliex le? Iżda s-saċerdozju ta' Kristu ma jistax ikun immudellat fuq is-sistema nazzjonali ta' Iżrael, u jekk Iżrael għandu jkun irrestawrat nazzjonalment, Ġesù Kristu ma jista' jkun il-qassis xejn. Dan hu tassew gżewġ raġunijiet:

L-ewwel, il-kittieb ispirat jgħid:

"*Għax dak li fuqu jingħadu dawn il-ħwejjeġ kien minn ta' tribù oħra, li ħadd minnu ma kien jersaq lejn l-altar*" (Lhud 7:13).

Jekk altar bħal dan ta' Iżrael l-antik ikun imwaqqaf mill-ġdid, Ġesù Kristu ma jkunx jista' jiffunzjona bħala qassis f'dak l-altar. Għalhekk Kristu jkun qassis mingħajr altar. Imma s-saċerdozju li għandu Kristu issa,

> "*mhux skond il-liġi ta' kmandamenti tal-ġisem, imma skond is-setgħa ta' ħajja bla tmiem*" (Lhud 7:16).

Għandna aħna mmorru lura għal-liġi ta' kmandamenti tal-ġisem f'saċerdozju ta' did-dinja? Wieġeb int għalik innifsek!

It-tieni, il-kittieb ikompli jgħid, f'Lhud 8:1-4:

> "*Issa l-qofol ta' dak li għidna hu dan: Għandna bħala qassis il-kbir, wieħed li qiegħed in-naħa tal-lemin tat-tron tal-Maestà fis-smewwiet; Ministru tas-santwarju, u tat-tabernaklu veru, li waqqfu l-Mulej, u mhux il-bniedem. Għax kull qassis il-kbir hu magħmul biex joffri għotjiet u sagrifiċċji: għalhekk jaħtieġ li dal-bniedem ikollu wkoll xi ħaġa x'joffri. Għax kieku kien fuq l-art, ma kienx ikun qassis, billi hemm qassisin li joffru għotjiet skond il-liġi.*"

Xejn ma jista' jkun iddikjarat aktar ċar milli l-kittieb ispirat jiddikjara hawn li Ġesù Kristu ma jistax ikun qassis fuq l-art u dan japplika wkoll għal meta jerġa' jiġi—"qassis" (vers 4) tfisser ebda xorta ta' qassis fuq l-art. Ir-raġuni hija lis-saċerdozju: "sar, mhux skond il-liġi ta' kmandamenti tal-ġisem, imma skond is-setgħa ta' ħajja bla tmiem"—ħajja bla tmiem ta' saċerdozju, saċerdozju kontinwu, mingħajr suċċessjoni, għax "Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek,"—u għaliex "tassew il-kmandament ta' qabel jitħassar" u dwar il-liġi li "m'għamlet xejn perfett," u "għad-dħul ta' tama aħjar," li dan għamel, u "b'din it-tama nersqu lejn Alla" (Lhud 7:16-19).

Wara li b'dan il-mod il-kittieb ispirat wera s-superjorità tas-saċerdozju preżenti ta' Kristu fuq is-sistema nazzjonali ta' Iżrael, f'Lhud kapitlu seba', huwa jżid l-aħħar daqqa:

> "*Għax il-liġi tagħmel qassisin il-kbar, bnedmin li huma dgħajfa; imma l-kelma tal-ħalfa, li ġiet wara l-liġi, tagħmel l-Iben, li hu ikkonsagrat għal dejjem*" (7:28).

Imma l-premillenjaliżmu, jinjora s-saċerdozju kontinwu ta' Kristu, imur lura għas-saċerdozju karnali tal-liġi wara d-dugtal-bnedmin.

(4) Id-dottrina tal-premillenjaliżmu hija ċaħda ta' l-altar spiritwali tal-patt il-ġdid u tirriġetta s-servizzi tiegħu—Lhusd 13:10-13.

F'kapitlu tlettax ta' l-ittra lil-Lhud, il-kittieb jikkonkludi l-argument twil tiegħu kontra l-Ġudaiżmu, l-istess bħall-premillenjaliżmu, f'versi 10 sa 13:

> "*Aħna għandna Altar, li minnu ma għandhomx dritt jieklu dawk li jservu fit-tinda. Għax il-ġisem ta' dawk il-bhejjem, li demmhom jinġieb fis-santwarju mill-qassis il-kbir bħala sagrifiċċju għad-dnub, jinħaraq barra mill-kamp. Għalhekk Ġesù wkoll, biex iqaddes lill-poplu b'demmu stess, bata barra mill-bieb. Għalhekk ħa noħorġu lejh barra mill-kamp, u nerfgħu l-għajb tiegħu fuqna.*"

L-Iżrael l-antik kellu altar. Imma l-kittieb ispirat jgħid, "Aħna għandna altar"—aħna" min? Ċertament mhux Iżrael l-antik, imma l-ġdid. L-istess kif meta l-appostlu Pawlu qal f'Filippin 3:3 li "aħna ċ-ċrikonżjoni," dan kien ifisser li "huma kienu" imma mhux aktar, issa aħna ċ-ċirkonċiżjoni *spiritwali*. Hekk ukoll meta jintqal f'Lhud 13 li "aħna għandna altar," il-kittieb ifisser "huma kellhom" darba altar, imma l-altar karnali tagħhom m'għadux aktar. Il-kittieb ikompli jgħid li minn dan l-altar li "aħna" għandna issa, "huma ma għandhomx dritt jieklu dawk li jservu fit-tabernaklu." L-altar tagħna huwa altar spiritwali li minnu Iżrael l-antik ma jistax ikollu sehem. Huma kellhom altar—aħna għandna altar. L-iġsma ta' dawk l-annimali li demmhom kien miġjub fis-santwarju l-antik mill-qassis il-kbir għad-dnub, kienu maħruqa barra mill-kamp. Dan kien tip (jew simbolu) tad-demm ta' Kristu, tas-santwarju Tiegħu tas-sema u ta' l-altar spiritwali Tiegħu, għalhekk il-kittieb ispirat jgħid b'esklamazzjoni, "Għalhekk ħa noħorġu

lejh barra mill-kamp, u nerfgħu l-għajb tiegħu fuqna" (v. 13). Il-premillenjaliżmu jmur lura għas-santwarju l-antik, joħroġ barra minn Kristu barra mil-bieb, jiċħad l-għajb Tiegħu, u l-altar Tiegħu, huma jfittxu biex jirrestawraw l-altar tal-Ġudaiżmu fil-kamp l-antik ta' Iżrael nazzjonali. Meta l-kittieb ispirat qal, "aħna għandna altar" u "għalhekk ħa noħorġu barra mill-kamp," kienet it-talba tiegħu għar-riġezzjoni ta' Iżrael l-antik u ta' dak kollu li kien jappartjeni lil Iżrael. L-altar l-antik kien għal Iżrael l-antik u s-saċerdozju tiegħu—tassew, "aħna għandna altar." Il-premillenjaliżmu jiċħad l-altar tal-patt il-ġdid, u billi jagħmel dan jirriġetta s-saċerdozju ta' Ġesù Kristu. Dan huwa materjaliżmu mħassar u perikoluż ħafna, riverżjoni jew qlib mill-antitip lura għat-tip, alternazzjoni tal-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu. Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid **qatt** ma nistgħu li jkollna sehem minn dan it-tagħlim misħut u li jġib rovina kbira fuq dawk kollha li jħaddnuh!

## V. IL-PREMILLENJALIŻMU JNAQQAS L-EVANĠELJU U JĊEKKEN IL-KNISJA

Dak li l-ittra lil-Lhud tagħmel għas-superjorità tas-saċerdozju ta' Kristu, l-ittra lil Efesin tagħmel għall-pri-eminenza tal-knisja ta' Kristu. L-ittra lil-Lhud hija d-daqqa tal-mewt għall-premillenjaliżmu fuq is-saċerdozju, u l-ittra ta' Efesin tispiċċahom fuq it-teorija tagħhom taż-"żmien tal-knisja."

(1) Il-premillenjaliżmu jċekken il-knisja ta' Kristu.

Il-millenjalisti jinsistu li l-knisja ma kinetx ipprofetizzata fit-Testment il-Qadim; lis-saltna kienet ipprofetizzata; li l-knisja ma kinetx fil-pjan oriġinali; li meta l-Lhud irriġettawh, Ġesù biddel il-programm Tiegħu u bidel għall-proċedura mhux mistennija biex tilqa' l-emerġenza. F'dan id-dawrien ta' ġrajjiet Ġesù beda jitkellem bil-parabboli, aspett mhux mistenni tat-tagħlim Tiegħu, u introduċa s-sostitut għas-saltna, iż-żmien tal-knisja, li skond il-frażjoloġija tagħhom stess kienet fażi mhux

mistennija tas-saltna. Il-Bibbja ta' Scofield hija l-promotur principali ta' dik it-teoloġija. Din għandha l-isem it-tajjeb, il-Bibbja *ta'* Scofield—din mhijiex ta' Alla l-istess bħal verżjonijiet oħra tal-Bibbja bħal, per eżempju, il-verżjoni tal-Bibbja New World Transaltion li hija kollox minbarra l-Kelma ta' Alla! Il-Bibbja ta' Scofield hija ktieb ta' struzzjonijietfuq il-premillenjaliżmu, ittravestata bħala Bibbja, irranġata biex takkomoda t-teorija tas-seba' perjodi dispensattivi, tenfasizza l-epoka jew iżmien millenjali. Xejn ma jista' jċekken il-knisja aktar milli li tagħmilha sostitut għal saltna li naqsegt milli tiġi, jew vestibolu għas-saltna li għad trid tiġi, jew, "fażi mhux mistennija tas-saltna," kif turiha l-Bibbja ta' Scofield.

Bħala xilja ġenerika biex topponi kull propaganda millenjali bħal din, ħalli naqraw il-ġabra fil-qosor ta' Efesin 3:1-11:

> *"Għal din ir-raġuni jien Pawlu, il-priġuniet ta' Ġesù Kristu għalikom il-Ġentili, Jekk smajtu bix-xogħol mogħti lili mill-grazzja ta' Alla għalikom: Kif b'rivelazzjoni għarrafni l-misterju; (bħal ma ktibt qabel fi ftit kliem, li bihom, meta taqraw, tistgħu tifhmu x'naf jien mill-misterju ta' Kristu,) Li fi żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu irrivelat issa bl-Ispirtu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti; biex il-Ġentili jkunu sħab fil-wirt, u mill-istess ġisem, u jaqsmu fil-wegħda tiegħu fi Kristu permezz ta' l-evanġe;lju: Li tiegħu jien sirt ministru, skond id-don tal-grazzja ta' Alla mogħti lili bil-ħedma tas-setgħa tiegħu. Lili, li jien l-iżgħar fost il-qaddisin kollha, hi mogħtija dil-grazzja, li nxandar fost il-Ġentili l-għana bla tarf ta' Kristu; U biex nuri lil kullħadd x'inhi x-xirka tal-misterju, li sa mill-bidu tad-dinja kien moħbi f'Alla, li ħalaq kollox b'Ġesù Kristu: Biex ikun imgħarraf issa lill-principati u lis-setgħat fis-smewwiet,*

*permezz tal-knisja, il-għerf ta' mezzi bla tarf ta' Alla, skond il-pjan etern li hu għamel fi Kristu Ġesù Sidna."*

Wieħed mill-ħsibijiet prinċipali tal-premillenjaliżmu huwa li l-knisja ma kinetx f'moħħ Alla; li l-knisja hija "ġrajja spiritwali aċċidentali," "aspett mhux mistenni" ta' "sostitut" għal, u l-vestibolu għas-saltna. Qabbel dik il-frażjoloġija mad-dikjarazzjoni sublimi ta' l-appostlu Pawlu li l-knisja hija "skond il-pjan etern ta' Alla" (Efesin 3:11). L-iskop ċar ta' l-argument ta' Pawlu fuq "il-misterju ta' Kristu" f'Efesin huwa biex jistabbilixxi l-fatt li l-knisja kienet mill-bidu bħala parti ta' dak il-misterju divin. Il-"misterju" kien sempliċiment il-pjan divin. L-użu tal-kelma ma jimplikax ħaġa li ma tistax tkun mifhuma, imma pjuttost ħaġa li tista' tkun magħrufa sa ma tkun mgħamula magħrufa—irrivelata. Il-knisja mhijiex sempliċiment parti tal-pjan divin taż-żminijiet—il-knisja *hija dak il-pja*n, skond Pawlu f'Efesin.

L-iskp ta' l-appostlu fl-ittra ta' Efesin kien biex juri li l-knisja hija l-iskop divin, it-tiswir "tal-misterju ta' Kristu," li fit-taqsima ta' qabel "ma kienx magħmul magħruf" imma "issa hu irrivelat bl-Ispirtu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti" (vers 5). L-appostlu jiddikjara li l-ministeru tiegħu bħala appostlu għall-Ġentili kien:

> "*biex nuri lil kullħadd x'inhi x-xirka tal-misterju, li sa mill-bidu tad-dinja kien moħbi f'Alla, li ħalaq kollox b'Ġesù Kristu, biex ikunb imgħarraf issa lill-prinċipati u lis-setgħat fis-smewwiet, permezz tal-knisja, il-għerf ta' mezzi bla tarf ta' Alla, skond il-pjan etern li hu għamel fi Kristu Ġesù Sidna*" (Efesin 3:9-11).

F'din id-difiża tal-knisja bħala li hija l-pjan oriġinali ta' alla "sa mill-bidu tad-dinja" (v. 9), l-appostlu jiddikjara li permezz tal-knisja huwa magħerf ta' Alla. Dan ifisser, kif bini juri l-kapaċità tal-perit tiegħu, il-knisja tagħmel magħruf, turi, l-għerf

ta’ Alla li sa mill-bidu tad-dinja fassalha bħala l-għola pożizzjoni ta’ l-iskema kollha tal-fidwa fi Kristu. U l-knisja b’hekk turi l-għerf ta’ Alla mill-bidu hija “skond il-pjan etern li hu għamel fi Kristu Ġesù Sidna” (v. 14). Fl-aħħar, f’vers 21 l-appostlu jżid,

> *“Lilu tingħata l-glorja fil-knisja, bi Kristu Ġesù, fiż-żminijiet kollha, , għal dejjem ta’ dejjem. Amen.”*

Il-knisja kienet f’moħħ Alla sa mill-bidu; din kienet *skond* l-iskop etern Tiegħu; Alla waqqafha fi Kristu; hija turi l-għerf Tiegħu kemm fil-passat u kemm fil-preżent—u hija tkun hawn sakemm jibqgħu ż-żminijiet, sakemm jibqa’ żmien, sakemm id-dinja tibqa’ wieqfa. Kienet il-knisja f’dak iż-żmien—f’moħħ Alla; hija l-knisja issa—fir-rivelazzjoni ta’ Alla; u tkun il-knisja, il-knisja biss, “matul iż-żminijiet koolha, għal dejjem ta’ dejjem”—u “AMEN,” hija finali. Taqbel int ma’ dan jew taqbel mat-tagħlim falz millenjali?

L-ittra lill-Efesin mhijiex il-frażjoloġija tal-premillenjaliżu. Esspressjonijiet bħal “iż-żmien tal-knisja,” “iż-żmien tas-saltna,” “fażi ġdida u mhux mistennija tas-saltna,” u “ġrajja spiritwali aċċidentali,” introdotta u mwaqqfa biex isservi biss “fl-intervall ta’ l-assenza tas-sultan mid-dinja,” ta’ taħdit millenjali, ma jisnstabux fiha. Dawn kollha huma kliem u frażijiet miżjuda mal-Kelma ta’ Alla u aħna lkoll nafu tajjeb x’hemm jistenna għal min iżid mal-Kelma ta’ Alla! (Rivelazzjoni 22:18-19).

F’Efesin 5:5, l-appostlu jgħamel riferenza doppja għas-“saltna ta’ Kristu u ta’ Alla” bħala saltna li teżisti fil-preżent, juri li *ebda waħda ma hija fil-futur*. Il-premillenjaliżmu jċekken il-knisja ta’ Kristu billi jagħmilha r-riżultat ta’ diżappuntament fit-tħabbira tas-saltna, mankanza jew nuqqas fil-pjan profetiku ta’ Alla, u sostitut għall-wegħda ipposponuta tas-saltna. Trid tkun tassew pruż biex tgħallem u temmen dan it-tagħlim falz li jirredikola lil Alla!

(2) Il-premillenjaliżmu jnaqqas l-Evanġelju ta’ Kristu.

Huwa impossibbli li tissepara l-iskop tal-knisja fil-pjan ta' Alla, u l-post ta' l-Evanġelju fil-"misterju" divin ta' l-ittra lill-Efesin. Jekk waħda hija mċekkna, l-oħra hija mnaqqsa. Il-ministeru ta' Pawlu għall-Ġentili skond versi 5 u 6 ta' Efesin 3, kien biex jagħmilhom jaraw li l-knisja kienet il-misterju li Alla żamm moħbi sa mill-bidu imma li issa huwa magħmul magħruf bl-Evanġelju.

F'Rumani 16:25-26, l-appostlu Pawlu poġġa d-daqqa finali fl-iskema tal-fidwa—xejn aktar, **issa** jew fil-**futur**. Hawn, l-ispirazzjoni tgħid:

> "*Issa lil dak li għandu s-setgħa jwettaqkom skond l-evanġelju tiegħi, u x-xandir ta' Ġesù Kristu, skond ir-rivelazzjoni tal-ministeru, li nżamm moħbi sa mill-bidu tad-dinja, imma issa mikxuf, u bil-kitba tal-profeti, skond l-ordni ta' Alla ta' dejjem, imgħarraf lill-ġnus kollha, għall-ubbidjenza tal-fidi?*"

Fl-ittra lill-Efesin Pawlu jgħidilna li dan il-misterju huwa l-knisja, il-pjan li Alla fassal biex isalva lill-bniedem, u li jagħmel magħruf jew juri l-għerf Tiegħu. Hawn f'Rumani 16, l-appostlu jgħidilna li l-Evanġelju huwa "r-rivelazzjoni tal-misterju, li nżamm moħbi sa mill-bidu tad-dinja." X'jirrivela l-Evanġelju, jekk hu ma jirrivelax is-salvazzjoni tal-bnedmin fil-knisja? Iżda dan il-misterju li "issa hu mikxuf" huwa "bil-kitba tal-profeti" u "skond l-ordni ta' Alla ta' dejjem" "imgħarraf lill-ġnus kollha, għall-ubbidjenza tal-fidi."

Il-premillenjaliżmu mhux xejn is-sistema ta' l-Evanġelju. Dan mhuwiex konsistenti mal-Kristjaneżmu, mhuwiex f'armonijia mal-patt il-ġdid, ma huwa ta' ebda użu għall-pjan tas-salvazzjoni, anzi, għall-kuntrarju huwa tagħlim li jmur direttament kontra l-Kelma ta' Alla u b'hekk iwassal għat-telfien ta' dejjem ta' dawk li jħaddnuh. Il-premillenjaliżmu jnaqqas l-Evanġelju, iċekken il-knisja, u dan jiċħad l-iskema kollha tal-ħwejjeġ tat-Testment il-Ġdid. Il-premillenjaliżmu huwa sistema ta' rovina fl-aspetti kollha tiegħu.

# VI. IL-PREMILLENJALIŻU JANNULLA L-KUMMISSJONI L-KBIRA

Jiena nibbaża dan il-ħsieb fuq paragun tar-rakkont tal-Kummissjoni l-Kbira f'Mattew 28 mat-tagħlim maġġur tal-Millenjaliżmu.

## (1) L-awtorità kollha—vers 18.

> "*Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: L-awtorità kollha hi mogħtija lili fis-sema u fl-art.*"

Hemm biss tliet fergħat ta' awtorità jew setgħa. Bħala eżempju, xi pajjiżi għandhom tliet fergħat ta' gvern, fosthom insibu l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Hemm l-awtorità leġislattiva li tinsab fil-Kungress; l-awtorità eżekuttiva li tinsab fil-President; u l-awtorità ġudizzjali li tinsab fil-Qroti Suprema. Fil-qasam spiritwali Ġesù Kristu għandu l-awtorità kollha. Hu għandu awtorità leġislattiva—Hu jagħti l-Liġi. Hu għandu awtorità eżekuttiva—Hu Sultan. Hu għandu awtorità ġudizzjali—Hu l-Imħallef. L-awtorità kollha fis-sema u fl-art hija ta' Kristu. Il-premillenjaliżmu jisraq lil Kristu dik l-awtorità, jagħmlu sempliċiment prinċep inkurunat, ipoġġi fl-id il-leminija ta' Alla, mhux f'li jeżerċità l-awtorità, imma "jistenna" biss li jkun sultan, meta l-Lhud jiddeċiedu li jaċċettawh!

Il-premillenjaliżmu jneħħi l-awtorità ta' Ġesù Kristu, affermata fil-Kummissjoni l-Kbira u jiċħad li hija kompluta fis-sema u fl-art.

## (2) Il-ġnus kollha—vers 19.

> "*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Biex nuri lit-tagħlim tal-premillenjalisti huwa falz dwar l-esspressjoni "il-ġnus kollha" kif użata tant spiss fit-Testment il-

Ġdid, ħalli nirriferi għall-parabbola tal-ħaqq f'Mattew 25. Ġesù qal f'versi 31-32:

> "*Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu: U jinġabru* ***l-ġnus kollha****: u jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-gidjien*" (enfasi tiegħi).

Din kienet silta iebsa fuq il-premillenjalisti għaliex din tippreżenta l-ħaqq tal-"ġnus kollha" bħala li qegħdin miġbura "meta Bin il-bniedem jiġi," fejn il-premillenjalisti jgħallmu lit-tajbin (ġusti) biss ikunu mqajmin meta jiġi Ġesù, imbagħad il-millenju, u wara l-millenju, il-ġudizzju ġenerali. Imma Mattew 25 ipoġġi l-ġudizzju tal-"ġnus **kollha**" fil-miġja ta' Kristu—"meta" Hu jiġi, "imbagħad" Hu "jifridhom minn xulxin." Għal żmien twil il-premillenjalisti ma kinux jafu x'se jaqbdu jagħmlu b'din is-silta, imma huma fl-aħħar ivvintaw "soluzzjoni" fil-"konklużjoni" li l-kelma "ġnus" ma tirriferixxix għal-Lhud imma dejjem hija wżata f'riferenza għall-Ġentili—jiġifieri, "ġnus" (plurali) sempliċiment tfisser Ġentili. U huma tant saru konvinti fil-fantasija tagħhom li saħansitra bdew jiddikjaraw li l-kelma "ġnus" qatt ma tirriferi għal-Lhud. Iżda s-soluzzjoni ssir dissoluzzjoni—huma kull ma għamlu sempliċiment kien li ġabu fix-xejn il-kummissjoni ta' l-Evanġelju lid-dinja Lhudija. L-istess kelma "ġnus" f'Mattew 25 hija l-kelma "ġnus" f'Mattew 28. Mhux biss hekk, hija l-istess kelma identika li hija wżata f'Luqa 24:47 u Atti 17:26. Din hija l-kelma Griega wżata ***ethnos*** f'dawn is-siltiet kollha. U hija l-kelma li l-premillenjalisti issa jgħidu li tirriferi biss għall-ġnus Ġentili. Imma hemm kliem ieħor li japplika għal razza jew ġens fis-sens li l-millenjalisti jippruvaw japplikaw il-kelma "ġnus" li nsibu f'Mattew 28:18-20. Dawn iż-żewġ kelmiet huma "***genea***" u "***genos***." Naqraw fil-Filippin 2:15,

> "*Biex tkunu bla ħtija u bla ħjiena, ulied Alla, bla tebgħa, f'nofs* ***ġens*** *imgħawweġ u*

*maqlub, li fih intom tiddu bħal kwiekeb fid-dinja*" (enfasi tiegħi).

Il-kelma wżata hawn hija "genea" u mhux "ethnos." Imbagħad għandna l-kelma l-oħra "genos" fejn insibuha f'Mark 7:26,

> "*Il-mara kienet Griega Sirofenissa minn* ***ġensha****…*" (enfasi tiegħi),

u wkoll f'Galatin 1:14,

> "*U kont imxejt 'il quddiem fir-reliġjon tal-Lhud aktar minn ħafna ta' mpari fost* ***ġensi****, billi kont imħeġġeġ għall-aħħar għat-tagħlim ta' missirijieti*" (enfasi tiegħi).

Dawn huma żewġ kelmiet li ma nsibuhomx f'Mattew 28:19.

Issa ħalli naqraw is-siltiet u nħallu l-Ispirtu s-Santu jinterpretalna din il-kelma:

F'Luqa 24:47, Ġesù qal,

> "*U li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost* ***il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem***" (enfasi tiegħi).

Hawn għandna l-istess kelma "ġnus"—*ethos*. Tfisser din Lhud ukoll jew le kif jippruvaw jgħidu l-premillenjalisti biex iqarrqu bin-nies? Skond huma, il-Ġentili biss jistgħu jkollhom il-maħfra tad-dnubiet ippriedkata lilhom issa, u meta Pietru ippriedka l-maħfra tad-dnubiet, "ibda minn Ġerusalem," hu sempliċiment għamel żball! Tajjeb—ħalli nieħdu Mattew 28:19:

> "*Morru mela, u għallmu* ***l-ġnus kollha****, u għammduhom…*" (enfasi tiegħi).

Hawn insibu l-istess kelma *ethnos*—ġnus, l-istess kif insibu f'Mattew 25:31-32 meta din tirriferi għall-ħaqq jew ġudizzju. Il-premillenjalisti jistqarru li l-kelma qatt ma tirriferi għal-Lhud imma dejjem tfisser Ġentili—għalhekk il-Kummissjoni l-Kbira ma tinkludix Lhud.

Issa, ħalli nieħdu Atti 17:26:

> "*U għamel minn demm wieħed* ***il-ġnus kollha*** *tal-bnedmin biex igħammru fuq il-wiċċ kollu ta' l-art*" (enfasi tiegħi).

Mela, skond il-millenjalisti, Alla ma għamilx lil-Lhud biex igħammru fuq wiċċ l-art, u dik hija r-raġuni, nissopponi jien, li huma jridu jeħduhom lura fil-Palestina! Huma l-Lhud parti mill-ġnus kollha magħmula "minn demm wieħed" biex igħammru fuq l-art f'Atti 17:26? Kienu l-Lhud tal-"ġnus kollha" li lilhom Pietru ippriedka "l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet, ibda minn Ġerusalem" skond għal Luqa 24:47? Huma l-Lhud inklużi fil-Kummissjoni l-Kbira skond Mattew, "għallmu **l-ġnus kollha**, u għammduhom"? Skond il-premillenjalisti, dawn mhumiex. Il-verità hija, lid-dottrina tal-millenjaliżmu fil-profond tgħallem li fuq kollox dan mhuwiex iż-żmien għal-Lhud, iż-żmien tagħhom għadu fil-futur. Il-konsegwenzi tad-dottrina tagħhom biċ-ċar ineħħu lil-Lhud mill-Kummissjoni l-Kbira, u għalhekk mill-Evanġelju. Aktar tard, meta niġu għal dak li naqraw f'Atti 15, aħna naraw li l-argument tagħhom fuq "it-tabernaklu ta' David" ukoll ineħħi lill-Ġentili mis-salvazzjoni issa, għalhekk, ma hemm ebda suġġett għall-Evangelju llum skond il-premillenjalisti—il-kelma "ġnus" f'Mattew 28 tneħħi lil-Lhud, u l-argument tagħhom fuq it-tabernaklu ta' David ineħħi lill-Ġentili! Premillenjaliżmu tassew! Is-sistema kollha tagħhom hija waħda ta' qerq, inkonsistenzi ntelletwali, u tgħawwiġ tal-profeziji.

Mela—ftakar dan—jekk "ġnus" f'Mattew 25 tfisser biss il-Ġentili, allura "ġnus" f'Mattew 28 tfisser biss ġnus Ġentili, f'liema każ aħna ma nistgħux nippriedkaw l-Evanġelju issa lil-Lhud. Il-premillenjaliżmu jeżenta lil-Lhud minn Mattew 28, li jgħid "għallmu l-ġnus kollha" u billi jagħmel dan jannullaw il-kummissjoni mad-dinja kollha, jillimitawha għall-ġnus Ġentili biss. Għalhekk, meta l-appostlu Pawlu qal f'Rumani 1:16,

> "*Għax jien ma nistħix mill-evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen; l-ewwel tal-Lhudi, u tal-Grieg ukoll*"—

dan kien sempliċiment wieħed mill-iżbalji l-oħra tiegħu! Jew jistax ikun li Pawlu ma kienx premillenjalist, u għalhekk ma kienx jemmen fil-millenju? U tinsiex, li Pawlu kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu!

### (3) Il-ħwejjeġ kollha, dejjem—vers 20.

> "*U għallmuhom iħarsu kulma ordnajtilkom jien: u, ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja.*"

Hawn, għal darb'oħra il-Kummissjoni l-Kbira hija kuntrarju għall-premillenjaliżmu. Jekk għandu jkun hemm żmien jew taqsima (sistema reliġjuża) fuq din l-art, imsejħa millenju, din tkun, b'neċessità taqsima ta' żmien. Imbagħad xi tkun il-liġi tal-millenju? F'kull taqsima jew żmien (epoka) kien hemm il-liġi tagħha. Kien hemm it-taqsima Patrijarka, minn Adam sa Mosè bil-liġijiet partikulari tagħha. Kien hemm it-taqsima Możajka jew Lhudija, minn Mosè sa Kristu bil-liġijiet partikulari tagħha. Issa aħna qegħdin fit-taqsima Kristjana minn Kristu sat-tieni miġja Tiegħu, jiġifieri t-tmiem tad-dinja u ta' kollox. Din ukoll għandha l-liġijiet partikulari tagħha u dawn jinsabu fit-Testment il-Ġdid.

Issa, jekk se jkun hemm taqsima oħra msejħa l-millenju allura għandu jkollha l-liġi partikulari tagħha wkoll. Din il-liġi ma tistax tkun il-Kummissjoni l-Kbira ta' Mattew 28:18-20, għaliex l-ordinanzi tal-Kummissjoni l-Kbira huma l-ordinanzi tal-knisja—"*għallmuhom iħarsu kulma ordnjatilkom jien.*" Il-"*kulma ordnajtilkom jien*" il-ħwejjeġ kollha li ordna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu jinkludu ħwejjeġ bħal l-Ikla tal-Mulej fis-saltna Tiegħu hawn fuq l-art. Dawn il-ħwejjeġ ma jkunux fil-Millenju, għax il-knisja nfisha, li fiha n-nies huma mgħammda, ma tkunx fih—u l-magħmudija ma tkunx fil-millenju, u dan ikun ifisser li n-nies fil-millenju jkunu salvati barra minn Kristu għaliex wieħed isir **ħaġa waħda ma' Kristu** meta jitgħammed (Rumani 6:3-11; Galatin 3:26-27). Dan ikun ifisser ukoll li l-mewt ta' Kristu ma swiet xejn għal dawk li jkunu fil-millenju!

Imma kemm hu falz dak it-tagħlim tal-millenjalisti. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni* ***ta' dejjem għal kull min jisma' minnu***" (enfasi tiegħi).

Jekk Kristu Hu l-awtur tas-salvazzjoni TA' DEJJEM GĦAL KULL MIN JISMA' MINNU, kif jgħidu l-millenjalisti li l-Lhud se jkunu salvati barra mill-Kummissjoni l-Kbira?? Ġuda 3 jgħidilna dwar is-salvazzjoni li tagħha Kristu Hu l-awtur **ta' dejjem**:

> "*Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar* ***is-salvazzjoni tagħna lkoll****, għax rajt li kien meħtieġ nibgħatilkom kelmtejn ħalli nħeġġiġkom għal dik il-fidi li* ***ngħatat darba għal dejjem*** *lill-qaddisin*" (enfasi tiegħi).

"Dwar is-salvazzjoni **tagħna lkoll**." "Ilkoll" tinkludi wkoll lil-Lhud kollha jew le! Din l-ittra kienet miktuba għall-knejjes kemm fil-Palestina u kemm fl-Asja. Dawn kienu l-ħin kollu mdawrin minn kull naħa b'għalliema u tagħlimn falz, l-istess kif ninsabu aħna llum. Mhux hekk biss, imma nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-qarrejja li lilhom din l-ittra kienet primarjament miktuba kienu ta' sfond Lhudi mill-fatt li hemm murija ħafna riferenzi u eżempji mit-Testment il-Qadim. "*Il-fidi li ngħatat darba għal dejjem.*" Dan ifisser li l-verità hija mogħtija għaż-żminijiet kollha; din hija depożitu permanenti, qatt ma tkun mibdula, emendata jew immodifikata. Kif hija issa, din hija perfetta, adegwata, kompluta, depożitu perfett tal-verità, li tipprovdi l-mezzi li bihom aħna bħala Kristjani nistgħu nieqfu kontra t-tagħlim u d-dottrini foloz kollha. Dan ifisser li la din il-fidi "*kient mogħtija darba għal dejjem*" allura ma jistax ikun hemm żmien ieħor li l-premillenjalisti jseħulu l-millenju! Il-Kelma ta' Alla hija ċara ħafna dwar dan.

Il-liġi tal-millenju ma tista tkun il-patt il-ġdid, għax il-millenjalisti jgħallmu lit-testment preżenti ma jkunx il-liġi tal-

millenju. Huma jigħdu lit-Testment il-Ġdid jappartjeni għaż-żmien tal-knisja biss. Imma l-Mulej Ġesù Kristu qal li l-Kummissjoni l-Kbira għandha tkompli fl-operazzjoni sat-tmiem taż-żmien—"*sa tmiem id-dinja*" (Mattew 28:20). Sakemm id-dinja tibqa' fl-eżistenza l-Kummissjoni l-Kbira tkun fl-operazzjoni bl-liġi tal-knisja. X'se tkun il-liġi tal-millenju? Sejrin aħna jkollna żewġ liġijiet, żewġ sistemi, għaddejjin flimkien—jew it-tielet patt waħdu—liema?

L-ittra lil Efesin tgħallem li l-knisja tkun magħna "fiż-żminijiet kollha, għal dejjem ta' dejjem, Amen," u Alla kien ordna li "lilu tingħata l-glorja fil-knisja" sakemm id-dinja tibqa' wieqfa (Efesin 3:21). Tibqa' teżisti l-knisja fil-millenju? Il-millenjalisti jgħidulna, le—dak ikun iż-żmien tas-saltna—dan huwa ż-żmien tal-knisja. Iżda l-kummissjoni ta' Mattew 28 u l-knisja ta' Efesin 3 qegħdin hawn biex jibqgħu sakemm id-dinja tibqa' jgħidilna l-Ispirtu s-Santu! Il-Kummissjoni l-Kbira mhijiex dokument intermedjarju proviżjonali, u l-knisja mhijiex xi sostitut kontinġenti jew aċċidentali ta' xi ħaġa oħra kif jippruvaw jgħidulna l-premillenjalisti. Il-premillenjaliżmu bit-tagħlim falz tiegħu ma jistax ikun armonizzat ma' dawn il-fatti ta' l-Evanġelju! Il-premillenjaliżmu jnaqqas l-importanza tal-knisja, iċekken l-Evanġelju, u jġib fix-xejn il-Kummissjoni l-Kbira ta' Kristu, u jeqred it-tama tad-dinja. Tabilħaqq, it-tama tal-veru Iżrael ta' Alla! Il-premillenjaliżmu ma hu t-tama ta' ħadd u ta' xejn. Dawk li jaċċettaw u jgħallmu dan it-tagħlim falz qegħdin igħallmu dottrini li huma direttament kontra l-Kelma ta' Alla.

## VII. IL-PREMILLENJALIŻMU JGĦAMEL NULLA S-SALVAZZJONI LILL-ĠENTILI ISSA

Din is-sistema qerrieda tal-premillenjaliżu mhux biss tħassar u ġġib fix-xejn il-Kummissjoni l-Kbira, din tannulla s-salvazzjoni lill-Ġentili, lilna wkoll! Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tiggwidana u turina dan. Naqraw f'Atti 15:13-18:

> *"Meta waqfu huma, qam Ġakbu u qal: 'Ħuti, isimgħuni. Xmun qalilna kif Alla sa mill-bidu ħaseb biex jiġbor minn fost il-Ġentili poplu li jkun tiegħu. Ma' dan jaqbel kliem il-profeti, kif hemm miktub, 'Wara dan nerġa' niġi u nibni d-dar ta' David, li ġġarfet: nerġa' ntella' l-ħerba tagħha u nwaqqafha mill-ġdid, biex ifittxu l-Mulej il-bqija tal-bnedmin u l-ġnus kollha li fuqhom issejjaħ ismi, igħid il-Mulej, li għarraf dan kollu sa mill-qedem."*

L-applikazzjoni kostanti tal-ħafna testi profetiċi mill-appostli tikkonferma l-fatt li bih aħna lkoll għandna nkunu impressjonati—li kollox fit-Testment il-Qadim juri għat-twettiq tat-Testment il-Ġdid. Hawn il-profezija ta' Għamos hija wżata mill-appostli f'Ġerusalem biex jagħtu prova li l-Lhud kienu żbaljati f'dak li huma kienu qegħdin jgħallmu u fl-oppożizzjoni tagħhom lejn Pawlu u Barnaba f'Antjokja.

**(1) Pawlu u l-Lhud.**

L-okkażjoni tal-kontroversja bejn Pawlu u l-Lhud kienet l-isforz ħalli jorbtu r-reliġjon Lhudija fuq il-Ġentili fil-knisja f'Antjokja. Din kienet l-ewwel knisja mill-Ġentili. Huma kienu l-ewwel frott tax-xogħol ta' Pawlu fost il-Ġentili. Meta l-Lhud kienu iddeterminati biex jieħdu Antjokja, l-istess kif il-premillenjalisti qegħdin jippruvaw li jagħmlu sal-lum, Pawlu waqfilhom fi triqthom. Jirriferi għalihom f'Galatin 2:5, Pawlu qal,

> *"Li lilhom ma ċedejniex li noqogħdu għalihom, le, lanqas għal ħin wieħed; biex il-verità ta' l-evanġelju tibqa' magħkom."*

U dan li aħna qegħdin nippruvaw li nagħmlu meta aħna nieqfu kontra t-tagħlim falz tal-premillenjalisti, *"biex il-verità ta' l-Evanġelju tibqa' magħkom"* għaliex huma qegħdin iħassruha din il-verità bit-tagħlim falz tagħhom! Dan kien dwar kustjonijiet tal-Liġi Możajka, għalhekk, billi dawn effettwaw "il-verità

ta' l-evanġelju" fost il-Ġentili u fil-knisja bħala ġisem ta' Kristu, illi l-Lhud sfidaw l-awtorità ta' Pawlu u Barnaba fil-kustjoni u talbu:

> "*li Pawlu u Barnaba, u xi oħrajn minnhom, jitilgħu Ġerusalem għand l-appostli u x-xjuħ fuq dil-biċċa*" (Atti 15:2).

Kif kienu qegħdin jiddiskutu dwar ir-reliġjon Lhudija u l-Kristjaneżmu, kien hawn li Pietru u Ġakbu issetiljaw il-kontroversja moderna fuq waħda mit-teoriji foloz tal-premillenjaliżmu—il-kustjoni tat-tron ta' David u t-tabernaklu.

**(2) It-tabernaklu ta' David.**

Id-diskors ta' Ġakbu fuq it-tabernaklu ta' David segwa indirizz magħmul minn Pietru, li Ġakbu jirriferi għalih b'Simgħon jew Xmun (v. 14). Il-kliem ta' Pietru jinsab f'versi 7 sa 11. Pietru jiġbed l-attenzjoni għall-konverżjoni tal-Ġentili, li l-Mulej kien ordna li l-Ġentili, permezz tal-fomm ta' Pietru jisimgħu l-kelma ta' l-Evanġelju u jemmnu. Dan kien, naturalment, riferenza għall-konverżjoni ta' Kornelju, f'Atti 10. Wara l-knisja ta' Ġentili kienet imwaqqfa f'Antjokja. B'dawn il-fatti quddiemhom ilkoll, Ġakbu kien lest biex jissetilja kustjoni importanti—it-twettiq tal-profezija ta' Għamos dwar it-tabernaklu ta' David. Meta Alla żar il-Ġentili "biex jieħu minnhom poplu għal ismu" (Atti 15:14), l-appostlu ispirat Ġakbu qal li dik kienet il-prova li l-profezija ta' Għamos kienet imwettaq.

Il-profezija tinsab f'Għamos 9:11:

> "*F'dak il-jum inqajjem il-għarix imwaqqa' ta' David, u nagħlaq is-slieħi tiegħu, u ntalla' t-tiġrif tiegħu, u narġa' nibnih bħal jiem ta' dari.*"

Meta Ġakbu ikkwota din il-profezija f'Atti 15, hu qal li din kienet imwettqa.

> "*U ma' dan jaqbel kliem il-profeti; kif inhu miktub: Wara dan narġa' niġi, nibni mill-ġdid it-tinda (tabernaklu) ta' David li ġġarrfet; u*

*narġa' nibni l-ħerba tagħha, u nwaqqafha*" (Atti 15:15-16).

L-esspressjoni "Wara dan narġa' niġi" ma tirriferrixxhiex għat-tieni miġja ta' Kristu. Ġakbu jinkludiha fil-kwotazzjoni minn Għamos—kienet parti mill-kliem ta' Għamos. Il-millenjalisti sostnew li l-kliem "wara dan narġa' niġi" mhuwiex f'Għamos 9:11. Ġakbu attribwixxa dak il-kliem lil Għamos, u jekk Għamos ma użahomx, ikun żball ta' l-Ispirtu s-Santu f'Ġakbu, li qal li Għamos użahom. Il-fatt hu, Ġakbu kien qiegħed jikkwota l-verżjoni Settanta ta' l-Iskrittura l-antika, li kienet użata minn Kristu u mill-appostli—li kienet it-traduzzjoni Griega ta' l-Iskrittura Lhudija—u huwa fatt li l-kliem "wara dan narġa' niġi" jinsab fit-test Settanta—għalhekk dan iqiegħed f'postha din il-ħaġa. Mela, wara li jiġru ċerti affarijiet li Għamos kien semma, Alla jarġa' jibni t-tabernaklu ta' David, ħalli "l-bqija tan-nies ikunu jistgħu jfittxu lill-Mulej," u "l-Ġentili kollha" li fuqhom Alla sejjaħ Ismu. Billi l-bqija (fdal) tan-nies, ukoll "il-Ġentili kollha" għamlu dan, Ġakbu wera jew ikkwota dik il-profezija bħala prova lit-tabernaklu ta' David *kien* irrestawrat.

Issa, t-tabernaklu ta' David jirriferi għal-linja rjali ta' David. Din il-linja rjali ma kellix terġa' tkun stabbilita fil-ġisem, imma fi Kristu, in-nisel irjali ta' David. Ma hemm ebda differenza bejn "it-tabernaklu" (tinda) ta' David, "it-tron" ta' David, "il-ħniena ta' David," u "l-muftieħ" ta' David—kollha kemm huma huma msemmija mill-kittieba ispirati tat-Testment il-Ġdid bħala li Kristu kien irċevihom. Iżda l-premillenjalisti jgħidu lit-tabernaklu ta' David ma jkunx mibni mill-ġdid qabel ma Kristu jerġa' jiġi biex iwaqqfu mill-ġdid u jpoġġih fuq l-art, imma l-appostlu Ġakbu fehem bl-Ispirtu s-Santu fih li dan diġà kien imwettaq meta Alla "*żar il-Ġentili, biex jieħu minnhom poplu għal ismu*" (Atti 15:14). Mela hawn għandna oħra "dan hu dak" fuq it-twettiq tal-profezija.

**(3) Il-bqija jew fdal tan-nies—u l-Ġentili kollha.**

Il-ħaġa li tiffinalizza l-argument fuq it-twettiq tal-profezija ta' Għamos dwar it-tabernaklu ta' David hija l-istqarrija:

> "*Biex ifittxu l-Mulej il-bqija tal-bnedmin, u l-Ġentili kollha, li fuqhom jissejjaħ ismi, igħid il-Mulej, li qiegħed jagħmel dawn il-ħwejjeġ kollha*" (Atti 15:17).

"Il-bqija tal-bnedmin" tfisser il-kumplament tal-bnedmin, li fadal, li qabel ma kinux inklużi. Dan sempliċiment ifisser li l-Ġentili kienu l-bqija tal-bnedmin. It-tabernaklu ta' David kien waqa', tħassar, u ma kienx aktar man-nazzjon fiżiku ta' Iżrael, imma Alla reġa' waqqfu f'Ġesù Kristu, "biex ifittxu l-Mulej il-bqija tal-bnedmin," inkluż il-Ġentili kollha. Il-kelma "biex" hija l-kelma fatali għall-premillenjaliżmu. Staqsi lilek innifsek bis-sinċerità kollha int li temmen fit-tagħlim falz tal-millenju, qatt int innutajt din il-kelma? Il-millenjalisti jgħidulna lit-tabernaklu ta' David għadu fil-futur, li dan ma jerġax jinbena qabel ma Iżrael nazzjonali jkun irrestawrat fil-millenju. Iżda f'Atti 15 Ġakbu ikkwota lil Alla bħala li qiegħed jgħid permezz ta' Għamos il-profeta li Hu "jarġa' jibni" t-tabernaklu ta' David li "jwaqqfu" *biex il-Ġentili jfittxu l-Mulej* (versi 16,17). Issa, jekk dik il-profezija ma kinetx imwettqa—jekk it-tabernaklu ta' David *ma kienx* mibni mill-ġdid f'Ġesù Kristu—*allura l-Ġentili ma jistgħux ifittxu l-Mulej issa*. Il-premillenjaliżmu jgħid bil-qawwa kollha lit-tabernaklu (tinda, tron) ta' David ma kienx imwaqqaf mill-ġdid, għalhekk il-premillenjaliżmu u dawk kollha li jħaddnu dan it-tagħlim falz u li jmur direttament kontra l-Kelma ispirata ta' Alla jiċħdu bil-qawwa kollha s-salvazzjoni lill-Ġentili issa, illum, fl-epoka Kristjana!

Imma l-appostlu ispirat Ġakbu ikkwota l-profezija ta' Għamos bħala profezija imwettqa u ta l-fatt li l-Ġentili f'dak iż-żmien tassew fittxew il-Mulej bħala prova tat-twettiq tagħha. Żewġ affarijiet għandhom jiġu wara: l-ewwel, jekk it-tabernaklu ta' David ma kienx mibni mill-ġdid f'Ġesù Kristu, li kien in-nisel irjali u d-dar ta' David, allura l-Ġentili issa ma jistgħux ifittxu l-Mulej u m'għandhom ebda salvazzjoni fi Kristu u int u jien ninsabu mitlufin; jew it-tieni, jekk it-tabernaklu ta' David kien mibni mill-ġdid, u tabilħaqq jeżisti fil-linja rjali ta' David fi Kristu, alura ma jista' jkun hemm ebda restawrazzjoni futura

tal-linja ta' David skond il-ġisem f'Iżrael nazzjonali irrestawrat. La darba Ġakbu, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, jgħidilna li l-bqija tal-bnedmin jikkonsistu minn dawk li jaċċettaw lil Kristu kull fejn huma u kull min huma, inkluż il-Ġentili kollha, u li din kienet it-tifsira tal-profezija—l-unika konklużjoni li wieħed li jemmen li Ġakbu kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu f'dak li hu iddikjara jista' jasal għaliha, hija, lit-tabernaklu ta' David kien mibni mill-ġdid meta l-knisja kienet imwaqqfa, u jeżisti f'Ġesù Kristu, li Hu n-nisel irjali ta' David u l-eredi ġust għat-tron tiegħu.

Issa, din kienet id-difiża ta' Pawlu u ta' Ġakbu quddiem il-knisja kollha, dwar id-dritt u t-titlu tal-Ġentili għall-Evanġelju u għal sħubija fil-knisja. Huwa l-argument ispirat lit-tabernaklu ta' David huwa **spiritwali**. Dan jeżisti fil-knisja, bi Kristu bħala Sultan fuq it-tron ta' David, liema tron qiegħed fis-smewwiet, u mhux fuq l-art, u huwa spiritwali, mhux temporali. Kull Lhudi u kull Ġentili fuq l-art l-istess jistgħu jfittxu lill-Mulej u jirċievu "*l-grazzji stabbli mwegħdin lil David*" (Isaija 55:3).

Ħaġa oħra fuq dan il-punt: Il-fehma millenjali li l-kelma "ġnus" tirriferi biss għall-Ġentili, kif diġà rajna aktar qabel, iżżomm barra lil-Lhud mill-Kummissjoni l-Kbira. Iżda d-dottrina tagħhom lit-tabernaklu ta' David **għadu fil-futur** iżżomm barra lill-Ġentili milli **jfittxu lill-Mulej**. Lil min imbagħad aħna nippriedkaw l-Evanġelju ta' Kristu? Mhux lil-Lhud, għaliex dawn mhumiex inklużi fil-"ġnus" tal-Kummissjoni l-Kbira ta' l-Evanġelju (dejjem skond il-millenjalisti). Lanqas lill-Ġentili għaliex, jekk it-tabernaklu ta' David mhuwiex fl-eżistenza huma **ma jistgħux** ifittxu lill-Mulej. Opinjoni kollaterali tal-millenjaliżmu hija t-talba li l-Evanġelju mhuwiex kompitenti għall-konverżjoni tad-dinja, u li l-iskop ta' Alla fit-taqsima preżenti mhuwiex il-konverżjoni, imma pjuttost il-ġbir tal-"merħla ż-żgħira" għall-mexxejja fiż-żmien li jmiss—il-millenju. Din hija dagħwa kbira għaliex teqred għal kollox l-iskop tal-fidwa u l-qawwa ta' l-Evanġelju, b'dan jitlef l-appell tiegħu għal-Lhud u l-Ġentili l-istess (Rumani 1:16; 2:16; Galatin 3:26-29).

# VIII. IL-PREMILLENJALIŻMU JNIŻŻEL FIL-GRAD LIL ĠESÙ KRISTU MIT-TRON TIEGĦU FIS-SMEWWIET U JPOĠĠIH FUQ L-ART IL-MIRFES TIEGĦU

L-ewwel kapitlu ta' l-ittra lil-Lhud jgħid ir-regola kollha tar-rivelazzjoni divina fl-iżvilupp u t-twettiq ta' l-iskema tal-fidwa. Vers 1 jagħmel kuntrast dwar l-aġenti u l-metodi tar-rivel-azzjoni: fl-imgħoddi Alla kellem lil missirijietna bil-profeti "f'bosta drabi"—ħafna porzjonijiet u partijiet, u "b'ħafna man-jieri"—ħafna modi u metodi. Iżda f'din it-taqsima ta' "l-aħħar jiem" Ġesù Kristu Hu l-werriet tal-ħwejjeġ kollha mlissna mill-profeti.

### (1) It-Tron tas-Saltna Tiegħu—vers 8.

> "*Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem: xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek.*"

Hawn aħna għandna l-kliem "tron," "xettru" u "saltna," koll-ha f'silta waħda, f'vers wieħed, f'riferenza għall-koronazzjoni ta' Ġesù Kristu fis-smewwiet. Meta Hu tela' fis-sema u ngħa-qad mat-tron tal-Maestà, il-kittieb ispirat ta' l-ittra lill-Lhud qal li dan it-tron kien *Tiegħu*. "Għall-Iben, qal, it-tron tiegħek"—jiġifieri, it-tron ta' *l-Iben*—"hu għal dejjem ta' dejjem." Imba-għad, "xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek." It-tron ta' min hu? "Għall-Iben, qal: it-tron tiegħek"—it-tron ta' l-Iben. Ta' min huma x-xettru u s-saltna? "xettru ta' ħaqq hu x-xettru ta' saltnatek"—ix-xettru ta' l-Iben u s-saltna ta' l-Iben. U min qiegħed jgħidu dan? L-Ispirtu s-Santu! Żommu dan f'moħħok. L-Ispirtu s-Santu qiegħed **jgħidu** dan u mhux jien! Imma l-premillenjalisti **jgħidu** li Kristu qiegħed fuq it-tron tal-Missier, mhux fuq Tiegħu stess—li Hu mhuwiex qiegħed jeżerċità l-awtorità issa—jinsab biss bil-qiegħda fl-istennija sakemm Hu jiġi, f'liema żmien Hu jieħu t-tron Tiegħu stess u jeżerċità aw-

torità fid-dritt Tiegħu stess. Jekk din mhix dagħwa kbira allura ma nafx x'inhi dagħwa! Dan huwa dak li l-premillenjalisti jgħallmu. Imma aħna naċċettaw it-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu jgħid fi kliem ċar ħafna fejn f'Lhud 1:8 l-kliem ta' David huwa ndirizzat għal l-Iben Innifsu—meta David qal "It-tron tiegħek" u "x-xettru tas-saltna tiegħek," il-kittieb ispirat qal li dan **kien imwettaq** meta Ġesù "*qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin tal-Maestà fl-ogħla tas-smewwiet*" (v. 3). Mela fis-smewwiet Ġesù Kristu qiegħed fuq it-tron *Tiegħu*, fis-saltna *Tiegħu*, għandu x-xettru *Tiegħu*, u għalhekk qiegħed jeżerċità l-awtorità kollha issa fid-dritt *Tiegħu* nnifsu.

**(2) Il-Maestà fil-għoli—vers 3:**

> "*Hu, li hu d-dija tal-glorja tiegħu, u x-xbieha perfetta tal-persuna tiegħu, u li jżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu, wara li bih innifsu naddaf dnubietna, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin tal-Maestà fl-ogħla tas-smewwiet.*"

B'enfasi rripetuta l-kittieb ispirat jirriferi għal Ġesù Kristu bħala li qiegħed fuq it-tron tal-Maestà Tiegħu fis-smewwiet. Fis-sommarju tiegħu ta' dawn il-ħwejjeġ f'Lhud 8:1, il-kittieb ispirat jgħid:

> "*Issa l-qofol ta' dak li għidna hu dan: Għandna bħala qassis il-kbir, wieħed li qiegħed in-naħa tal-lemin tat-tron tal-Maestà fis-smewwiet.*"

F'Lhud 1:3 naqraw lit-tron tal-Maestà qiegħed "fil-għoli." F'Lhud 8:1 naqraw lit-tron tal-Maestà qiegħed "fis-smewwiet." Il-premillenjalisti, iżda, mhumiex sodisfatti bil-lok tat-tron **fis-smewwiet**—huma jinsistu li l-Maestà Tiegħu għandha tkun imniżżla għal tron Lhudi lokali letterali, karnali, temporali, u dilapidat. U huma jħossuhom li għandhom l-impressjoni li qegħdin jaħsbu spiritwalment!

**(3) Id-dinja l-mirfes Tiegħu—vers 13:**

> "*…Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek mirfes għal riġlejk.*"

F'Isaija 66:1, il-profeta qal:

> "*Hekk jgħid il-Mulej: Is-sema t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja: fejn hi mela d-dar li tistgħu tibnuli? U fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?*"

F'Atti 7:49 Stiefnu ikkwota din il-profezija lil-Lhud. Stiefnu sabha l-istess diffiċli biex jikkonvinċi lil-Lhud dwar in-natura spiritwali tat-tabernaklu, id-dar u t-tron ta' David, daqs kemm biex tikkonvinċi lill-premillenjalisti u l-dawk li jaċċettaw it-tagħlim falz tagħhom illum. Isimgħu jargumenta l-kustjoni magħhom:

> "*Li wkoll missirijietna li ġew wara daħlu ma' Ġożwè fl-art tal-Ġentili, li Alla keċċa minn quddiem wiċċ missirijietna, sa żmien David; li sab grazzja quddiem Alla, u xtaq li jsib agħmara (tabernaklu) għal Alla ta' Ġakobb. Iżda Salamun bnielu dar. Iżda Alla l-Għoli ma jgħammarx f'tempji magħmulin bl-idejn; bħal ma jgħid il-profeta: Is-sema hu t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja: liema hu l-lok tal-mistrieħ tiegħi?*" (Atti 7:45-49).

Hawn Stiefnu għamel bosta riferenzi għat-tabernaklu (agħmara) u t-tron temporali tat-Testment il-Qadim biex juri li dawn kienu tipiċi tad-dar u t-tron spiritwali ta' Kristu. Stiefnu laħaq il-quċċata tad-diskors tiegħu f'li jikkowota l-profezija ta' Isaija 66 f'vers 49:

> "*Is-sema hu t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja: liema dar tibnuli? Igħid il-Mulej: jew liema hu l-lok tal-mistrieħ tiegħi?*"

Stiefnu, li tkellem bl-Ispirtu s-Santu, qal lit-tron qiegħed fis-sema, u applika r-riferenzi għat-tabernaklu, dar, tempju, u t-

tron għall-"miġja tal-Ġust" li Tiegħu huma kienu "tradituri u qattiela" (vers 52). Għalkemm il-kittieba ispirati kollha tat-Testment il-Ġdid juru t-twettiq spiritwali ta' dawn it-tipi u dellijiet kollha, il-premillenjalisti għal kuntrarju, b'dana kollu, jippersistu fl-applikazzjoni temporali u mhumiex lesti li jieqfu mit-talba tagħhom għal sultan ta' l-art u saltna karnali. Kien l-istess spirtu fil-Lhud li kkawża lil Stiefnu f'Atti 7:51 biex jgħid:

> "*Ja qlub iebsa, u qlub u widnejn bla ċirkonċiżjoni, intom dejjem iżżommu iebes, lill-Ispirtu s-Santu: kif għamlu missirijietkom, hekk tagħmlu intom.*"

Kien hemm waqtiet meta dan il-kliem kien jidher xieraq fl-applikazzjoni għal xi Lhud moderni b'antenati Ġentili.

Il-premillenjaliżmu jrid ibaxxi u jneħħi lil Ġesù Kristu mit-tron tal-Maestà "fil-għoli" u "fis-smewwiet," u jpoġġih fuq l-art, il-mirfes Tiegħu. Din hija dottrina li tbaxxi lil Kristu, li tiddiżonorah, li tikkarnalizza t-tama Kristjana, u teqred kull aspett spiritwali tas-saltna ta' Kristu. Hija teorija karnalista u li ma twassalx fil-hena spiritwali f'ebda rispett. Trid int li jkollok sehem minn dan it-tagħlim falz?

## IX. IL-PREMILLENJALIŻMU JAGĦMEL L-EWWEL MIĠJA TA' KRISTU FALLIMENT

F'Galatin 4 l-istess kif f'Efesin 1, l-appostlu Pawlu jiddikjara ċar li Ġesù Kristu ġie "fil-milja taż-żmien" għal l-iskop biex jifdi r-razza, imma jekk il-millenjaliżmu hu tassew il-ħaġa kollha kienet allarm falz u l-ewwel miġja ta' Kristu ma wettqet xejn—il-profeziji kollha kienu awtomatikament ma jaqblux u pposponuti.

### (1) Iż-żmien appuntat kien komplut.—vers 1.

*"Issa jien ngħid: li l-werriet, kemm idum tifel, ma jkun differenti xejn mill-qaddej, għalkemm hu sid ta' kollox; imma hu taħt it-tuturi u l-prokuraturi saż-żmien imwaqqat mill-missier. Hekk aħna wkoll, meta konna għadna tfal, konna mjassrin taħt l-elementi tad-dinja: Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat 'l Ibnu li sar minn mara, imwieled taħt il-liġi, Biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, u biex insiru wlied adottivi."*

L-ewwel versi ta' Galatin 4 jsegwu immedjatament l-argument tat-tielet kapitlu fuq it-twettiq tal-wegħdiet Abrahamiċi. Il-konklużjoni fl-aħħar vers ta' kapitlu 3 li dawk kollha "fi Kristu" huma nisel Abraham u huma werrieta skond il-wegħda tinagħqad ma' l-ewwel vers tar-raba' kapitlu, mal-"werriet," il-"wegħda," u "ż-żmien appuntat," u Pawlu jgħid l-ewwel miġja ta' Kristu kienet "il-milja" ta' dak iż-żmien (v. 4). Il-millenjaliżmu jew jiċħad Galatin 4, li l-ewwel miġja ta' Kristu kienet il-milja taż-żmien, jew inkella jakkuża li wara li Alla appunta ż-żmien, Hu naqas milli jżomm l-apuntament, sostnut bil-kelma tal-ħalfa Tiegħu. Liema temmen int minn dawn?

**(2) Il-missjoni Tiegħu kienet kompluta—vers 5.**

L-esspressjoni "biex jifdi" tindika l-iskop tal-miġja ta' Kristu fid-dinja. Galatin 4 jgħidilna li Kristu ġie fiż-żmien appuntat għall-iskop appuntat, u fil-milja taż-żmien Hu lesta, kompla l-appuntament Tiegħu. Għaliex iġġib lil Kristu lura fid-dinja meta Hu **lesta** l-appuntament Tiegħu? Sa mill-ewwel dibatitu fuq il-millenjaliżmu, hemm sfida għal kull persuna ħalli tipproduċi l-Iskrittura li tgħid li Kristu xi darba fil-futur qatt se jerġa' jpoġġi riġlu fuq l-art. Din l-isfida ilha hemm għal ħafna u ħafna snin. Din kienet irripetuta f'ħafna diskussjonijiet pubbliċi iżda l-vers jew is-silta ma kinux ipproduċuti u aħna nafu tajjeb għaliex!

## GĦALIEX IĠĠIB LIL KRISTU LURA FID-DINJA?
## Ġwanni 17:1-10

1. **Il-Missjoni Tiegħu tal-Fidwa Kienet Kompluta —Efesin 1:1-10; Kolossin 1:13-14; Lhud 9:12**
2. **Ir-Rivelazzjoni Tiegħu Hija Kompluta—Efesin 3: 1-10; Ġuda 3**
3. **L-Awtorità Tiegħu Hija Kompluta—Mattew 28: 18; Efesin 1:20-23**
4. **Is-Saltna Tiegħu Hija Kompluta—Kolossin 1:13; Lhud 12:28; 2 Timotju 4:1**
5. **It-Tron Tiegħu Huwa Komplut—Lhud 1:8; 4:14; Rivelazzjoni 3:21**
6. **L-Isem Tiegħu Huwa Komplut—Atti 4:12; Efesin 1:22; Kolossin 3:17**
7. **Il-Glorja Tiegħu Hija Kompluta—Ġwanni 17: 5; Luqa 24:25; 1 Pietru 1:20-21**

## IX-XOGĦOL TIEGĦU FUQ L-ART HUWA MITMUM

1. Il-mezz Tiegħu tal-fidwa huwa komplut—Efesin 1:7-10:

> "*Li fih għandna l-fidwa permezz ta' demmu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu; li minnha fawwar fuqna b'kull għerf u prudenza; billi għarrafna l-misterju tar-rieda tiegħu, skond l-intenzjoni tajba tiegħu li għoġbu jagħmel minn qabel fih stess: Biex fil-pjan tal-milja taż-żminijiet, jiġbor kollox flimkien fi Kristu, sew dak li hemm fis-sema, u kemm dak li hemm fl-art; iva, fih.*"

Billi din it-taqsima hija "l-milja taż-żmien" Alla ġabar "kollox flimkien"—Hu ġabar flimkien il-partijiet u l-porzjonijiet kollha taż-żminijiet kollha ta' qabel, u billi poġġa l-partijiet flimkien Hu għamel il-pjan wieħed tal-fidwa. Dan Hu għamel "fi Kristu" meta ġie fid-dinja.

L-appostlu ispirat Pawlu jgħid f'Kolossin 1:13-14, li Alla:

> "*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li* ***bih għandna l-fidwa*** *b'demmu, il-maħfra tad-dnubiet.*"

Ukoll, naqraw f'Lhud 9:12,

> "*Hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess,* ***u ħekk kiseb fidwa għal dejjem***" (enfasi tiegħi)

Jekk Ġesù Kristu "**kiseb fidwa għal dejjem**" għall-bnedmin kollha, kif il-millenjalisti jsostnu li Hu għad irid jerġa' jiġi fuq l-art biex isalva lil-Lhud u jsaltan għal elf sena? Ġesù Kristu KISEB mhux **għad irid jikseb** il-fidwa għal xi Lhud!

2. Ir-rivelazzjoni ta' Kristu hija kompluta—Ġuda 3:

> "*Maħbubin, meta kelli ħerqa kbira li niktbilkom fuq is-salvazzjoni tagħna lkoll, kien meħtieġ għalija li niktbilkom, u nitlobkom li tissieltu bil-ħeġġa għall-fidi mogħtija lill-qaddisin* ***darba***" (enfasi tiegħi).

Il-fidi teżisti f'ġisem organizzat ta' verità li hija tant finali u kompluta li ma taċċetta ebda żieda, tnaqqis jew ripetizzjoni fil-preżent jew fil-futur. Din kienet mogħtija "darba" u dan ifisser li ma jista jkun hemm ebda "fidi" oħra li tkun mogħtija għaliex dan iż-żmien, l-Epoka Kristjana, huwa l-aħħar żmien. Mhemm ebda żmien ieħor imsejjaħ millenju! (ara wkoll Efesin 3:1-10).

3. L-awtorità (is-setgħa) ta' Kristu hija kompluta—Mattew 28:18-19:

> "*Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: Kull setgħa hi mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Meta Kristu ordna lil l-appostli Tiegħu biex jipriedkaw l-Evanġelju lill-ħolqien kollu u jgħallmu lill-ġnus kollha, dak il-kmand kien predikat, kien affermat fuq l-eżerċizzju tas-"setgħa kollha Tiegħu." Din is-setgħa jew awtorità kienet eżerċitata sħiħa fl-ewwel att tas-Sultan il-ġdid f'Pentekoste. Din kienet l-eżerċizzju tas-setgħa li jaħfer. Din tippreżenta l-għola setgħa jew awtorità ta' l-art jew tas-sema. Fil-jum ta' Pentekoste s-Sultan Ġesù eżerċità s-setgħa li jaħfer, fuq it-termini ta' l-Evanġelju, tlitt elef ruħ ħatja li tefgħu lilhom infushom f'riġlejn l-ambaxxaturi tas-Sultan Ġesù talbu għall-ħniena. "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" kienet il-mistoqsija ta' dieqa kbira, li ħarġet mill-qlub imniggża. Fuq it-tron tal-Maestà Tiegħu, ix-xettru tas-saltna f'idu, Ġesù Kristu amministra l-att ta' "*is-setgħa kollha fis-sema u fl-art*." L-appostlu Pawlu jgħid, dwar Ġesù Kristu u s-setgħa Tiegħu:

> "*Li għamel fi Kristu meta qajmu mill-imwiet, u qiegħdu n-naħa tal-lemin tiegħu stess fis-smewwiet. Wisq 'il fuq minn kull prinċipat, u setgħa, u qawwa, u ħakma, u kull isem li jissemma, mhux biss f'did-dinja, imma f'dik ukoll li ġejja: U qiegħed kollox taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja. Li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:20-23).

4. Is-saltna Tiegħu hija kompluta—2 Timotju 4:1:

> "*Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-dehra tiegħu u* ***s-saltna tiegħu***" (enfasi tiegħi).

Fid-dehra ta' Kristu Hu jiġġudikana bis-saltna Tiegħu. Il-ħaqq ikun skond is-saltna, skond il-liġi tas-saltna Tiegħu (Rumani 2:16; 2 Tessalonikin 1:8). Imma jekk il-premillenjaliżmu hu tassew, aħna m'aħniex fis-saltna u għalhekk inkunu ġġudikati bil-liġijiet ta' saltna li fiha aħna qatt ma għexna! Temmnu dan

int? Sewwa qal il-Mulej tagħna f'Mattew 15:4-5 li "Alla qal… imma intom tgħidu." Dan il-ħaqq bis-saltna jkun "**fid**-dehra Tiegħu." Skond il-premillenjaliżmu l-ħaqq jew il-ġudizzju huwa jew kmieni wisq jew is-saltna hija tard wisq. Imma skond l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pawlu fit-2 Timotju 4:1, **aħna qegħdin fis-saltna issa**, u fid-dehra ta' Kristu aħna nkunu ġġudikati permezz tal-liġijiet tagħha. Dan hu dak li "Alla qal."

5. L-Isem Tiegħu huwa Komplut—Filippin 2:9-11:

> "*Għalhekk Alla għolieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem: biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkobba, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; U li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja t'Alla l-Missier.*"

It-terminu "isem" muri hawn juri pożizzjoni, rank u titlu. Pożizzjoni titlob kemm titlu u kemm rank. Tiegħu huwa "l-isem fuq kull isem ieħor"—Hu jokkupa pożizzjoni, iżomm rank u għandu titlu 'l fuq minn kull wieħed li jista' jkun mogħti u 'l fuq minn kull titlu li xi personaġġ fid-dinja issa jew fil-futur jista' jkollu. Huwa impossibbli għal xi promozzjoni li tkun mogħtija Lilu, billi l-Isem Tiegħu huwa issa l-akbar u l-aqwa u l-pożizzjoni Tiegħu hija l-għola. Għalhekk, li terġa' ġġib lil Kristu lura fuq l-art ħalli jokkupa tron ta' l-art tista' tkun biss li tbaxxi u tniżżel lil Kristu fil-grad mill-pożizzjoni, grad u titlu l-aktar għolja li xi ħadd jista' jokkupa! Jew "Alla għollieh wisq" jew le. L-Iskrittura tgħidilna dwar l-isem ta' Ġesù:

> "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17).

6. Il-glorja Tiegħu hija kompluta—1 Pietru 1:20-21.

*"Li tassew kien ippredestinat qabel it-tisjis tad-dinja, iżda kien imgħarraf f'dawn l-aħħar żminijiet għalikom. Li bih intom temmnu f'Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet, u tah glorja; biex il-fidi u t-tama tagħkom ikunu f'Alla."*

Ukoll naqraw fi Ġwanni17:5 wara li f'vers 4 Ġesù qal bi kliem l-aktar ċar li Hu "***temm** ix-xogħol li Alla tah biex jagħmel,*"

*"U issa, o Missier igglorifikani int bik innifsek stess, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja."*

U l-isem tiegħu huwa fuq "*kull isem ieħor li hu mogħti,*" għalhekk il-glorja li hija mdawwra miegħu għandha tkun kompluta wkoll. Ġwanni 17:5 jiddikjara li Ġesù tela' lura għall-glorja sħiħa ma' Alla. Xejn ma jista' jkun miżjud mal-glorja Tiegħu issa. Għalhekk, li terġa' ġġib lil Kristu lura fuq l-art ikun biss li tbaxxi lil Kristu u tnaqqaslu l-glorja Tiegħu.

7. It-tron Tiegħu huwa komplut—Kolossin 1:16:

*"Għax bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha, li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: kull ħaġa maħluqa bih u għalih."*

Aktar qabel kien ippruvat lit-tron ta' Alla u t-tron ta' Kristu huma tron wieħed. Li targumenta li sabiex it-tron ta' Kristu jkun komplut Hu għandu jiġi fid-dinja u jokkupa tron fuq l-art ikun ifisser lit-tron ta' Alla fis-smewwiet mhuwiex perfett, u lit-tron ta' Ġesù Kristu qiegħed issa fil-post il-ħażin. Imma aħna naqraw f'Lhud 4:14,

*"Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smew-wiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha."*

Ukoll naqraw f'Lhud 1:8,

> "*Imma għal l-Iben igħid: "It-tron tiegħek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek.*"

It-tron ta' Kristu jinsab fis-smewwiet u qatt aktar ma jista' jkun fuq l-art għaliex ix-xogħol Tiegħu fuq l-art Ġesù **temmu** (Ġwanni 17:4; 19:30).

8. Ix-xogħol Tiegħu hu komplut—Ġwanni 17:4:

> "*Jien igglorifikajtek fuq l-art: **temmejt** ix-xogħol li tajtni biex nagħmel*" (enfasi tiegħi).

B'żieda għall-istqarrija tal-Mulej f'din it-talba, fi Ġwanni 4:34, Ġesù jgħid:

> "*…L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' dak li bagħatni, u **ntemm** xogħolu.*"

Ukoll, fi Ġwanni 5:36, Hu jgħid:

> "*Iżda jien għandi xhieda aqwa minn dik ta' Ġwanni: għax l-egħmejjel li l-Missier tagħni biex nagħmilhom, dawn l-egħmejjel stess li jien nagħmel, jixhduli li l-Missier bagħatni.*"

Għalhekk, matul il-ministeru Tiegħu, Ġesù qal ċar li Hu ġie biex **itemm** il-pjan ta' Alla, u fit-talba Tiegħu lill-Missier, fit-tmiem tal-ministeru Tiegħu Hu qal ċar ħafna li dan għamlu: "***temmejt** ix-xogħol li tajtni biex nagħmel*"—imma l-premillenjalisti ma' dan il-kliem tal-Mulej ma jaqblux! Inti x'tagħmel, taqbel jew ma taqbilx ukoll u temmen li Ġesù għad baqagħlu elf sena oħra xogħol x'jagħmel fuq l-art? Hemm żewġ deċiżjonijiet li wieħed jista' jieħu, jew li taqbel mal-Mulej, jiġifieri li Hu **temm ix-xogħol mogħti Lilu mill-Missier** jew li taqbel mal-premillenjalisti li Ġesù għad għandu xogħol x'jagħmel fuq l-art għal elf sena! Jiena naqbel mal-Mulej li temm ix-xogħol kollu li l-Missier tah biex jagħmel.

9. Fl-aħħar—fi Kristu aħna kompluti—Kolossin 2:10:

*"U intom mimlijin fih, hu li hu r-ras ta' kull prinċipat u setgħa."*

Billi kompla u temm ix-xogħol Tiegħu fuq l-art, Ġesù Kristu mar lura fis-smewwiet, kompla l-istituzzjoni Tiegħu, il-knisja, u għamilna mimlijjin, kompluti fiha. Ma dan kollu, xi wħud jaħsbu u jgħallmu li jieħu millenju fil-futur biex jagħmilha kompluta.

(3) Mhux aktar fid-dinja—Ġwanni 17:11:

*"U issa m'għadnix aktar fid-dinja, iżda dawn huma fid-dinja, u jien ġej għandek. Missier Qaddis, ħares f'ismek stess lil dawk li tajtni, biex ikunu ħaġa waħda, bħalna."*

F'vers 5 ta' din it-talba lill-Missier Ġesù qal ċar ħafna li Hu kien igglorifika lill-Missier fuq l-art, u li kien temm ix-xogħol Tiegħu li Alla kien tah biex jagħmel. Għaliex Hu b'hekk kompla l-iskop divin, u temm ix-xogħol tal-Missier, Hu qal *"u issa m'għadnix aktar fid-dinja."* Jekk "m'għadnix aktar" tfisser *m'għadnix aktar*, imbagħad Ġesù ma jkunx aktar f'din id-dinja. Dan jaqbel ma dak li qal l-appostlu *Pawlu "minn issa 'l quddiem ma nagħrfuhx iżjed hekk"* fit-2 Korintin 5:16:

*"Minħabba f'hekk aħna minn issa 'l quddiem ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem: iva, għalkemm għarafna l-Kristu skond il-ġisem, min issa 'l quddiem ma nagħrfuhx iżjed hekk."*

Xi wħud jippruvaw jgħidu li l-ġisem li Ġesù jerġa' jiġi bih ma jkunx l-istess ġisem li Hu kellu. Din hija ħrafa għaliex *"Ġesù Kristu Hu dak li kien fl-imgħoddi, issa u għal dejjem."* (Lhud 13:8). Hekk ukoll dwar is-saltna huma jgħidu lis-saltna ma tkunx dik li nafu dwarha llum imma oħra, l-istess dwar il-kelma "ġnus" li din f'Mattew 28:19 tirriferi biss għall-Ġentili u mhux għal-Lhud ukoll (dwar dan spjegajt aktar fid-dettall f'dan l-istudju ara paġna 000), l-istess kif huma jgħallmu li l-Evanġelju li permezz tiegħu aħna nsalvaw mhuwiex l-istess evanġel-

ju li l-Lhud isalvaw meta Kristu jerġa' jiġi. Dan huwa kollu logħob bil-kliem għaliex Ġesù Kristu ma jinbidilx, is-saltna Tiegħu ma tinbidilx, l-Evanġelju Tiegħu ma jibidilx! Dak li l-appostlu Pawlu qiegħed jgħid hu li Ġesù Kristu **qatt aktar** ma jerġa' jkun fuq l-art! Ġesù darba kien magħruf fost il-bnedmin fil-ġisem, mhux kustjoni ta' xi kwalità ta' ġisem Hu kellu jew ma kellux, imma "minn issa 'l quddiem" Hu ma jkunx aktar magħruf fost il-bnedmin fil-ġisem? Il-Bibbja ma tgħidilniex li Ġesù ma jkunx magħruf aktar bil-ġisem li kellu imma li ma nagħrfuhx aktar hekk! Hekk ukoll "fil-milja taż-żmien" Ġesù ġie fid-dinja biex iwettaq il-missjoni ta' l-Iben ta' Alla, u billi temm il-missjoni Tiegħu Hu qal *"u issa m'għadniex aktar fid-dinja*." Minn issa 'l quddiem tfisser minn dak il-ħin 'il quddiem —u "iżjed" tfisser qatt ma jerġa' aktar. Dan għandu jqiegħed il-kustjoni f'postha—u tagħmel hekk ma' dawk kollha li jqisu l-Kelma ta' Alla 'l fuq mit-teoriji tal-bnedmin. Ma hemm xejn aktar għal Ġesù x'jagħmel fuq l-art—Hu **temm** ix-xogħol li l-Missier tah biex jagħmel—hekk qal Hu—mela għaliex iġġibu lura? Tistaqsi int għaliex Hu għandu jerġa' jiġi fuq kollox? Ħalli nwieġeb din l-aħħar mistoqsija.

## X. IT-TIENI MIĠJA TA' KRISTU FIT-TMIEM TAD-DINJA

Fit-tielet kapitlu tat-tieni ittra ta' Pietru l-appostlu jwieġeb il-mistoqsija ta' dawk li riedu jirrdikolaw "Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu?" (v. 4) u jagħti rakkont ta' x'jiġri meta Ġesù jiġi:

> "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej hu daqs elf sena, u elf sena daqs jum wieħed. Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad iddum; imma hu jistabar għal żmien twil magħna, għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema.*

*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu.*"

It-tielet kapitlu tat-tieni Pietru huwa l-kategorija ispirata ta' dawk il-ġrajjiet li jakkumpanjaw it-tieni miġja ta' Kristu.

**(1) Ikun it-tmiem tal-probazzjoni jew prova—vers 9.**

"*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad idum; imma hu jistabar għal żmien twil magħna, għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema.*"

Pietru b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, jiddikjara li Alla ma jridx li xi ħadd jintilef imma li kulħadd jindem. Pietru kien għadu kif qal li quddiem il-Mulej elf sena huma daqs jum wieħed. L-element taż-żmien ma jidħolx fil-wegħda tal-miġja ta' Kristu. Il-miġja ta' Kristu hija ċerta—"jasal jum il-Mulej" —imma ebda żmien ma kien imqiegħed, għalhekk ebda appuntament ma kien miksur. "*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud*"—Hu ma falla ebda appuntament. Iżda skond Miller, Russell, Rutherford u l-millenjalisti kollha li poġġew id-dati għal Kristu biex jiġi, Hu falla bosta appuntamenti. Għaliex mela, il-miġja Tiegħu tidher li ttardjat? Alla jrid lin-nies li jindmu; iż-żmien ta' l-Evanġelju huwa l-perjodu tal-prova. Biex jilħaq l-iskopijiet tal-fidwa dan iż-żmien hu mtawwal. It-Tieni Pietru 3:9 juri li ma jkunx hemm indiema wara l-miġja ta' Kristu. Dak iż-żmien huwa t-tmiem tal-prova. Dan iġib it-teorija tat-tieni ċans fix-xejn.

**(2) Ikun it-tmiem tad-dinja—vers 10.**

"*L-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu,*" u dan jiġri fl-okkażjoni tal-miġja Tiegħu. Ikun it-tmiem ta' din l-isfera tad-dinja u kull għemil materjali tal-bniedem.

**(3) Ikun it-tmiem taż-żmien—1 Pietru 4:7—1 Ġwanni 2:18.**

"*It-tmiem ta' kollox hu fil-qrib*" u "*din hi l-aħħar siegħa*" huma riferenzi għall-qerda ta' Ġerusalem, imma l-ħsibijiet li hemm magħhom huma inferenzi neċessarji ta' l-aħħar epoka—"it-tmiem taż-żminijiet (tad-dinja)"—1 Korintin 10:11. Dan ma jistax ikun veru jekk għandu jkun hemm millenju fuq l-art fit-tmiem ta' din l-epoka.

**(4) Ikun ż-żmien għall-qawmien tal-mejtin kollha—Ġwanni 5:28-29.**

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu. U joħorġu, dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna.*"

It-tajbin u l-ħżiena "joħorġu" **fl-istess** siegħa—**l-istess** qawma. Dawn li "għamlu l-ħażen" ikunu mqajmin **fl-istess** okkażjoni li fiha dawk li "għamlu t-tajjeb" joħorġu wkoll għall-ħajja. Kemm hu differenti l-kliem tal-Mulej mill-kliem tal-premillenjalisti!

Il-qawmien ta' dawk li jirċievu l-ħajja ta' dejjem ikun fl-aħħar jum. Imma 1 Korintin 15:52 jgħid li dan il-qawmien ikun "*mad-daqq ta' l-aħħar tromba,*" u fiż-żmien meta l-ħajjin ikunu "mibdula." Dan ipoġġiha fil-miġja msemmija fl-1 Tessalonikin 4 fejn l-appostlu Pawlu jgħid li l-mejtin fi Kristu jqumu qabel ma l-ħajjin ikunu mibdula u jitilgħu fis-sema. Inqabblu dawn is-siltiet, dan jagħti prova 'l fuq mill-possibbiltà ta' xi kontradizzjoni li ma jista' jkun hemm ebda perjodu ta' elf sena bejn iż-żewġ qawmien, imma pjuttost li l-qawmien tas-salvi u ta' dawk li mhumiex salvi jkunu **fl-istess** siegħa ma l-aħħar tromba, fl-aħħar jum.

**(5) Ikun il-ħaqq finali—Mattew 25:31.**

> *"Meta Bin il-bniedem jiġi fil-glorja tiegħu, u l-anġli mqaddsa kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu."*

Iż-żmien ta' din l-okkażjoni huwa "*meta Bin il-bniedem jiġi.*" Ix-xena ta' l-okkażjoni hija l-ħaqq jew il-ġudizzju—"*u jinġabru quddiemu l-ġnus kollha.*" Il-"ġnus" hawn huma **l-istess** "ġnus" imsemmija f'Mattew 28:19—"*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha.*" Huma **l-istess** ġnus imsemmija f'Luqa 24:47—"*U li l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem.*" Huwa għalhekk il-ħaqq tal-ġnus **kollha**, fuq l-art lilhom il-Mulej ikkmanda li l-Evanġelju jkun ippriedkat. Huwa mela l-jum ta' Atti 17:31*: "li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja.*" Ikun iż-żmien jew il-waqt meta ħu jifred u jissepara lill-*bnedmin "bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż*" (Mattew 25:32), meta Ġesù Kristu jgħid "ejjew ja mberkin," u lil oħrajn jgħidilhom "morru minn fejni, ja misħutin." Ikun it-tmiem meta ż-żmien jitħallat ma' l-eternità.

**(6) Ikun iż-żmien għas-saltna li tkun mogħtija lill-Missier—1 Korintin 15:24.**

> *"Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa."*

Ġesù Kristu l-Iben, irċieva s-saltna b'appuntament minn Alla l-Missier, li taha Lilu. B'appuntament minn Ġesù aħna wkoll irċevejna s-saltna u aħna naqsmuha Miegħu. Hekk jgħid Ġesù f'Luqa 22:29-30,

> *"U jien nagħtikom saltna, bħal ma tahieli Missieri; biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi fis-saltna tiegħi."*

Iżda meta dan iż-żmien jew epoka (Kristjana) jgħaddi—fit-tmiem taż-żmien, meta jiġi Ġesù Kristu—Hu jċedi l-appuntament Tiegħu u jagħti s-saltna lil Alla l-Missier. Fi kliem

ieħor, il-kummissjoni Tiegħu tispiċċa u Hu jagħti s-saltna lura lill-Missier, biex Alla jkun kollox f'kulħadd.

Ġesù qal, "*Sejjer inhejjilkom fejn toqogħdu*" u "*nerġa' niġi biex neħodkom miegħi*" (Ġwanni 14:2-3). Ġesù mhux reġa' ġej biex jipprepara fejn noqgħodu. Hu telaq biex jipprepara l-post għalina u l-promozzjoni li jmiss tagħna hija s-smewwiet. Pietru jgħid li hemm post fis-sema merfugħ għalina;

> "*għal wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx, merfugħ fis-sema għalikom*" (1 Pietru 1:4).

Ma hemm ebda xhieda li Ġesù qatt xi darba se jerġa' jqiegħed riġlu fuq l-art. Il-persuna ma tgħix u lanqas se tgħix li dan tista' tipprovah! Is-smewwiet huma t-tama tagħna. Ġesù qal lid-dixxipli Tiegħu f'Mattew 6:19-21,

> "*La taħżnux teżori fl-art għalikom fejn il-kamla u s-sadid iħassru, u fejn il-ħallelin jiftħu u jisirqu: Iżda aħżnu għalikom teżori* ***fis-sema****, fejn la l-kamla u la s-sadid ma jħassru, u fejn il-ħallelin la jiftħu u lanqas jisirqu. Għax fejn hu t-teżor tiegħek, hemm qalbek tkun ukoll.*"

L-appostlu Pawlu qal, fl-ittra lill-Filippin 30:20-21,

> "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi* ***fis-sema****; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu: li jbiddel il-ġisem ta' l-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbaħ il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond il-qawwa li biha jista' wkoll jissuġġetta kollox għalih innifsu.*"

Ukoll Pawlu qal, f'Kolossin 3:2,

> "*Aħsbu fil-ħwejjeġ* ***ta' fuq****, mhux fil-ħwejjeġ ta' l-art.*"

U Pietru qal,

> *"Għal wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx, merfugħ **fis-sema** għalikom"* (1 Pietru 1:4, enfasi tiegħi fis-siltiet kollha).

F'dawn is-siltiet kollha, u f'ħafna oħrajn bħalhom, il-Mulej tagħna ġibed il-qlub tagħna minn din id-dinja. Hija ħasra li ħafna jemmnu li huma se jkomplu jgħixu fuq l-art għal dejjem ta' dejjem. Huma qegħdin iċaħħdu lilhom infushom minn dak il-"wirt" imwiegħed mill-Mulej li hu "merfugħ **fis-sema** għalina lkoll" u qegħdin jittamaw għall-wirt imwiegħed mill-bnedmin li ma hu xejn ħlief duħħan! Aħna emminna dawn il-wegħdiet, u l-ħsibijiet tagħna huma fil-ħwejjeġ ta' fuq, it-teżori u ċ-ċittadinanza tagħna huma fis-smewwiet u mhux fl-art, u aħna nistennew biex f'xi jum immorru hemm mal-Mulej. Imma skond il-millenjalisti, wara ftit li aħna mmutu u mmorru fuq in-naħa l-oħra, nerġgħu nduru u nimmarċjaw lura għal din id-dinja għal elf sena aktar ta' stennija! Dan huwa kollu prużunzjoni u nuqqas ta' rispett lejn il-Kelma divina ta' Alla!

Il-premillenjaliżmu jmur direttament kontra t-tagħlim tal-Mulej u ma hu xejn ħlief materjaliżmu. Ma hemm xejn fih li jista' jwassal għall-ispiritwalità. Huwa kuntrarju għall-karattru tal-Kristjaneżmu u kontraditroju għal kollox għall-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Ebda bniedem ma jista' jemmen fil-premillenjaliżmu u jemmen fl-Evanġelju ta' Kristu.

Mela ħalli aħna nagħrfu l-awtorità sovrana ta' Ġesù Kristu s-Sultan tas-slaten u s-Sid tas-sidjien kollha, ninkurunawh fi qlubna, inwarrbu kull ħaġa oħra, nagħtu Lilu servizz fidil għall-milja tas-snin, u l-premju ma jkunx millenju materjali imma smewwiet bla tmiem fid-dar eterna tar-ruħ.

*****************************************************
*****************************************************

## IS-SEBGĦIN ĠIMGĦA TA' DANJEL 9:23-27

# (p. 513)

"*Għax dawn huma jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ kulma nkiteb*" (Luqa 21:22).

"*Fil-bidu tat-tħannin tiegħek ħarġet kelma, u jien ġejt biex ngħarafhielek; għax int maħbub wisq: għalhekk moħħok fil-kelma, u ifhem id-dehra. Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex ikun miżmum il-ħażen, u biex jintemmu d-dnubiet, biex titħallas il-ħtija, u biex tiġi s-sewwa ta' dejjem, u tkun issiġillata d-dehra u l-profezija, u jindehen il-post l-aktar qaddis. Kun af, mela, u ifhem! Mill-ħruġ tal-kelma biex jagħtu l-ħajja u jerġgħu jibnu lil Ġerusalem sal-Messija, il-Prinċep, ikun hemm seba' ġimgħat, u fi tnejn u sittin ġimgħa tarġa' lura u tinbena, pjazez u swar, imqar fi żmien ta' taħbit. Wara t-tnejn u sittin ġimgħa, il-Messija jkun meqrud, bla ma jkollu ħtija: u l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, iġarraf il-belt u s-santwarju. U tmiemu jkun b'mewġa li tgħarraq; sa l-aħħar ikun hemm taqbid: taħrib li għandu jsir. Jagħmel rabta qawwija ma' ħafna għal ġimgħa waħda: iżda f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġwenaħ ta' ħaġa mistkerrha jiġi wieħed li jagħmel ħerba; sama t-tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba*" (Danjel 9: 23-27).

Dan il-kapitlu. Ta' spiss irriferut bħala "is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel" huwa l-qasba taz-zokkor ta' xi denominazzjonijiet bħal Seventh Day Adventist, Millenial Dawnists, u x-Xhieda ta' Ġeħovah, u dwar id-dellijiet u l-kuluri kollha tal-Millenjali-

sti. Ħadd minnhom ma jidher li huwa ċert dwar it-tifsira tiegħu iżda huma "jiffugurawha" fl-interpretazzjoni tal-millenju.

L-interpretazzjoni ta' "jum sena," huma jgħidulna li tagħmel is-sebgħin ġimgħa perjodu ta' 490 sena. Mela kif jafu huma lit-"tribulazzjoni" hija letteralment sebgħin sena biss tul? U kif jafu huma li l-elf sena li huma jsejħulhom il-millenju huma biss letteralment elf sena? Bir-regola ta' interpretazzjoni tagħhom stess tas-sebgħin ġimgħa (jum-sena) it-"tribulazzjoni" għandha tkun 2555 sena u l-millenju jkun ta' 365,000 sena. Dan in-nies millenjali jiffiguraw sewwasew kif huma jipprofetizzaw!

Il-Kelma ta' Alla tagħtina din it-twissija serja ħafna:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll twissina permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, **skond it-tagħlim tal-bnedmin**, u skond l-elementi tad-dinja**, u mhux skond Kristu***" (Kolossin 2:8).

Mela, ħalli naraw sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar is-sebgħin ġimgħa u x'jgħid il-bniedem dwarhom.

Jintqal fit-test lis-sebgħin ġimgħa bdew mill-ħruġ tal-kmandament biex terġa' tinbena u tkun irrestawrata Ġerusalem. Ibbażat fuq il-prinċipju aċċettat li l-ġimgħat mhumiex ta' jiem imma snin, kull ġimgħa għandha tkun seba' snin, u l-aktar kronoloġija sodisfaċenti u aċċetta turi lid-disa' u sittin ġimgħa *twassal il-profezija għall-kurċifissjoni ta' Kristu*; u l-ġimgħa waħda biex tkompli s-sebgħin, is-seba' snin mill-kurċifissjoni għall-konverżjoni ta' Kornelju, meta l-patt kien ikkonfermat "ma' ħafna"—id-dħul tal-Ġentili fil-patt il-ġdid. Mingħajr kalkulazzjoni matematika, li jmiss kienet il-qerda ta' Ġerusalem, murija bil-kwotazzjoni ta' vers 27 ta' Danjel 9 f'Mattew 24:15. Dan iqiegħed f'postha l-ġrajja li għandha ssegwi l-

konferma tal-patt—Danjel 9:27—il-profanazzjoni tat-tempju mir-Rumani fil-qerda ta' Ġerusalem.

Grupp kbir ta' kummentaturi, storiċi, skulari, u awtoritajiet kronoloġiċi huma fi qbil mal-veduta lis-sebgħin ġimgħa jirrelataw għall-perjodu kollu bejn il-proklama ta' Ċiru u t-tmiem tal-federazzjoni Lhudija. Ma jistax ikun ċans li mis-seba' sena ta' Artasersi meta l-kummissjoni kienet mogħtija lil Eżdra (Eżdra 7) biex jirrestawra lil Ġerusalem, għall-mewt ta' Kristu, kien preċiżament in-numru ta' ġimgħat ta' snin; u li mill-mewt ta' Kristu għall-kmand mogħti lil Pietru biex jippriedka lil Kornelju dan kien preċiżament ġimgħa waħda ta' seba' snin; u li mill-mixja ta' Vespasjan fil-Lhudija għat-teħid ta' Ġerusalem kien preċiżament nofs settenarju (seba') ta' snin, jikkorrespondi mal-ġrajjiet ta' abominazzjoni u deżolazzjoni li jsiru f'nofs ġimgħa waħda. Hekk hu stmat li miż-żmien ta' l-eżilju, imsemmi f'vers 2, ikun hemm sebgħin sena ta' deżolazzjoni għal Ġerusalem, u lis-sebgħin ġimgħa ta' Danjel huma estensjoni ta' l-użu bibliku tas-sebgħin tas-sebajiet, u xi drabi letterali waqt li xi drabi figurattiv f'riferenza ta' żmien; imma dejjem indikattiv ta' xi ħaġa barra minn applikazzjoni letterali jew matematika. Is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel huma hekk applikati għall-perjodu bejn il-proklama għar-restawrazzjoni ta' Ġerusalem wara s-sebgħin sena ta' eżilju u l-miġja ta' Kristu, inkluż il-konverżjoni tal-Ġentili u segwita bid-deżolazzjoni tat-tempju u l-qerda ta' Ġerusalem mir-Rumani.

Huwa muri lis-sebgħin ġimgħa huma *heptades*, somma jew numru ta' seba', jew gruppi ta' seba', u mhux neċessarjament isegwu f'suċċessjoni sabiex iwettqu l-iskop profetiku; imma l-*heptades* jistgħu jkunu isseparati b'perjodi ta' ġrajjiet oħra, u għalhekk mhumiex suġġetti għall-kalkulazzjoni matematika kontinwa jew suċċessiva. F'din il-veduta l-ewwel heptad ikun il-perjodu tar-restawrazzjoni taħt il-proklama ta' Ċiru; it-tieni heptad ikun iż-żmien neċessarju li jintervjeni bejn ir-restawrazzjoni u t-tranżizzjoni għaż-żmien il-ġdid u s-saltna ta' ġustizzja eterna; it-tielet u l-aħħar heptad ikun il-perjodu tat-temma tal-profezija bejn it-tneħħija tal-Messija u t-tmiem ta' l-istat Lhudi,

ma jindikax data eżatta jew ġrajja waħda, imma jilħaq fil-wisa' l-esekuzzjoni ta' Neruni u l-qirda ta' Ġerusalem, li tgħaqqad Danjel 9:27 mal-kwotazzjoni tal-Mulej f'Mattew 24:15. Kien matul dan il-perjodu li l-oblazzjoni (offerta) u s-sagrifiċċju waqfu, u t-tempju meqrud biċ-ċerimonji u s-servizzi tas-santwarju.

Mela *t-terminus a quo*—it-tmiem jew limitu li minnu—għat-*terminus ad quem*—it-tmiem jew limitu għal liema; jew, fi kliem aktar sempliċi, il-punt tal-bidu u l-punt tat-tmiem, ikun il-perjodu kollu mill-proklama ta' Ċiru għall-waqa' finali ta' l-istat Lhudi minn Neruni, magħrufa b'perjodi ta' seba' imma mhux neċessarjament maqgħudin, ikun hemm xi ġrajjiet storiċi bejniet, jinterrompu s-suċċessjoni tal-heptades. Diversi sforzi biex jistabilixxu d-dati li jikkorrespondu biex jaqblu ma' kalkoli matematiċi eżatti fir-realtà ippreżentaw diskrepanzi, u fallew f'ċerti punti, il-perjodi jkunu jew twal ħafna jew qosra ħafna, iżda applikazzjoni għall-perjodi tal-heptad jilħqu l-ħwejjeġ imsemmija, jipprovdu għal żviluppi storiċi, tarmonizza ma' l-iskop tal-profeziji fuq il-frażijiet kollha ta' twettiq, u hija konsistenti ma' l-istruttura tal-viżjoni apokalittika. Bosta eżempji ta' applikazzjonijiet bħal dawn, fosthom ir-riferenza f'Levitku 26 għal Iżrael tkun milquta "seba' darbiet" li huwa, naturalment, mhux matematiku; u l-użu ta' l-esspressjoni "sebgħin għal seba'" f'Mattew 18:22.

Meta dati eżatti huma mfissra, dawn ikunu speċifikati kif insibu f'Isaija 7:5-9 meta ż-żmien għal Efrajm, l-għaxar tribujiet, li jitfarrak u "ma jibqax poplu" (v. 8) kien imqiegħed mill-profeta għal ħamsa u sittin sena mill-ħin imsemmi u kien imwettaq matematikament. Il-perjodu ta' l-eżilju ta' Iżrael mogħti f'Ġeremija 25:12—sebgħin sena—joffri eżempju ieħor. Imma meta perjodi jkunu l-bażi ta' viżjoni profetika u deskrizzjoni apokalittika dawn ma jkunux suġġetti għall-matematika eżatta daqs kemm mhumiex termini bħal "għaxart ijiem" u "elf sena" f'konnessjoni mal-profezija u apokalissi. Is-sabbath tal-Lhud kien is-seba' jum tal-ġimgħa, u l-ġublew kien ibbażat fuq seba' għal seba' snin. It-terminu seba' għandu jindika żmien komp-

lut, waqt li l-użu tat-tliet ġimgħat u nofs jew xhur jew jiem, kif xi drabi wżat, ikun nofs ta' seba' ikun inidkattiv ta' perjodu ta' żmien mhux komplut. Fid-deskrizzjoni tal-qawmien ta' Antijoku Epifani, il-persekutur tal-perjodu tal-Makkabin, użu huwa magħmul għal "żmien, żminijiet, u nofs żmien"—*żmien* ikun sena, *żminijiet* sentejn u *nofs żmien*, sitt xhur, jew il-"qsim taż-żmien" f'Danjel 7:25—li jaqbel eżatt fir-rakkont ta' Josephus, u storiċi oħra, dwar il-perjodu li fih Antijoku biddel *iż-żminijiet u l-liġijiet*, meta neħħa l-qima tat-tempju u waqqaf l-offerta tas-sagrifiċċji ta' kuljum għal tliet snin u nofs. Dan huwa skond l-istqarrija ta' Danjel 7:25:

> "*Huwa jgħid kliem kontra Alla l-Għoli, biex jifni lill-qaddisin ta' l-Għoli, u jkun irid ibiddel iż-żminijiet u l-liġi, u dawn jingħatawlu f'idejh għal żmien, żminijiet, u nofs żmien.*"

It-tnejn, id-deskrizzjoni u l-perjodu jaqblu fl-istorja tal-persekutur Antijoku Epifani u t-trattar tiegħu mal-Lhud devoti u l-qima tat-tempju matul l-oppressjoni ta' Antijoku.

B'dawn il-konsiderazzjonijiet fuq id-diversi metodi li tikkonsidra l-perjodiċità tan-numri septenarji fil-viżjonijiet ta' Danjel, is-*sebgħin ġimgħa* ta' Danjel għandhom jiġu bejn iż-żewġ dati tal-limiti: il-proklama ta' Ċiru u Artasersi għar-restawrazzjoni ta' Ġerusalem bħala t-*terminus a quo*—li minnu tikkalkula l-bidu tal-ġrajjiet kollha li jappartjenu għall-perjodu, u l-qerda ta' Ġerusalem bħala t-*terminus ad quem*, it-tmiem tiegħu. Id-data tal-bidu li turi l-limitu iffissata mill-istqarrija ta' Danjel "mill-ħruġ tal-kelma" (kmandament) f'Danjel 9:25, u d-data tat-tmiem li turi l-limitu hija ffissata mill-kwotazzjoni tal-Mulej f'Mattew 24:15 dwar "l-għajb tal-ħerba" li kienet imwettqa fil-qerda ta' Ġerusalem taħt Neruni u Vespasjan, 70 W.K. Bil-perjodu ġenerali ddeterminat, il-ġrajjiet jistgħu jkunu irranġati u mfissra skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' Danjel 9:23-27, u s-siltiet tat-Testment il-Ġdid li wettquhom:

1. Sebgħin ġimgħa mill-kmandament (kelma)—Danjel 9:23-27.
2. Spiċċa l-ksur, it-trassgressjoni u għamel tmiem għad-dnub—Lhud 10:12; Efesin 2:15.
3. Iġib ġustizzja ta' dejjem—Rumani 3:21-31.
4. Rikonċiljazzjoni għall-ħażen—Kolossin 1:20; Lhud 2:17.
5. Midluk l-aktar Qaddis—Atti 4:26-27; Lhud 1:8-9.
6. Il-Messija imneħħi—Isaija 53:8; Atti 8:32-33.
7. Jeqred il-belt u s-santwarju (tempju)—Mattew 24:1-34.
8. Patt ikkonfermat ma' ħafna—Atti 10:34; Rumani 9:30.
9. Issiġilla l-viżjoni—jindika l-viżjoni kompluta bit-twettiq tagħha fil-ġrajjiet speċifikati.

Li l-konferma tal-patt fil-profezija tirriferi għad-dħul tal-Ġentili huwa muri bil-konnessjoni ta' Rumani 9:30-33 u 1 Pietru 2:1-10, liema siltiet juru li l-patt ta' Isaija 28:16 jinkludi l-Ġentili, u jsib twettiq fl-istqarrija ta' Pietru f'Atti 10:34-35 fid-dar ta' Kornelju:

> "*...Tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd: Imma* ***f'kull ġens****, dak li għandu l-biża' tiegħu, u jagħmel is-sewwa, hu milqugħ minnu.*" (enfasi tiegħi).

Il-punt tat-tmiem tal-profezija huwa muri li hu l-qerda ta' Ġerusalem kif intqal minn qabel mill-Mulej f'Mattew 24, u mqiegħed f'postu bil-kwotazzjoni Tiegħu stess mill-profezija ta' Danjel, f'vers 15—u minn dan, għal dak li jemmen fi Kristu, ma jista' jkun hemm ebda appell. Għandu jkun osservat li Danjel ma qalx li l-Messija jkun meqrud *f'nofs tal-ġimgħa*—is-silta tgħid li "l-Messija jkun meqrud, imma bla ma jkollu ħtija" (9:25). L-esspressjoni "f'nofs il-ġimgħa" (v. 27) hija marbuta mal-kawża lis-sagrifiċċji u l-offerti li jieqfu *wara* li l-patt (rabta) kien *ikkonfermat* mal-Ġentili. Il-frażi "f'nofs il-ġimgħa" ma tindikax *in-nofs* tal-ġimgħa imma *matul* il-ġimgħa. Il-Messija kien imneħħi fil-kurċifissjoni ta' Kristu, jispiċċa t-trasgressjoni, jagħmel tmiem tad-dnub, jagħmel rikonċiljazzjoni għall-ħażen, u jġib il-patt għall-ġustizzja ta'

dejjem—imma fost il-Lhud is-sagrifiċċji, offerti u s-servizzi kollha tat-tempju komplew sal-qerda ta' Ġerusalem. Kienet dik il-ġrajja li kellha "tikkawża s-sagrifiċċji u l-offerti li jieqfu," u r-raġuni mogħtija kienet "għat-tifrix ta' stmerrija…sa ma tin-temm" (v. 27). U din il-ġrajja tkun il-konsegwenza għall-konferma tal-patt mal-Ġentili. Aqra s-silta kollha ta' Danjel 9, vers 27:

> "*Hu jagħmel* (jikkonferma) *rabta qawwija ma' ħafna għal ġimgħa waħda, u f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf* (jikkawża) *is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ* (tifrix) *ta' ħaġa mistkerrha, hu jagħmel ħerba, sa ma tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissaw-wab fuq dak li jagħmel il-ħerba.*"

Għalhekk, il-qerda ta' Ġerusalem kienet il-punt tat-tmiem tal-ġrajjiet kollha matul is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel, tilħaq il-konklużjoni ta' l-eżilju, it-tiswib taż-żminijiet ta' l-Evanġelju, il-konsagrazzjoni tal-Messija għall-uffiċċju Tiegħu tal-fidwa, u t-tmiem tas-servizzi kollha tat-tempju bit-temma ta' l-istat Lhudi.

## DANJEL 12:1-2

*"F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm żmien ta' diqa, li bħala qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien: u f'dak iż-żmien jinħeles il-poplu tiegħek, kull min jinsab miktub fil-ktieb, u ħafna minnhom, li huma reqdin fit-trab ta' l-art iqumu, x'uħud għall-ħajja ta' dejjem, u oħrajn għall-għajb u għall-infamja ta' dejjem."*

Din is-silta tirriferi għaż-"żmien ta' diqa," li, skond il-millenjalisti jfisser "it-tribulazzjoni l-kbira" li tiġi qabel il-millenju. Iżda għandu jkun osservat li f'dan "iż-żmien ta' diqa," it-tnejn kemm il-ġusti u kemm il-ħżiena huma mqajmin. It-teorija millenjali teħtieġ li l-ġusti jkunu mqajmin l-ewwel, imbagħad l-elf sena, u wara l-millenju l-qawmin tal-ħżiena, għalhekk il-qawmien tal-ħżiena ma jiġrix sa elf sena wara "t-tribulazzjoni. Imma Danjel 12 għandu l-ħżiena mqajma "f'dan" iż-żmien ta' diqa flimkien mal-ġusti. Mela ma tistax tkun "it-tribulazzjoni tal-millenju."

Kif il-millenjalisti jsibu xi silta fil-Bibbja jew fl-Almanakk li tirriferi għall-"korla" jew "inkwiet" jew "battalja" huma jaqbżu għat-tribulazzjoni, għall-millenju u Armageddon.

Ir-riferenza f'dawn il-versi hija għall-ġustifikazzjoni tal-kawża Lhudija mill-kustodju ta' Iżrael, muri minn Danjel bħala Mikiel, li daħal biex jeħles lil Iżrael miż-żmien ta' inkwiet. Żmien bħal dan fl-istorja ta' Iżrael huwa msemmi fil-ktieb ta' l-ewwel Makkabin 1:10, 20, 22, 29, 30, 39 u fl-istorja ta' Josephus. Dan il-perjodu kien imfisser bħala l-agħar żmien ta' diqa sa minn meta Iżrael kien nazzjon *sa dak iż-żmien*. Id-deskrizzjoni hija dik tal-persekuzzjonijiet ta' Antijoku Epifani wara li l-profezija tat-Testment il-Qadim kienet magħluqa u matul il-perjodu bejn it-testmenti. Il-ħelsien li kien imwiegħed lil "kull min jinsab miktub fil-ktieb" jirriferi għall-fortuni tal-Lhud li baqgħu ħajjin wara l-perjodu ta' persekuzzjoni ta' Antijoku, li bla dubju huwa s-sens li fih il-qawmien huwa wżat f'vers 2. Xi wħud "iqumu" minn dan il-perjodu ta' perse-

kuzzjoni għall-ħajja ta' dejjem offruta fl-Evanġelju, u oħrajn għall-għajb u stmerrija li akkumpanjaw it-telfa tal-kawża ħażina ta' Antijoku. Il-qawmien hawn jikkompara figurattivament mal-qawmien imsemmi minn Isaija (26:13-19) u Eżekjel (37:1-14) f'riferenza għall-ħelsien mill-persekuzzjoni u l-jasar ta' Babel.

F'versi 5 sa 7 Danjel jgħid:

> "*Imbagħad jien, Danjel, ħarist, u, ara tnejn oħra kienu weqfin, wieħed fuq naħa waħda tax-xmara, u l-ieħor fuq in-naħa l-oħra tax-xmara. U wieħed qal lir-raġel liebes il-għażel, li kien 'il fuq mill-ilma tax-xmara: Kemm idum biex jasal it-tmiem ta' dawn il-ħwejjeġ tal-għaġeb? U smajt ir-raġel libes il-għażel, li kien 'il fuq mill-ilma tax-xmara, xħin rafa' idu l-leminija, u idu x-xellugija lejn is-sema, u ħalef bil-ħaj ta' dejjem, li dan ikun għal żmien, żminijiet, u għal nofs żmien; u hekk kif tkun tkissret għalkollox il-qawwa tal-qerried tal-poplu mqaddes, dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu.*"

Fis-sena 167 Q.K. Antijoku neħħa s-sagrifiċċji tat-tempju, li kienu irrestawrati mill-Makkabin fis-sena 163 Q.K., perjodu ta' tliet snin u nofs, "iż-żmien, żminijiet, u nofs" eżatti li Danjel qal "dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu," jispiċċaw.

Il-perjodu kollu ta' *dawn il-ħwejjeġ* huwa mqiegħed 'il quddiem f'versi 8 sa 13:

> "*Jien smajt, u ma fhimtx: imbagħad għidt: O Sidi, x'ikun it-tmiem ta' dawn il-ħwejjeġ? U qal: Mur, Danjel: għax il-kliem magħluqin, issiġillati sa żmien it-tmiem. Ħafna jitnaddfu, u jitbajdu, u jiġġarrbu; iżda l-ħżiena jagħmlu l-ħażin: u l-ebda wieħed mill-ħżiena ma jif-hem; iżda l-għorrief jifhmu. U mindu jitneħħa s-sagrifiċċju ta' kuljum, u l-għajb li jġib ħer-*

*ba jitwaqqaf, ikun hemm elf u mitejn u disgħin jum. Imbierek min jistenna, u jilħaq sa elf u tliet mija u ħamsa u tletin. Iżda int tibqa' sejjer fit-triq tiegħek sat-tmiem: għax int tistrieħ, imbagħad tarġa' tqum biex tieħu sehem wirtek fi tmiem il-jiem.*"

It-terminus li minnu dan il-perjodu jibda sat-terminus tal-perjodu lis-sagrifiċċji kienu bdew mill-ġdid jipprovdu "l-elf u mitejn u disgħin jum." U Antijoku kien imneħħi u miet *ħamsa-u erbgħin jum* wara, kif jintqal f'vers 12. Ftit jista' jkun possibbli li dan il-qbil ta' l-istorja mal-profezija ta' Danjel kapitlu 12 jista' jkun aċċidentali, u dan juri lir-riferenza kienet għall-perjodu ta' Antijoku u kienet imwettqa fil-ġrajjiet ta' dak il-perjodu.

Iżda kien intqal lil Danjel f'vers 13 biex:

"*ibqa' sejjer fit-triq tiegħek sat-tmiem: għax int tistrieħ, imbagħad tarġa' tqum biex tieħu sehem wirtek fi tmiem il-jum.*"

Hawn Danjel kien infurmat li, billi kien xiħ hu ma kienx se jgħix biex jara t-twettiq ta' dawn il-ħwejjeġ.

Jekk oġġezzjoni hija offruta ħalli tagħmel dawn il-perjodi matematikament eżatti, fil-waqt illi f'waqtiet oħra dawn mhumiex, huwa biżżejjed li nfakkar dwar l-istqarrija li kienet magħmula qabel: li meta perjodu eżatt ikun imfisser, il-kontenut jagħti l-ispeċifikazzjoni għalih, eżempju ta' dan huwa f'Isaija 7:5-8, il-ħamsa u sittin sena għat-tmiem ta' l-għaxar tribujiet; u Ġeremija 25:12 f'riferenza għas-sebgħin sena ta' eżilju f'Babel. Il-każ preżenti mhuwiex differenti fil-karattru, fil-perjodu tal-Lhud taħt Antijoku Epifani.

## X'KIENU L-KONSEGWENZI GĦALL-ĠENERAZZJONI LI RRIĠETTAT LIL KRISTU? KIENET ID-

## DEŻOLAZZJONI TA' 70 W.K. IMBASSRA MINN KRISTU?

"*Għax dawn huma jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ kulma nkiteb*" (Luqa 21:22).

"*Il-profeti* kitbu *ħafna ħwejjeġ* dwar iż-żmien meta Alla jikkastiga *lill-poplu Tiegħu*. Dan huwa ż-żmien meta dawn il-ħwejjeġ kollha għandhom jiġru." Dan kien imbassar minn Ġeremija 5:29 u minn Ħosegħa 9:7.

Xi wħud jassumu li dak li naqraw f'Luqa 21:24, "sa ma jintemm żmien il-Ġentili" u dak li naqraw f'Rumani 11:25, "…sama l-milja tal-Ġentili tidħol" li meta "n-numru sħiħ" tal-Ġentili jkun ikkonvertit għal Kristu, il-Lhud jerġgħu jiġu fil-favur ta' Alla. Imma ma jidher li hemm ebda raġuni tajba għal din il-veduta, għaliex sa mill-Jum ta' Pentekoste dawk kollha li Alla jistieden biex jiġu Għandu permezz tal-messaġġ ta' l-Evanġelju, ukoll dawk li huma l-bogħod kemm jekk Lhud u kemm jekk Ġentili, jistgħu jkunu salvi. Il-prijorità tal-Lhudi kienet mitlufa fis-salib, imma l-Evanġelju, naturalment, għandu jkun ippridkat lill-bnedmin kollha, kemm lil-Lhud u kemm lill-Ġentili, sama Kristu jerġa' jiġi.

F'Danjel, kapitlu disa', l-anġlu Gabrijel qal lil Danjel li kien hemm "sebgħin ġimgħa" iddeterminati fuq il-poplu ta' Iżrael bħala nazzjon. Vers 26 juri lit-tkomplija ta' dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa speċifikament għandha ġġib il-qerda tal-belt u tas-santwarju ta' Ġerusalem. Kristu, f'li jiddeskrivi l-ħażen tal-mexxejja Lhud f'Mattew 23, għalaq billi qal li fuq dik il-ġenerazzjoni jew nisel jiġi d-demm kollu tan-nies sewwa mċarċar fuq l-art, mid-demm ta' Abel (Mattew 23:35). Dawn iż-żewġ profeziji huma relatati direttament għal xulxin. Kristu, wkoll f'wirja tal-ġudizzju li kellu jiġi fuq in-nazzjon ta' Iżrael, qalilhom,

"*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba*" (Mattew 23:38).

Din hija l-istess lingwa li hija wżata f'Danjel kapitlu disa' li tirriferi għat-tkomplija tal-perjodu tas-sebgħin ġimgħa.

L-ewwel, aħna għandna nirealizzaw meta l-ħerba ġrat. Ħafna jgħallmu li din tkun matul perjodu ta' tribulazzjoni ta' seba' snin, li fih Alla jispiċċa l-ittrattar tiegħu "man-nazzjon ta' Iżrael." Kristu Nnifsu, iżda, qal li l-ġudizzju jiġi fuq dak in-nisel jew ġenerazzjoni, li kien jgħix dak iż-żmien. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li wieħed ikun biss Lhudi jekk huwa jkun imwieled mill-ġdid. Permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħid bi kliem ċar ħafna:

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma t'Alla*" (Rumani 2:28-29).

Ħaġa ta' l-iskantament hija, kif, wara li wieħed jaqra dan il-kliem ispirat li m'għandu bżonn l-ebda tifsira ikompli jsostni li l-poplu fiżiku Lhudi għad jerġa' jkollu ċ-ċans ieħor li jsalva, (barra minn dak ta' l-Evanġelju) imma aħna nafu, u dan nafuh għaliex tgħidulna l-Kelma ta' Alla, li l-uniku "nazzjon ta' Iżrael" wara Kristu huwa l-ġisem ta' emmiena li twieldu mill-ġdid mill-ilma u l-ispirtu. F'Mattew 21:43, meta Kristu ikkonfronta lill-mexxejja Lhud fejn qalilhom:

> "*Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha*"

Hu kien qiegħed biċ-ċar jidentifika li ttrattar tiegħu man-"nazzjon ta' Iżrael" dalwaqt kien se jkun komplut. Naraw li l-ġudizzju kellu jiġi fuq dik il-ġenerazzjoni, x'sar minn din l-aħħar ġenerazzjoni ta' "Lhud" mhux salvi?

Fi twettiq tal-profeziji ta' Danjel kapitlu disa', u l-profeziji ta' Ġesù Kristu, il-ġudizzju jew ħaqq ta' Alla ġie fuq dak in-nazzjon li ma tax frott fis-seba' snin ta' gwerra (mil-lum 'l quddiem sempliċiment imsejjaħ '70 W.K.' Ara Josephus' War Archive), li kien irrappreżentat mill-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K., meta l-belt kienet assedjata u meqruda għal

kollox. Dan huwa l-ġudizzju stess li kien imwiegħed għad-diżubbidjenza f'Levitku 26, f'Dewteronomju 28, fl-1 Slaten 9, fit-2 Kronaki 7, u f'ħafna postijiet oħra. Mattew 24, u Luqa 21 jagħtu d-data ta' din il-qerda b'mod ċar bħala li hi d-deżolazzjoni tan-nazzjon kollu Lhudi mis-sena 66-73 W.K., bil-qerda ta' Ġerusalem fil-punt tat-tliet snin u nofs.

Ir-riferenza ta' Mattew 24 tidentifika l-qerda tal-belt u tas-santwarju bħala li tiġri, l-ewwel nett, sewwasew għal jum tal-profezija tiegħu. F'Mattew 24:34, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Dan in-nisel ma jgħaddix, "sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha." Ħafna jgħidu, kif diġa semmejt aktar qabel, li l-kelma "nisel" jew ġenerazzjoni ma tirriferixxix għaż-żmien, imma għax-xorta ta' nies involuti. Aħna nafu li dan mhux minnu, għaliex f'Luqa 17:25, Kristu jirriferi għall-kurċifissjoni Tiegħu, fejn jgħid,

> "*Imma qabel jaħtieġ li jbati ħafna, u jinċaħad minn dan **in-nisel**.*"

Hawn biċ-ċar Ġesù qiegħed jagħmel kummentarju fuq nisel speċifiku. Ukoll, fl-lingwa l-aktar ċara, Ġesù Kristu qal lill-qassis il-Kbir, f'Mattew 26:64,

> "*…mil-lum 'l quddiem taraw Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tas-setgħa, u ġej fuq is-sħab tas-sema.*"

F'Mattew 16:28, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Ikun hemm x'uħud mil-li qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, sama jaraw Bin il-bniedem ġej fis-saltna tiegħu.*"

Barra minn dan, dak kollu li Kristu qal li se jiġri fuq dak in-nisel jew fuq dik il-ġenerazzjoni, ġara! Din l-istqarrija ċara u letterali minn Alla Nnifsu, timplika lit-twettiq tal-ġudizzji ta' Danjel 9 kellu jiġri fis-sena 70 W.K., tista' tkun issostanzjata

f'modi oħra. Riferenza ta' Mattew 24:15 mar-rakkont ta' Luqa tgħaqqad il-qerda ta' Ġerusalem bħala li tiġri meta dik il-ġenerazzjoni tara l-belt imdawra b'armata. Naqraw f'Mattew,

> "*Għalhekk meta taraw il-għajb tal-ħerba, li fuqha tkellem il-profeta Danjel, qiegħda fil-lok imqaddes (ħa jifhem min jaqra). Imbagħad ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji*" (Mattew 24:15-16).

Juża l-istess kmand għan-nies tal-Lhudija biex jaħarbu, Kristu jgħid, f'Luqa 21:20,

> "*U meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha.*"

U biex jidentifika biċ-ċar x'inhu l-iskop għall-ħerba, jintqal lilna, f'vers 22,

> "*Għax dawn huma l-jiem ta' tagħdib, biex iseħħ kulma nkiteb.*"

Jekk, tassew, il-korla tal-Mulej kienet imsawba fuq in-nazzjon Lhudi magħmul "ħerba" fis-sena 70 W.K., xi jsir mill-profeziji f'Danjel 9:24-47 li jidentifikaw it-tlestija tan-nazzjon li ma tax frott bħala li ġraw fit-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, meta l-belt u s-santwarju (il-lok il-qaddis) kienu meqruda? Għandna aħna nifhmu li dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa kien imwettaq fil-qerda fis-sena 70 W.K.? Żomm f'moħħok lis-sebgħin ġimgħa kienu iddeterminati fuq "il-poplu tiegħek u l-belt imqaddsa tiegħek," u li mat-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, il-belt u s-santwarju jkunu meqruda. Dan kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Meta Kristu miet fuq is-salib "*kollox kien mitmum.*" Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex it-tempju jerġa' jinbena, sempliċiment biex dan ikun jista' jinqered, billi dan diġa ġara! Ukoll, mat-tmiem ta' dan il-perjodu, "is-sagrifiċċju u l-offerta" (Danjel 9:27) kellhom jieqfu. Dan, ukoll, kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex is-sagrifiċċji jerġgħu jibdew, sempliċiment biex ikunu jistgħu

jerġgħu jieqfu, billi dan diġa ġara! F'aktar konferma, Danjel 9:24 isemmi sitt ħwejjeġ speċifiċi li jkunu mwettqa mat-tmiem ta' dan il-perjodu, liema kienu mwettqa kollha. F'konferma tat-twettiq, dan jaqra, "Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex:

1. "**Ikun miżmum il-ħażen,**"
   –Dan kien imwettaq (Luqa 11:47-51; Mattew 23:29-32; Mattew 21:33-45).
2. "**Jintemmu d-dnubiet,**"
   –Dan kien imwettaq (Ġwanni 1 :29; Mattew 1:21; Atti 10: 43; Lhud 9:26).
3. "**Titħallas il-ħtija,**"
   –Dan kien imwettaq (2 Korintin 5:18-21; Lhud 2:17; Kolossin 1:20; Rumani 5:10).
4. "**Tiġi s-sewwa ta' dejjem,**"
   –Dan kien imwettaq (Rumani 3:25-26; Lhud 9:12; 2 Tessalonikin 2:16; 2 Korintin 9:9).
5. "**Issiġillata d-deħra u l-profezija,**"
   –Dan kien imwettaq (Lhud 1:1-2; Ġwanni 1:1; 2 Pietru 1: 19-21).
6. "**Jindeħen il-post l-aktar qaddis.**"
   –Dan kien imwettaq (Mattew 3:15-17; Luqa 4:18; Atti 4: 26-27; 10:38).

Ta' interess, Kristu, fi tweġiba għall-mistoqsija dwar kemm-il darba għandu wieħed jaħfer lil ħuh, Hu wieġeb billi qal, "imma sa sebgħin għal seba' darbiet" (Mattew 18:22), li huwa l-istess ammont eżatt taż-żmien fis-sebgħin ġimgħa ta' Danjel. L-implikazzjoni hija li hemm tmiem għas-sabar ta' Kristu man-nazzjon Tiegħu. Kristu wettaq il-patt li huma kisru sewwa 'l fuq minn 490 'darba'. Ħa nagħmilha ċara hawn. Dan ma jfissirx li Kristu kien qiegħed jgħid li wara "sebgħin sebajiet" aħna m'għandniex naħfru aktar, imma li, sempliċiment, "sebgħin ġimgħa (kienu) iddeterminati fuq il-poplu ta' Danjel."

Għalhekk, aħna nistgħu naraw li l-ħerba ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. wettqet il-profeziji ta' Danjel kapitlu disa', kontra l-ġenerazzjoni stinata u mħassra li rriġettat lill-Mulej u

lill-Midluk Tiegħu. Kristu iġġudika n-nazzjon bil-ħerba, u neħħa s-saltna ta' Alla u taha lil nazzjon li jġib 'il quddiem il-frott, li huwa n-nazzjon ta' dawk kollha li jemmnu. "Il-jiem tal-vendetta, li l-ħwejjeġ kollha li huma miktuba jkunu mwettqa" li jissemmew ma jistgħux ikunu ħaġ'oħra ħlief it-twettiq tas-sebgħin ġimgħa bil-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K.. **Għalhekk, Il-Qerda, id-Deżolazzjoni tal-Palestina fis-Sena 66-73 W.K. Kienet it-Twettiq tas-70 Ġimgħa ta' Danjel, U t-Tmiem ta' Kull 'Nazzjon Temporali ta' Alla'. Il-Kurċifissjoni Dan Kollu Wettqitu. "Kollox Mitmum" Iddikjara l-Mulej Fuq is-Salib.**

Fl-aħħar, l-iskop li nittratta ma' dawn is-siltiet f'dettall bħal dan huwa biex nuri li d-dottrina ta' saltna ta' millenju fil-futur ma għandha ebda appoġġ f'dawn it-testi profetiċi, u li l-prattika li tneħħi dawn il-profeziji barra mill-kuntest storiku tagħhom li jwettaqhom hija li tagħti żmien ħażin u bla ebda ġustifikazzjoni u b'hekk tkun qed iġġib il-Kelma ta' Alla fix-xejn. Għalhekk, it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6)

**KNISJA TA' KRISTU**
**No. 1, Polythecnic Flats,**
**Ġużè Debono Square,**
**Msida, MSD 10**
**MALTA**

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 6.00 p.m.
Tel. 898270